Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 692/2008**

tal- 18 ta' Lulju 2008

li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 566/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011	L 158	1	16.6.2011
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 459/2012 tad-29 ta' Mejju 2012	L 142	16	1.6.2012
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 630/2012 tat-12 ta' Lulju 2012	L 182	14	13.7.2012

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 336, 21.12.2010, p. 68 (692/2008)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 692/2008

tal- 18 ta' Lulju 2008

li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 4(4), 5(3) u 8 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 huwa wieħed mill-atti regolatorji separati skond il-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip stabbilita mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEEtas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [2].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jeħtieġ li l-vetturi l-ġodda *light-duty* jikkonformaw mal-limiti l-ġodda ta' emissjoni u jagħmel rekwiżiti addizzjonali dwar l-aċċess għall-informazzjoni. Ir-rekwiżiti tekniċi jidħlu fis-seħħ f'żewġ stadji, l-Euro 5 li jibdew mill-1 ta' Settembru 2009 u l-Euro 6 mill-1 ta' Settembru 2014. Għandhom jiġu adottati d-dispożizzjonijiet tekniċi speċifiċi meħtieġa sabiex ikun implimentat dak ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi r-rekwiżiti meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bi speċifikazzjonijiet Euro 5 u 6.

(3) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jistipula biex, f'leġiżlazzjoni implimentattiva tiegħu, jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi speċifiċi relatati mal-kontroll ta' l-emissjonijiet minn vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li tali rekwiżiti jkunu adottati.

[1] ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1

[2] ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 715/2007

▼B

(4) Wara l-adozzjoni tar-rekwiżiti prinċipali għall-approvazzjoni tat-tip fir-Regolament (KE) Nru 715/2007, ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi *light-duty*. Dawn ir-rekwiżiti amministrattivi jinkludu dispożizzjonijiet għall-konformità tal-produzzjoni u għall-konformità waqt is-servizz sabiex ikun żgurat ir-rendiment tajjeb tal-vetturi ta' produzzjoni.

(5) Skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip rigward it-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis sabiex ikun żgurat li dawn jaħdmu sew.

(6) Skond l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, huwa wkoll meħtieġ li jkunu stabbiliti rekwiżiti sabiex tkun żgurata li l-informazzjoni dijanjostika abbord il-vettura (OBD) u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura tkun faċilment aċċessibbli, ħalli jkun żgurat li l-operaturi indipendenti jkollhom aċċess għal tali informazzjoni.

(7) Skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007, il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, informazzjoni għal għodod dijanjostiċi u rigward il-kompatibbiltà tal-partijiet sostituti mas-sistemi OBD tal-vettura, m'għandhomx ikunu ristretti għal komponenti u sistemi relatati ma' l-emissjonijiet imma għandhom ikopru l-aspetti kollha ta' vettura suġġetta għall-approvazzjoni tat-tip fi ħdan l-ambitu ta' dan ir-Regolament.

(8) Kif inhu stipulat mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, qed jiġu introdotti valuri ta' limitu ri-kalibrati għall-massa tal-partikulati u valuri ta' limitu ġodda għan-numru ta' partikuli emessi.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur stabbilit mill-Artikolu 40 tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Qafas) ([1]).

(10) Għandu jiġi stabbilit forum biex jeżamina kull tħassib li jista' jinqala' rigward l-implimentazzjoni tat-taqsima 2.2 ta' l-Anness XIV, li jikkonċerna informazzjoni ta' aċċess relatata ma' fatturi ta' sigurtà tal-vettura. L-iskambju ta' informazzjoni fil-Forum għandu jgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' użu ħażin ta' l-informazzjoni dwar is-sigurtà tal-vettura. Minħabba s-sensitività tas-suġġett jista' jkun hemm bżonn li d-diskussjonijiet u s-sejbiet tal-Forum jibqgħu kunfidenzjali.

([1]) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 4, 5 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "tip ta' vettura rigward l-emissjonijiet u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura" tfisser grupp ta' vetturi li ma jvarjawx fl-aspetti li ġejjin:

   (a) l-inerzja ekwivalenti determinata b'relazzjoni għall-massa ta' referenza kif inhu provdut fil-paragrafu 5.1. ta' l-Anness tar-Regolament 83 tan-NU/ECE ([1]);

   (b) il-karatteristiċi tal-magna u tal-vettura kif stabbiliti fl-Appendiċi 3 ta' l-Anness I;

2. "approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura rigward l-emissjonijiet u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura" tfisser approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura rigward l-emissjonijiet tagħha mit-*tailpipe*, emissjonijiet mill-*crankcase*, emissjonijiet evaporattivi, konsum tal-fjuwil u aċċess għall-OBD tal-vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura;

3. "inkwinanti gassużi" tfisser emissjonijiet tal-gass ta' l-egżost bħall-monossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, espressi f'ekwivalent għad-dijossidu tan-nitroġenu (NO_2), u għall-idrokarbonji bil-proporzjon li ġej:

   (a) $C_1H_{1,89}O_{0,016}$ għall-petrol (E5);

   (b) $C_1H_{1,86}O_{0,005}$ għad-diżil (B5);

   (c) $C_1H_{2,525}$ għall-gass tal-petroleum likwifikat (LPG);

   (d) CH_4 għall-gass naturali (NG) u għall-bijometanu;

   (e) $C_1H_{2,74}O_{0,385}$ għall-etanol (E85);

4. "għajnuna biex tistartja" tfisser plaggs li jiddu (*glow plugs*), modifikazzjonijiet fil-ħin ta' l-injezzjoni u tagħmir ieħor li jgħinu lill-magna biex tistartja mingħajr ma tkun arrikkita t-taħlita ta' l-arja/tal-fjuwil tal-magna;

5. "kapaċità tal-magna" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) għall-magni bil-pistin li jirreċiproka, iċ-ċilindrata nominali tal-magna;

   (b) għall-magni bil-pistin idur (Wankel), darbtejn iċ-ċilindrata nominali;

([1]) ĠU L 375, 27.12.2006, p. 223

▼B

6. “sistema li tirriġenera perjodikament” tfisser konvertituri katalitiċi, filtri għall-partikulati jew tagħmir ieħor għall-kontroll tat-tniġġis li jeħtieġ proċess perjodiku ta’ riġenerazzjoni f’inqas minn 4 000 km ta’ ħidma normali tal-vettura;

7. “tagħmir sostitut oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta’ tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis li t-tipi tiegħu ġew indikati fl-Appendiċi 4 ta’ l-Anness I ta’ dan ir-Regolament imma li jiġu offruti fuq is-suq bħala unitajiet tekniċi separati mid-detentur ta’ l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura;

8. “tip ta’ tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis” tfisser kovertituri katalitiċi u filtri għall-partikulati li ma jvarjaw fl-ebda wieħed mill-aspetti essenzjali li ġejjin:

   (a) in-numru ta’ sottostrati, l-istruttura u l-materjal;

   (b) it-tip ta’ attività ta’ kull sottostrat;

   (ċ) il-volum, il-proporzjon ta’ l-erja frontali u tat-tul tas-sottostrat;

   (d) il-kontenut tal-materjal katalistiku;

   (e) il-proporzjon tal-materjal katalitiku;

   (f) id-densità taċ-ċelluli;

   (g) id-dimensjonijiet u s-sura;

   (h) il-protezzjoni termali;

9. “vettura li tieħu fjuwil wieħed” tfisser vettura li hija ddisinjata biex primarjament taħdem b’tip wieħed ta’ fjuwil;

10. “vettura li tieħu gass tal-fjuwil wieħed” tfisser vettura li tieħu fjuwil wieħed li primarjament taħdem bl-LPG, bl-NG/bil-bijometanu, jew bl-idroġenu imma jista’ anki jkollha sistema tal-petrol għal finijiet ta’ emerġenza jew biex tistartja biss, fejn it-tank tal-petrol ma jkunx jesa’ aktar minn 15-il litru ta’ petrol;

11. “vettura li tieħu żewġ fjuwils” tfisser vettura b’żewġ sistemi ta’ ħażna tal-fjuwil separati li tista’ taħdem *part-time* b’żewġ fjuwils differenti u hija ddisinjata biex taħdem bi fjuwil wieħed kull darba;

12. “vettura li tieħu żewġ gassijiet tal-fjuwil” tfisser vettura li tieħu żewġ fjuwils li tista’ taħdem bil-petrol u tista’ wkoll taħdem jew bl-LPG, jew bl-NG/bil-bijometanu jew bl-idroġenu;

13. “vettura *flex fuel*” tfisser vettura b’sistema ta’ ħażna tal-fjuwil waħda li tista’ taħdem b’taħlitiet differenti ta’ żewġ fjuwils jew aktar;

14. “vettura *flex fuel* li tieħu l-etanol” tfisser vettura *flex fuel* li tista’ taħdem bil-petrol jew taħlita ta’ petrol u ta’ etanol sa taħlita b’85 % ta’ l-etanol (E85);

▼B

15. “vettura *flex fuel* li tieħu l-bijodiżil” tfisser vettura *flex fuel* li tista’ taħdem bid-diżil minerali jew taħlita ta’ diżil minerali u ta’ bijodiżil;

▼M3

16. “vettura ibrida elettrika” (HEV) tfisser vettura, inklużi vetturi li jieħdu l-enerġija minn fjuwil konsumabbli biss sabiex jiċċarġjaw mill-ġdid apparat għall-ħażna tal-enerġija elettrika/qawwa, li, għall-għan ta' propulsjoni mekkanika, tieħu l-enerġija miż-żewġ sorsi li ġejjin ta' enerġija/qawwa li jkun hemm maħżuna fuq il-vettura:

(a) fjuwil konsumabbli;

(b) batterija, kapasiter, flajwil/ġeneratur jew apparat ieħor għall-ħażna tal-enerġija/qawwa elettrika;

▼B

17. “miżmuma u użata b’mod xieraq” tfisser, għall-fini ta’ vettura tat-test, li tali vettura tissodisfa l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta’ vettura magħżula stabbiliti fit-taqsima 2 ta’ l-Appendiċi 1 ta’ l-Anness II;

18. “sistema għall-kontroll ta’ l-emissjonijiet” tfisser, fil-kuntest tas-sistema OBD, il-kontrollur elettroniku tal-ġestjoni tal-magna u kwalunkwe komponent relatat ma’ l-emissjonijiet fis-sistema ta’ l-egżost jew fis-sistema evaporattiva li jipprovdi *input* għal jew jirċievi *output* minn dan il-kontrollur;

19. “indikatur ta’ ħsara (MI)” tfisser indikatur viżibbli jew li jinstema’ li jinforma b’mod ċar lis-sewwieq tal-vettura fil-każ ta’ ħsara fi kwalunkwe komponent relatat ma’ l-emissjonijiet konness mas-sistema OBD, jew tas-sistema OBD infisha;

20. “ħsara” tfisser il-ħsara ta’ komponent relatat ma’ l-emissjonijiet jew ta’ sistema relatata ma’ l-emissjonijiet li jwassal biex l-emissjonijiet jeċċedu l-limiti fit-taqsima 3.3.2 ta’ l-Anness XI jew jekk is-sistema OBD ma tkunx tista’ tissodisfa r-rekwiżiti bażiċi ta’ monitoraġġ stabbiliti fl-Anness XI;

21. “arja sekondarja” tfisser l-arja introdotta fis-sistema ta’ l-egżost permezz ta’ pompa jew ta’ valv ta’ aspiratur jew b’mezz ieħor li huwa maħsub biex jgħin fl-ossidazzjoni ta’ l-HC u tas-CO li jinsabu fil-kurrent tal-gass ta’ l-egżost;

22. “ċiklu ta'sewqan”, fejn għandhom x’jaqsmu s-sistemi OBD, jikkonsisti fl-istartjar tal-magna, fil-modalità tas-sewqan fejn tkun tiġi skoperta ħsara, jekk ikun hemm, u t-tifi tal-magna;

23. “aċċess għal informazzjoni” tfisser id-disponibbiltà ta’ l-informazzjoni kollha dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, meħtieġa għall-ispezzjoni, għad-dijanjosi, għas-servis jew għat-tiswija tal-vettura;

24. “defiċjenza” tfisser, fil-kuntest tas-sistema OBD, li sa żewġ komponenti jew sistemi separati li jkunu monitorjati fihom karatteristiċi operattivi temporanji jew permanenti li jfixklu l-monitoraġġ mill-bqija effiċjenti ta’ l-OBD ta’ dawk il-komponenti jew is-sistemi jew ma jissodisfawx ir-rekwiżiti dettaljati l-oħra kollha għall-OBD;

▼B

25. “tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis iddeterjorat” tfisser tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis kif iddefinit fl-Artikolu 3(11) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 li għadda ż-żmien minn fuqu jew ġie deterjorat artifiċjalment sa tali punt li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 1 ta’ l-Appendiċi 1 ta’ l-Anness XI tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE;

26. “informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura” tfisser informazzjoni relatata mas-sistema dijanjostika abbord għal kwalunkwe sistema elettronika fil-vettura;

27. “reaġent” tfisser kwalunkwe prodott għajr il-fjuwil li jinħażen fil-vettura u jiġi provdut lis-sistema tat-trattament ta’ wara ta’ l-egżost fuq it-talba tas-sistema għall-kontroll ta’ l-emissjonijiet;

28. “massa tal-vettura lesta biex taħdem” tfisser il-massa deskritta fil-punt 2.6 ta’ l-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

29. “nuqqas ta’ qbid tal-magna” tfisser nuqqas ta’ kombustjoni fiċ-ċilindru ta’ magna *positive-ignition* minħabba nuqqas ta’ spark, kejl ħażin tal-fjuwil, kompressjoni ħażina jew kwalunkwe kawża oħra;

30. “sistema jew tagħmir li tistartja kiesħa” tfisser sistema li temporanjament tarrikixxi t-taħlita tal-fjuwil/ta’ l-ajra tal-magna biex b’hekk tgħin lill-magna tistartja;

31. “operazzjoni jew unità minn fejn tista’ tieħu l-enerġija” tfisser provvista ta’ *output* imħaddma permezz ta’ magna sabiex tingħata l-enerġija lil tagħmir awżiljari, immontat fuq il-vettura;

32. “manifatturi ta’ volum baxx” tfisser manifatturi tal-vetturi li l-produzzjoni dinjija annwali tagħhom hija inqas minn 10 000 unità;

▼M3

33. “Power train elettrika” tfisser sistema li tikkonsisti minn apparat wieħed jew aktar li jaħżen/jaħżnu l-enerġija tal-elettriku, apparat wieħed jew aktar li jikkundizzjona/jikkondizzjonaw l-qawwa elettrika u magna/i elettriċi li jikkonvertu l-enerġija elettrika maħżuna għal enerġija mekkanika li tintbagħat fir-roti għall-propulsjoni tal-vettura;

34. “Vettura purament elettrika” tfisser vettura li taħdem bil-power train elettrika biss;

35. “vettura flex fjuwil H2NG” tfisser vettura flex fjuwil li tista' taħdem b'taħlitiet differenti ta' idroġenu u NG/bijometan;

36. “Vettura biċ-ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu” tfisser vettura mħaddma minn ċellola tal-fjuwil li tikkonverti l-enerġija kimika minn idroġenu f'enerġija elettrika, għall-propulsjoni tal-vettura.

▼B

Artikolu 3

Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip

1. Sabiex jirċievi approvazzjoni tat-tip KE rigward l-emissjonijiet u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, il-manifattur għandu juri li l-vetturi huma konformi mal-proċeduri tat-test speċifikati fl-Annessi II sa VII, X sa XI, XIV u XVI ta’ dan ir-Regolament. Il-manifattur għandu jiżgura wkoll il-konformità ma’ l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta’ referenza stabbiliti fl-Anness IX ta’ dan ir-Regolament.

▼B

2. Il-vetturi għandhom ikunu suġġetti għat-testijiet li ġew speċifikati fil-Figura I.2.4 ta' l-Anness I.

3. Bħala alternattiva għar-rekwiżiti inklużi fl-Annessi I, II, V sa XI u XVI, il-manifatturi ta' volum baxx jistgħu jitolbu li tip ta' vettura li ġiet approvata minn awtorità ta' pajjiż terz tingħata approvazzjoni tat-tip KE fuq il-bażi ta' l-atti leġiżlattivi stabbiliti fit-Taqsima 2.1 ta' l-Anness I.

It-testijiet ta' l-emissjonijiet sabiex ikun żgurat li l-vettura tkun tajba għat-triq stabbiliti fl-Anness IV, jittestjaw il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO_2 stabbiliti fl-Anness XI u r-rekwiżiti għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manuntenzjoni tal-vettura stabbiliti fl-Anness XIV xorta għandhom ikunu meħieġa sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tat-tip KE rigward l-emissjonijiet u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura skond dan il-paragrafu.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni biċ-ċirkostanzi ta' kull approvazzjoni tat-tip mogħtija skond dan il-paragrafu.

4. Ir-rekwiżiti speċifiċi għad-daħliet għat-tankijiet tal-fjuwil u għas-sigurtà tas-sistema elettronika ġew stabbiliti fit-Taqsimiet 2.2 u 2.3 ta' l-Anness I.

5. Il-manifattur għandu jieħu miżuri tekniċi sabiex jiżgura ruħu li l-emissjonijiet mit-*tailpipe* u l-emissjonijiet evaporattivi jkunu effettivament limitati, skond dan ir-Regolament, matul il-ħajja normali tal-vettura u f'kundizzjonijiet normali ta' użu.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu li tkun żgurata s-sigurtà tal-pajpijiet, tal-ġonot u tal-konnessjonijiet, li jintużaw fi ħdan is-sistemi għall-kontroll ta' l-emissjonijiet, ikunu mibnija b'tali mod li jkunu konformi mal-ħsieb oriġinali tad-disinn.

6. Il-manifattur għandu jiżgura ruħu li r-riżultati tat-testijiet ta' l-emissjonijiet ikunu konformi mal-valur ta' limitu applikabbli fil-kundizzjonijiet speċifikati tat-test ta' dan ir-Regolament.

7. Għat-test tat-Tip 2 stabbilit fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness IV, bl-*idling speed* normali tal-magna, il-manifattur tal-vettura għandu jiddikjara l-kontenut massimu permissibbli tal-monossidu tal-karbonju fil-gassijiet ta' l-egżost. Madankollu, il-kontenut massimu tal-monossidu tal-karbonju m'għandux jeċċedi ż-0,3 % vol.

B'*idling speed* għoli, il-kontenut tal-monossidu tal-karbonju skond il-volum tal-gassijiet ta' l-egżost m'għandux jeċċedi ż-0,2 %, bil-veloċità tal-magna tkun mill-inqas ta' 2 000 min^{-1} u l-Lambda tkun 1 ± 0,03 jew skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur.

8. Il-manifattur għandu jiżgura ruħu li għat-test tat-Tip 3 stabbilit fl-Anness V, is-sistema ta' ventilazzjoni tal-magna ma tippermetti l-emissjoni ta' l-ebda gass mill-*crankcase* fl-atmosfera.

9. It-test tat-Tip 6 li jkejjel l-emissjonijiet f'temperaturi baxxi stabbilit fl-Anness VIII m'għandux japplika għall-vetturi diżil.

▼B

Madanakollu, meta japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip, il-manifatturi għandhom jippreżentaw lill-awtorità ta' l-approvazzjoni informazzjoni li turi li t-tagħmir tat-trattament ta' wara ta' l-NO_x jilħaq temperatura biżżejjed għolja għal ħidma effiċjenti fi ħdan 400 sekonda wara startjar kiesaħ f'temperatura ta' – 7 °C kif ġie deskritt fit-test tat-Tip 6.

Barra minn hekk, il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità ta' l-approvazzjoni b'informazzjoni dwar l-istrateġija operattiva tas-sistema ta' riċirkolazzjoni tal-gassijiet ta' l-egżost (EGR), inkluż il-funzjonament tagħha f'temperaturi baxxi.

Din l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll deskrizzjoni ta' kwalunke effett fuq l-emissjonijiet.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni m'għandhiex tagħti l-approvazzjoni tat-tip jekk l-informazzjoni provduta ma tkunx biżżejjed biex jintwera li t-tagħmir tat-trattament ta' wara effettivament jilħaq temperatura biżżejjed għolja għal ħidma effiċjenti fi ħdan il-perjodu ta' żmien magħżul.

Fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar ir-rendiment tat-tagħmir tat-trattament ta' wara ta' l-NO_x u tas-sistema EGR f'temperaturi baxxi.

Artikolu 4

Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip rigward is-sistema OBD

1. Il-manifattur għandu jiżgura li l-vetturi kollha jkunu mgħammra b'sistema OBD.

2. Is-sistema OBD għandha tkun iddisinjata, mibnija u installata fuq vettura sabiex tkun tista' tidentifika tipi ta' deterjorament jew ta' ħsara tul il-ħajja kollha tal-vettura.

3. Is-sistema OBD għandha tkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament waqt kundizzjonijiet ta' użu normali.

4. Meta tiġi ttestjata b'komponent difettuż skond l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI, l-indikatur ta' ħsara tas-sistema OBD għandu jiġi attivat.

L-indikatur ta' ħsara tas-sistema OBD jista' jiġi attivat ukoll waqt dan it-test f'livelli ta' emissjonijiet taħt il-limiti ta' limitu ta' l-OBD speċifikati fl-Anness XI.

5. Il-manifattur għandu jiżgura ruħu li s-sistema OBD tkun konformi mar-rekwiżiti għal rendiment waqt l-użu stabbilit fit-taqsima 3 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI ta' dan ir-Regolament fil-kundizzjonijiet kollha ta' sewqan li jkunu raġonevolment prevedibbli.

▼B

6. Il-manifattur għandu jagħmel faċilment disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-operaturi indipendenti bla ebda *encryption* id-data relatata mar-rendiment waqt l-użu li għandha tinħażen u tiġi rapportata minn sistema OBD ta' vettura skond id-dispożizzjonijiet tal-punt 3.6 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

▼M2

_____

▼B

Artikolu 5

L-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura rigward l-emissjonijiet u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Il-manifattur għandu jressaq quddiem l-awtorità ta' l-approvazzjoni applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura rigward l-emissjonijiet u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manuntenzjoni tal-vettura.

2. L-applikazzjoni li tissemma fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreparata skond il-mudell tad-dokument ta' informazzjoni stabbilit fl-Appendiċi 3 ta' l-Anness I.

3. Barra minn hekk, il-manifattur għandu jressaq l-informazzjoni li ġejja:

(a) fil-każ ta' vetturi mgħammra b'magni *positive-ignition*, dikjarazzjoni mill-manifattur tal-perċentwali minima ta' drabi meta l-magna ma qabditx minn numru totali ta' drabi meta l-magna qabdet li jew jirriżultaw f'emissjonijiet li jeċċedu l-limiti mogħtija fit-taqsima 2.3 ta' l-Anness XI jekk dik il-perċentwali ta' drabi meta l-magna ma qabditx kienet preżenti mill-bidu ta' test tat-tip 1 kif ġie deskritt fl-Anness III ta' dan ir-Regolament jew jistgħu jwasslu biex katalista jew katalisti ta' l-egżost jisħnu żżejjed qabel ma jikkawżaw dannu irriversibbli;

(b) informazzjoni dettaljata bil-miktub li tiddeskrivi b'mod sħiħ il-karatteristiċi operattivi funzjonali tas-sistema OBD, inkluż elenku tal-partijiet rilevanti kollha tas-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet tal-vettura li jkunu monitorjati mis-sistema OBD;

(ċ) deskrizzjoni ta' l-indikatur ta' ħsara li jintuża mis-sistema OBD biex jindika l-preżenza ta' ħsara lil sewwieq tal-vettura;

(d) dikjarazzjoni mill-manifattur li s-sistema OBD hija konformi mad-dispożizzjonijiet tat-taqsima 3 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI fejn għandu x'jaqsam ir-rendiment waqt l-użu fil-kundizzjonijiet tas-sewqan kollha li jkunu raġonevolment prevedibbli;

▼B

(e) pjan li jiddeskrivi l-kriterji tekniċi dettaljati u l-ġustifikazzjoni sabiex jiġu inkrementati n-numeratur u d-denominatur ta' kull moniter li jrid jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsimiet 3.2 u 3.3 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI, kif ukoll biex jiġu diżattivati n-numeraturi, id-denominaturi u d-denominatur ġenerali fil-kundizzjonijiet deskritti fit-taqsima 3.7 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI;

(f) deskrizzjoni tad-dispożizjonijiet li ttieħdu sabiex ikun ipprevenut li l-kompjuter għall-kontroll ta' l-emissjonijiet jiġi mbagħbas u modifikat;

(g) jekk ikun applikabbli, il-partikolaritajiet tal-familja tal-vetturi kif jissemmewa fl-Appendiċi 2 ta' l-Anness XI;

(h) fejn ikun xieraq, kopji ta' approvazzjonijiet tat-tip oħrajn bid-data rilevanti sabiex l-approvazzjonijiet jkunu jistgħu jiġu estiżi u jkunu jistgħu jiġu stabbiliti l-fatturi ta' deterjorament.

4. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 3, il-manifattur għandu juża l-mudell ta' ċertifikata ta' konformità mar-rekwiżiti ta' rendiment waqt użu ta' l-OBD tal-manifattur stabbilit fl-Appendiċi 7 ta' l-Anness I

5. Għall-finijiet tal-punt (e) tal-paragrafu 3, l-awtorità ta' l-approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħmel l-informazzjoni li tissemma f'dak il-punt disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni jew għall-Kummissjoni meta tintalab tagħmel dan.

6. Għall-finijiet tal-punti (d) u (e) tal-paragrafu 3, l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni m'għandhomx japprovaw vettura jekk l-informazzjoni mressqa mill-manifattur ma tkunx xierqa biex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti tat-taqsima 3. ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

Fil-kundizzjonijiet kollha ta' sewqan li jkunu raġonevolment prevedibbli għandu japplikaw it-taqsimiet 3.2., 3.3. u 3.7. ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

Għall-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel u t-tieni sottopragrafi, l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni għandhom iqisu l-istat tat-teknoloġija.

7. Għall-finijiet tal-punt (f) tal-paragrafu 3, id-disopżizzjonijiet li ttieħdu sabiex ikun ipprevenut li l-kompjuter għall-kontroll ta' l-emissjonijiet jiġi mbagħbas u modifikat għandhom jinkludu l-faċilità biex isir l-aġġornament billi jintuża programm approvat jew kalibarazzjoni approvata mill-manifattur.

8. Għat-testijiet speċifikati fil-Figura I.2.4. ta' l-Anness I, il-manifattur għandu jressaq quddiem is-servizz tekniku responsabbli mit-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jkun approvat.

9. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi li jieħdu fjuwil wieħed, li jieħdu żewġ fjuwils u vetturi *flex fuel* għandha tkun konformi mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fit-Taqsimiet 1.1 u 1.2. ta' l-Anness I.

▼B

10. Il-bidliet fil-marka ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li jseħħu wara approvazzjoni tat-tip m'għandhomx awtomatikament jinvalidaw approvazzjoni tat-tip, ħlief jekk il-karatteristiċi oriġinali jew il-parametri tekniċi tagħha jinbidlu b'tali mod li l-funzjonalità tal-magna jew tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis tkun affettwata.

Artikolu 6

Id-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjni tat-tip KE ta' vettura rigward l-emissjonijiet u l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti kollha jiġu sodisfatti, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tagħti approvazzjoni tat-tip KE u għandha toħorġ numru ta' l-approvazzjoni tat-tip skond is-sistema ta' numerazzjoni stabbilita fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE, it-taqsima 3 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha titfassal skond l-Appendiċi 6 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Awtorità ta' l-approvazzjoni m'għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

▼M1

Ir-rekwiżiti rilevanti għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) Jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 13;

(b) Il-vettura tkun ġiet approvata skont ir-Regolamenti Nru 83 tal-UN/ECE, sensiela ta' emendi 06, Nru 101, sensiela ta' emendi 01 u fil-każ ta' vetturi li jaqbdu bil-kompressjoni Nru 24 parti III, sensiela ta' emendi 03.

L-Artikolu 14 għandu japplika wkoll fil-każ imsemmi fir-raba' subparagrafu.

▼B

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, fuq it-talba tal-manifattur, vettura b'sistema OBD tista' tiġi aċċettata għall-approvazzjoni tat-tip rigward l-emissjonijiet u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, anki jekk is-sistema tinkludi defiċjenza waħda jew aktar tant li r-rekwiżiti speċifiċi ta' l-Anness XI ma jiġux sodisfatti għal kollox, sakemm ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet amministrattivi speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' dak l-Anness.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni li tagħti tali approvazzjoni tat-tip lill-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni kollha fl-Istati Membri l-oħra skond ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2007/46/KE.

3. Meta tagħti approvazzjoni tat-tip KE skond il-paragrafu 1, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE fejn tuża l-mudell stabbilit fl-Appendiċi 4 ta' l-Anness I.

Artikolu 7

L-emendi għall-approvazzjonijiet tat-tip

Għal kwalunkwe emenda għall-approvazzjonijiet tat-tip, għandhom japplikaw l-Artikoli 13, 14 u 16 tad-Direttiva 2007/46/KE.

Fuq it-talba tal-manifattur, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġew speċifikati fit-Taqsima 3 ta' l-Anness I mingħajr il-ħtieġa għal ittestjar addizzjonali biss għal vetturi ta' l-istess tip.

▼B

Artikolu 8

Il-konformità tal-produzzjoni

1. Il-miżuri sabiex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2007/46/KE.

2. Il-konformità tal-produzzjoni għandha tkun ikkontrollata fuq il-bażi tad-deskrizzjoni fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip stabbilit fl-Appendiċi 4 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-konformità tal-produzzjoni ġew stabbiliti fit-Taqsima 4 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament u l-metodi statistiċi rilevanti fl-Appendiċi 1 u 2 ta' dak l-Anness.

Artikolu 9

Il-konformità waqt is-servizz

1. Id-dispożizzjonijiet għall-konformità waqt is-servizz ġew stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u, għal vetturi approvati għat-tip skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE ([1]), fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-miżuri biex tkun żgurata konformità waqt is-servizz ta' vetturi approvati għat-tip skond dan ir-Regolament jew id-Direttiva 70/220/KEE għandhom jittieħdu skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2007/46/KE.

3. Il-miżuri ta' konformità waqt is-servizz għandhom ikunu xierqa sabiex jikkonfermaw il-funzjonalità tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis matul il-ħajja utli normali tal-vetturi f'kundizzjonijiet normali ta' l-użu kif ġie speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

4. Il-miżuri ta' konformità waqt is-servizz għandhom ikunu kontrollati għal perjodu sa 5 snin ta' ħajjet il-vettura jew sa 100 000 km, liema minnhom tiġi l-ewwel.

5. Il-manifattur għandu jkun obbligat iwettaq verifika tal-konformità waqt is-servizz jekk in-numru ta' vetturi mibjugħa jipprekludi l-kisba ta' biżżejjed kampjuni sabiex isiru t-testijiet. Għalhekk, m'għandhiex tkun meħtieġa verifika jekk il-bejgħ annwali ta' dak it-tip ta' vettura jkun ta' inqas minn 5 000 mal-Komunità kollha.

Madankollu, il-manifattur ta' tali vetturi f'serje żgħira għandu jipprovdi lill-awtorità ta' l-approvazzjoni b'rapport dwar kwalunkwe garanzija u talba għal tiswijiet u ħsara fl-OBD relatati ma' emissjonijiet kif ġie stabbilit fil-punt 2.3. ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip tista' teħtieġ li tali tipi ta' vetturi jkunu ttestjati skond l-Appendiċi 1 ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1

▼B

6. Rigward il-vetturi approvati għat-tip skond dan ir-Regolament, fejn l-awtorità ta' l-approvazzjoni ma tkunx sodisfatta bir-riżultati tat-testijiet skond il-kriterji definiti fl-Appendiċi 2 ta' l-Anness I, il-miżuri ta' rimedju li jissemmew fl-Artikolu 30(1) u fl-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu estiżi għal vetturi li qed jintużaw li jappartjenu għall-istess tip ta' vetturi li probabbilment se jkunu affetwati mill-istess difetti skond it-taqsima 6 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness I.

Il-pjan tal-miżuri rimedjali preżentati mill-manifattur skond it-taqsima 6.1 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament għandu jkun approvat mill-awtorità ta' l-approvazzjoni. Il-manifattur għandu jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-pjan rimedjali approvat.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha fi żmien 30 jum. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-istess pjan ta' miżuri rimedjali jiġi applikat għall-vetturi kollha ta' l-istess tip irreġistrati fit-territorju tagħhom.

7. Jekk awtorità ta' l-approvazzjoni tkun stabbiliet li tip ta' vettura ma jikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli għall-Appendiċi 1, għandha tinnotifika mingħajr dewmien lill-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip oriġinali skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2007/46/KE.

Wara dik in-notifka u bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 30(6) tad-Direttiva 2007/46/KE, l-awtorità ta' l-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip oriġinali għandha tinforma lill-manifattur li tip ta' vettura ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dawn id-dispożizzjonijiet u li l-manifattur mistenni jieħu ċerti miżuri. Fi żmien xahrejn wara din in-notifika, il-manifattur għandu jressaq quddiem dik l-awtorità pjan ta' miżuri sabiex jegħleb id-difetti, li s-sustanza tiegħu għandha tikkorrispondi għar-rekwiżiti tat-taqsimiet 6.1 sa 6.8 ta' l-Appendiċi 1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip oriġinali, fi żmien xahrejn, għandha tikkonsulta lill-manifattur sabiex tiżgura ftehim dwar pjan ta' miżuri u dwar it-twettiq tal-pjan. Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip oriġinali tistabbilixxi li ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim, għandha tinbeda l-proċedura skond l-Artikolu 30(3) u (4) tad-Direttiva 2007/46/KE.

Artikolu 10

It-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis

1. Il-manifattur għandu jiżgura li t-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitwaħħal fuq vetturi approvati għat-tip KE koperti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jkunu approvati għat-tip KE, bħala unitajiet tekniċi separati fit-tifsira ta' l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2007/46/KE, skond l-Artikolu 12, l-Artikolu 13 u l-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

Il-konvertituri katalitiċi u l-filtri għall-partikulati għandhom jitqiesu bħala tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

▼M1

Ir-rekwiżiti rilevanti għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 13;

(b) It-tagħmir ta' kontroll tat-tniġġis ta' sostituzzjoni jkun ġie approvat skont ir-Regolament Nru 103 tal-UN/ECE.

▼M1

L-Artikolu 14 għandu japplika wkoll fil-każ imsemmi fit-tielet subparagrafu.

▼B

2. It-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis, li jaqa' fi ħdan it-tip kopert mill-punt 2.3 ta' l-Addendum għall-Appendiċi 4 ta' l-Anness I u huwa maħsub biex jitwaħħal fuq verttura li għaliha jirreferi d-dokument rilevant ta' l-approvazzjoni tat-tip, m'hemmx għalfejn ikun konformi ma' l-Anness XII sakemm jissodisfa r-rekwiżiti tal-punti 2.1 u 2.2 ta' dak l-Anness.

3. Il-manifattur għandu jiżgura li t-tagħmir oriġinali għal-kontroll tat-tniġġis ikollu fuqu mmarkar ta' identifikazzjoni.

4. L-immarkar ta' identifikazzjoni li jissemma fil-paragrafu 3 għandu jinkludi dan li ġej:

(a) l-isem jew it-trejdmark tal-manifattur tal-magna jew tal-vettura;

(b) il-marka u n-numru ta' identifikazzjoni tal-parti tat-tagħmir oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis kif ġew irreġistrati fl-informazzjoni msemmija fil-punt 3.2.12.2. ta' l-Appendiċi 3 ta' l-Anness I.

Artikolu 11

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis bħala unità teknika separata

1. Il-manifattur għandu jressaq quddiem l-awtorità ta' l-approvazzjoni appplikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' tip ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis bħala unità teknika separata.

L-applikazzjoni għandha tiġi preparata skond il-mudell tad-dokument ta' informazzjoni stabbilit fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XIII.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, għat-test ta' l-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jressaq quddiem is-servizz tekniku responsabbli dan li ġej:

(a) vettura jew vetturi ta' tip approvat skond dan ir-Regolament mgħammra b'tagħmir oriġinali ġdid għall-kontroll tat-tniġġis

(b) kampjun wieħed tat-tip tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis

(ċ) kampjun addizzjonali tat-tip tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis, fil-każ ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis maħsub sabiex jitwaħħal fuq vettura mgħammra b'sistema OBD.

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2, il-vetturi tat-test għandhom jintgħażlu mill-applikant bil-qbil tas-servizz tekniku.

▼B

Il-vetturi tat-test għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 3.1. ta' l-Anness 4 tar-Regolament 83 tan-NU/ECE.

Il-vetturi tat-test għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) m'għandu jkollhom l-ebda diffett fis-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet;

(b) kwalunkwe parti oriġinali relatata ma' l-emissjonijiet li tkun immermra ż-żejjed jew ikollha xi ħsara għandha tissewwa jew tkun sostitwita;

(ċ) għandhom ikunu aġġustati b'mod xieraq u ssettjati skond l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur qabel l-ittestjar għall-emissjonijiet.

4. Għall-finijiet tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, il-kampjun għandu jkun immarkat b'mod ċar u li ma jitħassarx bl-isem kummerċjali jew bit-trejdmark ta' l-applikant u bid-dežinjazzjoni kummerċjali tiegħu.

5. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 2, il-kampjun għandu jkun ġie deterjorat kif ġie definit skond il-punt 25 ta' l-Artikolu 2.

Artikolu 12

Id-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip KE tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis bħala unità teknika separata

1. Jekk ir-rekwiżiti kollha rilevanti jiġu sodisfatti, l-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti approvazzjoni tat-tip KE għal tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis bħala unità teknika separata u għandha toħroġ numru ta' l-approvazzjoni tat-tip skond is-sistema ta' numerazzjoni stabbilita fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni m'għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis ieħor.

L-istess numru ta' l-approvazzjoni tat-tip jista' jkopri l-użu ta' dak it-tip ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis fuq numru ta' tipi differenti ta' vetturi.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE stabbilit skond il-mudell stabbilit fl-Appendiċi 2 ta' l-Anness XIII.

3. Jekk l-applikant għal approvazzjoni tat-tip ikun jista' juri lill-awtorità ta' l-approvazzjoni jew lis-servizz tekniku li t-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis huwa ta' tip indikat fit-taqsima 2.3 ta' l-Addendum għall-Appendiċi 4 ta' l-Anness I, l-għotja ta' l-approvazzjoni tat-tip m'għandhiex tkun tiddependi fuq il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti speċifikati fit-taqsima 4 ta' l-Anness XIII.

Artikolu 13

L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Il-manifatturi għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti u l-proċeduri meħtieġa, skond l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u skond l-Anness XIV ta' dan ir-Regolament, sabiex jiżguraw irwieħhom li l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura tkun faċilment aċċessibbli.

2. L-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni għandhom jagħti approvazzjoni tat-tip biss wara li jirċievu mingħand il-manifattura Ċertifikat ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura.

▼B

3. Iċ-Ċertifikat ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura għandu jagħmilha ta' prova ta' konformità ma' l-Artikolu 6(7) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

4. Iċ-Ċertifikat ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura għandu jiġi preparat skond il-mudell stabbilit fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XIV.

5. Jekk l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura ma tkunx disponibbli, jew ma tkunx konformi ma' l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u ma' l-Anness XIV ta' dan ir-Regolament, meta ssir l-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu jipprovdi dik l-informazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data rilevanti stabbilita fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-tip, jew liema data tiġi aktar tard.

6. L-obbligi li l-informazzjoni tkun ipprovduta fi ħdan id-dati speċifikati fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss, jekk wara l-approvazzjoni tat-tip, il-vettura titqiegħed fuq is-suq.

Meta l-vettura titqiegħed fis-suq iktar minn sitt xhur wara l-approvazzjoni tat-tip, l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fid-data ta' dak in-nhar li tqiegħdet fis-suq.

7. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tita' tippreżumi li l-manifattur stabbilixxa arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, fuq il-bażi ta' Ċertifikat mimli ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura, sakemm ma jsir l-ebda ilment, u li l-manifattur jipprovdi din l-informazzjoni fi ħdan il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 5.

8. Minbarra r-rekwiżiti għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD li ġew speċifikati fit-Taqsima 4 ta' l-Anness XI, il-manifattur għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni rilevanti biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati komponenti sostituti li jkunu kritiċi għall-funzjonament korrett tas-sistema OBD.

(b) informazzjoni sabiex ikunu jistħu jiġu żviluppati għodod dijanjostiċi ġeneriċi.

Għall-finijiet tal-punt (a), l-iżvilupp ta' komponenti sostituti m'għandux ikun ristretti minn: in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni pertinenti, ir-rekwiżiti tekniċi relatati ma' l-istrateġiji għall-indikazzjoni ta' ħsarat jekk jinqabżu l-limiti ta' l-OBD jew jekk is-sistema OBD ma tkunx tista' tissodisfa r-rekwiżiti baċiżi ta' monitoraġġ ta' l-OBD ta' dan ir-Regolament; modifikazzjonijiet speċifiċi fl-immaniġġjar ta' l-informazzjoni dwar l-OBD sabiex it-tħaddim tal-vettura fuq il-petrol jew fuq il-gass ikun ittrattat b'mod indipendenti; u l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi alimentati bil-fjuwil li jinkludu numru limitat ta' nuqqasijiet minuri.

▼B

Għall-finijiet tal-punt (b), fejn il-manifatturi jużaw għodod dijanjostiċi u tat-testijiet skond l-ISO 22900 Il-Kollegament Modulari tal-Komunikazzjonijiet tal-Vettura (MVCI — *Modular Vehicle Communication Interface*) u l-ISO 22901 L-Iskambju Miftuħ ta' Data Dijanjostika (ODX — *Open Diagnostic Data Exchange*) fin-netwerks konċessjonarji tagħhom, il-fajls ODX għandhom ikunu aċċessibbli għall-operaturi indipendenti permezz tas-sit web tal-manifattur.

▼M1

9. Il-Forum dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar il-Vettura ("il-Forum") huwa b'dan stabbilit.

Il-Forum għandu jqis jekk l-aċċess għall-informazzjoni jaffettwax l-avvanzi li saru biex jitnaqqas is-serq tal-vetturi u għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jittejbu r-rekwiżiti relatati mal-aċċess għall-informazzjon. B'mod partikolari, il-Forum għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' proċess għall-approvazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' operaturi indipendenti minn organizzazzjonijiet akkreditati sabiex jaċċedu għal informazzjoni dwar is-sigurtà tal-vetturi.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li żżomm id-diskussjonijiet u s-sejbiet ta' dan il-Forum kunfidenzjali.

▼B

Artikolu 14

Il-konformità ma' l-obbligi rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Ikun meta jkun, awtorità ta' l-approvazzjoni, kemm fuq inizjattiva tagħha stess, kif ukoll fuq il-bażi ta' ilment, jew fuq il-bażi ta' valutazzjoni min-naħa ta' servizz tekniku, tista' tikkontrolla l-konformità ta' manifattur mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, ma' dan ir-regolament, u mat-termini taċ-Ċertifikat ta' Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura.

2. Fejn awtorità ta' l-approvazzjoni ssib li l-manifattur naqas milli jikkonforma ma' l-obbligi tiegħu rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, l-awtorità ta' l-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip rilevanti għandha tieħu passi xierqa sabiex issib rimedju għas-sitwazzjoni.

3. Dawn il-passi jistgħu jinkludu l-irtirar jew is-sospensjoni ta' approvazzjoni tat-tip, multi, jew miżuri oħra adottati skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tipproċedi għal verifika sabiex tivverifika l-konformità min-naħa tal-manifattur ma' l-obbligi li jikkonċernaw informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manifattura tal-vettura, jekk operatur indipendenti jew assoċjazzjoni kummerċjali li tirrappreżenta lill-operaturi indipendenti tressaq ilment quddiem l-awtorità ta' l-approvazzjoni.

5. Meta twettaq il-verifika, l-awtorità ta' l-approvazzjoni tista' titlob lil servizz tekniku jew lil kwalunkwe espert indipendenti ieħor sabiex iwettaq valutazzjoni ħalli jivverifika jekk dawn l-obbligi hux qed jiġu sodisfatti.

▼B

Artikolu 15

Rekwiżiti speċjali rigward l-informazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip

1. B'deroga mill-Anness 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE ([1]) u sad-29 ta' April 2009, ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll.

2. B'deroga mill-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE u sad-29 ta' April 2009, ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fl-Anness XIX ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll.

Artikolu 16

L-emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 qed jiġi emendat skond l-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, għall-approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi mill-1 ta' Settembru 2011 għandhom japplikaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4(5), 4(6), 5(3)(d) u 5(3)(e) u għall-vetturi l-ġodda kollha mibjugħa, irreġistrati jew użati fil-Komunità mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/37/KE

▼B

LISTA TA' ANNESSI

ANNESS I	Id-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip KE
Appendiċi 1	Il-verifika tal-konformità tal-produzzjoni (l-ewwel metodu statistiku)
Appendiċi 2	Il-verifika tal-konformità tal-produzzjoni (it-tieni metodu statistiku)
Appendiċi 3	Dokument mudell ta' informazzjoni
Appendiċi 4	Ċertifikat mudell ta' l-approvazzjoni tat-tip KE
Appendiċi 5	L-informazzjoni relatata ma' l-OBD
Appendiċi 6	Is-sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE
Appendiċi 7	Iċ-ċertifikat ta' konformità mar-rekwiżiti ta' rendiment waqt l-użu ta' l-OBD tal-manifattur
ANNESS II	Il-konformità waqt is-servizz
Appendiċi 1	Il-verifika tal-konformità waqt is-servizz
Appendiċi 2	Il-proċedura statistika għall-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz
Appendiċi 3	Ir-responsabbiltajiet għall-konformità waqt is-servizz
ANNESS III	Il-verifika ta' l-emissjonijiet medji ta' l-egżost f'kundizzjonijiet ambjentali (it-test tat-Tip 1)
ANNESS IV	Id-data dwar l-emissjonijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip għal finijiet ta' kontroll ta' kemm il-vettura tkun tajba għat-triq
Appendiċi 1	Il-kejl ta' l-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju f'*idling speeds* (test tat-Tip 2)
Appendiċi 2	Il-kejl ta' l-opaċità tad-duħħan
ANNESS V	Il-verifika ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet mill-*crankase* (test tat-Tip 3)
ANNESS VI	Id-determinazzjoni ta' l-emissjonijiet evaporattivi (test tat-Tip 4)
ANNESS VI	Il-verifika tad-durabbiltà tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis (test tat-Tip 5)
Appendiċi 1	Iċ-Ċiklu standard tal-bank (SBC)
Appendiċi 2	Iċ-Ċiklu standard tal-bank għad-Diżil (SDBC)
Appendiċi 3	Iċ-Ċiklu Standard tat-Triq (SRC)
ANNESS VII	Il-verifika ta' l-emissjonijiet medji ta' l-egżost f'temperaturi ambjentali baxxi (test tat-tip 6)
ANNESS IX	L-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta' referenza

▼B

ANNESS X	Il-proċedura tat-test ta' l-emissjonijiet għall-vetturi elettriċi ibridi (HEV)
ANNESS XI	Id-dijanjostika abbord (OBD) għall-vetturi bil-mutur
Appendiċi 1	L-aspetti funzjonali tas-sistemi OBD
Appendiċi 2	Il-karatteristiċi essenzjali tal-familja tal-vetturi
ANNESS XI	Id-determinazzjoni ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil
ANNESS XII	Id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tad-CO_2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-firxa elettrika
Appendiċi 1	Dokument mudell ta' informazzjoni
Appendiċi 2	Ċertifikat mudell ta' l-approvazzjoni tat-tip KE
Appendiċi 3	Marka mudell ta' l-approvazzjoni tat-tip KE
ANNESS XIV	L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
Appendiċi 1	Iċ-ċertifikat ta' konformità
ANNESS XV	Il-konformità waqt is-servizz ta' vetturi approvati għat-tip skond id-Direttiva 70/220/KE
Appendiċi 1	Il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz
Appendiċi 2	Il-proċedura statistika għall-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz
ANNESS XVI	Ir-rekwiżiti għall-vetturi li jużaw reaġent għas-sistema ta' trattament ta' wara ta' l-egżost
ANNESS XVII	L-emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2007
ANNESS XVIII	Id-Dispożizzjonijiet Speċjali Rigward l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE
ANNESS XIX	Id-Dispożizzjonijiet Speċjali Rigward l-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE

▼B

ANNESS I

ID-DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

1. IR-REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-GĦOTJA TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

▼M3

1.1. **Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-vetturi li jieħdu gass tal-fjuwil wieħed, għall-vetturi li jieħdu żewġ gassijiet tal-fjuwil u għall-vetturi flex fjuwil H2NG**

▼B

1.1.1. Għall-finijiet tat-taqsima 1.1 għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M3

1.1.1.1. Familja tfisser grupp ta' tipi ta' vetturi li jużaw l-LPG, l-NG/bijometan, jew l-H2NG identifikati minn vettura tal-oriġini.

▼B

1.1.1.2. Vettura ta' l-oriġni tfisser vettura li tintgħażel biex tagħmilha tal-vettura li fuqha se tintwera l-kapaċità tas-sistema tat-teħid ta' fjuwil li tadatta ruħha, u li għaliha jirreferu l-membri ta' familja. F'familja jista' jkun hemm aktar minn vettura waħda ta' l-oriġni.

1.1.1.3. Membru tal-familja tfisser vettura li tikkondividi l-karatteristiċi essenzjali li ġejjin mal-vettura ta' l-oriġini tagħha:

(a) Tiġi prodotta mill-istess manifattur;

(b) Tkun suġġetta għall-istess limiti ta' emissjoni;

(ċ) Jekk is-sistema ta' alimentazzjoni bil-gass għandha strument tal-kejl ċentrali għall-magna kollha, għandha *output* ta' l-enerġija ċertifikat ta' bejn 0,7 u 1,15 darbiet dak tal-magna tal-vettura ta' l-oriġini;

(d) Jekk is-sistema ta' alimentazzjoni bil-gass għandha strument tal-kejl individwali għal kull ċilindru, għandha *output* ta' l-enerġija ċertifikat għal kull ċilindru ta' bejn 0,7 u 1,15 darbiet dak tal-magna tal-vettura ta' l-oriġini;

(e) Jekk tkun mgħammra b'sistema katalitika, għandha l-istess tip ta' katalista jiġifieri *three-way*, ossidazzjoni, de-NO_x;

(f) Għandha sistema ta' alimentazzjoni bil-gass (inkluż ir-regolatur tal-pressjoni) mingħand l-istess manifattur tas-sistema u ta' l-istess tip: induzzjoni, injezzjoni tal-fwar (f'punt wieħed, f'ħafna punti), injezzjoni tal-likwidi (f'punt wieħed, f'ħafna punti);

(g) Din is-sistema ta' alimentazzjoni bil-gass tiġi kontrollata minn ECU ta' l-istess tip u speċifikazzjoni teknika, li fih l-istess prinċipji tas-softwer u strateġija ta' kontroll. Il-vettura jista' jkollha ECU ieħor meta paragunata mal-vettura ta' l-oriġini, sakemm l-ECU jintuża biss sabiex ikunu kontrollati l-injetturi, il-valvs addizzjonali ta' l-għeluq u l-akkwist tad-data mis-sensuri addizzjonali.

▼B

Rigward ir-rekwiżiti li jissemmew fil-punti (c) u (d), fil-każ fejn wirja turi li żewġ vetturi alimentati bil-gas jistgħu jkunu membri ta' l-istess familja bl-eċċezzjoni ta' l-*output* ta' l-enerġija ċertifikat tagħhom, rispettivament P_1 u P^2 ($P_1 < P_2$), u t-tnejn jiġu ttestjati bħallikieku kienu vetturi ta' l-oriġini, ir-relazzjoni familjari se titqies bħala valida għal kwalunkwe vettura b'output ta' l-enerġija ċertifikat ta' bejn $0,7 \times P_1$ u $1,15 \times P_2$.

▼M3

1.1.2. Fil-każ ta' vetturi li jużaw l-LPG, l-NG/il-bijometan, tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KE bla ħsara għar-rekwiżiti li ġejjin:

▼B

1.1.2.1. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura ta' l-oriġini, il-vettura ta' l-oriġini għandha turi l-kapaċità tagħha li tadatta ruħha għal kwalunkwe kompożizzjoni ta' fjuwil li jista' jkun hemm fis-suq. Fil-każ ta' l-LPG, hemm varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni tas-C3/C4. Fil-każ tal-gass naturali, ġeneralment ikun hemm żewġ tipi ta' fjuwil, fjuwil b'valur kalorifiku għoli (gass H) u fjuwil b'valur kalorifiku baxx (gass L), imma b'firxa sinifikanti fi ħdan iż-żewġ gammi; ivarjaw b'mod sinifikanti fl-indiċi Wobbe. Dawn il-varjazzjonijiet huma riflessi fil-fjuwils ta' referenza.

▼M3

Fil-każ ta' vettura flex fjuwil H2NG, il-firxa ta' kompożizzjoni tista' tvarja minn 0 % ta' idroġenu għal persentaġġ massimu ta' idroġenu fit-taħlita, li għandu jiġi speċifikat mill-manifattur. Il-vettura tal-oriġini għandha turi l-kapaċità tagħha li tadatta għal kwalunkwe persentaġġ, fi ħdan il-firxa speċifikata mill-manifattur. Din għandha turi wkoll il-kapaċità tagħha li tadatta għal kwalunkwe kompożizzjoni ta' NG/bijometan li jista' jkun hemm fis-suq, minkejja l-persentaġġ tal-idroġenu fit-taħlita.

1.1.2.2. Fil-każ ta' vetturi li jużaw l-LPG, l-NG/bijometan, il-vettura tal-oriġini għandha tiġi ttestjata bit-test tat-tip 1 dwar iż-żewġ fjuwils ta' referenza ta' gass estremi stabbiliti fl-Anness IX. Fil-każ tal-NG/bijometan, jekk it-tranżizzjoni minn fjuwil tal-gass wieħed għall-fjuwil tal-gass l-ieħor, fil-prattika, hija meġħjuna permezz tal-użu ta' swiċċ, dan l-iswiċċ m'għandux jintuża waqt l-approvazzjoni tat-tip.

Fil-każ ta' vetturi flex fjuwil H2NG, il-vettura tal-oriġini għandha tiġi ttestjata bit-test tat-tip 1 bil-kompożizzjonijiet ta' fjuwil li ġejjin:

— 100 % H-gas.

— 100 % L-gas.

— It-taħlita ta' H-gas u l-persentaġġ massimu ta' idroġenu speċifikat mill-manifattur.

— It-taħlita ta' L-gas u l-persentaġġ massimu ta' idroġenu speċifikat mill-manifattur.

1.1.2.3. Il-vettura titqies li hija konformi jekk, skont it-testijiet u l-fjuwils ta' referenza msemmija fil-punt 1.1.2.2, il-vettura tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet.

1.1.2.4. Fil-każ ta' vetturi li jaħdmu bl-LPG jew bl-NG/bijometan, il-proporzjon tar-riżultati tal-emissjonijiet "r" għandu jkun determinat għal kull sustanza li tniġġes kif ġej:

It-tip ta' fjuwil	Il-fjuwils ta' referenza	Il-kalkolu tal-"r"
L-LPG	il-fjuwil A	$r = \frac{B}{A}$
	il-fjuwil B	
L-NG/Bijometan	il-fjuwil G20	$r = \frac{G25}{G20}$
	il-fjuwil G25	

▼M3

1.1.2.5. Fil-każ ta’ vetturi flex fjuwil H2NG, iż-żewġ proporzjonijiet tar-riżultati tal-emissjonijiet “r_1” u “r_2”, għandhom ikunu determinati għal kull sustanza li tniġġes kif ġej:

It-tip ta' fjuwil	Il-fjuwils ta’ referenza	Il-kalkolu tal-“r”
L-NG/bijometan	il-fjuwil G20	$r_1 = \frac{G25}{G20}$
	il-fjuwil G25	
H2NG	It-taħlita ta' idroġenu u G20 mal-persentaġġ massimu ta' idroġenu speċifikat mill-manifattur	$r_2 = \frac{H2G25}{H2G20}$
	It-taħlita ta' idroġenu u G25 mal-persentaġġ massimu ta' idroġenu speċifikat mill-manifattur	

▼B

1.1.3. ►M3 Għall-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura li tieħu gass tal-fjuwil wieħed u ta’ vetturi li jieħdu żewġ gassijiet ta' fjuwil li qed jaħdmu f’modalità ta’ gass, bl-LPG jew bl-NG/bijometan, bħala membru tal-familja, għandu jitwettaq test tat-tip 1 bi fjuwil tal-gass ta’ referenza wieħed. Dan il-fjuwil ta’ referenza jista’ jkun kwalunkwe wieħed mill-fjuwils tal-gass ta’ referenza. Il-vettura titqies li hija konformi jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin: ◄

(a) il-vettura tkun konformi mad-definizzjoni ta’ membru tal-familja kif ġiet stabbilita fit-taqsima 1.1.1.3;

(b) jekk il-fjuwil tat-test huwa l-fjuwil ta’ referenza A għal-LPG jew G20 għall-NG/Bijometanu, ir-riżultat ta’ l-emissjoni għal kull inkwinanti għandu jkun immultiplikat bil-fattur rilevanti “r” ikkalkulat fit-taqsima 1.1.2.4. jekk r > 1; jekk r < 1, ma tkun meħtieġa l-ebda korrezzjoni;

(ċ) jekk il-fjuwil tat-test ikun il-fjuwil ta’ referenza B għal-LPG jew G25 għall-NG/Bijometanu, ir-riżultat ta’ l-emissjoni għal kull inkwinanti għandu jkun diviż bil-fattur rilevanti “r” ikkalkulat fit-taqsima 1.1.2.4. jekk r < 1; jekk r > 1, ma tkun meħtieġa l-ebda korrezzjoni;

(d) fuq it-talba tal-manifattur, it-test tat-tip 1 jista’ jitwettaq fuq iż-żewġ fjuwils ta’referenza, biex ma tkun meħtieġa l-ebda korrezzjoni;

(e) il-vettura għandha tkun konformi mal-limiti ta’ emissjoni validi għall-kategorija rilevanti kemm għall-emissjonijiet imkejla kif ukoll għal dawk ikkalkulati;

(f) jekk isiru testijiet ripetuti fuq l-istess magna, l-ewwel għandha tiġi kkalkulata l-medja tar-riżultati bil-fjuwil ta’ referenza G20, jew A, u dawk bil-fjuwil ta’ referenza G25, jew B, l; imbagħad minn dawn ir-riżulatati li kienet ikkalkulata l-medja tagħhom għandu jiġi kalkulat il-fattur “r”;

(g) matul it-test tat-tip 1, meta taħdem f’modalità ta’ gass, il-vettura għandha tuża biss petrol għal massimu ta’ 60 sekonda.

▼M3

1.1.4. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura flex fjuwil H2NG bħala membru tal-familja, għandhom jitwettqu żewġ testijiet tat-tip 1, l-ewwel test bil-100 % ta' jew G20 jew G25, u t-tieni test bit-taħlita ta' idroġenu u l-istess fjuwil tal-NG/bijometan li ntuża waqt l-ewwel test, bil-persentaġġ massimu ta' idroġenu speċifikat mill-manifattur.

▼M3

Il-vettura ttestjata skont l-ewwel paragrafu għandha titqies konformi jekk, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a), (e) u (g) tal-punt 1.1.3, jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jekk il-fjuwil tal-NG/bijometan huwa l-fjuwil ta' referenza G20, ir-riżultat tal-emissjonijiet għal kull sustanza li tniġġes għandu jiġi mmultiplikat bil-fatturi rilevanti (r_1 għall-ewwel test u r_2 għat-tieni test), ikkalkulati fit-taqsima 1.1.2.5, jekk il-fattur rilevanti jkun > 1; jekk il-fattur korrispondenti rilevanti jkun < 1, ma tkun meħtieġa l-ebda korrezzjoni;

(b) jekk il-fjuwil tal-NG/bijometan huwa l-fjuwil ta' referenza G25, ir-riżultat ta' emissjonijiet għal kull sustanza li tniġġes għandu jiġi diviż bil-fattur korrispondenti rilevanti (r_1 għall-ewwel test u r_2 għat-tieni test), ikkalkulat skont il-punt 1.1.2.5, jekk il-fattur korrispondenti rilevanti jkun < 1; jekk il-fattur korrispondenti rilevanti jkun > 1, ma tkun meħtieġa l-ebda korrezzjoni;

(c) fuq it-talba tal-manifattur, it-test tat-tip 1 jista' jitwettaq bl-erba' kumbinazzjonijiet possibbli ta' fjuwils ta' referenza, skont it-taqsima 1.1.2.5 biex ma tkun meħtieġa l-ebda korrezzjoni;

(d) jekk isiru testijiet ripetuti fuq l-istess magna, l-ewwel għandha tiġi kkalkulata l-medja tar-riżultati bil-fjuwil ta' referenza G20, jew H_2G20, u dawk bil-fjuwil ta' referenza G25, jew H2G25 bil-persentaġġ ta' idroġenu massimu speċifikat mill-manifattur; imbagħad minn dawn ir-riżultati li kienet ikkalkulata l-medja tagħhom għandhom jiġu kalkulat il-fatturi "r_1" u "r_2"

▼B

1.2. **Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-vetturi *flex fuel*.**

1.2.1. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura *flex fuel* ta' l-etanol jew tal-bijodiżil, il-manifattur tal-vettura għandu jiddeskrivi l-kapaċità ta-vettura li tadatta ruħha għal kwalunkwe taħlita ta' petrol u ta' fjuwil ta' l-etanol (sa 85 % ta' taħlita ta' l-etanol) jew ta' diżil u bijodiżil li jista' jkun hemm fuq is-suq.

1.2.2. Għall-vetturi *flex fuel*, it-tranżizzjoni minn fjuwil ta' referenza wieħed għall-ieħor bejn it-testijiet għandha ssir mingħajr aġġustament manwali tas-settings tal-magna.

2. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI U T-TESTIJIET ADDIZZJONALI

2.1. **Il-manifatturi ta' volum baxx**

2.1.1. Lista ta' atti leġiżlattivi msemmija fl-Artikolu 3(3):

Att Leġiżlattiv	Rekwiżiti
Il-Kodiċi tar-Regolamenti ta' Kalifornja, Titolu 13, Sezzjonijiet 1961(a) u 1961(b)(1)(C)(1) applikabbli għal vetturi ta' mudell tas-sena 2001 u wara, 1968,1, 1968,2, 1968,5, 1976 u 1975, ippubblikati minn Barclay's Publishing	L-approvazzjoni tat-tip trid tingħata taħt il-Kodiċi ta' Regolament ta' Kalifornja applikabbli għall-mudell tas-sena l-iktar reċenti ta' vettura *light-duty*.

2.2. **Il-feħiet għat-tankijiet tal-fjuwil**

2.2.1. Ħalq id-daħla tat-tank tal-petrol jew ta' l-etanol għandu jkun iddisinjat b'tali mod li ma jħalliex li t-tank jimtela minn żennuna ta' pajp tal-pompa tal-fjuwil li jkollha dijametru estern ta' 23,6 mm jew aktar.

▼B

2.2.2. It-taqsima 2.2.1 m'għandhiex tapplika għal vettura li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-vettura hija ddisinjata u mibnija b'tali mod li l-ebda tagħmir iddisinjat sabiex jikkontrolla l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi ma jkun affetwat b'mod ħażin minn petrol biċ-ċomb, u

(b) il-vettura hija mmarkata b'mod li jidher, li jista' jinqara u li ma jitħassarx bis-simbolu għall-petrol bla ċomb speċifikat fl-ISO 2575:2004 f'pożizzjoni immedjatament viżibbli lil persuna li qed timla t-tank tal-fjuwil. Huwa permess immarkar addizzjonali.

2.2.3. Għandu jkun hemm dispożizzjoni biex ikunu prevenuti l-emissjonijiet evaporattivi eċċessivi u t-tixrid tal-fjuwil eċċessiv ikkawżati minn tapp nieqes tal-filler tal-fjuwil. Dan jista' jinkiseb billi jintuża wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) tapp tal-filler tal-fjuwil li ma jitneħħiex, li jiftaħ u jagħlaq awtomatikament,

(b) karatteristiċi tad-disinn li jevitaw emissjonijiet evaporattivi eċċessivi fil-każ ta' tapp tal-filler tal-fjuwil nieqes,

(ċ) kwalunkwe dispożizzjoni oħra li jkollha l-istess effett. Eżempji jistgħu jinkludu, imma m'humiex limitati għal, tapp tal-filler marbut b'ħabel, tapp tal-filler marbut b'katina jew wieħed li juża l-istess ċavetta tas-sokra għat-tapp tal-filler kif ukoll għall-ignixin tal-vettura. F'dan il-każ, iċ-ċavetta għandha tkun tista' titneħħa mit-tapp tal-filler biss fil-kundizzjoni ta' sokra.

2.3. **Id-dispożizzjonijiet għas-sigurtà tas-sistema elettronika**

▼M1

2.3.1. Kwalunkwe vettura li jkollha kompjuter għall-kontroll tal-emissjonijiet għandha tinkludi karatteristiċi li jipprevjenu l-modifikazzjoni, ħlief kif awtorizzat mill-manifattur. Il-manifattur għandu jawtorizza l-modifikazzjonijiet jekk dawn il-modifikazzjonijiet huma meħtieġa għal dijanjosi, servis, spezzjoni, konverżjoni jew tiswija tal-vettura. Kwalunkwe kodiċi tal-kompjuter jew parametru operattiv riprogrammabbli għandu jkun reżistenti għat-tbagħbis u jippermetti livell ta' protezzjoni għall-inqas daqs kemm huma tajbin id-dispożizzjonijiet fl-ISO 15031-7; li jġib id-data tal-15 ta' Marzu 2001 (SAE J2186 bid-data ta' Ottubru 1996). Kwalunkwe ċippa ta' kalibrazzjoni tal-memorja li tista' titneħħa għandha tiġi preservata, tingħalaq f'kontenitur issiġġillat jew tiġi protetta permezz ta' algoritmi elettroniċi u m'għandhiex titbiddel mingħajr ma jintużaw għodod u proċeduri speċjalizzati. Jistgħu jiġu protetti b'dan il-mod biss komponenti direttament assoċjati mal-kalibrazzjoni tal-emissjonijiet jew mal-prevenzjoni tas-serq tal-vettura.

▼B

2.3.2. Il-parametri operattivi ta' magna kodifikata bil-kompjuter m'għandhomx jitbiddlu mingħajr ma jintużaw għodod u proċeduri speċjalizzati (eż. komponenti tal-kompjuter issaldjati jew ippreservati jew kontenituri ssiġġillati (jew issaldjati) tal-kompjuter.

2.3.3. Fil-każ tal-pompi mekkaniċi għall-injezzjoni tal-fjuwil imwaħħla ma' magni *compression-ignition*, il-manifatturi għandhom jieħdu passi adegwati biex jipproteġu s-setting tal-konsenja massima tal-fjuwil mit-tbagħbis waqt li l-vettura tkun qed tintuża.

▼B

2.3.4. Il-manifatturi jistgħu japplikaw għand l-awtorità ta' l-approvazzjoni għal eżenzjoni minn waħda mir-rekwiżiti tat-Taqsima 2.3 għal dawk il-vetturi li huwa improbabbli li jeħtieġ protezzjoni. Il-kriterji li għandha tevalwa l-awtorità ta' l-approvazzjoni meta tqis eżenzjoni għandhom jinkludu id-disponibbiltà kurrenti taċ-ċippi ta' rendiment, il-kapaċità ta' rendiment għoli tal-vettura u l-volum tal-bejgħ projettat tal-vettura.

2.3.5. Il-manifatturi li jużaw sistemi programmabbli ta' kodiċijiet tal-kompjuter (eż. memorja elettrika li tinqara biss, programmabbli, u li tista' titħassar, EEPROM — *electrical erasable programmable read-only memory*) għandhom jiskoraġġixxu riprogrammazzjoni mhux awtorizzata. Il-manifatturi għandhom jinkludu strateġiji mtejba għal protezzjoni mit-tbagħbis u karatteristiċi għal protezzjoni mill-kitba li jeħtieġu aċċess elettroniku għal kompjuter f'post ieħor li jieħu ħsiebu l-manifattur, li għalih l-operaturi indipendenti wkoll għandu jkollhom aċċess billi jużaw il-protezzjoni li jagħtu t-Taqsimiet 2.3.1 u 2.2. ta' l-Anness XIV. Metodi li jagħtu livell adegwat ta' protezzjoni mit-tbagħbis għandhom ikunu approvati mill-awtorità ta' l-approvazzjoni.

2.4. **L-applikazzjoni tat-testijiet**

2.4.1. Il-Figura I.2.4 tispjega l-applikazzjoni tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura. Il-proċeduri speċifiċi tat-test ġew deskritti fl-Annessi II, III, IV, V, VI, VII, VIII, X, XI, XII u XVI ([1]).

([1]) Il-proċeduri speċifiċi tat-testijiet għall-vetturi li jieħdu l-idroġenu u l-vetturi *flex fuel* tal-bijodiżil se jkunu definiti aktar tard

▼M3

Il-Grafika I.2.4

L-applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip u għall-estensjonijiet

Il-kategorija tal-vettura	Il-vetturi bil-magni ta' ignixin pożittiva inklużi l-ibridi									Il-vetturi bil-magni ta' ignixin bil-kompressjoni inklużi l-ibridi		Vetturi purament elettriċi	Vetturi biċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu
	Fjuwil wieħed				Żewġ fjuwils [1]			Flex fjuwil [1]		Flex fjuwil	Fjuwil wieħed		
Il-fjuwils ta' referenza	Il-petrol (E5)	L-LPG	L-NG/il-Bijometan	L-idroġenu	Il-petrol (E5)	Il-petrol (E5)	Il-petrol (E5)	Il-petrol (E5)	L-NG/il-Bijometan	Id-diżil (B5)	Id-diżil (B5)	—	—
					L-LPG	L-NG/il-Bijometan	L-Idroġenu	L-etanol (E85)	H2NG	Bijodiżil			
Is-sustanzi ta' tniġġis f'għamla ta' gass (it-test tat-tip 1)	Iva	Iva	Iva	Iva [4]	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils) [4]	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (B5 biss) [2]	Iva	—	—
Il-massa tal-partikoli u n-numru tal-partikoli (it-test tat-Tip 1)	Iva	—	—	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	—	Iva (B5 biss) [2]	Iva	—	—
L-emissjonijiet minn magna mhux ingranata (it-test tat-Tip 2)	Iva	Iva	Iva	—	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (petrol biss)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (NG/bijo-metan biss)	—	—	—	—
Emissjonijiettal-Crankcase (it-test tat-tip 3)	Iva	Iva	Iva	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (NG/bijo-metan biss)	—	—	—	—
L-emissjonijiet li jevaporaw (it-test tat-tip 4)	Iva	—	—	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	—	—	—	—	—

▼M3

Il-kategorija tal-vettura	Il-vetturi bil-magni ta' ignixin pożittiva inklużi l-ibridi									Il-vetturi bil-magni ta' ignixin bil-kompressjoni inklużi l-ibridi		Vetturi purament elettriċi	Vetturi biċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu
	Fjuwil wieħed				Żewġ fjuwils [1]			Flex fjuwil [1]		Flex fjuwil	Fjuwil wieħed		
Durabbiltà (it-test tat-tip 5)	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (NG/bijo-metan biss)	Iva (B5 biss) [2]	Iva	—	—
L-emissjonijiet ta' temperatura baxxa (it-test tat-tip 6)	Iva	—	—	—	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva (petrol biss)	Iva [3] (iż-żewġ fjuwils)	—	—	—	—	—
Il-konformità fis-servizz	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (B5 biss) [2]	Iva	—	—
Id-dijanjostiċi abbord	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	—	—
L-emissjonijiet tad-CO_2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-firxa elettrika tal-vettura	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (iż-żewġ fjuwils)	Iva (B5 biss) [2]	Iva	Iva	Iva
L-opaċità tad-duħħan	—	—	—	—	—	—	—	—	—	Iva (B5 biss) [2]	Iva	—	—

[1] Meta vettura li tieħu żewġ fjuwils tkun ikkombinata ma' vettura flex fuel, ikunu applikabbli ż-żewġ rekwiżiti tat-test.
[2] Din id-dispożizzjoni hija temporanja, iktar rekwiżiti għall-bijodiżil se jiġu proposti iktar tard.
[3] It-test bil-petrol biss qabel id-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007. It-test se jitwettaq biż-żewġ fjuwils wara dawn id-dati. Se jintuża l-fjuwil tat-test ta' referenza E75 speċifikat fit-Taqsima B tal-Anness IX.
[4] L-emissjonijiet NOx biss għandhom jiġu ddeterminati meta l-vettura tkun qed taħdem bl-idroġenu.

▼B

3. L-ESTENSJONIJIET GĦALL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP

3.1. **L-estensjonijiet għall-emissjonijiet mit-*tailpipe* (testijiet tat-tip 1, tat-tip 2 u tat-tip 6)**

3.1.1. Il-vetturi b'mases ta' referenza differenti

3.1.1.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża biss għal vetturi b'massa ta' referenza li teħtieġ l-użu taż-żewġ inerzji ekwivalenti ogħla li jmiss jew ta' kwalunkwe inerzja ekwivalenti aktar baxxa.

3.1.1.2. Għall-vetturi tal-kategorija N, l-approvazzjoni għandha tkun estiża biss għal vetturi b'massa ta' referenza aktar baxxa, jekk l-emissjonijiet tal-vettura diġà approvata jkunu fi ħdan il-limiti preskritti għall-vettura li għaliha qed tintalab l-estensjoni ta' l-approvazzjoni.

3.1.2. Il-vetturi bi proporzjonijiet globali ta' ingranaġġ differenti

3.1.2.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża għal vetturi bi proporzjonijiet ta' ingranaġġ differenti biss f'ċerti kundizzjonijiet.

3.1.2.2. Biex ikun iddeterminat jekk l-approvazzjoni tat-tip tistax tiġi estiża, għal kull wieħed mill-proporzjonijiet ta' ingranaġġ li ntuża fit-testijiet tat-tip 1 u tat-tip 6, għandu jkun iddeterminat il-proporzjon,

$$E = (V_2 - V_1)/V_1$$

fejn, b'veloċità tal-magna ta' 1 000 rpm, V_1 tkun il-veloċità tal-vettura approvata għat-tip u V_2 tkun il-veloċità tat-tip ta' vettura li għaliha qed tintalab estensjoni ta' l-approvazzjoni.

3.1.2.3. Jekk, għal kull proporzjon ta' ingranaġġ, $E \leq 8\,\%$, l-estensjoni għandha tingħata mingħajr ma jiġu ripetuti t-testijiet tat-tip 1 u tat-tip 6.

3.1.2.4. Jekk, għal mill-inqas proporzjon ta' ingranaġġ wieħed, $E > 8\,\%$, u jekk, għal kull proporzjon tal-gerijiet, $E \leq 13\,\%$, it-testijiet tat-tip 1 u tat-tip 6 għandhom jiġu ripetuti. It-testijiet jistgħu jitwettqu f'laboratorju magħżul mill-manifattur bla ħsara għall-approvazzjoni tas-servizz tekniku. Ir-rapport tat-testijiet għandu jintbagħat lis-servizz tekniku responsabbli mit-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip.

3.1.3. Il-vetturi b'mases ta' referenza u bi proporzjonijiet ta' ingranaġġ differenti

L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża għal vetturi b'mases ta' referenza u bi proporzjonijiet ta' ingranaġġ differenti, sakemm il-kundizzjonijiet kollha preskritti fi 3.1.1 u 3.1.2 jiġu sodisfatti.

3.1.4. Il-vetturi b'sistemi li jirriġeneraw perjodikament

L-approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura mgħammmar b'sistema li tirriġenera perjodikament għandha tkun estiża għal vetturi oħra b'sistemi li jirriġeneraw perjodikament, li l-parametri tagħhom li ġew deskritti aktar 'l isfel huma identiċi jew fi ħdan it-tolleranzi dikjarati. L-estensjoni għandha tkun relatata biss mal-qisien speċifiċi għas-sistema li tirriġenera perjodikament iddefinita.

▼B

3.1.4.1. Il-parametri identiċi għall-estensjoni ta' l-approvazzjoni huma:

(1) Il-magna,

(2) Il-proċess ta' kombustjoni,

(3) Is-sistema li tirriġenera perjodikament (jiġifieri il-katalista, in-nasba għall-partikulati),

(4) Il-kostruzzjoni (jiġifieri, it-tip ta' għeluq, it-tip ta' metall prezzjuż, it-tip ta' sottostrat, it-tip ta' densità taċ-ċelluli),

(5) It-tip u l-prinċipju ta' ħidma,

(6) Is-sistema ta' dożaġġ u ta' l-additivi,

(7) Il-volum ± 10 fil-mija,

(8) Il-post (temperatura ta' ± 50 °C f'veloċità ta' 120 km/h jew 5 fil-mija differenza ta' temperatura/pressjoni massima).

3.1.4.2. L-użu tal-fatturi Ki għal vetturi b'mases ta' referenza differenti

Il-fatturi Ki li ġew żviluppati mill-proċeduri fit-taqsima 3 ta' l-Anness 13 tar- Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għall-approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura b'sistema li tirriġenera perjodikament, jistgħu jintużaw minn vetturi oħra li jissodisfaw il-kriterji li jissemmew fit-taqsima 3.1.4.1. u li għandhom massa ta' referenza fi ħdan iż-żewġ klassijiet ta' inerzja ekwivalenti ogħla li jmiss jew kwalunkwe inerzja ekwivalenti aktar baxxa.

3.1.5. L-applikazzjoni ta' l-estensjonijiet għal vetturi oħra

Meta tkun ingħatat estensjoni skond 3.1.1 sa 3.1.4, tali approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża aktar għal vetturi oħra.

3.2. **L-estensjonijiet għall-emissjonijiet evaporattivi (test tat-tip 4)**

3.2.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża għall-vetturi mgħammra b'sistema ta' kontroll għall-emissjonijiet evaporattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

3.2.1.1. Il-prinċipju bażiku tal-kejl tal-fjuwil/ta' l-arja (eż. injezzjoni f'punt wieħed) għandu jkun l-istess.

3.2.1.2. Il-forma tat-tank tal-fjuwil u l-materjal tat-tank tal-fjuwil u tal-pajpijiet tal-fjuwil likwidu għandhom ikunu identiċi.

3.2.1.3. Il-vettura ta' l-agħar każ rigward is-sezzjoni trażversali u t-tul approssimattiv tal-pajp għandhom ikunu ttestjati. Is-servizz tekniku responsabbli mit-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip għandu jiddeċiedi jekk is-separaturi tal-fwar/likwidu mhux identiċi jkunux aċċettabbli.

3.2.1.4. Il-volum tat-tank tal-fjuwil għandu jkun fil-firxa ta' ± 10 %.

3.2.1.5. L-issettjar tal-valv li jtaffi l-pressjoni tat-tank tal-fjuwil għandu jkun identiku.

3.2.1.6. Il-metodu ta' ħżin tal-fwar tal-fjuwil għandu jkun identiku, jiġifieri l-forma u l-volum tan-nasba, il-mezz tal-ħżin, it-tagħmir għat-tindif ta' l-arja (jekk użat għall-kontroll ta' l-emissjonijiet evaporattivi), eċċ.

▼B

3.2.1.7. Il-metodu tat-tindif tal-fwar maħżun għandu jkun identiku (eż. il-fluss ta' l-arja, il-punt tat-tluq jew il-volum tat-tindif waqt iċ-ċiklu tal-prekundizzjonament).

3.2.1.8. Il-metodu tas-siġillar u tal-ventilazzjoni tas-sistema tal-kejl tal-fjuwil għandu jkun identiku.

3.2.2. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża għal vetturi bi:

3.2.2.1. magni ta' daqsijiet differenti;

3.2.2.2. magni b'qawwiet differenti;

3.2.2.3. gerboksis awtomatiċi u manwali;

3.2.2.4. ingranaġġi fuq żewġ u erba' roti;

3.2.2.5. stili ta' bodi differenti; u

3.2.2.6. roti u tajers ta' daqsijiet differenti.

3.3. **L-estensjonijiet għad-durabbiltà tat-tagħmir għall-kontra tat-tniġġis (test tat-tip 5)**

3.3.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża għal tipi differenti ta' vetturi, sakemm il-parametri tal-vettura, tal-magna jew tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis li ġew speċifikati aktar 'l isfel ikunu identiċi jew jibqgħu fi ħdan it-tolleranzi preskritti:

3.3.1.1. Il-vettura:

Il-kategorija ta' l-inerzja: iż-żewġ kategoriji ta' l-inerzja eżatt fuq u kwalunkwe kategorija ta' inerzja taħt.

It-tagħbija totali fit-triq fi 80 km/h: + 5 % 'il fuq u kwalunkwe valur taħt.

3.3.1.2. Il-magna

(a) il-kapaċità taċ-ċilindri tal-magna (± 15 %),

(b) in-numru u l-kontroll tal-valvs,

(ċ) is-sistema tal-fjuwil,

(d) it-tip ta' sistema ta' tkessiħ,

(e) il-proċess ta' kombustjoni.

3.3.1.3. Il-parametri tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis:

(a) Il-konvertituri katalitiċi u l-filtri għall-partikulati:

in-numru ta' konvertituri katalitiċi, ta' filtri u ta' elementi,

id-daqs tal-konvertituri katalitiċi u tal-filtri (volum tal-blokka tal-konkos ± 10 fil-mija),

it-tip ta' attività katalitika (ossidazzjoni, *three-way*, nasba rqiqa għall-NO_x, SCR, katalista rqiqa għall-NO_x jew oħra),

it-tagħbija tal-metall prezzjuż (identika jew ogħla),

it-tip u l-proporzjon tal-metall prezzjuż (± 15 %),

is-sottostrat (l-istruttura u l-materjal),

▼B

id-densità taċ-ċellula,

varjazzjoni fit-temperatura ta' mhux aktar minn 50 K fid-daħla tal-konvertitur katalitiku jew tal-filtru. Din il-varjazzjoni fit-temperatura għandha tkun ikkontrollata f'kundizzjonijiet stabbilizzati b'veloċità ta' 120 km/h u l-issettjar tat-tagħbija tat-test tat-tip 1.

(b) L-injezzjoni ta' l-arja:

biha jew mingħajra

tip (*pulsair*, pompi ta' l-arja, ieħor/oħrajn)

(ċ) Ir-riċirkolazzjoni tal-gassijiet ta' l-egżost (EGR):

biha jew mingħajrha

tip (imkessħa jew mhux imkessħa, kontroll attiv jew passiv, pressjoni għolja jew pressjoni baxxa).

3.3.1.4. It-test tad-durabbilità jista' jitwettaq billi tintuża vettura, li jkollha stil tal-bodi, gerboks (awtomatika jew manwali) u daqs tar-roti jew tajers differenti minn dawk tat-tip ta' vettura li għalih qed tintalab l-approvazzjoni tat-tip.

3.4. **L-estensjonijiet għad-dijanjostika abbord**

3.4.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża għal tipi differenti ta' vetturi b'sistemi identiċi tal-magna u għall-kontroll ta' l-emissjonijiet kif ġew iddefiniti fl-Appendiċi 2 ta' l-Anness XI. L-approvazzjoni tat-tip għandha tkun estiża irrispettivament mill-karatteristiċi li ġejjin tal-vettura:

(a) l-aċċessorji tal-magna;

(b) it-tajers;

(ċ) l-inerzja ekwivalenti;

(d) is-sistema tat-tkessiħ;

(e) il-proporzjon globali ta' ingranaġġ;

(f) it-tip ta' ingranaġġ; u

(g) it-tip ta' qafas.

3.5. **L-estensjonijiet għall-emissjonijiet tas-CO_2 u għall-konsum tal-fjuwil**

3.5.1. Il-vetturi li jaħdmu b'magna b'kombustjoni interna biss, ħlief il-vetturi mgħammra b'sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet li tirriġenera perjodikament.

3.5.1.1. L-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi estiża għal vetturi li jvarjaw rigward il-karatteristiċi li ġejjin, jekk l-emissjonijiet tas-CO_2 imkejla mis-servizz tekniku ma jeċċedux b'aktar minn 4 % il-valur ta' l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi tal-kategorija M u b'aktar minn 6 % għall-vetturi tal-kategorija N:

— il-massa ta' referenza,

— il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli,

— it-tip ta' qafas kif ġie definit fit-Taqsima C ta' l-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE,

▼B

— il-proporzjonijiet totali tal-gerijiet,

— it-tagħmir tal-magna u l-aċċessorji.

3.5.2. Il-vetturi li jaħdmu b'magna b'kombustjoni interna biss u mgħammra b'sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet li tirriġenera perjodikament

3.5.2.1. L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi estiża għal vetturi li jvarjaw rigward il-karatteristiċi mogħtija fit-Taqsima 3.5.1.1 t'aktar 'il fuq, imma li ma jeċċedux il-karatteristiċi tal-familja ta' l-Anness 10 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE ([1]), jekk l-emissjonijiet tas-CO_2 imkejla mis-servizz tekniku ma jeċċedux b'aktar minn 4 % il-valur tat-tip approvat għall-vetturi tal-kategorija M u b'aktar minn 6 % għall-vetturi tal-kategorija N, u fejn ikun applikabbli l-istess fattur Ki.

3.5.2.2. L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi estiża għal vetturi b'fattur Ki differenti, jekk l-emissjonijiet tas-CO_2 imkejla mis-servizz tekniku ma jeċċedux b'aktar minn 4 % il-valur tat-tip approvat għall-vetturi tal-kategorija M u b'aktar minn 6 % għall-vetturi tal-kategorija N.

3.5.3. Il-vetturi li jaħdmu b'*power train* elettrika biss

L-estensjonijiet għandhom jingħataw wara qbil mas-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

3.5.4. Il-vetturi li jaħdmu b'*power train* elettrika ibrida

L-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi estiża għal vetturi li jvarjaw rigward il-karatteristiċi li ġejjin, jekk l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum ta' l-enerġija elettrika mkejla mis-servizz tekniku ma jeċċedux b'aktar minn 4 % il-valur tat-tip approvat għall-vetturi tal-kategorija M u b'aktar minn 6 % għall-vetturi tal-kategorija N:

— il-massa ta' referenza,

— il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli,

— it-tip ta' qafas kif ġie definit fit-taqsima C ta' l-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE,

— Rigward bidla fi kwalunkwe karatteristika oħra, jistgħu jingħataw estensjonijiet wara ftehim mas-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

3.5.5. L-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-kategorija N fi ħdan familja:

3.5.5.1. Għall-vetturi tal-kategorija N li jkunu approvati bħala membri ta' familja ta' vetturi billi ntużat il-proċedura fit-Taqsima 3.6.2, l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi estiża għal vetturi mill-istess familja biss jekk is-servizz tekniku jistma li l-konsum tal-fjuwil tal-vettura l-ġdida ma jeċċedix il-konsum tal-fjuwil tal-vettura li fuqha jkun ibbażat il-konsum tal-fjuwil tal-familja.

L-approvazzjonijiet tat-tip jistgħu jiġu estiżi wkoll għal vetturi li:

— ikunu sa 110 kg itqal mill-membru tal-familja ttestjat, sakemm ikunu fi ħdan 220 kg mill-eħfef membru tal-familja,

([1]) ĠU L 158, 19.6.2007, p. 34.

▼B

— ikollhom proporzjon globali ta' ingranaġġ aktar baxx mill-membru tal-familja ttestjat biss minħabba bidla fid-daqsijiet tat-tajers, u

— jikkonformaw mal-familja fl-aspetti l-oħra kollha.

3.5.5.2. Għall-vetturi tal-kategorija N li jkunu approvati għat-tip bħala membri ta' familja ta' vetturi billi ntużat il-proċedura fil-punt 3.6.3, l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi estiża għal vetturi mill-istess familja mingħajr ittestjar addizzjonali biss jekk is-servizz tekniku jistma li l-konsum tal-fjuwil tal-vettura l-ġdida jaqa' fi ħdan il-limiti magħmula minn dawk iż-żewġ vetturi fil-familja li jkollhom l-inqas u l-ogħla konsum tal-fjuwil, rispettivament.

3.6. **L-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-kategorij N fi ħdan familja għall-konsum tal-fjuwil u għall-emissjonijiet tas-CO_2**

Il-vetturi tal-kategorija N għandhom jiġu approvati għat-tip fi ħdan familja kif ġie definit fil-punt 3.6.1 billi jintuża wieħed miż-żewġ metodi alternattivi deskritti fil-punti 3.6.2 u 3.6.3.

3.6.1. Il-vetturi N jistgħu jiġu ggruppati flimkien f'familja għall-finijiet tal-kejl tal-konsum tal-fjuwil u ta' l-emissjonijiet tas-CO_2 jekk il-parametri li ġejjin ikunu identiċi jew fi ħdan il-limiti speċifikati:

3.6.1.1. Il-parametri identiċi għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— il-manifattur u t-tip kif ġew iddefiniti fit-taqsima I ta' l-Appendiċi 4,

— il-kapaċità tal-magna,

— it-tip ta' sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet,

— it-tip ta' sistema tal-fjuwil kif ġiet iddefinita fil-punt 1.10.2 ta' l-Appendiċi 4.

3.6.1.2. Il-parametri li ġejin għandhom ikunu fi ħdan il-limiti li ġejjin:

— proporzjonijiet globali ta' ingranaġġ (mhux aktar minn 8 % ogħla mill-aktar wieħed baxx) kif ġew iddefiniti fil-punt 1.13.3 ta' l-Appendiċi 4,

— il-massa ta' referenza (mhux aktar minn 220 kg eħfef mill-itqal),

— il-parti ta' quddiem (mhux aktar minn 15 % iżgħar mill-akbar),

— il-qawwa tal-magna (mhux aktar minn 10 % inqas mill-ogħla valur).

3.6.2. Familja ta' vetturi, kif ġiet iddefinita fil-punt 3.6.1, tista' tiġi approvata b'data dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil li jkunu komuni għall-membri kollha tal-familja. Is-servizz tekniku għandu jagħżel għall-ittestjar il-membru tal-familja li s-servizz iqis li għandu l-akbar emissjoni ta' CO_2. Il-kejl għandu jsir kif ġie deskritt fl- Anness XII, u r-riżultati skond il-metodu deskritt fit-taqsima 5.5 tar-Regolament Nru. 101 tan-NU/ECE għandhom jintużaw bħala valuri ta' l-approvazzjoni tat-tip li jkunu komuni għall-membri kollha tal-familja.

▼B

3.6.3. Il-vetturi li jkunu ggruppati f'familja kif ġie definit fil-punt 3.6.1 jistgħu jiġu approvati b'data individwali dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil għal kull wieħed mill-membri tal-familja. Is-servizz tekniku għandu jagħżel għall-ittestjar iż-żewġ vetturi, li s-servizz iqis li għandhom l-akbar u l-inqas emissjonijiet tas- CO_2 rispettivament. Il-kejl għandu jsir kif ġie deskritt fl-Anness XII. Jekk id-data tal-manifattur għal dawn iż-żewġ vetturi taqa' fi ħdan il-limiti ta' tolleranza deskritti fit-taqsima 5.5 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE, l-emissjonijiet tas-CO_2 iddikjarati mill-manifattur għall-membri kollha tal-familja tal-vetturi jistgħu jintużaw bħala valuri ta' l-approvazzjoni tat-tip. Jekk id-data tal-manifattur ma taqax fi ħdan il-limiti ta' tolleranza, ir-riżultati skond il-metodu deskritt fit-taqsima 5.5 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE għandhom jintużaw bħala valuri ta' l-approvazzjoni tat-tip u s-servizz tekniku għandu jagħżel numru xieraq ta' membri oħra tal-familja għal testijiet addizzjonali.

4. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

4.1. **Introduzzjoni**

4.1.1. Fejn ikun applikabbli, it-testijiet tat-tipi 1, 2, 3, 4, it-test għall-OBD, it-test għall-emissjonijiet tas-CO_2 u għall-konsum tal-fjuwil u t-test għall-opaċità tad-duħħan għandhom jitwettqu, kif ġie deskritt fit-taqsima 2.4. Il-proċeduri speċifiċi għall-konformità tal-produzzjoni ġew stabbiliti fit-taqsimiet 4.2 sa 4.10.

4.2. **Il-kontroll tal-konformità tal-vettura għal test tat-tip 1**

4.2.1. It-test tat-tip 1 għandu jitwettaq fuq vettura ta' l-istess speċifikazzjoni kif ġie deskritt fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip. Meta test tat-tip 1 għandu jitwettaq għal approvazzjoni tat-tip ta' vettura li jkollha estensjoni waħda jew diversi estensjonijiet, it-testijiet tat-tip 1 għandhom jitwettqu jew fuq il-vettura deskritta fil-pakkett ta' l-informazzjoni inizjali jew fuq il-vettura deskritta fil-pakkett ta' l-informazzjoni relatat ma' l-estensjoni rilevanti.

4.2.2. Wara li ssir l-għażla mill-awtorità ta' l-approvazzjoni, il-manifattur m'għandu jagħmel l-ebda aġġustament fuq il-vetturi magħżula.

4.2.2.1. B'mod mhux sistematiku, għandhom jintgħażlu tliet vetturi fis-serje u għandhom jiġu ttestjati kif ġie deskritt fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Il-fatturi ta' deterjorament għandhom jintużaw bl-istess mod. Il-valuri ta' limitu jinsabu fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

4.2.2.2. Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni tkun sodisfatta bid-devjazzjoni standard tal-produzzjoni mogħtija mill-manifattur skond l-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, it-testijiet għandhom isiru skond l-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni ma tkunx sodisfatta bid-devjazzjoni standard tal-produzzjoni mogħtija mill-manifattur skond l-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE, it-testijiet għandhom isiru skond l-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

4.2.2.3. Il-produzzjoni ta' serje titqies bħala li tikkonforma jew ma tikkonformax fuq il-bażi tat-test kampjunarju tal-vetturi la darba tintlaħaq deċiżjoni li tgħaddi għall-inkwinanti kollha jew tintlaħaq deċiżjoni li ma tgħaddix għal inkwinant wieħed, skond il-kriterji tat-test applikati fl-appendiċi xieraq.

▼B

Meta tintlaħaq deċiżjoni li tgħaddi għal inkwinant wieħed, dik id-deċiżjoni m'għandhiex tinbidel minn kwalunkwe test addizzjonali ieħor li jsir biex tintlaħaq deċiżjoni għall-inkwinanti l-oħra.

Jekk ma tintlaħaq l-ebda deċiżjoni li tgħaddi għall-inkwinanti kollha u ma tintlaħaq l-ebda deċiżjoni li ma tgħaddix għal inkwinant wieħed, għandu jsir test fuq vettura oħra (ara l-Figura I.4.2).

Figura I.4.2



4.2.3. Minkejja r-rekwiżiti ta' l-Anness III, it-testijiet għandhom isiru fuq vetturi li jkun għadhom kemm ġejjin mil-linja tal-produzzjoni.

4.2.3.1. Iżda, fuq it-talba tal-manifattur, it-testijiet jistgħu jsiru fuq vetturi li kkompletaw:

(a) Massimu ta' 3 000 km għal vetturi mgħammra b'magna *positive-ignition*;

(b) Massimu ta' 15 000 km għal vetturi mgħammra b'magna *compression-ignition*.

Il-proċedura tat-tħaddim tal-bidu trid issir mill-manifattur, li għandu jimpenja ruħu li ma jagħmel l-ebda aġġustament f'dawn il-vetturi.

▼B

4.2.3.2. Jekk il-manifattur jixtieq li jagħmel lill-vetturi t-tħaddim tal-bidu, ("x" km, fejn x ≤ 3 000 km għal vetturi mgħammra b'magna *positive-ignition* u x ≤ 15 000 km għal vetturi mgħammra b'magna *compression-ignition*), il-proċedura għandha tkun din li ġejja:

(a) l-emissjonijiet ta' l-inkwinanti (tip I) għandhom jitkejlu f'żero u f'"x" km fuq l-ewwel vettura ttestjata;

(b) il-koeffiċjent ta' l-evoluzzjoni ta' l-emissjonijiet bejn żero u "x" km għandu jkun ikkalkulat għal kull wieħed mill-inkwinanti:

Emissjonijiet "x" km/Emissjonijiet żero km

Dan jista' jkun inqas minn 1; u

(ċ) il-vetturi l-oħra m'għandux isirilhom it-tħaddim tal-bidu, iżda l-emissjonijiet tagħhom f'żero km għandhom ikunu multiplikati bil-koeffiċjent ta' l-evoluzzjoni. F'dan il-każ, il-valuri li jridu jittieħdu għandhom ikunu:

(i) il-valuri f'"x"km għall-ewwel vettura;

(ii) il-valuri f'żero km immultiplikati bil-koeffiċjent ta' l-evoluzzjoni għall-vetturi l-oħra.

4.2.3.3. Dawn it-testijiet kollha għandhom isiru bi fjuwil kummerċjali. Madankollu, fuq it-talba tal-manifattur, jistgħu jintużaw il-fjuwils ta' referenza deskritti fl-Anness IX.

4.3. **Il-kontroll tal-konformità tal-vettura għall-emissjonijiet tas-CO_2**

4.3.1. Jekk tip ta' vettura jkollu estensjoni waħda jew diversi estensjonijiet, it-testijiet għandhom jitwettqu fuq il-vettura/i deskritta/i fil-pakkett ta'informazzjoni li akkumpanja l-ewwel applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip, jew fuq il-vettura deskritta fil-pakkett ta' informazzjoni li akkumpanja l-estensjoni rilevanti.

4.3.2. Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni ma tkunx sodisfatta bil-proċedura ta' verifika tal-manifattur, għandhom japplikaw il-punti 3.3 u 3.4 ta' l-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE.

4.3.3. Għall-fini ta' din it-taqsima u ta' l-Appendiċi 1 u 2, it-terminu "inkwinant" għandu jinkludi l-inkwinanti regolati (mogħtija fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007) u l-emissjoni tas-CO_2

4.3.4. Il-konformità tal-vettura għall-emissjonijiet tas-CO_2 għandha tkun iddeterminata skond il-proċedura deskritta fil-punt 4.2.2. bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

4.3.4.1. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4.2.2.1 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

B'mod mhux sistematiku, tliet vetturi fis-serje għandhom jittieħdu u jiġu ttestjati kif ġie deskritt fl-Anness XII.

4.3.4.2. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4.2.3.1 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Madanakollu, fuq it-talba tal-manifattur, it-testijiet jistgħu jitwettqu fuq vetturi li kkompletaw massimu ta' 15 000 km.

F'dan il-każ, il-proċedura ta' tħaddim fil-bidu għandha titwettaq mill-manifattur, li għandu jimpenja ruħu li ma jagħmel l-ebda aġġustament f'dawn il-vetturi.

▼B

4.3.4.3. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4.2.3.2 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Jekk il-manifattur jixtieq jagħmel lill-vetturi t-tħaddim tal-bidu, ("x" km, fejn x ≤ 15 000 km), il-proċedura għandha tkun din li ġejja:

(a) l-emissjonijiet ta' l-inkwinanti għandhom jitkejlu f'żero u f"x" km fuq l-ewwel vettura ttestjata;

(b) il-koeffiċjent ta' evoluzzjoni ta' l-emissjonijiet bejn żero u "x" km għandu jiġi kalkulat għal kull wieħed mill-inkwinanti:

Emissjonijiet "x" km/Emissjonijiet żero km

Dan jista' jkun inqas minn 1; u

(ċ) il-vetturi l-oħra m'għandux isirilhom it-tħaddim tal-bidu, imma l-emissjonijiet tagħhom f'żero km għandhom ikunu multiplikati bil-koeffiċjent ta' evoluzzjoni. F'dan il-każ, il-valuri li għandhom jittieħdu għandhom jkunu:

(i) il-valuri f"x" km għall-ewwel vettura,

(ii) il-valuri f'żero km immultiplati bil-koeffiċjent ta' evoluzzjoni għall-vetturi l-oħra.

4.3.4.4. Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4.2.3.3 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

Għall-ittestjar għandhom jintużaw il-fjuwils ta' referenza deskritti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

4.3.4.5. Meta tiġi kontrollata l-konformità ta' vettura għall-emissjonijiet tas-CO_2 bħala alternattiva għall-proċedura li tissemma fit-Taqsima 4.3.4.3, il-manifattur tal-vettura jista' juża koeffiċjent ta' l-evoluzzjoni, EC, iffissat ta' 0,92 u jimmultiplika l-valuri kollha tas-CO_2 imkejla f'żero km b'dan il-fattur.

4.4. **Il-vetturi li jaħdmu b'power train elettrika biss**

Il-miżuri biex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni rigward il-konsum ta' l-enerġija elettrika għandhom ikunu kontrollati fuq il-bażi tad-deskrizzjoni fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip stabbilit fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.

4.4.1. B'mod partikolari, id-detentur ta' l-approvazzjoni għandu:

4.4.1.1. Jiżgura ruħu mill-eżistenza tal-proċeduri għall-kontroll effettiv tal-kwalità tal-produzzjoni;

4.4.1.2. Ikollu aċċess għat-tagħmir meħtieġ biex tkun ikkontrollata l-konformità ma' kull tip approvat;

4.4.1.3. Jiżgura ruħu li d-data li tikkonċerna r-riżultat tat-test tiġi reġistrata u li d-dokumenti annessi jkunu disponibbli matul perjodu li għad irid jiġi miftiehem mas-servizz amministrattiv;

4.4.1.4. Janalizza r-riżultati ta' kull tip ta' test sabiex jimmonitorja u jiżgura l-konsistenza tal-karatteristiċi tal-prodott, fejn iqis il-varjazzjonijiet ammissibbli fil-manifattura industrijali;

▼B

4.4.1.5. Jiżgura ruħu li għal kull tip ta' vettura jitwettqu t-testijiet li jissemmew fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament; minkejja r-rekwiżiti tal-paragrafu 2.3.1.6. ta' l-Anness 7 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE, fuq it-talba tal-manifattur, it-testijiet għandhom jitwettqu fuq vetturi li ma vvjaġġaw l-ebda distanza;

4.4.1.6. Jiżgura ruħu li kwalunkwe ġabra ta' kampjuni jew ta' biċċiet tat-test li turi nuqqas ta' konformità mat-test tat-tip li qed jitqies tiġi segwita minn teħid ta' kampjuni sussegwenti u minn test ieħor. Għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex tkun stabbilita mill-ġdida il-konformità tal-produzzjoni.

4.4.2. L-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni jistgħu jivverifikaw fi kwalunkwe ħin il-metodi li jiġu applikati f'kull unità ta' produzzjoni.

4.4.2.1. F'kull spezzjoni, ir-rekords tat-testijiet u tal-monitoraġġ tal-produzzjoni għandhom jiġu komunikati lill-ispettur li jagħmel iż-żjara.

4.4.2.2. L-ispettur jista' jagħżel b'mod mhux sistematiku l-kampjuni li għandhom jiġu ttestjati fil-laboratorju tal-manifattur. In-numru minimu tal-kampjuni għandu jiġi determinat fuq il-bażi tar-riżultati tal-kontrolli stess tal-manifattur.

4.4.2.3. Meta l-istandard tal-kwalità ma jidhirx li jkun sodisfaċenti jew meta jidher li jkun hemm għalfejn tiġi verifikata l-validità tat-testijiet imwettqa skond it-Taqsima 4.4.2.2, l-ispettur għandu jiġbor kampjuni li għandhom jintbagħtu lis-servizz tekniku li wettaq it-testijiet ta' approvazzjoni.

4.4.2.4. L-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni jistgħu jwettqu t-testijiet kollha li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4.5. **Il-vetturi li jaħdmu b'power train elettrika ibrida**

4.5.1. Il-miżuri biex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni rigward l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum ta' l-enerġija elettrika minn vetturi elettriċi ibridi għandhom jiġu kontrollati fuq il-bażi tad-deskrizzjoni fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip li jikkonforma mal-mudell fl-Appendiċi 4.

4.5.2. Il-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni hija bbażata fuq valutazzjoni tal-proċedura ta' verifika tal-manifattur, li saret mill-awtorità ta' l-approvazzjoni, biex tkun żgurata l-konformità tat-tip ta' vettura rigward l-emissjoni tas-CO_2 u l-konsum ta' l-enerġija elettrika.

4.5.3. Jekk l-awtorità ta' l-approvazzjoni mhix sodisfatta bl-istandard tal-proċedura ta' verifika tal-manifattur, għandha teħtieġ li t-testijiet ta' verifika jitwettqu fuq vetturi li qed jiġu prodotti.

4.5.4. Il-konformità għall-emissjonijiet tas-CO_2 tiġi kontrollata billi jintużaw il-proċeduri statistiċi li ġew deskritti fit-Taqsima 4.3 u fl-Appendiċi 1 u 2. Il-vetturi għandhom jiġu ttestjati skond il-proċedura li ġiet deskritta fl-Anness XII.

4.6. **Il-kontroll tal-konformità tal-vettura għal test tat-tip 3**

4.6.1. Jekk se jitwettaq test tat-tip 3, għandu jsir fuq il-vetturi kollha magħżula għat-test tat-tip 1 tal-konformità tal-produzzjoni stabbilit fit-taqsima 4.2. Għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V.

4.7. **Il-kontroll tal-konformità tal-vettura għal test tat-tip 4**

4.7.1. Jekk se jitwettaq test tat-tip 4, għandu jsir skond l-Anness VI.

▼B

4.8. **Il-kontroll tal-konformità tal-vettura għad-Dijanjostika Abbord (OBD)**

4.8.1. Jekk se titwettaq verifika tar-rendiment tas-sistema OBD, għandha ssir skond ir-rekwiżiti li ġejjin:

4.8.1.1. Meta l-awtorità ta' l-approvazzjoni tiddetermina li l-kwalità tal-produzzjoni tidher li mhix sodisfaċenti, b'mod mhux sistematiku għandha tittieħed vettura mis-serje u tiġi suġġetta għat-testijiet deskritti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

4.8.1.2. Il-produzzjoni għandha titqies li hija konformi jekk din il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti tat-testijiet deskritti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

4.8.1.3. Jekk il-vettura meħuda mis-serje ma tissodisfax ir-rekwiżiti tat-taqsima 4.8.1.1, b'mod mhux sistematiku għandu jittieħed kampjun ieħor ta' erba' vetturi mis-serje u għandhom jiġu suġġetti għat-testijiet deskritti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI. It-testijiet jistgħu jsiru fuq vetturi li sarilhom it-tħaddim tal-bidu għal mhux aktar minn 15 000 km.

4.8.1.4. Il-produzzjoni għandha titqies li hija konformi jekk mill-inqas 3 vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-testijiet deskritti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

▼M3

4.9. **Il-kontroll tal-konformità ta' vettura li taħdem bl-LPG, bil-gass naturali jew bl-H2NG**

4.9.1. It-testijiet għall-konformità tal-produzzjoni jistgħu jsiru bi fjuwil kummerċjali li l-proporzjon ta' C3/C4 tiegħu jinsab bejn dawk tal-fjuwils ta' referenza, fil-każ tal-LPG, jew li l-indiċi Wobbe tiegħu jinsab bejn dawk tal-fjuwils ta' referenza estremi fil-każ tal-NG jew tal-H2NG. F'dak il-każ għandha tiġi preżentata analiżi tal-fjuwil lill-awtorità tal-approvazzjoni.

▼B

4.10. **Il-kontroll tal-konformità ta' vettura għall-opaċità tad-duħħan**

4.10.1. Il-konformità tal-vettura mat-tip approvat rigward l-emissjoni ta' inkwinanti minn magni *compression-ignition* għandha tkun ivverifikata fuq il-bażi tar-riżultati elenkati fl-Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip stabbilit fil-punt 2.4 ta' l-Appendiċi 4.

4.10.2. Minbarra l-punt 10.1, fejn kontroll jitwettaq fuq vettura meħuda mis-serje, it-testijiet għandhom jitwettqu kif ġej:

4.10.2.1 Vettura li ma sariliex it-tħaddim tal-bidu għandha tkun suġġetta għat-test fl-aċċelerazzjoni ħielsa deskritta fit-taqsima 4.3 ta' l-Appendiċi 2 ta' l-Anness IV. Il-vettura għandha titqies li hija konformi mat-tip approvat jekk il-koeffiċjent ta' assorbiment iddeterminat ma jeċċedix b'aktar minn 0,5 m^{-1} il-figura murija fil-marka ta' approvazzjoni.

4.10.2.2 Jekk il-figura determinata fit-test li jissemma fil-punt 4.10.2.1. teċċedi b'aktar minn 0,5 m^{-1} il-figura murija fil-marka ta' approvazzjoni, vettura tat-tip meqjus jew il-magna tagħha għandha tkun suġġetta għat-test b'veloċitajiet stabbli tul il-kurva tat-tagħbija sħiħa, kif ġie deskritt fit-taqsima 4.2 ta' l-Appendiċi 2 ta' l-Anness IV. Il-livelli ta' emissjoni m'għandhomx jeċċedu l-limiti preskritti fl-Anness 7 tar-Regolament Nru 24 tan-NU/ECE ([1]).

([1]) ĠU L 326, 24.11.2006, p. 1

▼B

Appendiċi 1

Il-verifika tal-konformità tal-produzzjoni — L-ewwel metodu statistiku

1. L-ewwel metodu statistiku għandu jintuża sabiex tkun ivverifikata l-konformità tal-produzzjoni għat-test tat-tip 1 meta d-devjazzjoni standard tal-produzzjoni tal-manifattur tkun sodisfaċenti. Il-metodu statistiku applikabbli ġie stabbilit fl-Appendiċi 1 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE. L-eċċezzjonijiet għal dawn il-proċeduri huma dawn li ġejjin:

1.1. Fil-paragrafu 3, ir-referenza għall-paragrafu 5.3.1.4 għandha tinftiehem bħala referenza għat-tabella applikabbli ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

1.2. Fil-paragrafu 3, ir-referenza għall-Figura 2 għandha tinftiehem bħala referenza għall-Figura I.4.2 ta' dan ir-Regolament.

▼B

Appendiċi 2

Il-verifika tal-konformità tal-produzzjoni — It-tieni metodu statistiku

3.1.1. Id-data minn meta tkun disponibbli (mhux iktar tard minn 6 xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-tip): .....

▼M1

3.2. It-termini u l-kondizzjonijiet ta' aċċess (i.e. tul ta' żmien tal-aċċess, prezz tal-aċċess fuq bażi ta' kull siegħa, kull jum, kull xahar, kull sena u skont kull tranżazzjoni) għall-websajts imsemmija fil-punt 3.1.): .....

▼B

3.3. Il-format ta' l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni aċċessibbli permezz tas-sit web li jissemma fit-Taqsima 3.1.: .....

3.4. Iċ-ċertifikat tal-manifattur dwar l-aċċess għall-informazzjoni provduta dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura:

4. **Rimarki**

([1]) Imkejjel tul iċ-ċiklu kombinat, jiġifieri L-Ewwel Parti (urban) u t-Tieni Parti (ekstra-urban) flimkien

▼B

Appendiċi 5

Informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura

1. L-informazzjoni meħtieġa f'dan l-Appendiċi għandha tkun ipprovduta mill-manifattur tal-vettura sabiex ikunu jistgħu jiġu manifatturati partijiet ta' sostituzzjoni jew ta' servizz kif ukoll għodod dijanjostiċi u tagħmir tat-testijiet kompatibbli ma' l-OBD.

2. Meta tintalab, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun disponibbli għal kwalunkwe manifattur interessat ta' komponenti, għodod dijanjostiċi jew tagħmir tat-testijiet, fuq bażi mhux diskriminatorja.

2.1. Deskrizzjoni tat-tip u tan-numru taċ-ċikli ta' prekundizzjonament li ntużaw għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura;

2.2. Deskrizzjoni tat-tip taċ-ċiklu ta' wiri ta' l-OBD li ntuża għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura għall-komponent immonitorjat mis-sistema OBD;

2.3. Dokument komprensiv li jiddeskrivi l-komponenti kollha li nħassu permezz ta' l-istrateġija għall-iskoperta tal-ħsara u għall-attivazzjoni tal-MI (numru fiss ta' ċikli tas-sewqan jew metodu statistiku), inklużi lista tal-parametri rilevanti sekondarji li nħassu għal kull komponent immonitorjat mis-sistema OBD u lista tal-kodiċijiet ta' l-*output* kollha ta' l-OBD u l-format użat (bi spjegazzjoni ta' kull wieħed) assoċjati ma' komponenti tal-*power-train* individwali relatati ma' l-emissjonijiet u l-komponenti individwali li m'humiex relatati ma' l-emissjonijiet, fejn il-monitoraġġ tal-komponent jintuża biex tkun iddeterminata l-attivazzjoni tal-MI. B'mod partikolari, għandha tingħata spjegazzjoni komprensiva għad-*data* mogħtija fis-servizz $05 Test ID $ 21 għal FF u d-*data* mogħtija fis-servizz $ 06. Fil-każ ta' tipi ta' vetturi li jużaw link ta' komunikazzjoni skond l-ISO 15765-4 "Il-vetturi fit-triq — Id-Dijanjostika dwar in-Netwerk taż-Żona tal-Kontrollur (CAN) — Parti 4: Ir-rekwiżiti għas-sistemi relatati ma' l-emissjonijiet", għandha tingħata spjegazzjoni dettaljata għad-*data* mogħtija fis-servizz $ 06 Test ID $ 00 għal FF, għal kull moniter ta' l-OBD appoġġjat minn ID.

Din l-informazzjoni tista' tkun ipprovduta fil-forma ta' tabella, kif ġej:

Komponent	Kodiċi tal-ħsara	Strateġija ta' monitoraġġ	Kriterji għal-l-iskoperta tal-ħsara	Kriterji għall-attivazzjoni tal-MI	Parametri sekondarji	Prekundizzjonament	Test ta' wiri
Katalista	P0420	Sinjali tas-sensuri ta' l-ossiġnu 1 u 2	Differenza bejn is-sinjali tas-sensuri ta' l-ossiġnu 1 u 2	It-tielet ċiklu	Veloċità tal-magna, tagħbija tal-magna, modalità A/F, temperatura tal-katalist	Żewġ ċikli tat-Tip 1	It-tip 1

3. **L-informazzjoni meħtieġa għall-manifattura ta' l-għodod dijanjostiċi**

Sabiex tkun iffaċilitata l-provvista ta' għodod dijanjostiċi ġeneriċi għal sewwejja ta' ħafna marki, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li tissemma fil-punti 3.1 sa 3.3. permezz tas-siti web ta' informazzjoni dwar it-tiswija tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-funzjonijiet kollha ta' l-għodod dijanjostiċi u l-links kollha għal informazzjoni dwar it-tiswija u għal struzzjonijiet biex issolvi l-problemi. L-aċċess għal din l-informazzjoni jista' jkun suġġett għall-pagament ta' ammont raġonevoli.

▼B

3.1. *L-informazzjoni dwar il-Protokoll ta' Komunikazzjoni*

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun meħtieġa f'forma indiċjata skond il-marka, il-mudell u l-varjant tal-vettura jew definizzjoni oħra ta' ħidma bħall-VIN jew bħal identifikazzjoni tal-mudell u tas-sistemi:

(a) Kwalunkwe sistema addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-protokoll meħtieġa sabiex tkun ikkompletata d-dijanjostika flimkien ma' l-istandards preskritti fit- Taqsima 4 ta' l-Anness XI, inkluż kwalunkwe informazzjoni dwar il-protokoll ta' ħardwer jew ta' softwer, identifikazzjoni tal-parametri, funzjonijiet ta' trasferiment, rekwiżiti "biex tinżamm attiva" ("*keep alive*") jew kundizzjonijiet għal żbalji;

(b) Id-dettalji ta' kif jinkisbu u jiġu interpretati l-kodiċijiet kollha ta' ħsara mhux skond l-istandards preskritti fit-Taqsima 4 ta' l-Anness XI:

(ċ) Lita tal-parametri kollha disponibbli tad-data attiva inkluża informazzjoni dwar skalar u aċċess;

(d) Lista tat-testijiet funzjonali disponibbli kollha li jinkludu l-attivazzjoni jew il-kontroll tat-tagħmir u l-mezz biex ikunu implimentati;

(e) Id-dettalji ta' kif tinkiseb l-informazzjoni kollha dwar il-komponenti u l-istatus, it-timbri skond il-ħin, id-DTC pendenti u l-frejms iffriżati;

(f) L-issettjar mill-ġdid tal-parametri adattabbli tat-tagħlim, tal-kodifikazzjoni tal-varjanti u ta' l-arranġament tal-komponenti sostituti u tal-preferenzi tal-klijent;

(g) L-identifikazzjoni ta' l-ECU u l-kodifikazzjoni tal-varjanti;

(h) Id-dettalji ta' kif jiġu ssettjati mill-ġdid id-dwal tas-servizz;

(i) Il-post tal-konnettur dijanjostiku u d-dettalji tal-konnettur;

(j) L-idenitifikazzjoni tal-kodiċi tal-magna.

3.2. *It-test u d-dijanjosi tal-komponenti monitorjati mill-OBD*

Għandha tkun meħtieġa l-informazzjoni li ġejja:

(a) Deskrizzjoni tat-testijiet biex tkun ikkonfermata l-funzjonalità tagħha, fuq il-komponent jew fuq it-tagħmir li jikkontrolla ċ-ċaqliq

(b) Il-proċedura tat-test inklużi l-parametri tat-test u l-informazzjoni dwar il-komponenti

(ċ) Id-dettalji tal-konnessjoni inklużi l-*input* u l-*output* u l-valuri tas-sewqan u tat-tagħbija minimi u massimi

(d) Il-valuri mistennija f'ċerti kundizzjonijiet ta' sewqan inkluż l-*idling*

(e) Il-valuri elettriċi għall-komponent fl-istati statiċi u dinamiċi tiegħu

(f) Il-valuri tal-modalità tal-ħsara għal kull wieħed mix-xenarji t'aktar 'il fuq

(g) Is-sekwenzi dijanjostiċi tal-modalità tal-ħsara inklużi l-arbli tal-ħsarat u l-eliminazzjoni dijanjostika ggwidata.

▼B

3.3. *Id-data* meħtieġa sabiex issir tiswija

Għandha tkun meħtieġa l-informazzjoni li ġejja:

(a) L-inizjalizzazzjoni ta' l-ECU u tal-komponent (fil-każ li jitwaħħlu sostituti)

(b) L-inizjalizzazzjoni ta' l-ECUs il-ġodda jew sostituti, fejn ikun rilevanti, permezz tat-tekniki tar-(ri-)programmazzjoni *pass-through*.

▼B

Appendiċi 6

Is-Sistema ta' Numerazzjoni taċ-Certifikazzjoni ta' l-Approvazzjoni tat-Tip KE

1. It-Taqsima 3 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip KE li jinħareġ skond l-Artikolu 6(1) għandha tkun magħmula min-numru ta' l-att regolatorju implimentattiv jew mill-aktar att regolatorju li jemenda reċenti applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip KE. ►M2 Dan in-numru għandu jkun segwit minn karattru wieħed jew aktar li jirrifletti l-kategoriji differenti tal-vetturi skont it-tabella 1 hawn taħt. ◄ Dawn il-karattri alfabetiċi għandhom ukoll jagħmlu distinzjoni bejn il-valuri ta' limitu ta' l-emissjonijiet Euro 5 u 6 li ngħatawlhom l-approvazzjoni.

▼M2

Tabella 1

Karattru	Standard ta' emissjonijiet	Standard tal-OBD	Kategorija u klassi tal-vettura	Magna	Data tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Data tal-implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data ta' reġistrazzjoni
A	Euro 5a	Euro 5	M, N_1 klassi I.	PI, CI	1.9.2009	1.1.2011	31.12.2012
B	Euro 5a	Euro 5	M_1 biex tissodisfa ħtiġijiet soċjali speċifiċi (eskluża M_1G)	CI	1.9.2009	1.1.2012	31.12.2012
C	Euro 5a	Euro 5	M_1G biex tissodisfa ħtiġijiet soċjali speċifiċi	CI	1.9.2009	1.1.2012	31.8.2012
D	Euro 5a	Euro 5	N_1 klassi II	PI, CI	1.9.2010	1.1.2012	31.12.2012
E	Euro 5a	Euro 5	N_1 klassi III, N_2	PI, CI	1.9.2010	1.1.2012	31.12.2012
F	Euro 5b	Euro 5	M, N_1 klassi I.	PI, CI	1.9.2011	1.1.2013	31.12.2013
G	Euro 5b	Euro 5	M_1 biex tissodisfa ħtiġijiet soċjali speċifiċi (eskluża M_1G)	CI	1.9.2011	1.1.2013	31.12.2013
H	Euro 5b	Euro 5	N_1 klassi II	PI, CI	1.9.2011	1.1.2013	31.12.2013
I	Euro 5b	Euro 5	N_1 klassi III, N_2	PI, CI	1.9.2011	1.1.2013	31.12.2013
J	Euro 5b	Euro 5+	M, N_1 klassi I.	PI, CI	1.9.2011	1.1.2014	31.8.2015
K	Euro 5b	Euro 5+	M_1 biex tissodisfa ħtiġijiet soċjali speċifiċi (eskluża M_1G)	CI	1.9.2011	1.1.2014	31.8.2015
L	Euro 5b	Euro 5+	N_1 klassi II	PI, CI	1.9.2011	1.1.2014	31.8.2016
M	Euro 5b	Euro 5+	N_1 klassi III, N_2	PI, CI	1.9.2011	1.1.2014	31.8.2016
N	Euro 6a	Euro 6-	M, N_1 klassi I	CI			31.12.2012

▼**M2**

Karattru	Standard ta' emissjonijiet	Standard tal-OBD	Kategorija u klassi tal-vettura	Magna	Data tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Data tal-implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data ta' reġistrazzjoni
O	Euro 6a	Euro 6-	N_1 klassi II	CI			31.12.2012
P	Euro 6a	Euro 6-	N_1 klassi III, N_2	CI			31.12.2012
Q	Euro 6b	Euro 6-	M, N_1 klassi I	CI			31.12.2013
R	Euro 6b	Euro 6-	N_1 klassi II	CI			31.12.2013
S	Euro 6b	Euro 6-	N_1 klassi III, N_2	CI			31.12.2013
T	Euro 6b	Euro 6-flimkien mal-IUPR	M, N_1 klassi I	CI			31.8.2015
U	Euro 6b	Euro 6-flimkien mal-IUPR	N_1 klassi II	CI			31.8.2016
V	Euro 6b	Euro 6-flimkien mal-IUPR	N_1 klassi III, N_2	CI			31.8.2016
W	Euro 6b	Euro 6-1	M, N_1 klassi I	PI, CI	1.9.2014	1.9.2015	31.8.2018
X	Euro 6b	Euro 6-1	N_1 klassi II	PI, CI	1.9.2015	1.9.2016	31.8.2019
Y	Euro 6b	Euro 6-1	N_1 klassi III, N_2	PI, CI	1.9.2015	1.9.2016	31.8.2019
ZA	Euro 6c	Euro 6-2	M, N_1 klassi I	PI, CI	1.9.2017	1.9.2018	
ZB	Euro 6c	Euro 6-2	N_1 klassi II	PI; CI	1.9.2018	1.9.2019	
ZC	Euro 6c	Euro 6-2	N_1 klassi III, N_2	PI; CI	1.9.2018	1.9.2019	
ZX	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Il-vetturi kollha	Batterija kompletament elettrika	1.9.2009	1.1.2011	
ZY	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Il-vetturi kollha	Ċellola tal-karburant kompletament elettrika	1.9.2009	1.1.2011	

▼M2

Karattru	Standard ta' emissjonijiet	Standard tal-OBD	Kategorija u klassi tal-vettura	Magna	Data tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Data tal-implimentazzjoni: vetturi ġodda	L-aħħar data ta' reġistrazzjoni
ZZ	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Il-vetturi kollha li jużaw ċertifikati skont punt 2.1.1 tal-Anness I	PI; CI	1.9.2009	1.1.2011	

Qari:

Standard ta' emissjonijiet "Euro 5a" = jeskludi l-proċeduri riveduti ta' kejl għal materja f'partiċelli, l-istandard tan-numru ta' partiċelli u l-ittestjar tal-emissjonijiet f'temperatura baxxa minn vettura flex fuel bil-bijofjuwil;
Standard ta' emissjonijiet "Euro 5b" = ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet kollha Euro 5 inkluża l-proċedura riveduta ta' kejl għall-materja f'partiċelli, l-istandard tan-numru ta' partiċelli għal vetturi CI u l-ittestjar tal-emissjonijiet f'temperatura baxxa minn vettura flex fuel bil-bijofjuwil;
Standard ta' emissjonijiet "Euro 6a" = jeskludi l-proċeduri riveduti ta' kejl għall-materja f'partiċelli, l-istandard tan-numru ta' partiċelli u l-ittestjar tal-emissjonijiet f'temperatura baxxa minn vettura flex fuel bil-bijofjuwil;
Standard ta' emissjonijiet "Euro 6b" = ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet Euro 6 inkluża l-proċedura riveduta ta' kejl għall-materja f'partiċelli, l-istandard tan-numru ta' partiċelli (valuri preliminari għal vetturi PI) u l-ittestjar tal-emissjonijiet f'temperatura baxxa minn vettura flex fuel bil-bijofjuwil;
Standard ta' emissjonijiet "Euro 6c" = ir-rekwiżiti tal-emissjonijiet kollha Euro 6, jiġifieri standard ta' emissjonijiet Euro 6b u l-istandards tan-numru ta' partiċelli finali għal vetturi PI;
Standard tal-OBD "Euro 5" = rekwiżiti Base Euro 5 OBD eskluż fir-rendiment waqt l-użu (IUPR), il-monitoraġġ tal-NO_x għall-vetturi li jieħdu l-petrol u l-limiti ta' limitu aktar stretti tal-PM għad-diżil;
Standard tal-OBD "Euro 5+" = jinkludu l-proporzjon rilassat ta' rendiment waqt l-użu (IUPR), il-monitoraġġ tal-NO_x għall-vetturi li jieħdu l-petrol u l-limiti ta' limitu aktar stretti tal-PM għad-diżil;
Standard tal-OBD "Euro 6-" = limiti rilassati tal-limitu OBD;
Standard OBD "Euro 6- flimkien mal-IUPR" = jinkludi limiti ta' limitu rilassati tal-OBD u proporzjon rilassat ta' rendiment waqt l-użu (IUPR);
Standard tal-OBD "Euro 6-1" = Rekwiżiti kollha tal-OBD Euro 6 iżda b'limiti preliminari tal-limitu tal-OBD kif definit fil-punt 2.3.4 tal-Anness XI u IUPR parzjalment rilassat;
Standard tal-OBD "Euro 6-2" = Rekwiżiti kollha tal-OBD Euro 6 iżda b'limiti finali tal-limitu tal-OBD kif definit fil-punt 2.3.3 tal-Anness XI.

▼B

2. **Eżempji ta' numri ta' ċertifikazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip**

2.1. Aktar 'l isfel qed jingħata eżempju ta' l-ewwel approvazzjoni bla ebda estensjoni ta' vettura ħafifa tal-passiġġieri Euro 5. L-approvazzjoni ngħatat lir-regolament bażi u lir-regolament implimentattiv tiegħu, biex allura r-raba' komponent ikun 0001. Il-vettura hija tal-kategorija M_1 irrappreżentatta mill-ittra A. L-approvazzjoni nħarġet mill-Olanda:

e4*715/2007*692/2008A*0001*00

2.2. Dan it-tieni eżempju juri r-raba' approvazzjoni għat-tieni estensjoni ta' vettura ħafifa tal-passiġġieri Euro 5 tal-kategorija M_1G li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ħtiġijiet soċjali speċifiċi (l-ittra C). L-approvazzjoni ngħatat lir-regolament bażi u lil regolament li jemenda fis-sena 2009 u nħarġet mill-Ġermanja:

e1*715/2007*…/2009C*0004*02

▼B

Appendiċi 7

Iċ-ċertifikat tal-manifattur ta' konformità mar-rekwiżiti ta' rendiment waqt l-użu ta' l-OBD

(Il-manifattur): .....

(L-indirizz tal-manifattur): .....

Jiċċertifika li

— It-tipi ta' vetturi elenkati fid-dokument mehmuż ma' dan iċ-Ċertifikat huma f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-taqsima 3 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI ta' Regolament (KE) Nru 692/2008 relatati mar-rendiment waqt l-użu tas-sistema OBD fi-kundizzjonijiet kollha ta' sewqan li jkunu raġonevolment prevedibbli

— Il-pjan(ijiet) li jiddeskrivi/u l-kriterji tekniċi dettaljati biex jiġu inkrementati n-numeratur u d-denominatur ta' kull moniter mehmuż ma' dan iċ-Ċertifikat huwa/huma korrett(i) u komplut(i) għat-tipi kollha ta' vetturi li għalihom japplika dan iċ-Ċertifikat.

Magħmul fi [..... Post]

Fi [..... Data]

.....

[Il-firma tar-Rappreżentant tal-Manifattur]

Annessi:

— Lista tat-tipi ta' vetturi li għalihom japplika dan iċ-Ċertifikat

— Il-pjan(ijiet) li jiddeskrivi/u l-kriterji tekniċi dettaljati biex jiġu inkrementati n-numeratur u d-denominatur ta' kull moniter, kif ukoll pjan(ijiet) biex jiġu diżattivati n-numeraturi, id-denominaturi u d-denominatur ġenerali.

▼M1

ANNESS II

IL-KONFORMITÀ WAQT IS-SERVIZZ

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-konformità waqt is-servizz tal-emissjonijiet mit-tailpipe u OBD (inkluż $IUPR_M$) għal vetturi approvati għat-tip skont dan ir-Regolament.

2. IL-VERIFIKA TAL-KONFORMITÀ WAQT IS-SERVIZZ

2.1. Il-verifika tal-konformità waqt is-servizz mill-awtorità tal-approvazzjoni għandha titwettaq fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jkollu l-manifattur, skont l-istess proċeduri bħal dawk għall-konformità tal-produzzjoni definiti fl-Artikolu 12(1) u (2) tad-Direttiva 2007/46/KE u fil-punti 1 u 2 tal-Anness X ta' dik id-Direttiva. L-informazzjoni mill-ittestjar ta' sorveljanza tal-awtorità tal-approvazzjoni u tal-Istat Membru tista' tikkomplementa r-rapporti ta' monitoraġġ waqt is-servizz ipprovduti mill-manifattur.

2.2. Il-figura li tissemma fil-punt 9 tal-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness u l-Figura 4/2 tal-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE (għal emissjonijiet mit-tailpipe biss) jispjegaw il-proċedura għallkontroll tal-konformità waqt is-servizz. Il-proċess għall-konformità waqt is-servizz huwa deskritt fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

2.3. Bħala parti mill-informazzjoni pprovduta għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz, fuq it-talba tal-awtorità tal-approvazzjoni, il-manifattur għandu jirrapporta lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dwar talbiet għal garanzija, xogħlijiet ta' tiswija bil-garanzija u ħsarat fl-OBD irreġistrati waqt is-servis, skont format miftiehem waqt l-approvazzjoni tat-tip. L-informazzjoni għandha tispjega fid-dettall il-frekwenza u s-sustanza tal-ħsarat għall-komponenti u għas-sistemi relatati mal-emissjonijiet. Ir-rapporti għandhom jiġu preżentati mill-inqas darba fis-sena għal kull mudell ta' vettura sakemm idum il-perjodu definit fl-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament.

2.4. **Il-parametri li jiddefinixxu l-familja ta' waqt is-servizz tal-emissjonijiet mit-tailpipe**

Il-familja ta' waqt is-servizz tista' tiġi definita permezz tal-parametri bażiċi tad-disinn li għandhom ikunu komuni għall-vetturi fi ħdan il-familja. Għaldaqstant, it-tipi ta' vetturi jistgħu jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess familja ta' waqt is-servizz jekk ikollhom komuni, jew fi ħdan it-tolleranzi dikjarati, il-parametri li ġejjin:

2.4.1. il-proċess kombustibbli (two stroke, four stroke, rotatorju);

2.4.2. in-numru ta' ċilindri;

2.4.3. il-konfigurazzjoni tal-blokka taċ-ċilindru (allinjata, V, radjali, orizzontalment opposta, oħrajn. L-inklinazzjoni jew l-orjentazzjoni taċ-ċilindri mhix kriterju);

2.4.4. il-metodu tal-alimentazzjoni tal-magna (eż. injezzjoni indiretta jew diretta);

2.4.5. it-tip tas-sistema ta' tkessiħ (arja, ilma, żejt);

2.4.6. il-metodu tal-aspirazzjoni (aspirat naturalment, iċċarġjat bil-pressjoni);

2.4.7. il-fjuwil li għalih hija ddiżinjata l-magna (petrol, diżil, NG, LPG, eċċ). Vetturi li jieħdu żewġ fjuwils jistgħu jiġu ggruppati mal-vetturi li jieħdu fjuwil speċifiku sakemm wieħed mill-fjuwils ikun komuni;

▼M1

2.4.8. it-tip ta' konvertitur katalitiku (katalista three-way, nasba rqiqa għall-NO_x, SCR, katalista rqiqa tal-NO_x jew ieħor (oħrajn));

2.4.9. it-tip ta' nasba għall-partikulati (biha jew mingħajrha);

2.4.10. ir-riċirkolazzjoni tal-gassijiet tal-egżost (biha jew mingħajrha, imkessħa jew mhux imkessħa); u

2.4.11. il-kapaċità taċ-ċilindri tal-magna tal-akbar magna fi ħdan il-familja neħħi 30 %.

2.5. **Ir-rekwiżiti tal-informazzjoni**

Il-verifika tal-konformità waqt is-servizz se ssir mill-awtorità tal-approvazzjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-manifattur. Tali informazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari dan li ġej:

2.5.1. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

2.5.2. l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u tal-faks u l-indirizz elettroniku tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu fi ħdan l-oqsma koperti mill-informazzjoni tal-manifattur;

2.5.3. l-isem/ismijiet tal-mudell(i) tal-vetturi inkluż(i) fl-informazzjoni tal-manifattur;

2.5.4. fejn xieraq, il-lista tat-tipi ta' vetturi koperti mill-informazzjoni tal-manifattur, jiġifieri għal emissjonijiet mit-tailpipe, il-grupp tal-familja ta' waqt is-servizz skont il-punt 2.4, u għall-OBD u $IUPR_M$, il-familja OBD skont l-Appendiċi 2 tal-Anness XI;

2.5.5. il-kodiċijiet tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) applikabbli għal dawn it-tipi ta' vetturi fi ħdan il-familja (il-prefiss tal-VIN);

2.5.6. in-numri tal-approvazzjonijiet tat-tip applikabbli għal dawn it-tipi ta' vetturi fi ħdan il-familja ta' waqt is-servizz, inklużi, fejn applikabbli, in-numri tal-estensjonijiet kollha u tat-tiswijiet li jsiru fil-post/irtirar ta' prodott difettuż (mudelli ġodda);

2.5.7. id-dettalji tal-estensjonijiet, tat-tiswijiet fil-post/irtirar ta' prodott difettuż għal dawk l-approvazzjonijiet tat-tip għall-vetturi koperti mill-informazzjoni tal-manifattur (jekk ikunu mitluba mill-awtorità tal-approvazzjoni);

2.5.8. il-perjodu ta' żmien li matulu nġabret l-informazzjoni tal-manifattur;

2.5.9. il-perjodu tal-bini tal-vettura kopert mill-informazzjoni tal-manifattur (eż. il-vetturi manifatturati matul is-sena kalendarja 2007);

2.5.10. il-proċedura tal-manifattur għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz, inklużi:

(i) il-metodu biex tinstab il-vettura;

(ii) il-kriterji għall-għażla u għaċ-ċaħda tal-vettura;

(iii) it-tipi ta' testijiet u l-proċeduri użati għall-programm;

(iv) il-kriterji tal-manifattur għall-aċċettazzjoni/għaċ-ċaħda għall-grupp tal-familja;

(v) iż-żona(i) ġeografika/ċi li fihom il-manifattur ġabar l-informazzjoni;

(vi) id-daqs tal-kampjun u l-pjan għat-teħid tal-kampjuni użat;

▼M1

2.5.11. ir-riżultati mill-proċedura tal-manifattur għall-konformità waqt is-servizz, inklużi:

(i) l-identifikazzjoni tal-vetturi inklużi fil-programm (kemm jekk ittestjati u kemm jekk le). L-identifikazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

— l-isem tal-mudell,

— in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN),

— in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura,

— id-data tal-manifattura,

— ir-reġjun ta' użu (meta jkun magħruf),

— it-tajers imwaħħla (emissjonijiet mit-tailpipe biss);

(ii) ir-raġuni(jiet) għalfejn vettura ġiet miċħuda mill-kampjun;

(iii) l-istorja tas-servizz għal kull vettura fil-kampjun (inkluż kull xogħol li kellu jsir iżjed minn darba);

(iv) l-istorja tat-tiswijiet għal kull vettura fil-kampjun (fejn tkun magħrufa);

(v) id-dejta tat-test, inkluża din li ġejja:

— id-data tat-test/tniżżil,

— il-post fejn sar it-test/tniżżil,

— id-distanza indikata fuq l-odometru tal-vettura;

(vi) id-dejta tat-test għal emissjonijiet mit-tailpipe biss:

— l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwil użat għat-test (eż. il-fjuwil ta' referenza użat għat-test jew il-fjuwil fis-suq),

— il-kundizzjonijiet tat-test (it-temperatura, l-umdità, il-piż tal-inerzja tad-dinamometru),

— is-settings tad-dinamometru (eż. is-setting tal-qawwa),

— ir-riżultati tat-test (minn għallinqas tliet vetturi differenti għal kull familja);

(vii) id-dejta tat-test għal $IUPR_M$ biss;

— id-dejta kollha meħiegħa mniżżla mill-vettura;

— għal kull moniter li jrid jiġi rrappurtat il-proporzjon tal-prestazzjoni waqt l-użu $IUPR_M$;

2.5.12. ir-rekords ta' indikazzjoni mis-sistema OBD;

2.5.13. għat-teħid ta' kampjuni $IUPR_M$, dan li ġej:

— Il-medja tal-proporzjonijiet tal-prestazzjoni waqt l-użu IUPRM tal-vetturi magħżula kollha għal kull moniter skont il-punti 3.1.4. u 3.1.5. tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI;

— Il-perċentwali tal-vetturi magħżula, li għandhom $IUPR_M$ ikbar jew daqs il-valur minimu applikabbli għall-moniter skont il-punti 3.1.4. u 3.1.5. tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI.

▼M1

3. L-GĦAŻLA TAL-VETTURI GĦALL-KONFORMITÀ WAQT IS-SERVIZZ

3.1. L-informazzjoni miġbura mill-manifattur għandha tkun komprensiva biżżejjed biex tiżgura li r-rendiment waqt is-servizz tista' tkun ivvalutata għall-kundizzjonijiet normali tal-użu. It-teħid tal-kampjuni tal-manifattur għandu jsir minn għallinqas żewġ Stati Membri b'kundizzjonijiet operattivi tal-vetturi li jkunu sostanzjalment differenti (sakemm mhux mibjugħa biss fi Stat Membru wieħed). Fl-għażla tal-Istati Membri għandhom jitqiesu fatturi bħad-differenzi fil-fjuwils, il-kundizzjonijiet ambjentali, il-veloċitajiet medji fit-triq, u l-qasma bejn is-sewqan urban/fl-awtostrada.

Għal ittestjar tal-OBD IUPR$_M$ għandhom jiġu inklużi fil-kampjun tat-test biss dawk il-vetturi li jissodisfaw il-kriterji tal-punt 2.2.1. tal-Appendiċi 1.

3.2. Fl-għażla tal-Istati Membri għat-teħid tal-kampjuni tal-vetturi, il-manifattur jista' jagħżel vetturi minn Stat Membru li jitqies bħala partikolarment rappreżentattiv. F'dan il-każ, il-manifattur għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip li l-għażla hija rappreżentattiva (eż. billi s-suq ikollu l-akbar bejgħ annwali ta' familja ta' vetturi fl-Unjoni). Meta familja teħtieġ li aktar minn lott ta' kampjun wieħed jiġi ttestjat, kif ġie definit fil-punt 3.5, il-vetturi fit-tieni u fit-tielet lottijiet tal-kampjun għandhom jirriflettu kundizzjonijiet operattivi tal-vetturi differenti minn dawk magħżula għall-ewwel kampjun.

3.3. L-ittestjar tal-emissjonijiet jista' jsir f'faċilità tat-testijiet li tinsab f'suq jew f'reġjun differenti minn fejn intgħażlu l-vetturi.

3.4. It-testijiet ta' konformità waqt is-servizz, tal-emissjonijiet mit-tailpipe, mill-manifattur għandhom jitwettqu b'mod kontinwu fejn jirriflettu ċ-ċiklu ta' produzzjoni tat-tipi applikabbli tal-vetturi fi ħdan familja partikolari ta' vetturi ta' waqt is-servizz. Il-perjodu massimu ta' żmien bejn il-bidu ta' żewġ kontrolli ta' konformità waqt is-servizz m'għandux jeċċedi t-18-il xahar. Fil-każ ta' tipi ta' vetturi koperti minn estensjoni għall-approvazzjoni tat-tip li ma kinitx teħtieġ test tal-emissjonijiet, dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal 24 xahar.

3.5. **Daqs tal-kampjun**

3.5.1. Meta tiġi applikata l-proċedura statistika definita fl-Appendiċi 2 (jiġifieri għal emissjonijiet mit-tailpipe), in-numru tal-lottijiet tal-kampjuni għandu jiddependi mill-volum ta' bejgħ annwali ta' familja ta' waqt is-servizz fl-Unjoni, kif ġie definit fit-tabella li ġejja:

Reġistrazzjonijiet UE — għal kull sena kalendarja (għal testijiet għal emissjonijiet mit-tailpipe) — ta' vetturi ta' familja OBD b'IUPR fil-perjodu tat-teħid tal-kampjuni	Numru ta' lottijiet tal-kampjun
sa 100 000	1
100 001 sa 200 000	2
aktar minn 200 000	3

▼**M1**

3.5.2. Għal IUPR, in-numru ta' lottijiet tal-kampjun li għandu jittieħed huwa deskritt fit-tabella fil-punt 3.5.1 u huwa bbażat fuq in-numru ta' vetturi ta' familja OBD li huma approvati b'IUPR (suġġett għat-teħid tal-kampjuni).

Għall-ewwel perjodu tat-teħid tal-kampjuni ta' familja OBD, it-tipi kollha tal-vettura fil-familja li huma approvati b'IUPR għandhom jitqiesu bħala suġġetti għat-teħid tal-kampjuni. Għall-perjodi sussegwenti tat-teħid tal-kampjuni, huma biss it-tipi ta' vetturi li ma kinux ġew ittestjati qabel jew li huma koperti minn approvazzjonijiet tal-emissjonijiet li ġew estiżi mill-perjodu tat-teħid tal-kampjuni preċedenti li għandhom jitqiesu bħala suġġetti għat-teħid tal-kampjuni.

Għal familji magħmula minn inqas minn 5 000 reġistrazzjoni UE li huma suġġetti għat-teħid tal-kampjuni fil-perjodu tat-teħid tal-kampjuni n-numru minimu ta' vetturi f'lott tal-kampjun huwa sitta. Għall-familji l-oħra kollha, in-numru minimu ta' vetturi f'lott tal-kampjun huwa ħmistax.

Kull lott tal-kampjun għandu jirrappreżenta adegwatament ix-xejra tal-bejgħ, jiġifieri għall-inqas tipi ta' vetturi b'volum għoli (≥ 20 % tat-total tal-familja) għandhom jiġu rappreżentati.

4. Fuq il-bażi tal-verifika msemmija fit-taqsima 2 l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tadotta waħda mid-deċiżjonijiet u mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tiddeċiedi li l-konformità waqt is-servizz ta' tip ta' vettura, ta' familja ta' vetturi waqt is-servizz jew ta' familja OBD ta' vettura hija sodisfaċenti u li m'hemmx għalfejn tieħu azzjoni ulterjuri;

(b) tiddeċiedi li d-dejta pprovduta mill-manifattur mhix biżżejjed biex tittieħed deċiżjoni u titlob informazzjoni jew dejta tat-testijiet addizzjonali mingħand il-manifattur;

(c) tiddeċiedi li fuq il-bażi tad-dejta mill-programmi tal-ittestjar tas-sorveljanza tal-awtorità tal-approvazzjoni jew tal-Istat Membru, dik l-informazzjoni pprovduta mill-manifattur mhix biżżejjed sabiex tittieħed deċiżjoni u tintalab informazzjoni jew dejta tat-test addizzjonali mingħand il-manifattur;

(d) tiddeċiedi li l-konformità waqt is-servizz ta' tip ta' vettura li hija parti minn familja ta' waqt is-servizz, jew ta' familja OBD, mhix sodisfaċenti u tipproċedi biex tali tip ta' vettura jew familja OBD jiġi ttestjat skont l-Appendiċi 1.

Jekk skont il-verifika tal-$IUPR_M$ il-kriterji tat-test tal-punt 6.1.2 (a) jew (b) tal-Appendiċi 1 jintlaħqu għal vetturi f'lott kampjun, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip trid tieħu l-azzjoni ulterjuri deskritta fil-punt (d) ta' dan il-punt.

4.1. Fejn it-testijiet tat-tip 1 jitqies li huma meħtieġa biex tkun ikkontrollata l-konformità tat-tagħmir għall-kontroll tal-emissjonijiet għar-rendiment tagħhom waqt is-servizz, tali testijiet għandhom jitwettqu billi tintuża proċedura tat-test li tissodisfa l-kriterji statistiċi definiti fl-Appendiċi 2.

4.2. L-awtorità tal-approvazzjoni, b'kooperazzjoni mal-manifattur, għandha tagħżel kampjun ta' vetturi li għamlu biżżejjed mili li l-użu tagħhom f'kundizzjonijiet normali jista' jkun raġonevolment żgurat. Il-manifattur għandu jkun ikkonsultat dwar l-għażla tal-vetturi fil-kampjun u jitħalla jieħu sehem fil-kontrolli ta' konferma fuq il-vetturi.

4.3. Il-manifattur għandu jkun awtorizzat, taħt is-superviżjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni, biex iwettaq kontrolli, anki ta' natura qerrieda, fuq dawk il-vetturi b'livelli ta' emissjonijiet li jeċċedu l-valuri ta' limitu bil-għan li jistabbilixxi l-kawżi possibbli ta' deterjorament li ma jistgħux ikunu attribwiti lill-manifattur (eż. l-użu ta' petrol biċ-ċomb qabel id-dejta tat-test). Fejn ir-riżultati tal-kontrolli jikkonfermaw tali kawżi, dawk ir-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu eskluży mill-kontroll tal-konformità.

▼M1

Appendiċi 1

Il-verifika tal-konformità waqt is-servizz

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-kriterji li jissemmew fit-taqsima 4 rigward l-għażla ta' vetturi biex jiġu ttestjati u l-proċeduri għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz.

2. IL-KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Il-kriterji biex tiġi aċċettata vettura magħżula huma definiti għal emissjonijiet mit-tailpipe fil-punti 2.1 sa 2.8 u għall-$IUPR_M$ fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.5.

2.1. Il-vettura għandha tappartjeni għal tip ta' vettura li tkun approvata għat-tip skont dan ir-Regolament u li tkun koperta b'ċertifikat ta' konformità skont id-Direttiva 2007/46/KE. Għall-kontroll tal-IUPRM, il-vettura għandha tkun approvata għall-istandards OBD Euro 5+, Euro 6- plus IUPR jew aktar tard. Għandha tkun irreġistrata u tkun ġiet użata fl-Unjoni.

2.2. Il-vettura għandha tkun ilha taħdem għal mill-inqas 15 000 km jew 6 xhur, liema minnhom jiġi l-aktar tard, u għal mhux aktar minn 100 000 km jew 5 snin, liema minnhom jiġi l-ewwel.

2.2.1. Għall-kontroll tal-$IUPR_M$, il-kampjun tat-test għandu jinkludi biss vetturi li:

(a) ġabru dejta suffiċjenti dwar l-operat tal-vettura għall-moniter li jrid jiġi ttestjat.

Għal moniters li jeħtieġ li jissodisfaw il-proporzjon ta' rendiment waqt l-użu tal-moniter u li jintraċċaw u jirrapportaw dejta dwar il-proporzjon skont il-punt 3.6.1 tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI, dejta suffiċjenti dwar l-operat tal-vettura għandha tfisser li d-denominatur jissodisfa l-kriterji stipulati hawn taħt. Id-denominatur, kif definit fil-punti 3.3 u 3.5 tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI, għall-moniter li jrid jiġi ittestjat irid ikollu valur ugwali għal jew ikbar minn wieħed mill-valuri li ġejjin:

(i) 75 għal moniters tas-sistema evaporattiva, moniters tas-sistema tal-arja sekondarja, u monitors li jutilizzaw denominatur inkrementat skont il-punti (a), (b) jew (c) tal-punt 3.3.2 tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI (eż. moniters tal-istartjar kiesaħ, moniters tas-sistema tal-arja kundizzjonata, eċċ.), jew

(ii) 25 għal moniters tal-filtri tal-partikulati u moniters tal-katalista ta' ossidazzjoni li jutilizzaw denominatur inkrementat skont il-punt (d) tal-punt 3.3.2 tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI, jew

(iii) 150 għal moniters tal-katalista, tas-sensur tal-ossiġnu, tal-EGR, tal-VVT, u tal-komponenti l-oħra kollha;

(b) ma jkunux ġew imbagħbsa jew mgħammra b'partijiet miżjuda jew modifikati li jwasslu biex is-sistema OBD ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness XI.

2.3. Għandu jkun hemm rekord ta' manutenzjoni li juri li l-vettura inżammet sew (eż. sarilha s-servis skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur).

▼M1

2.4. Il-vettura m'għandha turi l-ebda indikazzjoni ta' abbuż (eż. tlielaq, tagħbija żejda, alimentazzjoni bi fjuwil ħażin, jew użu ħażin ieħor), jew fatturi oħra (eż. tbagħbis) li jistgħu jaffettwaw ir-rendiment tal-emissjonijiet. Għandhom jitqiesu l-kodiċi tal-ħsara u l-informazzjoni dwar il-mili maħżuna fil-kompjuter. Vettura m'għandhiex tingħażel għall-ittestjar jekk l-informazzjoni maħżuna fil-kompjuter turi li l-vettura ħadmet wara li nħażen kodiċi tal-ħsara u ma saritx tiswija pjuttost fil-pront.

2.5. M'għandha tkun saret l-ebda tiswija kbira mhux awtorizzata tal-magna jew l-ebda tiswija kbira tal-vettura.

2.6. Il-kontenut taċ-ċomb u tal-kubrit ta' kampjun tal-fjuwil meħud mit-tank tal-vettura għandu jissodisfa l-istandards applikabbli stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u m'għandu jkun hemm l-ebda evidenza ta' alimentazzjoni bi fjuwil ħażin. Jistgħu jsiru kontrolli fit-tailpipe.

2.7. M'għandu jkun hemm l-ebda indikazzjoni ta' kwalunkwe problema li tista' tipperikola s-sikurezza tal-persunal tal-laboratorju.

2.8. Il-komponenti kollha tas-sistema ta' kontra t-tniġġis li hemm fuq il-vettura għandhom ikunu konformi mal-approvazzjoni tat-tip applikabbli.

3. ID-DIJANJOSI U L-MANUTENZJONI

Id-dijanjosi u kwalunkwe manutenzjoni normali meħtieġa għandhom jitwettqu fuq vetturi aċċettati għall-ittestjar, qabel ma jitkejlu l-emissjonijiet mill-egżost, skont il-proċedura stabbilita fil-punti 3.1 sa 3.7.

3.1. Għandhom isiru l-kontrolli li ġejjin: kontrolli tal-filtru tal-arja, taċ-ċintorini tas-sewqan kollha, tal-livelli tal-fluwidi kollha, tat-tapp tar-radjatur, tal-pajpijiet tal-vakwu kollha u tal-wajers tad-dawl relatati mas-sistema ta' kontra t-tniġġis kollha; kontrolli tal-ignixin, tal-kejl tal-fjuwil u tal-komponenti tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis. Id-diskrepanzi kollha għandhom jiġu reġistrati.

3.2. Is-sistema OBD għandha tkun ikkontrollata sabiex ikun ivverifikat li qed taħdem sew. Kwalunkwe indikazzjoni ta' ħsara għandha tiġi reġistrata fil-memorja tal-OBD u għandhom isiru t-tiswijiet meħtieġa. Jekk l-indikatur ta' ħsara fl-OBD jindika ħsara waqt ċiklu tal-prekundizzjonament, il-ħsara tista' tiġi identifikata u msewwija. It-test jista' jerġa' jsir u jintużaw ir-riżultati ta' dik il-vettura msewwija.

3.3. Is-sistema tal-ignixin għandha tiġi kontrollata u l-komponenti difettużi sostitwiti, pereżempju l-ispark plaggs, il-kejbils, eċċ.

3.4. Il-kompressjoni għandha tiġi kontrollata. Jekk ir-riżultat ma jkunx sodisfaċenti, il-vettura għandha tiġi miċħuda.

3.5. Il-parametri tal-magna għandhom jiġu kontrollati skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur u, jekk ikun meħtieġ, għandhom jiġu aġġustati.

3.6. Jekk il-vettura jonqosha 800 km għal servis ta' manutenzjoni skedat, dak is-servis għandu jitwettaq skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Irrispettivament mill-qari tal-odometru, il-filtri taż-żejt u tal-arja jistgħu jinbidlu fuq it-talba tal-manifattur.

3.7. Kif tiġi aċċettata l-vettura, il-fjuwil għandu jiġi sostitwit bil-fjuwil ta' referenza tat-test tal-emissjonijiet xieraq, sakemm il-manifattur ma jaċċettax li jintuża l-fjuwil tas-suq.

([1]) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

▼**M1**

4. L-ITTESTJAR WAQT IS-SERVIZZ

4.1. Meta jitqies li jkun meħtieġ kontroll fuq il-vetturi, għandhom jitwettqu t-testijiet tal-emissjonijiet skont l-Anness III fuq vetturi prekundizzjonati magħżula skont ir-rekwiżiti tat-Taqsimiet 2 u 3 ta' dan l-Appendiċi. Dan it-test għandu jinkludi biss il-kejl tal-emissjonijiet tan-numru tal-partikuli għal vetturi approvati għall-istandards tal-emissjonijiet Euro 6 fil-kategoriji W, X u Y kif definiti fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 6 tal-Anness I. Ċikli prekundizzjonati addizzjonali għal dawk speċifikati fil-punt 5.3 tal-Anness 4 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE jiġu permessi biss jekk huma rappreżentattivi tas-sewqan normali.

4.2. Vetturi mgħammra b'sistema OBD jistgħu jiġu kontrollati għall-funzjonalità xierqa waqt is-servizz tal-indikatur ta' ħsara, eċċ., b'relazzjoni għal-livelli tal-emissjonijiet (eż. il-limiti tal-indikazzjoni tal-ħsara definiti fl-Anness XI) għall-ispeċifikazzjonijiet approvati għat-tip.

4.3. Is-sistema OBD tista' tiġi kontrollata, pereżempju, għal-livelli ta' emissjonijiet 'il fuq mill-valuri ta' limitu applikabbli bl-ebda indikazzjoni ta' ħsara, attivazzjoni sistematika żbaljata tal-indikazzjoni ta' ħsara u komponenti difettużi jew deterjorati indikati fis-sistema OBD.

4.4. Jekk komponent jew sistema taħdem b'mod mhux kopert mill-partikolaritajiet fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u/jew mill-pakkett ta' informazzjoni għal tali tipi ta' vetturi u tali devjazzjoni ma ġietx awtorizzata skont l-Artikolu 13(1) jew (2) tad-Direttiva 2007/46/KE, bl-ebda indikazzjoni tal-ħsara mill-OBD, il-komponent jew is-sistema m'għandux jiġi sostitwit qabel l-ittestjar tal-emissjonijiet, sakemm ma jkunx iddeterminat li l-komponent jew is-sistema ġie mbagħbas jew abbużat b'tali mod li l-OBD ma jiskoprix il-ħsara li rriżultat.

5. L-EVALWAZZJONI TAR-RIŻULTATI TAT-TESTIJIET DWAR L-EMISSJONIJIET

5.1. Ir-riżultati tat-test għandhom jitressqu għall-proċedura ta' evalwazzjoni skont l-Appendiċi 2.

5.2. Ir-riżultati tat-test m'għandhomx jiġu multiplikati b'fatturi ta' deterjorament.

6. IL-PJAN TAL-MIŻURI RIMEDJALI

6.1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob lill-manifattur biex iressaq pjan ta' miżuri rimedjali biex jirrimedja għan-nuqqas ta' konformità meta:

6.1.1. Għal emissjonijiet mit-tailpipe, jinstab li aktar minn vettura waħda tkun qed tagħmel emissjonijiet aktar milli suppost u tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3.2.3. tal-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE u kemm l-awtorità tal-approvazzjoni kif ukoll il-manifattur jaqblu li l-emissjoni żejda hija minħabba l-istess raġuni, jew

(b) tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3.2.4 tal-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE fejn l-awtorità tal-approvazzjoni ddeterminat li l-emissjoni żejda hija minħabba l-istess raġuni.

▼M1

6.1.2. Għall-IUPR$_M$ ta' moniter partikolari M il-kundizzjonijiet statistiċi li ġejjin huma sodisfatti f'kampjun tat-test, li d-daqs tiegħu huwa ddeterminat skont il-punt 3.5. ta' dan l-Anness:

(a) Għal vetturi ċertifikati għal proporzjon ta' 0,1 skont il-punt 3.1.5. tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI, id-dejta miġbura mill-vetturi tindika għal mill-inqas moniter wieħed M fil-kampjun tat-test jew li l-proporzjon medju ta' prestazzjoni waqt l-użu tal-kampjun tat-test huwa inqas minn 0,1 jew li 66 fil-mija jew aktar tal-vetturi fil-kampjun tat-test għandhom proporzjon tal-prestazzjoni waqt l-użu tal-moniter ta' inqas minn 0,1.

(b) Għal vetturi ċertifikati għal proporzjonijiet sħaħ skont il-punt 3.1.4 tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI, id-dejta miġbura mill-vetturi tindika għal mill-inqas moniter wieħed M fil-kampjun tat-test jew li l-proporzjon medju ta' rendiment waqt l-użu tal-kampjun tat-test huwa inqas mill-valur Test$_{min}$(M) jew li 66 fil-mija jew aktar tal-vetturi fil-kampjun tat-test għandhom proporzjon tal-prestazzjoni waqt l-użu ta' inqas minn Test$_{min}$(M). Il-valur ta' Test$_{min}$(M) għandu jkun:

Il-valur tat- Test$_{min}$(M) għandu jkun:

(i) 0,230 jekk il-moniter M jeħtieġ li jkollu proporzjon waqt l-użu ta' 0,26;

(ii) 0,460 jekk il-moniter M jeħtieġ li jkollu proporzjon waqt l-użu ta' 0,52;

(iii) 0,297 jekk il-moniter M jeħtieġ li jkollu proporzjon waqt l-użu ta' 0,336,

skont il-punt 3.1.4. tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI.

6.2. Il-pjan tal-miżuri rimedjali għandu jiġi preżentat lill-awtorità tal-approvazzjoni mhux aktar tard minn 60 jum ta' xogħol mid-data tan-notifika msemmija fil-punt 6.1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, fi żmien 30 jum ta' xogħol, għandha tiddikjara l-approvazzjoni jew id-diżapprovazzjoni tagħha rigward il-pjan tal-miżuri rimedjali. Madankollu, tingħata estensjoni meta l-manifattur jista' juri, għas-sodisfazzjon tal-awtorità tal-approvazzjoni kompetenti, li jinħtieġ aktar żmien biex jiġi investigat in-nuqqas ta' konformità sabiex jitressaq pjan tal-miżuri rimedjali.

6.3. Il-miżuri rimedjali għandhom japplikaw għall-vetturi kollha li probabbilment ikunu affetwati mill-istess difett. Għandha tkun ivvalutata l-ħtieġa li jiġu emendati d-dokumenti tal-approvazzjoni tat-tip.

6.4. Il-manifattur għandu jipprovdi kopja tal-komunikazzjonijiet kollha relatati mal-pjan tal-miżuri rimedjali, u għandu wkoll iżomm rekord tal-kampanja ta' rtirar ta' prodott difettuż, eċċ., u jipprovdi rapporti ta' status regolari lill-awtorità tal-approvazzjoni.

6.5. Il-pjan tal-miżuri rimedjali għandu jinkludi r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 6.5.1 sa 6.5.11. Il-manifattur għandu jassenja isem jew numru ta' identifikazzjoni uniku lill-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.5.1. Deskrizzjoni ta' kull tip ta' vettura inkluż fil-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.5.2. Deskrizzjoni tal-modifikazzjonijiet, tal-alterazzjonijiet, tat-tiswijiet, tal-korrezzjonijiet, tal-aġġustamenti, jew ta' bidliet speċifiċi oħra li jridu jsiru biex il-vetturi jsiru konformi inkluż sommarju qasir tad-dejta u tal-istudji tekniċi li jappoġġjaw id-deċiżjoni tal-manifattur rigward il-miżuri partikolari li għandhom jittieħdu biex ikun korrett in-nuqqas ta' konformità.

6.5.3. Deskrizzjoni tal-metodu li permezz tiegħu l-manifattur jinforma lis-sidien tal-vetturi.

▼M1

6.5.4. Deskrizzjoni tal-manutenzjoni xierqa jew tal-użu xieraq, jekk ikun hemm, li l-manifattur jistipula bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà għal tiswija skont il-pjan tal-miżuri rimedjali, u spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex il-manifattur impona kwalunkwe kundizzjoni bħal din. L-ebda kundizzjoni għall-manutenzjoni jew għall-użu ma tista' tiġi imposta sakemm ma jkunx jista' jintwera li hija marbuta man-nuqqas ta' konformità u mal-miżuri rimedjali.

6.5.5. Deskrizzjoni tal-proċedura li għandhom isegwu s-sidien tal-vetturi biex jiksbu korrezzjoni tan-nuqqas ta' konformità. Din għandha tinkludi data li warajha jistgħu jittieħdu l-miżuri rimedjali, iż-żmien stmat biex il-ħanut tax-xogħol iwettaq it-tiswijiet u fejn jistgħu jsiru. It-tiswija għandha ssir b'mod xieraq, fi żmien raġonevoli wara l-konsenja tal-vettura.

6.5.6. Kopja tal-informazzjoni trażmessa lil sid il-vettura.

6.5.7. Deskrizzjoni qasira tas-sistema li l-manifattur juża biex jiżgura provvista adegwata ta' komponenti jew ta' sistemi biex iwettaq l-azzjoni rimedjali. Għandu jkun indikat meta se jkun hemm provvista adegwata ta' komponenti jew sistemi biex tinbeda l-kampanja.

6.5.8. Kopja tal-istruzzjonijiet kollha li għandhom jintbagħtu lil dawk il-persuni li se jwettqu t-tiswija.

6.5.9. Deskrizzjoni tal-impatt tal-miżuri rimedjali proposti fuq l-emissjonijiet, il-konsum tal-fjuwil, il-kumdità fis-sewqan, u s-sikurezza ta' kull tip ta' vettura, koperta mill-pjan tal-miżuri rimedjali bid-dejta u bl-istudji tekniċi li jappoġġjaw dawn il-konklużjonijiet.

6.5.10. Kwalunkwe informazzjoni, rapport jew dejta oħra li l-awtorità tal-approvazzjoni tista' raġonevolment tiddetermina li tkun meħtieġa biex jiġi evalwat il-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.5.11. Fejn il-pjan tal-miżuri rimedjali jinkludi rtirar ta' prodott difettuż għandha titressaq deskrizzjoni tal-metodu għar-reġistrazzjoni tat-tiswija quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip. Jekk tintuża tikketta, għandu jitressaq eżempju tagħha.

6.6. Il-manifattur jista' jkun meħtieġ iwettaq testijiet raġonevolment iddisinjati u meħtieġa fuq komponenti u vetturi billi jinkorpora bidla, tiswija, jew modifikazzjoni proposta biex juri l-effikaċja tal-bidla, tat-tiswija, jew tal-modifikazzjoni.

6.7. Il-manifattur huwa responsabbli miż-żamma ta' rekord ta' kull vettura rtirata minħabba difett, u msewwija, u tal-ħanut tax-xogħol li wettaq it-tiswija. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha aċċess għar-rekord meta titolbu għal perjodu ta' 5 snin mill-implimentazzjoni tal-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.8. It-tiswija u l-modifikazzjoni jew iż-żieda ta' tagħmir ġdid għandhom jiġu reġistrati f'ċertifikat ipprovdut mill-manifattur lil sid il-vettura.

▼**M1**

Appendiċi 2

Il-proċedura statistika għall-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz

1. Din il-proċedura għandha tintuża biex ikunu verifikati r-rekwiżiti tal-konformità waqt is-servizz għat-test tat-tip 1. Il-metodu statistiku applikabbli għandu jkun dak stabbilit fl-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE, bl-eċċezzjonijiet deskritti fit-Taqsimiet 2 sa 9 ta' dan l-Appendiċi.

2. In-nota 1 m'għandhiex tapplika.

3. Il-punt 3.2 għandu jinftiehem kif ġej:

   Vettura tingħad li tkun tagħmel emissjonijiet aktar milli suppost (outlying emitter) meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet mogħtija fil-punt 3.2.2.

4. Il-punt 3.2.1 m'għandux japplika.

5. Fil-punt 3.2.2, ir-referenza għar-ringiela B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4 għandha tinftiehem bħala referenza għat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 5 u għat-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 6.

6. Fil-punti 3.2.3.2.1 u 3.2.4.2, ir-referenza għat-taqsima 6 tal-Appendiċi 3 għandha tinftiehem bħala referenza għat-taqsima 6 tal-Appendiċi 1 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

7. Fin-noti 2 u 3, ir-referenza għar-ringiela A tat-tabella fil-punt 5.3.1.4 għandha tinftiehem bħala referenza għat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 5 u għat-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 6.

8. Fil-punt 4.2, ir-referenza għall-punt 5.3.1.4 għandha tinftiehem bħala referenza għat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 5 u għat-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 6.

9. Il-figura 4/1 għandha tiġi sostitwita bil-figura li ġejja:

▼M1

"Figura 4/1



(1) F'dan il-każ, AAT tfisser l-awtorità ta ' approvazzjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament."

▼M1

Appendiċi 3

Ir-responsabbiltajiet għall-konformità waqt is-servizz

1. Il-proċess biex jiġi kontrollat il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz ġie spjegat fil-Figura 1

2. Il-manifattur għandu jikkompila l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness. L-awtorità tal-approvazzjoni tista' wkoll tqis informazzjoni mill-programmi ta' sorveljanza.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha twettaq il-proċeduri u t-testijiet kollha meħtieġa sabiex ikun żgurat li r-rekwiżiti rigward il-konformità waqt is-servizz qed jiġu sodisfatti (il-Fażijiet 2 sa 4).

4. Fil-każ ta' diskrepanzi jew ta' nuqqas ta' qbil fil-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob kjarifika mingħand is-servizz tekniku li wettaq it-test tal-approvazzjoni tat-tip.

5. Il-manifattur għandu jistabbilixxi u jimplimenta pjan ta' miżuri rimedjali. Dan il-pjan għandu jkun approvat mill-awtorità tal-approvazzjoni qabel ma jkun implimentat (il-Fażi 5).

Figura 1

Spjegazzjoni tal-proċess ta' konformità waqt is-servizz



▼B

ANNESS III

IL-VERIFIKA TA' L-EMISSJONIJIET MEDJI TA' L-EGŻOST F'KUNDIZZJONIJIET AMBJENTALI

(IT-TEST TAT-TIP 1)

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura għat-test tat-tip 1 li jivverifika l-emissjonijiet medji ta' l-egżost f'kundizzjoinjiet ambjentali.

2. IR-REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 5.3.1. tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet deskritti fit-taqsimiet 2.2. sa 2.5.

2.2. Il-vetturi li huma suġġetti għat-test stabbilit fil-paragrafu 5.3.1.1. għandu jinftiehem li huma l-vetturi kollha koperti mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.

2.3. L-inkwinanti speċifikati fil-paragrafu 5.3.1.2.4. għandu jinftiehem li huma dawk kollha koperti mit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

2.4. Ir-referenza għall-fatturi ta' deterjorament mill-paragrafu 5.3.6. fil-paragrafu 5.3.1.4. għandha tinftiehem bħala li hija referenza għall-fatturi ta' deterjorament speċifikati fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

2.5. Il-limiti ta' emissjoni li jissemmew fil-paragrafu 5.3.1.4 għandu jinftiehem li huma referenza għal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fit-Tabella 1 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 5 u għat-Tabella 2 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 6.

2.6. Ir-rekwiżiti għall-vetturi alimentati bl-LPG, bil-gass naturali jew bil-bijometanu

2.6.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għall-ittestjar ta' vetturi alimentati bl-LPG, bil-gass naturali jew bil-bijometanu għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsima 1 ta' l-Anness 12 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

3. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

▼M1

3.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness 4 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-punti 3.2 sa 3.12. Mid-dati stipulati fit-tieni sentenza tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 il-massa ta' materja f'partikuli (PM) u n-numru tal-partikuli (P) għandhom jiġu determinati skont il-proċedura tat-test tal-emissjoni stipulata fit-taqsima 6 tal-Anness 4a tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE, sensiela ta' emendi 05, supplement 07, bl-użu tat-tagħmir tal-ittestjar deskritt fil-punti 4.4 u 4.5 tiegħu, rispettivament.

▼B

3.2. Il-fjuwils ta' referenza speċifikati fil-paragrafu 3.2. għandu jinftiehem li huma referenza għall-ispeċifikazzjoni xierqa tal-fjuwil ta' referenza fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

▼M3

3.3. Il-gassijiet tal-egżost imsemmija fil-paragrafu 4.3.1.1. għandhom jinftiehmu bħala li jinkludu l-metan, l-ilma u l-idroġenu:

"…(HFID). Għandu jkun ikkalibrat bil-gass tal-propan espress bħala ekwivalenti għall-atomi tal-karbonju (C_1).

▼M3

Analiżi tal-metan (CH_4):

L-analizzatur se jkun jew kromatografu tal-gass ikkombinat b'tip ta' jonizzazzjoni bi fjamma (FID) jew jonizzazzjoni bi fjamma (FID) b'tip ta' taljatur mhux tal-metan, ikkalibrat b'gass tal-metan espress bħala ekwivalenti għall-atomi tal-karbonju (C_1).

Analiżi tal-ilma (H_2O):

L-analizzatur għandu jkun tat-tip tal-assorbiment tal-infraaħmar mhux dispersiv (NDIR). L-NDIR għandu jiġi kkalibrat jew bil-fwar tal-ilma jew bil-propilen (C_3H_6). Jekk l-NDIR jiġi kkalibrat bil-fwar, għandu jkun żgurat li ma jista' jkun hemm l-ebda kondensazzjoni tal-ilma fit-tubi u l-konnessjonijiet waqt il-proċess tal-kalibrazzjoni. Jekk l-NDIR jiġi kkalibrat bil-propilen, il-manufattur tal-analizzatur għandu jipprovdi l-informazzjoni biex il-konċentrazzjoni tal-propilen tiġi kkonvertita għall-konċentrazzjoni korrespondenti tagħha tal-fwar tal-ilma. Il-valuri għall-konverżjoni għandhom jiġu vverifikati perjodikament mill-manifattur tal-analizzatur, mill-inqas darba fis-sena.

Analiżi tal-idroġenu (H_2):

L-analizzatur għandu jkun tat-tip tal-ispettrometrija tal-massa tas-sector field, kkalibrat bl-idroġenu.

Ossidu tan-nitroġenu (NO_x)…"

3.3.a. Il-gassijiet puri msemmija fil-paragrafu 4.5.1. qed jinftiehmu li jinkludu l-propilen:

"…propan: (purità minima ta' 99,5 fil-mija).

propilen: (purità minima ta' 99,5 fil-mija)."

▼B

3.4. Il-proporzjonijiet ta' l-idrokarbonji fil-paragrafu 8.2 għandhom jinftiehmu kif ġej:

Għall-petrol ($C_1H_{1,89}O_{0,016}$)	d = 0,631 g/l
Għad-diżil ($C_1H_{1,86}O_{0,005}$)	d = 0,622 g/l
Għal-LPG ($C_1H_{2,525}$)	d = 0,649 g/l
Għall-NG/bijometanu (CH_4)	d = 0,714 g/l
Għall-etanol (E85) ($C_1H_{2,74}O_{0,385}$)	d = 0,932 g/l

▼M1

Għall-etanol (E75) ($C_1\ H_{2,61}\ O_{0,329}$)	d = 0,886 g/l

▼M3

Għal H2NG	$d = \frac{9,104 \cdot A + 136}{1\,524,152 - 0,583A}$ g/l

A tirrappreżenta l-kwantità ta' NG/bijometan fit-taħlita tal-H2NG, espressa f'perċentwali tal-volum.

▼B

3.5. Mid-dati rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 10(4) u 10(5) tar-Regolament (KE) Nru. 715/2007, il-paragrafu 4.1.2. ta' l-Appendiċi 3 ta' l-Anness 4 għandu jinftiehem kif ġej:

"It-tajers

L-għażla tat-tajers għandha tkun ibbażata fuq ir-reżistenza tat-tidwir. Għandhom jintgħażlu t-tajers bl-ogħla reżistenza tat-tidwir, imkejla skond l-ISO 28580.

Jekk ikun hemm aktar minn tliet reżistenzi għat-tidwir tat-tajers, għandu jintgħażel it-tajer bit-tieni l-ogħla reżistenza għat-tidwir.

Il-karatteristiċi ta' reżistenza tat-tidwir tat-tajers imwaħħla fuq vetturi ta' produzzjoni għandhom jirriflettu dawk tat-tajers li ntużaw għall-approvazzjoni tat-tip"

▼B

3.6. Il-paragrafu 2.2.2. ta' l-Appendiċi 5 ta' l-Anness 4 għandu jinftiehem bħala li jkopri:

" … konċentrazzjonijiet ta' CO_2, CO, THC, CH_4 u NO_x …"

3.7. Il-paragrafu 1 ta' l-Appendiċi 8 ta' l-Anness 4 għandu jiġi emendat biex jistabbilixxi:

" … M'hemm l-ebda korrezzjoni għall-umdità għat-THC, għas-CH_4 u għas-CO, …"

▼M3

3.8. It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.3. tal-Appendiċi 8 tal-Anness 4 għandu jinftiehem bħala:

"… Il-fattur ta' dilwizzjoni hu kkalkulat kif ġej:

Għal kull fjuwil ta' referenza, minbarra l-idroġenu

$$DF = \frac{X}{C_{CO2} + (C_{HC} + C_{CO}) \cdot 10^{-4}}$$

Għal fjuwil bil-kompożizzjoni CxHyOz, il-formola ġenerali hija:

$$X = 100\frac{x}{x + \frac{y}{2} + 3,76 \cdot \left(x + \frac{y}{4} - \frac{z}{2}\right)}$$

B'mod partikulari, għall-H2NG, il-formola hija:

$$X = \frac{65,4 \cdot A}{4,922A + 195,84}$$

Għall-idroġenu, il-fattur ta' dilwizzjoni hu kkalkulat kif ġej:

$$DF = \frac{X}{C_{H2O} - C_{H2O-DA} + C_{H2} \cdot 10^{-4}}$$

Għall-fjuwils ta' referenza inklużi fl-Anness IX, il-valuri ta' 'X' huma kif ġej.

Il-fjuwil	X
Il-petrol (E5)	13,4
Id-diżil (B5)	13,5
L-LPG	11,9
L-NG/bijometan	9,5
L-Etanol (E85)	12,5
L-Etanol (E75)	12,7
L-idroġenu	35,03

F'dawn l-ekwazzjonijiet:

C_{CO2} = il-konċentrazzjoni tad-CO_2 fil-gass tal-egżost dilwit li tinsab fil-borża tal-kampjuni, imfissra f'perċentwali tal-volum,

C_{HC} = il-konċentrazzjoni tal-HC fil-gass tal-egżost dilwit li tinsab fil-borża tal-kampjuni, imfissra f'ppm ekwivalenti tal-karbonju,

C_{CO} = il-konċentrazzjoni tas-CO fil-gass tal-egżost dilwit li tinsab fil-borża tal-kampjuni, imfissra f'ppm.

▼M3

C_{H20-DA} = il-konċentrazzjoni ta' H_2O fl-arja użata għad-dilwizzjoni, espressa f'perċentwali tal-volum,

C_{H2} = il-konċentrazzjoni tal-idroġenu fil-gass tal-egżost dilwit li hemm fil-borża tal-kampjuni, imfissra f'ppm.

A = il-kwantità ta' NG/bijometan fit-taħlita tal-H2NG, espressa f'perċentwali tal-volum"

▼B

3.9. Minbarra r-rekwiżiti tal-paragrafu 1.3. ta' l-Appendiċi 8 ta' l-Anness 4, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

Il-konċentrazzjoni ta' l-idrokarbonji li m'humiex metanu tiġi kalkulata kif ġej:

$C_{NMHC} = C_{THC} — (Rf_{CH4} \times C_{CH4})$

fejn:

C_{NMHC} = il-konċentrazzjoni korretta ta' NMHC fil-gass dilwit ta' l-egżost, espressa f'ppm ta' ekwivalenti għall-karbonju,

C_{THC} = il-konċentrazzjoni ta' THC fil-gass dilwit ta' l-egżost, espress f'ppm ta' ekwivalenti għall-karbonju u korretta bl-ammont ta' THC li jinsab fl-arja tad-dilwizzjoni,

C_{CH4} = il-konċentrazzjoni ta' CH_4 fil-gass dilwit ta' l-egżost, espress f'ppm ta' ekwivalenti għall-karbonju u korretta bl-ammont ta' CH_4 li jinsab fl-arja tad-dilwizzjoni,

Rf_{CH4} = huwa l-fattur ta' reazzjoni tal-FID għall-metanu kif iddefinit fil-paragrafu 2.3 ta' l- Appendiċi 6 ta' l-Anness 4.

3.10. Il-paragrafu 1.5.2.3 ta' l-Appendiċi 8 ta' l-Anness 4 għandu jinftiehem bħala li jinkludi dan li ġej:

$Q_{THC} = 0,932$ fil-każ ta' l-etanol (E85)

▼M1

$Q_{THC} = 0,886$ fil-każ tal-etanol (E75)

▼B

3.11. Fil-paragrafi li ġejjin, ir-referenzi għall-HC għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-THC:

(a) Il-paragrafu 4.3.1.1;

(b) Il-paragrafu 4.3.2;

(ċ) Il-paragrafu 2.2 ta' l-Appendiċi 6;

(d) Il-paragrafu 1.3 ta' l-Appendiċi 8;

(e) Il-paragrafu 1.5.1.3 ta' l-Appendiċi 8;

▼B

(f) Il-paragrafu 1.5.2.3 ta' l-Appendiċi 8;

(g) Il-paragrafu 2.1 ta' l-Appendiċi 8.

3.12. Ir-referenzi għall-idrokarbonji għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-idrokarbonji totali fil-paragrafi li ġejjin:

(a) Il-paragrafu 4.3.1.1;

(b) Il-paragrafu 4.3.2;

(ċ) Il-paragrafu 7.2.8.

3.13. Ir-rekwiżiti tekniċi għal vettura mgħammra b'sistema li tirriġenera perjodikament

3.13.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsima 3 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet deskritti fit-taqsimiet 3.13.2. sa 3.13.4.

3.13.2. Ir-referenza ta' l-Anness 1, il-punti 4.2.11.2.1.10.1. sa 4.2.11.2.1.10.4. jew 4.2.11.2.5.4.1. sa 4.2.11.2.5.4.4. fit-taqsima 3.1.3. għandha tinftiehem bħala referenzi għall-punti 3.2.12.2.1.11.1. sa 3.2.12.2.1.11.4 jew 3.2.12.2.6.4.1 sa 3.2.12.2.6.4.4 ta' l-Appendiċi 3 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008.

3.13.3. Fuq it-talba tal-manifattur, il-proċedura tat-test speċifika għas-sistemi li jirriġeneraw perjodikament ma tkunx tapplika għat-tagħmir riġenerattiv jekk il-manifattur jipprovdi data lill-awtorità ta' l-approvazzjoni li, waqt iċ-ċikli fejn issir ir-riġenerazzjoni, l-emissjonijiet jibqgħu taħt l-istandards mogħtija fit-Tabella 1 jew 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 applikati għall-kategorija tal-vettura konċernata wara l-qbil tas-servizz tekniku.

3.13.4. Għal tagħmir li jirriġenera perjodikament, matul iċ-ċikli fejn isseħħ ir-riġenerazzjoni, l-istandards ta' emissjoni jistgħu jinqabżu. Jekk riġenerazzjoni ta' tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis isseħħ mill-inqas darba għal kull test tat-tip 1, u jekk it-tagħmir ikun diġà rriġenera mill-inqas darba matul iċ-ċiklu ta' preparazzjoni tal-vettura, għandha titqies bħala sistema li tirriġenera kontinwament li ma teħtieġx proċedura speċjali tat-test.

▼M1

3.14. Mid-dati stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/89/KE ([1]) il-bozoz tas-sewqan binhar tal-vettura kif definiti fit-taqsima 2 tar-Regolament Nru 48 tal-UN/ECE ([2]) għandhom jinxtegħlu waqt iċ-ċiklu tat-test. Il-vettura ttestjata għandha tkun mgħammra bis-sistema tal-bozoz tas-sewqan binhar li għandha l-ogħla konsum ta' enerġija elettrika fost is-sistema tal-bozoz tas-sewqan binhar, li huma mwaħħla mill-manifattur fuq vetturi fil-grupp rappreżentat mill-vettura approvata tat-tip. Il-manifattur għandu jissupplixxi d-dokumentazzjoni teknika xierqa lill-awtoritajiet għall-approvazzjoni tat-tip f'dan ir-rigward.

([1]) ĠU L 257, 25.9.2008, p. 14.
([2]) ĠU L 135, 23.5.2008, p. 1.

▼B

ANNESS IV

ID-*DATA* TA' L-EMISSJONIJIET MEĦTIEĠA FL-APPROVAZZJONI TAT-TIP GĦAL FINIJIET BIEX IKUN VERIFIKAT KEMM IL-VETTURA TKUN TAJBA GĦAT-TRIQ

Appendiċi 1

IL-KEJL TA' L-EMISSJONI TAL-MONOSSIDU TAL-KARBONJU F'*IDLING SPEEDS*

(IT-TEST TAT-TIP 2)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Appendiċi jiddeskrivi l-proċedura għal test tat-tip 2, li jkejjel l-emissjonijiet tal-monossidu tal-karbonju f'*idling speed*s (normali u għoljin).

2. IR-REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għandhom ikunu dawk speċifikati fil-paragrafi 5.3.7.1. sa 5.3.7.4. tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 2.2., 2.3. u 2.4.

▼M1

2.2. Il-proporzjonijiet atomiċi speċifikati fil-punt 5.3.7.3. għandhom jiftiehmu kif ġej:

Hcv = Il-proporzjon atomiku tal-idroġenu mal-karbonju

— għall-petrol (E5) 1,89

— għal-LPG 2,53

— għall-NG/bijometanu 4,0

— għall-etanol (E85) 2,74

— għall-etanol (E75) 2,61

▼M3

— għal H2NG: $\frac{1,256 \cdot A + 136}{0,654 \cdot A}$

A tirrappreżenta l-kwantità ta' NG/bijometan fit-taħlita tal-H2NG, espressa f'perċentwali tal-volum.

▼M1

Ocv = Il-proporzjon atomiku tal-ossiġnu mal-karbonju

— għall-petrol (E5) 0,016

— għal-LPG 0,0

— għall-NG/bijometanu 0,0

— għall-etanol (E85) 0,39

— għall-etanol (E75) 0,329

▼B

2.3. It-tabella fit-taqsima 2.2 ta' l-Appendiċi 4 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha timtela fuq il-bażi tar-rekwiżiti stabbiliti fit-taqsimiet 2.2. u 2.4 ta' dan l-Anness.

2.4. Il-manifattur għandu jikkonferma l-preċiżjoni tal-valur Lambda reġistrat fi żmien l-approvazzjoni tat-tip fil-paragrafu 2.1 ta' dan l-Appendiċi bħala li hija rappreżentattiva tal-vetturi tipiċi tal-produzzjoni fi żmien 24 xahar mid-data ta' l-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip mis-servizz tekniku. Għandha ssir valutazzjoni fuq il-bażi tas-servejs u ta' l-istudji tal-vetturi tal-produzzjoni.

▼B

3. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness 5 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-taqsima 3.2.

3.2. Il-fjuwils ta' referenza speċifikati fil-paragrafu 2.1 ta' l-Anness 5 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-ispeċifikazzjonijiet xierqa tal-fjuwil ta' referenza fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

▼B

Appendiċi 2

IL-KEJL TA' L-OPAĊITÀ TAD-DUĦĦAN

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Appendiċi jiddeskrivi r-rekwiżiti biex titkejjel l-opaċità ta' l-emissjonijiet mill-egżost.

2. IS-SIMBOLU TAL-KOEFFIĊJENT KORRETT TA' ASSORBIMENT

2.1. Simbolu tal-koeffiċjent korrett ta' assorbiment għandu jitwaħħal fuq kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura li għalih japplika t-test. Is-simbolu għandu jkun rettangolu jdawwar figura li tesprimi f'm^{-1} il-koeffiċjent korrett ta' assorbiment miksub, fi żmien l-approvazzjoni, mit-test b'aċċelerazzjoni ħielsa. Il-metodu tat-test qd jiġi deskritt fit-taqsima 4.

2.2. Is-simbolu għandu jkun jista' jinqara b'mod ċar u m'għandux ikun jista' jitħassar. Għandu jitwaħħal f'post li jidher u li jkun faċilment aċċessibbli, li pożizzjoni tiegħu għandha tkun speċifikata fl-Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip muri fl-Appendiċi 4 ta' l-Anness I.

2.3. Il-figura IV.2.1 tagħti eżempju tas-simbolu.

Figura IV.2.1



Dimensjonijiet minimi b = 5,6 mm

Is-simbolu t'hawn fuq juri li l-koeffiċjent korrett ta' assorbiment huwa ta' 1,30 m^{-1}.

3. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET U T-TESTIJIET

3.1. L-ispeċifikazzjonijiet u t-testijiet għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsima 24 tal-Parti III tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjoni ta' dawn il-proċeduri stabbiliti fit-taqsima 3.2.

3.2. Ir-referenza ta' l-Anness 2 fil-paragrafu 24.1 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza għall-Appendiċi 2 ta' l-Anness X ta' dan ir-Regolament.

4. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

4.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Annessi 4, 5, 7, 8, 9 u 10 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 4.2., 4.3 u 4.4.

4.2. **It-test b'veloċitajiet stabbli fuq il-kurva tat-tagħbija sħiħa**

4.2.1. Ir-referenzi ta' l-Anness 1 fil-paragrafu 3.1. ta' l-Anness 4 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Appendiċi 3 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

4.2.2. Il-fjuwil ta' referenza speċifikat fil-paragrafu 3.2 ta' l-Anness 4 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għandu jinftiehem bħala referenza għall-fjuwil ta' referenza fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament adattat għal-limiti ta' emissjoni li skond tagħhom vettura qed tiġi approvata għat-tip.

▼B

4.3. **It-test taħt aċċelerazzjoni ħielsa**

4.3.1. Ir-referenzi għat-Tabella 2 ta' l-Anness 2 fil-paragrafu 2.2 ta' l-Anness 5 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-tabella fil-punt 2.4.2.1 ta' l-Appendiċi 4 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

4.3.2. Ir-referenzi għall-paragrafu 7.3 ta' l-Anness 1 fil-paragrafu 2.3 ta' l-Anness 5 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Appendiċi 3 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

4.4. **Il-metodu "ECE" għall-kejl tal-qawwa netta tal-magni *compression-ignition***

4.4.1. Ir-referenzi fil-paragrafu 7 ta' l-Anness 10 tar-Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għall-"Appendiċi ta' dan l-Anness" u fil-paragrafi 7 u 8 ta' l-Anness 10 għar- Regolament Nru. 24 tan-NU/ECE għall-"Anness 1" għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Appendiċi 3 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

ANNESS V

IL-VERIFIKA TA' L-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET MILL-*CRANKCASE*

(IT-TEST TAT-TIP 3)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura għall-verifika ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet mill-*crankcase* tat-test tat-tip 3.

2. IR-REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għat-twettiq tat-test tat-tip 3 għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsima 2 ta' l-Anness 6 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

3. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rekwiżiti tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsimiet 3 sa 6 ta' l-Anness 6 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

▼B

ANNESS VI

ID-DETERMINAZZJONI TA' L-EMISSJONIJIET EVAPORATTIVI

(IT-TEST TAT-TIP 4)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jiddeskrivi l-proċedura għat-test tat-Tip 4, li jiddetermina l-emissjoni ta' l-idrokarbonji bl-evaporazzjoni mis-sistemi tal-fjuwil tal-vetturi.

2. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

2.1. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsimiet 2 sa 7 u fl-Appendiċijiet 1 u 2 ta' l-Anness 7 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 2.2. u 2.3.

2.2. Il-fjuwils ta' referenza speċifikati fil-paragrafu 3.2 ta' l-Anness 7 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-ispeċifikazzjonijiet xierqa tal-fjuwils ta' referenza fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

2.3. Ir-referenza għall-paragrafu 8.2.5. fil-paragrafu 7.5.2. ta' l-Anness 7 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza għat-Taqsima 4 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

ANNESS VII

IL-VERIFIKA TAD-DURABBILTÀ TAT-TAGĦMIR GĦALL-KONTROLL TAT-TNIĠĠIS

(IT-TEST TAT-TIP 5)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jiddeskrivi t-testijiet biex tkun ivverifikata d-durabbiltà tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis. Ir-rekwiżiti ta' durabbiltà għandhom jintwerew billi tintuża waħda mit-tliet possibbiltajiet stabbiliti fil-punti 1.2, 1.3. u 1.4.

1.2. It-test kollu tad-durabbiltà tal-vettura jirrappreżenta test ta' tiqdim ta' 160 000 kilometru misjuq fuq mogħdija tat-test, fuq it-triq, jew fuq dinamometru tax-xażi.

1.3. Il-manifattur jista' jagħżel li juża test tad-durabbiltà tat-tiqdim fuq il-bank.

1.4. Bħala alternattiva għall-ittestjar tad-durabbiltà, manifattur jista' jagħżel li japplika l-fatturi ta' deterjorament assenjati mit-tabella li ġejja.

Kategorija tal-Magna	Fatturi ta' deterjorament assenjati						
	CO	THC	NMHC	NO_x	HC + NO_x	PM	P
Positive-ignition	1,5	1,3	1,3	1,6	—	1,0	1,0
Compression-ignition (Euro 5)	1,5	—	—	1,1	1,1	1,0	1,0
Compression-ignition (Euro 6) ([1])							

([1]) Il-fatturi ta' deterjorament Euro 6 għad iridu jkunu determinati

1.5. Fuq it-talba tal-manifattur, is-servizz tekniku jista' jwettaq it-test tat-tip 1 qabel ma jkun ġie kkompletat it-test tad-durabbiltà tat-tiqdim fuq il-bank jew fuq il-vettura sħiħa billi jintużaw il-fatturi ta' deterjorament assenjati fit-tabella t'hawn fuq. Meta jiġi kkompletat it-test tad-durabbiltà tat-tiqdim fuq il-vettura sħiħa jew fuq il-bank, is-servizz tekniku jista' mbagħad jemenda r-riżultati ta' l-approvazzjoni tat-tip irreġistrati fl-Appendiċi 4 ta' l-Anness I billi jissostitwixxi l-fatturi ta' deterjorament assenjati fit-tabella t'hawn fuq b'dawk imkejla fit-test tad-durabbiltà tat-tiqdim fuq il-vettura sħiħa jew fuq il-bank.

1.6. Fin-nuqqas tal-fatturi ta' deterjorament assenjati lill-vetturi *compression-ignition* Euro 6, il-manifatturi għandhom jużaw il-proċeduri tat-test tad-durabbiltà tat-tiqdim fuq il-vettura sħiħa jew fuq il-bank sabiex jistabbilixxu l-fatturi ta' deterjorament.

1.7. Il-fatturi ta' deterjorament jiġu determinati billi tintuża kwalunke waħda mill-proċeduri stabbiliti fil-punti 1.2 u 1.3 jew billi jintużaw il-valuri assenjati fit-tabella li tinsab fil-punt 1.4. Il-fatturi ta' deterjorament jintużaw sabiex tkun stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti tal-limiti xierqa ta' emissjoni stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 matul il-ħajja utli tal-vettura.

2. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

2.1. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-taqsimiet 2 sa 6 ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fis-sottotaqsimiet 2.1.1. to 2.1.4.

▼B

2.1.1. Bħala alternattiva għaċ-ċiklu operattiv deskritt fil-paragrafu 5.1. ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għat-test tad-durabbiltà fuq il-vettura sħiħa, il-manifattur tal-vettura jista' juża ċ-Ċiklu Standard tat-Triq (SRC) deskritt fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness. Dan iċ-ċiklu tat-test għandu jitwettaq sakemm il-vettura tkun kopriet minimu ta' 160 000 km.

2.1.2. Fil-paragrafu 5.3. u fil-paragrafu 6 ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE ir-referenza għal 80 000 km għandha tinftiehem bħala referenza għal 160 000 km.

2.1.3. Ir-referenza għall-paragrafu 5.3.1.4. fl-ewwel taqsima tal-paragrafu 6 ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza għat-Tabella 1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 5 u għat-Tabella 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 6.

2.1.4. Fit-Taqsima 6 ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, is-sitt sottoparagrafu għandu jinftiehem kif ġej:

Għal kull sustanza li tniġġes, għandu jiġi kalkulat fattur ta' deterjorament multiplikattiv ta' l-emissjonijiet mill-egżost kif ġej:

$$D.E.F. = \frac{Mi_2}{Mi_1}$$

Fuq it-talba tal-fabbrikant, għal kull sustanza li tniġġes għandu jiġi kalkulat fattur ta' deterjorament additiv ta' l-emissjonijiet mill-egżost kif ġej:

$$D.E.F. = Mi_2 - Mi_1$$

2.2. **It-Test tad-Durabbiltà tat-Tiqdim fuq il-Bank**

2.2.1. Minbarra r-rekwiżiti tekniċi għat-test tat-tiqdim fuq il-bank stabbiliti fit-taqsima 1.3, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti f'din it-taqsima.

Il-fjuwil li għandu jintuża waqt it-test għandu jkun dak speċifikat fil-paragrafu 3 ta' l-Anness 9 tar-Regolament 83.

2.3.1. *Il-Vetturi b'Magni Positive-Ignition*

2.3.1.1. Il-proċedura tat-tiqdim fuq il-bank li ġejja għandha tkun applikabbli għall-vetturi *positive-ignition* inklużi l-vetturi ibridi li jużaw katalista bħala t-tagħmir prinċipali għall-kontroll tat-tniġġis ta' wara t-trattament.

Il-proċedura tat-tiqdim fuq il-bank teħtieġ l-installazzjoni tas-sistema tal-katalista flimkien mas-sensur ta' l-ossiġnu fuq bank tat-tiqdim tal-katalista.

It-tiqdim fuq il-bank għandu jitwettaq billi jiġi segwit iċ-ċiklu standard tal-bank (SBC) għall-perjodu ta' ħin ikkalkulat mill-ekwazzjoni tal-ħin tat-tiqdim fuq il-bank (BAT). L-ekwazzjoni tal-BAT teħtieġ, bħala *input*, data tal-ħin f'temperatura tal-katalista imkejla fuq iċ-Ċiklu Standard tat-Triq (SRC), deskritt fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

2.3.1.2. Iċ-ċiklu standard tal-bank (SBC). It-tiqdim tal-katalista standard fuq il-bank għandu jitwettaq billi jiġi segwit l-SBC. L-SBC għandu jitwettaq għall-perjodu ta' ġin ikkalkulat mill-ekwazzjoni tal-BAT. L-SBC ġie deskritt fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

▼B

2.3.1.3. Id-data tal-ħin f'temperatura tal-katalista. It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel waqt mill-inqas żewġ ċikli sħaħ ta' l-SCR kif ġie deskritt fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel fil-post ta' l-ogħla temperatura fil-katalista l-aktar sħuna fuq il-vettura tat-test. Alternattivament, it-temperatura tista' titkejjel f'post ieħor sakemm tkun aġġustata sabiex tirrappreżenta t-temperatura mkejla fil-post l-aktar sħun billi jintuża ġudizzju inġineristiku tajjeb.

It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel b'rata minima ta' 1 hertz (kejl wieħed f'kull sekonda).

Ir-riżultati mkejla tat-temperatura tal-katalista għandhom jiġu tabulati f'istogramma bi gruppi ta' temperaturi li ma jkunux ikbar minn 25 °C.

2.3.1.4. Il-ħin tat-tiqdim fuq il-bank. Il-ħin tat-tiqdim fuq il-bank għandu jiġi kalkulat billi tintuża l-ekwazzjoni tal-ħin tat-tiqdim fuq il-bank (BAT) kif ġej:

te għal firxa ta' temperaturi = th e((R/Tr)-(R/Tv))

te totali = Is-somma tat-te fuq il-gruppi kollha tat-temperaturi

Il-Ħin tat-Tiqdim fuq il-Bank = A (te totali)

Fejn:

A	=	1.1 Dan il-valur jaġġusta l-ħin tat-tiqdim tal-katalista sabiex jitqies id-deterjorament minn sorsi li m'humiex it-tiqdim termali tal-katalista.
R	=	Ir-reattività termali tal-katalista = 17 500
th	=	Il-ħin (f'sigħat) imkejjel fil-firxa tat-temperaturi preskritta ta' l-istogramma tat-temperaturi tal-katalista tal-vettura aġġustat għal bażi ta' ħajja utli sħiħa, eż. jekk l-istogramma kien jirrappreżenta 400 km, u l-ħajja utli ħija ta' 160 000 km; l-annotamenti kollha tal-ħin fl-istogramma għandhom jiġu multiplikati b'400 (160 000/400).
te totali	=	Il-ħin ekwivalenti (f'sigħat) sabiex tixxejjaħ il-katalista f'temperatura ta' Tr fuq il-bank tat-tiqdim tal-katalista billi jintuża ċ-ċiklu tat-tiqdim tal-katalista sabiex ikun prodott l-istess ammont ta' deterjorament esperjenzat mill-katalista minħabba deattivazzjoni termali tul 160 000 km.
te għal firxa	=	Il-ħin ekwivalenti (f'sigħat) sabiex tixxejjaħ il-katalista f'temperatura ta' Tr fuq il-bank tat-tiqdim tal-katalista billi jintuża ċ-ċiklu tat-tiqdim tal-katalista sabiex ikun prodott l-istess ammont ta' deterjorament esperjenzat mill-katalista minħabba deattivazzjoni termali fil-firxa tat-temperaturi ta' Tv tul 160 000 km.

▼B

Tr = It-temperatura effettiva ta' referenza (fi °K) tal-katalista fuq is-sekwenza tal-bank tal-katalista fuq iċ-ċiklu tat-tiqdim tal-bank. It-temperatura effettiva hija t-temperatura kostanti li għandha tirriżulta fl-istess ammont ta' tiqdim bħad-diversi temperaturi esperjenzati matul iċ-ċiklu tat-tiqdim fuq il-bank.

Tv = It-temperatura ta' nofs il-punt (fi °K) tal-firxa tat-temperaturi ta' l-istogramma tat-temperaturi tal-katalista fit-triq tal-vettura.

2.3.1.5. It-temperatura effettiva ta' referenza fuq l-SBC. It-temperatura effettiva ta' referenza taċ-ċiklu standard tal-bank (SBC) għandha tkun iddeterminata għad-disinn effettiv tas-sistema tal-katalisti u għall-bank tat-tiqdim effettiv li se jintużaw permezz tal-proċeduri li ġejjin:

(a) Kejjel id-data tal-ħin f'temperatura fis-sistema katalista fuq il-bank tat-tiqdim katalista billi jsegwi l-SBC. It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel fil-post bl-ogħla temperatura ta' l-aktar katalista sħuna fis-sistema. Alternattivament, it-temperatura tista' titkejjel f'post ieħor sakemm tiġi aġġustata biex tirrappreżenta t-temperatura mkejla fl-aktar post sħun.

It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel b'rata minima ta' 1 hertz (kejl wieħed f'kull sekonda) waqt mill-inqas 20 minuta ta' tiqdim fuq il-bank. Ir-riżultati tat-temperatura mkejla tal-katalista għandhom jiġu tabulati f'istogramma bi gruppi ta' temperaturi li ma jkunux ikbar minn 10 °C.

(b) L-ekwazzjoni tal-BAT għandha tintuża sabiex tkun ikkalkulata t-temperatura effettiva ta' referenza b'bidliet ripetuti fit-temperatura ta' referenza (Tr) sakemm il-ħin ikkalkulat tat-tiqdim ikun daqs jew jeċċedi l-ħin effettiv irrappreżentat fl-istogramma tat-temperaturi tal-katalista. It-temperatura li tirriżulta hija t-temperatura effettiva ta' referenza fuq l-SBC għal dik is-sistema tal-katalisti u għall-bank tat-tiqdim.

2.3.1.6. Il-Bank tat-Tiqdim tal-Katalista. Il-bank tat-tiqdim tal-katalista għandu jsegwi l-SBC u jipprovdi l-fluss ta' l-egżost, il-kostitwenti ta' l-egżost u t-temperatura ta' l-egżost fil-wiċċ tal-katalista xierqa.

It-tagħmir u l-proċeduri kollha tat-tiqdim fuq il-bank għandhom jirreġistraw informazzjoni xierqa (bħal proporzjonijiet imkejla ta' A/F u ħin f'temperatura fil-katalista) sabiex ikun żgurat li effettivament ikun seħħ biżżejjed tiqdim.

2.3.1.7. L-Ittestjar Meħtieġ. Biex jiġu kalkulati l-fatturi ta' deterjorament fuq il-vettura tat-test għandhom jitwettqu mill-inqas żewġ testijiet tat-Tip 1 qabel it-tiqdim fuq il-bank tal-ħardwer għall-kontroll ta' l-emissjonijiet u mill-inqas żewġ testijiet tat-Tip 1 wara li l-ħardwer ta' l-emissjonijiet mxejjaħ fuq il-bank jiġi installat mill-ġdid.

Il-manifattur jista' jwettaq ittestjar addizzjonali. Il-kalkolu tal-fatturi ta' deterjorament jrid isir skond il-metodu ta' kalkolu kif ġie speċifikat fil-paragrafu 6 ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE kif ġie emendat minn dan ir-Regolament.

▼B

2.3.2. *Il-Vetturi b'Magni Compression-Ignition*

2.3.2.1. Il-proċedura tat-tiqdim fuq il-bank li ġejja hija applikabbli għal vetturi *compression-ignition* inklużi l-vetturi ibridi.

Il-proċedura tat-tiqdim fuq il-bank teħtieġ l-installazzjoni tas-sistema tat-trattament ta' wara fuq bank tat-tiqdim tas-sistema tat-trattament ta' wara.

It-tiqdim fuq il-bank jitwettaq billi jkun segwit iċ-ċiklu standard tal-bank tad-diżil (SDBC) għan-numru ta' riġenerazzjonijiet/tneħħijiet ta' kubrit ikkalkulati mill-ekwazzjoni tat-tul tat-tiqdim fuq il-bank (BAD).

2.3.2.2. Iċ-Ċiklu Standard tal-Bank għad-Diżil (SDBC). It-tiqdim standard fuq il-bank jitwettaq billi tkun segwita l-SDBC. L-SDBC għandha titwettaq għall-perjodu ta' ħin ikkalkulat mill-ekwazzjoni tat-tul tat-tiqdim fuq il-bank (BAD). L-SDBC ġie deskritt fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

2.3.2.3. Id-data ta' riġenerazzjoni. L-intervalli ta' riġenerazzjoni għandhom jitkejlu matul mill-inqas 10 ċikli sħaħ ta' l-SRC kif ġie deskritt fl-Appendiċi 3. Bħala alternattiva, jistgħu jintużaw l-intervalli mid-determinazzjoni tal-Ki.

Jekk ikun applikabbli, l-intervalli tat-tneħħija tal-kubrit għandhom jitqiesu wkoll fuq il-bażi tad-data tal-manifattur.

2.3.2.4. It-tul tat-tiqdim fuq il-bank tad-diżil. It-tul tat-tiqdim fuq il-bank jiġi kalkulat billi tintuża l-ekwazzjoni tal-BAD kif ġej:

It-Tul tat-Tiqdim fuq il-Bank = in-numru ta' ċikli ta' riġenerazzjoni/-tneħħija ta' kubrit (liema minnhom tkun l-itwal) ekwivalenti għal 160 000 km ta' sewqan

2.3.2.5. Il-Bank tat-Tiqdim. Il-bank tat-tiqdim għandu jsegwi l-SDBC u jipprovdi fluss ta' l-egżost, kostitwenti ta' l-egżost u temperatura ta' l-egżost xierqa lid-daħla tas-sistema tat-trattament ta' wara.

Il-manifattur għandu jirreġistra n-numru ta' riġenerazzjonijiet/tneħħija ta' kubrit (jekk ikun applikabbli) sabiex ikun żgurat li jkun effettivament seħħ tiqdim biżżejjed.

2.3.2.6. L-Ittestjar Meħtieġ. Biex jiġu kalkulati l-fatturi ta' deterjorament fuq il-vettura tat-test għandhom jitwettqu mill-inqas żewġ testijiet tat-Tip 1 qabel it-tiqdim fuq il-bank tal-ħardwer għall-kontroll ta' l-emissjonijiet u mill-inqas żewġ testijiet tat-Tip 1 wara li l-ħardwer ta' l-emissjonijiet imxejjaħ fuq il-bank jiġi installat mill-ġdid. Il-manifattur jista' jwettaq ittestjar addizzjonali. Il-kalkolu tal-fatturi ta' deterjorament għandu jsir skond il-metodu ta' kalkolu stabbilit fil-paragrafu 6 ta' l-Anness 9 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE u skond ir-rekwiżiti inklużi f'dan ir-Regolament.

▼B

Appendiċi 1

Iċ-Ċiklu Standard tal-Bank (SBC)

1. **Introduzzjoni**

Il-proċedura standard tad-durabbiltà tat-tiqdim tikkonsisti mit-tiqdim ta' sistema ta' katalista/sensur ta' l-ossiġnu fuq bank tat-tiqdim li jsegwi ċ-ċiklu standard tal-bank (SBC) deskritt f'dan l-Appendiċi. L-SBC jeħtieġ l-użu ta' bank tat-tiqdim b'magna bħala s-sors tal-gass ta' alimentazzjoni għall-katalista. L-SBC huwa ċiklu ta' 60 sekonda li jiġi ripetut kif ikun meħtieġ fuq il-bank tat-tiqdim sabiex jitwettaq it-tiqdim għall-perjodu meħtieġ ta' ħin. L-SBC jiġi definit fuq il-bażi ta-temperatura tal-katalista, tal-proporzjon ta' arja/fjuwil tal-magna (A/F), u l-ammont ta' injezzjoni ta' l-arja sekondarja li tiġi miżjuda qabel l-ewwel katalista.

2. **Il-Kontroll tat-Temperatura tal-Katalista**

2.1. It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel fis-saff tal-katalisti fil-post fejn ikun hemm l-ogħla temperatura fl-aktar katalista sħuna. Alternattivament, it-temperatura tal-gass ta' alimentazzjoni tista' titkejjel u tiġi konvertita għat-temperatura tas-saff tal-katalisti billi tintuża trasformazzjoni lineari kalkulata mid-*data* ta' korrelazzjoni miġbura dwar id-disinn tal-katalista u l-bank tat-tiqdim li għandhom jintużaw fil-proċess tat-tiqdim.

2.2. Ikkontrolla t-temperatura tal-katalista f'operazzjoni stojkometrika (01 sa 40 sekonda fuq iċ-ċiklu) għal minimu ta' 800 °C (± 10 °C) billi tagħżel il-veloċità tal-magna, it-tagħbija u l-ħin ta' l-ispark għall-magna xierqa. Ikkontrolla t-temperatura massima tal-katalista li sseħħ matul iċ-ċiklu sa 890 °C (± 10 °C) billi tagħżel il-proporzjon ta' l-A/F xieraq tal-magna waqt il-fażi "rikka" deskritta fit-tabella t'aktar 'l isfel.

2.3. Jekk tintuża temperatura ta' kontroll baxxa għajr it-800 °C, it-temperatura ta' kontroll għolja għandha tkun 90 °C ogħla mit-temperatura ta' kontroll baxxa.

Iċ-Ċiklu Standard tal-Bank (SBC)

Ħin (sekondi)	Proporzjon ta' l-Arja/tal-Fjuwil tal-Magna	Injezzjoni ta' l-Arja Sekondarja
1-40	Stojkometriku b'tagħbija, ħin ta' l-ispark u veloċità tal-magna kontrollati sabiex tintlaħaq temperatura minima tal-katalista ta' 800 °C	Xejn
41-45	Proporzjon "rikk" ta' l-A/F magħżul sabiex tintlaħaq temperatura massima tal-katalista tul iċ-ċiklu kollu ta' 890 °C jew 90 °C ogħla mit-temperatura ta' kontroll baxxa	Xejn
46-55	Proporzjon "rikk" ta' l-A/F magħżul sabiex tintlaħaq temperatura massima tal-katalista tul iċ-ċiklu kollu ta' 890 °C jew 90 °C ogħla mit-temperatura ta' kontroll baxxa	3 % (± 1 %)
56-60	Stojkometriku b'tagħbija, ħin ta' l-ispark u veloċità tal-magna kontrollati sabiex tintlaħaq temperatura minima tal-katalista ta' 800 °C	3 % (± 1 %)

▼B

Ċiklu Standard tal-Bank



3. **It-Tagħmir u l-Proċeduri tal-Bank tat-Tiqdim**

3.1. Il-Konfigurazzjoni tal-Bank tat-Tiqdim. Il-bank tat-tiqdim għandu jipprovdi r-rata tal-fluss ta' l-egżost, it-temperatura, il-proporzjoni ta' l-arja u tal-fjuwil, il-kostitwenti ta' l-egżost u l-injezzjoni ta' l-arja sekondarja fil-wiċċ tad-daħla tal-katalista xierqa.

Il-bank standard tat-tiqdim jikkonsisti minn magna, kontrollur tal-magna u dinamometru tal-magna. Konfigurazzjonijiet oħrajn jistgħu jkunu aċċettabbli (eż. vettura sħiħa fuq dinamometru, jew berner li jipprovdi l-kundizzjonijiet korretti ta' l-egżost), sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tad-daħla tal-katalista u l-karatteristiċi ta' kontroll speċifikati f'dan l-Appendiċi.

Bank wieħed tat-tiqdim jista' jkollu l-fluss ta' l-egżost maqsum f'diversi kurrenti sakemm kull kurrent ta' l-egżost jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-appendiċi. Jekk il-bank ikollu aktar minn kurrent wieħed ta' l-egżost, sistemi multipli tal-katalisti jistgħu jixxejħu fl-istess ħin.

3.2. L-Installazzjoni tas-Sistema ta' l-Egżost. Is-sistema kollha tal-katalista/i flimkien mas-sensur(i) ta' l-ossiġnu, flimkien mal-pajpijiet kollha ta' l-egżost li jikkonnettjaw dawn il-komponenti, se jkunu installati fuq il-bank. Għall-magni b'kurrenti multipli ta' l-egżost (bħal uħud mill-magni V6 u V8), kull bank tas-sistema ta' l-egżost se jkun installat separatament fuq il-bank b'mod parallel.

Għas-sistemi ta' l-egżost li fihom katalisti multipli allineati, is-sistema kollha tal-katalisti inklużi l-katalisti kollha, is-sensuri ta' l-ossiġnu kollha u l-pajpijiet ta' l-eżgost assoċjati se tkun installata bħala unità għat-tiqdim. Alternattivament, kull katalista individwali tista' tixxejjaħ separatament għal perjodu xieraq ta' ħin.

▼B

3.3. Il-Kejl tat-Temperatura. It-temperatura tal-katalista għandha titkejjel billi tintuża ta' termokoppja mqiegħda fis-saff tal-katalisti fil-post fejn ikun hemm l-ogħla temperatura fl-aktar katalista sħuna. Alternattiva, it-temperatura tal-gass ta' alimentazzjoni eżattament qabel ma jista' jitkejjel il-wiċċ tad-daħla tal-katalista u jiġi konvertit għat-temperatura tas-saff tal-katalisti billi tintuża trasformazzjoni lineari kalkulata mid-data ta' korelazzjoni miġbura fuq id-disinn tal-katalista u tal-bank tat-tiqdim li għandhom jintużaw fil-proċess tat-tiqdim. It-temperatura tal-katalista għandha tinħażen b'mod diġitali bil-veloċità ta' 1 hertz (kejl wieħed f'kull sekonda).

3.4. Il-Kejl ta' l-Arja/tal-Fjuwil. Għandhom isiru provvedimenti għall-kejl tal-proporzjon ta' l-arja/tal-fjuwil (A/F) (bħal sensur ta' l-ossiġnu għal firxa wiesgħa) kemm jista' jkun qrib id-daħla tal-katalista u l-flanġijiet tal-ħruġ. L-informazzjoni minn dawn is-sensuri għandha tinħażen b'mod diġitali bil-veloċità ta' 1 hertz (kejl wieħed f'kull sekonda).

3.5. Il-Bilanċ tal-Fluss ta' l-Egżost. Għandhom isiru provvedimenti sabiex ikun żgurat li l-ammont xieraq ta' l-egżost (imkejjel fi grammi/sekonda fl-istojkometrija, b'tolleranza ta' ± 5 grammi/sekonda) jgħaddi minn kull sistema tal-katalisti li qed tixxejjaħ fuq il-bank.

Ir-rata xierqa tal-fluss tiġi determinata fuq il-bażi tal-fluss ta' l-egżost li għandu jkun hemm fil-magna oriġinali tal-vettura bil-veloċità tal-magna fi stat stabbli u bit-tagħbija magħżula għat-tiqdim fuq il-bank fil-paragrafu 3.6. ta' dan l-Appendiċi.

3.6. L-arranġament. Il-veloċità tal-magna, it-tagħbija u l-ħin ta' l-ispark jintgħażlu sabiex tintlaħaq temperatura tas-saff tal-katalisti ta' 800 °C (± 10 °C) b'operazzjoni stojkometrika fi stat stabbli.

Is-sistema ta' l-injezzjoni ta' l-arja hija ssettjata sabiex tipprovdi l-fluss meħtieġa ta' l-arja sabiex ikun prodott 3,0 % (± 0,1 %) ta' ossiġnu fil-kurrent ta' l-egżost stojkometriku fi stat stabbli eżattament quddiem l-ewwel katalista. Qari tipiku fil-punt 'il fuq mill-punt tal-kejl ta' l-A/F (meħtieġ fil-paragrafu 5) huwa lambda 1,16 (li bejn wieħed u ieħor 3 % ta' ossiġnu).

Bl-injezzjoni ta' l-arja mixgħula, issettjata għal "Rikka", il-proporzjon ta' l-A/F biex tkun prodotta temperatura tas-saff tal-katalisti ta' 890 °C (± 10 °C). Valur tipiku ta' l-A/F għal dan il-pass huwa lambda 0,94 (bejn wieħed u ieħor 2 % ta' CO).

3.7. Iċ-Ċiklu tat-Tiqdim. Il-proċeduri standard tat-tiqdim fuq il-bank jużaw iċ-ċiklu standard tal-bank (SBC). L-SBC jiġi ripetut sakemm jintlaħaq l-ammont ta' tiqdim ikkakulat mill-ekwazzjoni tal-ħin tat-tiqdim fuq il-bank (BAT).

3.8. L-Assigurazzjoni ta' Kwalita. Matul it-tiqdim, it-temperaturi u l-proporzjon ta' l-A/F fil-paragrafi 3.3. u 3.4. ta' dan l-Appendiċi għandhom jiġu riveduti perjodikament (mill-inqas kull 50 siegħa). Għandhom isiru l-aġġustamenti meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-SBC qed ikun segwit b'mod xieraq matul il-proċess kollu tat-tiqdim.

Wara li jkun ġie kkompletat it-tiqdim, il-ħin f'temperatura tal-katalista miġbur matul il-proċess ta' tiqdim għandu jkun tabulat f'istogramma bi gruppi ta' temperaturi li ma jkunux ikbar minn 10 °C. L-ekwazzjoni tal-BAT u t-temperatura kalkulata u effettiva ta' referenza għaċ-ċiklu tat-tiqdim, skond il-Paragrafu 2.3.1.4. ta' l-Anness VII se jintużaw biex ikun iddeterminat jekk l-ammont ta' tiqdim termali tal-katalista xieraq seħħx tabilħaqq. It-tiqdim fuq il-bank se jkun estiż jekk l-effett termali tal-ħin tat-tiqdim ikkalkulat ma jkunx mill-inqas ta' 95 % tat-tiqdim termali fil-mira.

▼B

3.9. L-Istartjar u t-Tfigħ. Għandha tingħata attenzjoni sabiex ikun żgurat li t-temperatura massima tal-katalista għal deterjorament rapidu (eż., 1 050 °C) ma sseħħx waqt l-istartjar jew it-tfigħ. Jistgħu jintużaw proċeduri speċjali f'temperatura baxxa għall-istartjar u għat-tfigħ sabiex jittaffa dan it-ħassib.

4. **Id-Determinazzjoni Sperimentali tal-Fattur R għall-Proċeduri tad-Durabbiltà tat-Tiqdim fuq il-Bank**

4.1. Il-Fattur R huwa l-koeffiċjent tar-reattività termali tal-katalista li ntuża fl-ekwazzjoni tal-ħin tat-tiqdim fuq il-bank (BAT). Il-manifatturi jistgħu jiddeterminaw il-valur ta' R b'mod sperimentali billi jużaw il-proċeduri li ġejjin.

4.1.1. Permezz taċ-ċiklu tal-bank u tal-ħardwer tat-tiqdim fuq il-bank applikabbli, qeddem diversi katalisti (minimu ta' 3 ta' l-istess disinn ta' katalista) f'temperaturi ta' kontroll differenti bejn it-temperatura operattiva normali u t-temperatura ta' limitu ta' ħsara. Kejjel l-emissjonijiet (jew l-ineffiċjenza tal-katalista (1-effiċjenza tal-katalista)) għal kull kostitwent ta' l-egżost. Kun żgur li l-ittestjar finali jipprovdi *data* bejn darba u darbtejn l-istandard ta' emissjoni.

4.1.2. Stima l-valur ta' R u kalkula t-temperatura ta' referenza effettiva (Tr) għaċ-ċiklu tat-tiqdim fuq il-bank għal kull temperatura ta' kontroll skond il-Paragrafu 2.4.4. ta' l-Anness VII.

4.1.3. Ipplottja l-emissjonijiet (jew l-ineffiċjenza tal-katalista) kontra l-ħin tat-tiqdim għal kull katalista. Ikkalkula l-linja l-inqas kwadrata li toqgħod l-aħjar li tgħaddi mid-data. Għad-data li se tkun utli għal dan il-fini, id-*data* għandu jkollha interċezzjoni bejn wieħed u ieħor komuni ta' bejn 0 u 6 400 km. Ara l-graff li ġejja għal eżempju.

4.1.4. Ikkalkula n-niżla tal-linja li toqgħod l-aħjar għal kull temperatura tat-tiqdim.

4.1.5. Ipplottja l-log naturali (ln) tan-niżla ta' kull linja li toqgħod l-aħjar (iddeterminata fil-pass 4.1.4.) tul l-assi vertikali, kontra l-invers tat-temperatura tat-tiqdim (1/(temperatura tat-tiqdim, deg K)) tul l-assi orizzontali. Ikkalkula l-linji l-inqas kwadrati li joqogħdu l-aħjar li jgħaddu mid-data. In-niżla tal-linja hija l-fattur R. Ara l-graff li ġejja għal eżempju.

Tiqdim tal-katalista



▼B

4.1.6. Ipparaguna l-fattur R mal-valur inizjali li ntuża fil-Pass 4.1.2. Jekk il-fattur R ikkalkulat ivarja mill-valur inizjali b'aktar minn 5 %, agħżel fattur R ġdid li jkun bejn il-valuri inizjali u dawk ikkalkulati, u mbagħad irrepeti l-Passi 2-6 sabiex tislet fattur R ġdid. Irrepeti dan il-proċess sakemm il-fattur R ikkalkulat ikun fi ħdan 5 % tal-fattur R suppost inizjalment.

4.1.7. Ipparaguna l-fattur R iddeterminat separatament għal kull kostitwent ta' l-egżost. Uża l-aktar valur baxx tal-fattur R (l-agħar każ) għall-ekwazzjoni tal-BAT.



▼B

Appendiċi 2

Iċ-Ċiklu Standard tal-Bank tad-Dinamometru (SDBC)

1. **Introduzzjoni**

Għall-filtri għall-partikulati, in-numru ta' riġenerazzjonijiet huwa kritiku għall-proċess tat-tiqdim. Għal sistemi li jeħtieġu ċikli biex jitneħħa l-kubrit (eż. il-katalisti għall-ħażna ta' l-NO_x), dan il-proċess huwa sinifikanti wkoll.

Il-proċedura standard tad-durabbiltà tat-tiqdim fuq il-bank tad-dinamometru tikkonsisti minn tiqdim ta' sistema ta' trattament ta' wara fuq bank tat-tiqdim li ssegwi ċ-ċiklu standard tal-bank (SDBC) deskritt f'dan l-Appendiċi. L-SDBC jeħtieġ l-użu ta' bank tat-tiqdim b'magna bħala s-sors tal-gass ta' alimentazzjoni għas-sistema.

Matul l-SDBC, l-istrateġiji ta' riġenerazzjoni/tneħħija tal-kubrit tas-sistema għandhom jibqgħu f'kundizzjoni operattiva normali.

2. Iċ-Ċiklu Standard tal-Bank tad-Dinamometru jirriproduċi l-kundizzjonijiet tal-veloċità tal-magna u tat-tagħbija li wieħed isib fl-SRC kif ikun xieraq għall-perjodu li d-durabilità trid tiġi determinata għalih. Sabiex ikun aċċelerat il-proċess tat-tiqdim, is-settings tal-magna fuq il-bank tat-test jistgħu jiġu modifikati sabiex jitnaqqsu l-ħinijiet tat-tagħbija tas-sistema. Pereżempju, l-istrateġija tal-ħin ta' l-injezzjoni tal-fjuwil jew l-istrateġija ta' l-EGR tista' tiġi modifikata.

3. **It-tagħmir u l-Proċeduri tal-Bank tat-Tiqdim**

3.1. Il-bank standard tat-tiqdim jikkonsisti minn magna, kontrollur tal-magna u dinamometru tal-magna. Konfigurazzjonijiet oħrajn jistgħu jkunu aċċettabbli (eż. vettura sħiħa fuq dinamometru, jew berner li jipprovdi l-kundizzjonijiet korretti ta' l-egżost), sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet fid-daħla u l-karatteristiċi ta' kontroll tas-sistema tat-trattament ta' wara speċifikati f'dan l-Appendiċi.

Bank wieħed tat-tiqdim jista' jkollu l-fluss ta' l-egżost maqsum f'diversi kurrenti sakemm kull kurrent ta' l-egżost jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-appendiċi. Jekk il-bank ikollu aktar minn kurrent wieħed ta' l-egżost, sistemi multipli ta' trattament ta' wara jistgħu jiqdiemu fl-istess ħin.

3.2. L-Installazzjoni tas-Sistema ta' l-Egżost. Is-sistema kollha tat-trattament ta' wara, flimkien mal-pajpijiet kollha ta' l-egżost li jikkonnettjaw dawn il-komponenti, se jkunu installati fuq il-bank. Għal magni b'kurrenti multipli ta' l-egżost (bħal uħud mill-magni V6 u V8), kull bank tas-sistema ta' l-egżost se jkun installat separatament fuq il-bank.

Is-sistema sħiħa tat-trattament ta' wara se tkun installata bħala unità għat-tiqdim. Alternattivament, kull komponent individwali jista' jiqdiem separatament għall-perjodu xieraq ta' ħin.

▼B

Appendiċi 3

Iċ-Ċiklu Standard tat-Triq (SRC)

Introduzzjoni

Iċ-ċiklu standard tat-triq (SRC) huwa ċiklu ta' akkumulazzjoni tal-kilometri. Il-vettura tista' titħaddem fuq korsa għall-ittestjar jew fuq dinamometru ta' l-akkumulazzjoni tal-kilometri.

Iċ-ċiklu jikkonsisti minn 7 dawriet ma' korsa ta' 6 km. It-tul tad-dawra jista' jitbiddel sabiex ikun akkomodat it-tul tal-korsa għall-ittestjar ta' akkumulazzjoni ta' mili.

Iċ-Ċiklu Standard tat-Triq

Dawra	Deskrizzjoni	Rata tipika ta' aċċelerazzjoni m/s^2
1	(startja l-magna) *idle* għal 10 sekondi	0
1	Aċċelerazzjoni moderata għal 48 km/h	1,79
1	Veloċità moderata ta' 48 km/h għal 1/4 dawra	0
1	Deċelerazzjoni moderata għal 32 km/h	– 2,23
1	Aċċelerazzjoni moderata għal 48 km/h	1,79
1	Veloċità moderata ta' 48 km/h għal 1/4 dawra	0
1	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 2,23
1	*Idle* għal 5 sekondi	0
1	Aċċelerazzjoni moderata għal 56 km/h	1,79
1	Veloċità moderata ta' 56 km/h għal 1/4 dawra	0
1	Deċelerazzjoni moderata għal 40 km/h	– 2,23
1	Aċċelerazzjoni moderata għal 56 km/h	1,79
1	Veloċità moderata ta' 56 km/h għal 1/4 dawra	0
1	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 2,23
2	*Idle* għal 10 sekondi	0
2	Aċċelerazzjoni moderata għal 64 km/h	1,34
2	Veloċità moderata ta' 64 km/h għal 1/4 dawra	0
2	Deċelerazzjoni moderata għal 48 km/h	– 2,23
2	Aċċelerazzjoni moderata għal 64 km/h	1,34
2	Veloċità moderata ta' 64 km/h għal 1/4 dawra	0
2	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 2,23
2	*Idle* għal 5 sekondi	0
2	Aċċelerazzjoni moderata għal 72 km/h	1,34

▼B

Dawra	Deskrizzjoni	Rata tipika ta' aċċelerazzjoni m/s^2
2	Veloċità moderata ta' 72 km/h għal 1/4 dawra	0
2	Deċelerazzjoni moderata għal 56 km/h	– 2,23
2	Aċċelerazzjoni moderata għal 72 km/h	1,34
2	Veloċità moderata ta' 72 km/h għal 1/4 dawra	0
2	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 2,23
3	*Idle* għal 10 sekondi	0
3	Aċċelerazzjoni f'daqqa għal 88 km/h	1,79
3	Veloċità moderata ta' 88 km/h għal 1/4 dawra	0
3	Deċelerazzjoni moderata għal 72 km/h	– 2,23
3	Aċċelerazzjoni moderata għal 88 km/h	0,89
3	Veloċità moderata ta' 88 km/h għal 1/4 dawra	0
3	Deċelerazzjoni moderata għal 72 km/h	– 2,23
3	Aċċelerazzjoni moderata għal 97 km/h	0,89
3	Veloċità moderata ta' 97 km/h għal 1/4 dawra	0
3	Deċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	– 2,23
3	Aċċelerazzjoni moderata għal 97 km/h	0,89
3	Veloċità moderata ta' 97 km/h għal 1/4 dawra	0
3	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 1,79
4	*Idle* għal 10 sekondi	0
4	Aċċelerazzjoni f'daqqa għal 129 km/h	1,34
4	Sewqan mingħajr saħħa għal 113 km/h	– 0,45
4	Veloċità moderata ta' 113 km/h għal 1/2 dawra	0
4	Deċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	– 1,34
4	Aċċelerazzjoni moderata għal 105 km/h	0,89
4	Veloċità moderata ta' 105 km/h għal 1/2 dawra	0
4	Deċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	– 1,34
5	Aċċelerazzjoni moderata għal 121 km/h	0,45
5	Veloċità moderata ta' 121 km/h għal 1/2 dawra	0
5	Deċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	– 1,34
5	Aċċelerazzjoni ħafifa għal 113 km/h	0,45
5	Veloċità moderata ta' 113 km/h għal 1/2 dawra	0
5	Deċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	– 1,34

▼B

Dawra	Deskrizzjoni	Rata tipika ta' aċċelerazzjoni m/s^2
6	Aċċelerazzjoni moderata għal 113 km/h	0,89
6	Sewqan mingħajr saħħa għal 97 km/h	– 0,45
6	Veloċità moderata ta' 97 km/h għal 1/2 dawra	0
6	Deċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	– 1,79
6	Aċċelerazzjoni moderata għal 104 km/h	0,45
6	Veloċità moderata ta' 104 km/h għal 1/2 dawra	0
6	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 1,79
7	*Idle* għal 45 sekondi	0
7	Aċċelerazzjoni f'daqqa għal 88 km/h	1,79
7	Veloċità moderata ta' 88 km/h għal 1/4 dawra	0
7	Deċelerazzjoni moderata għal 64 km/h	– 2,23
7	Aċċelerazzjoni moderata għal 88 km/h	0,89
7	Veloċità moderata ta' 88 km/h għal 1/4 dawra	0
7	Deċelerazzjoni moderata għal 64 km/h	– 2,23
7	Aċċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	0,89
7	Veloċità moderata ta' 80 km/h għal 1/4 dawra	0
7	Deċelerazzjoni moderata għal 64 km/h	– 2,23
7	Aċċelerazzjoni moderata għal 80 km/h	0,89
7	Veloċità moderata ta' 80 km/h għal 1/4 dawra	0
7	Deċelerazzjoni moderata sal-waqfien	– 2,23

Iċ-ċiklu standard tat-triq qed jiġi rappreżentat grafikament fil-figura li ġejja:



▼B

ANNESS VIII

IL-VERIFIKA TA' L-EMISSJONIJIET MEDJI F'TEMPERATURI AMBJENTALI BAXXI

(IT-TEST TAT-TIP 6)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jiddeskrivi t-tagħmir meħtieġ u l-proċedura għat-test tat-Tip 6 sabiex ikunu verifikati l-emissjonijiet f'temperaturi kesħin.

2. IR-REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Ir-rekwiżiti ġenerali għat-test tat-Tip 6 huma dawk stabbiliti fil-paragrafi 5.3.5.1.1. sa 5.3.5.3.2. tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE bl-eċċezzjonijiet speċifikati hawn taħt.

2.2. Ir-referenza għal "idrokarbons" f'5.3.5.1.4. tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tinqara bħala "idrokarbonji totali"

▼M1

2.3. Il-valuri ta' limitu msemmija fil-punt 5.3.5.2 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE huma relatati mal-valuri ta' limitu mniżżla fl-Anness 1, Tabella 4, tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

▼B

3. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

3.1. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma dawk stabbiliti fit-taqsimiet 2 sa 6 ta' l-Anness 8 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE bl-eċċezzjonijiet deskritti fit-taqsimiet li ġejjin.

3.2. Ir-referenza għall-paragrafu 3. ta' l-Anness 10 fil-paragrafu 3.4.1. ta' l-Anness 8 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza għat-Taqsima B ta' l-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

3.3. Ir-referenzi għall-"idrokarbons" għandhom jinqraw bħala "idrokarbonji totali" fit-taqsimiet li ġejjin ta' l-Anness 8 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE:

Il-paragrafu 2.4.1

Il-paragrafu 5.1.1

▼B

ANNESS IX

L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-FJUWILS TA' REFERENZA

A. IL-FJUWILS TA' REFERENZA

1. **Id-*data* teknika dwar il-fjuwils għall-vetturi ta' l-ittestjar b'magni *positive-ignition***

It-tip: Petrol (E5)

Parametru	Unità	Limiti ([1])		Metodu tat-test
		Minimu	Massimu	
In-numru ottan ta' riċerka, RON		95,0	—	EN 25164 prEN ISO 5164
In-numru ottan tal-mutur, MON		85,0	—	EN 25163 prEN ISO 5163
Id-densità fi 15 °C	kg/m^3	743	756	EN ISO 3675 EN ISO 12185
Il-pressjoni tal-fwar	kPa	56,0	60,0	EN ISO 13016-1 (DVPE)
Il-kontenut ta' ilma	% v/v		0,015	ASTM E 1064
Id-distillazzjoni:				
— Evaporata f'70 °C	% v/v	24,0	44,0	EN-ISO 3405
— evaporata f'100 °C	% v/v	48,0	60,0	EN-ISO 3405
— evaporata fi 150 °C	% v/v	82,0	90,0	EN-ISO 3405
— il-punt tat-togħlija finali	°C	190	210	EN-ISO 3405
Ir-residwu	% v/v	—	2,0	EN-ISO 3405
L-analiżi ta' l-idrokarbonji:				
— l-olefini	% v/v	3,0	13,0	ASTM D 1319
— l-aromatiċi	% v/v	29,0	35,0	ASTM D 1319
— il-benżin	% v/v	—	1,0	EN 12177
— is-saturati	% v/v	Rapport		ASTM 1319
Il-proporzjon tal-karbonju/ta' l-idroġenu		Rapport		
Il-proporzjon tal-karbonju/ta' l-ossiġnu		Rapport		
Il-perjodu ta' induzzjoni ([2])	minuti	480	—	EN-ISO 7536
Il-kontenut ta' ossiġnu ([3])	% m/m	Rapport		EN 1601
Il-gomma eżistenti	mg/ml	—	0,04	EN-ISO 6246
Il-kontenut ta' kubrit ([4])	mg/kg	—	10	EN ISO 20846 EN ISO 20884
Il-korrużjoni tar-ram		—	Klassi 1	EN-ISO 2160

▼B

Parametru	Unità	Limiti (1)		Metodu tat-test
		Minimu	Massimu	
Il-kontenut ta' ċomb	mg/l	—	5	EN 237
Il-kontenut ta' fosfru (5)	mg/l	—	1,3	ASTM D 3231
L-etanol (3)	% v/v	4,7	5,3	EN 1601 EN 13132

(1) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "valuri veri". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, ġew applikati t-termini ta' l-ISO 4259 Prodotti tal-petroleum — Id-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' data ta' preċiżjoni b'relazzjoni għall-metodi tat-test u fl-iffissar ta' valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero; fl-iffissar ta' valur massimu u minimu, id-differenza minima hija ta' 4R (R = riproduċibbiltà). Minkejja din il-miżura, li hija meħtieġa għal raġunijiet tekniċi, il-manifattur tal-fjuwils madankollu għandu jimmira għal valur ta' żero fejn il-valur massimu stipulat huwa ta' 2R u għall-valur intermedju fil-każ ta' kwotazzjonijiet ta' limiti massimi u minimi. Jekk ikun meħtieġ li jiġi ċċarat jekk fjuwil jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-ispeċifikazzjonijiet, għandhom jiġu applikati t-termini ta' l-ISO 4259.

(2) Il-fjuwil jista' jkun fih inibituri ta' l-ossidazzjoni u deattivaturi tal-metall li normalment jintużaw sabiex ikunu stabbilizzati l-kurrenti tal-petrol tar-raffineriji, imma m'għandhomx jiġu miżjuda addittivi tad-deterġenti/dispersivi u żjut solventi.

(3) L-etanol li jissodisfa l-ispeċifikazzjoni ta' l-EN 15376 huwa l-uniku ossiġenat li għandu jiġi miżjud intenzjonalment mal-fjuwil ta' referenza.

(4) Il-kontenut effettiv tal-kubrit tal-fjuwil li ntuża għat-test tat-Tip 1 għandu jiġi rapportat.

(5) Ma' dan il-fjuwil ta' referenza m'għandu jkun hemm l-ebda żieda intenzjonali ta' komposti li fihom il-fosfru, il-ħadid, il-manganiż, jew iċ-ċomb.

It-tip: L-etanol (E85)

Parametru	Unità	Limiti (1)		Metodu tat-test (2)
		Minimu	Massimu	
In-numru ottan ta' riċerka, RON		95,0	—	EN ISO 5164
In-numru ottan tal-mutur, MON		85,0	—	EN ISO 5163
Id-densità fi 15 °C	kg/m^3	Rapport		ISO 3675
Il-pressjoni tal-fwar	kPa	40,0	60,0	EN ISO 13016-1 (DVPE)
Il-kontenut tal-kubrit (3) (4)	mg/kg	—	10	EN ISO 20846 EN ISO 20884
L-istabbiltà ta' l-ossidazzjoni	minuti	360		EN ISO 7536
Il-kontenut ta' gomma eżistenti (maħsula bis-solvent)	mg/100 ml	—	5	EN-ISO 6246
Dehra Din għandha tkun iddeterminata f'temperatura ambjentali jew fi 15 °C liema minnhom tkun l-ogħla.		Ċara u brillanti, viżibilment ħielsa minn kontaminanti sospiżi jew preċipatati		Spezzjoni viżwali
L-etanol u l-alkoħols ogħla (7)	% (V/V)	83	85	EN 1601 EN 13132 EN 14517
L-alkoħols ogħla (C3-C8)	% (V/V)	—	2,0	
Il-metanol	% (V/V)		0,5	
Il-petrol (5)	% (V/V)	Balance		EN 228
Il-fosfru	mg/l	0,3 (6)		ASTM D 3231
Il-kontenut ta' ilma	% (V/V)		0,3	ASTM E 1064

▼B

Parametru	Unità	Limiti (1)		Metodu tat-test (2)
		Minimu	Massimu	
Il-kontenut ta' kloridi inorganiċi	mg/l		1	ISO 6227
pHe		6,5	9,0	ASTM D 6423
Il-korrużjoni ta' l-istrixxa tar-ram (3h at 50 °C)	Klassifikazzjoni	Klassi 1		EN ISO 2160
L-aċidità, (bħala aċidu aċetiku CH_3COOH)	% (m/m) (mg/l)	—	0,005(40)	ASTM D 1613
Il-proporzjon tal-karbonju/ta' l-idroġenu		rapport		
Il-proporzjon tal-karbonju/ta' l-ossiġnu		rapport		

(1) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "valuri veri". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, ġew applikati t-termini ta' l-ISO 4259 Prodotti tal-petroleum — Id-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' data ta' preċiżjoni b'relazzjoni għall-metodi tat-test u fl-iffissar ta' valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero; fl-iffissar ta' valur massimu u minimu, id-differenza minima hija ta' 4R (R = riproduċibbiltà). Minkejja din il-miżura, li hija meħtieġa għal raġunijiet tekniċi, il-manifattur tal-fjuwils madankollu għandu jimmira għal valur ta' żero fejn il-valur massimu stipulat huwa ta' 2R u għall-valur intermedju fil-każ ta' kwotazzjonijiet ta' limiti massimi u minimi. Jekk ikun meħtieġ li jiġi ċċarat jekk fjuwil jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-ispeċifikazzjonijiet, għandhom jiġu applikati t-termini ta' l-ISO 4259.

(2) F'każi ta' tilwim, għandhom jintużaw il-proċeduri biex tiġi solvuta t-tilwima u l-intepretazzjoni tar-riżultati bbażata fuq il-preċiżjoni tal-metodu tat-test, deskritti fl-EN ISO 4259.

(3) F'każi ta' tilwima nazzjonali rigward il-kontenut tal-kubrit, għandu jsir użu jew mill-EN ISO 20846 jew mill-EN ISO 20884 b'mod simili għar-referenza fl-anness nazzjonali għall-EN 228.

(4) Għandu jiġi rapportat il-kontenut effettiv tal-kubrit tal-fjuwil li jintuża għat-test tat-Tip 1.

(5) Il-kontenut tal-petrol bla ċomb jista' jiġi determinat bħala 100 mingħajr is-somma tal-kontenut f'perċentwali ta' ilma u ta' alkoħols.

(6) Ma' dan il-fjuwil ta' referenza, m'għandu jkun hemm l-ebda żieda intenzjonali ta' komposti li fihom il-fosfru, il-ħadid, il-manganiż, jew iċ-ċomb.

(7) L-etanol li jissodisfa l-ispeċifikazzjoni ta' l-EN 15376 huwa l-uniku ossiġenat li għandu jiġi miżjud intenzjonalment ma' dan il-fjuwil ta' referenza.

It-tip: L-LPG

Parametru	Unità	Fjuwil A	Fjuwil B	Metodu tat-test
Il-kompożizzjoni:				ISO 7941
Il-kontenut ta' C_3	% vol	30 ± 2	85 ± 2	
Il-kontenut ta' C_4	% vol	Bilanċ	Bilanċ	
$< C_3$, $> C_4$	% vol	Massimu 2	Massimu 2	
L-olefini	% vol	Massimu 12	Massimu 15	
Ir-residwu ta' l-evaporazzjoni	mg/kg	Massimu 50	Massimu 50	prEN 15470
L-ilma f'0 °C		Ħieles	Ħieles	prEN 15469
Il-kontenut totali ta' kubrit	mg/kg	Massimu 10	Massimu 10	ASTM 6667
Il-*hydrogen sulphide*		Xejn	Xejn	ISO 8819
Il-korrużjoni ta' l-istrixxa tar-ram	Klassifikazzjoni	Klassi 1	Klassi 1	ISO 6251 (1)

▼B

Parametru	Unità	Fjuwil A	Fjuwil B	Metodu tat-test
Ir-riħa		Karatteristi-ka	Karatteristi-ka	
In-numru ottan tal-mutur		Minimu 89	Minimu 89	EN 589 Anness B

(1) Dan il-metodu jista' ma jiddeterminax b'mod preċiż il-preżenza ta' materjali korrożivi jekk il-kampjun fih inibituri tal-korrużjoni jew kimiċi oħra li jnaqqsu l-korrożività tal-kampjun għall-istrixxa tar-ram. Għalhekk, iż-żieda ta' tali komposti għall-uniku fini li jkun ippreġudikat il-metodu tat-test hija projbita.

It-tip: L-NG/il-Bijometanu

Karatteristiċi	Unitajiet	Baži	Limiti		Metodu tat-test
			minimu	massimu	
Il-fjuwil ta' referenza G20					
Il-kompożizzjoni:					
Il-metanu	% mole	100	99	100	ISO 6974
Bilanċ (1)	% mole	—	—	1	ISO 6974
L-N_2	% mole				ISO 6974
Il-kontenut ta' kubrit	mg/m^3 (2)	—	—	10	ISO 6326-5
L-Indiċi Wobbe (nett)	MJ/m^3 (3)	48,2	47,2	49,2	
Il-fjuwil ta' referenza G25					
Il-kompożizzjoni:					
Il-metanu	% mole	86	84	88	ISO 6974
Bilanċ (1)	% mole	—	—	1	ISO 6974
L-N_2	% mole	14	12	16	ISO 6974
Il-kontenut ta' kubrit	mg/m^3 (2)	—	—	10	ISO 6326-5
L-Indiċi Wobbe (nett)	MJ/m^3 (3)	39,4	38,2	40,6	

(1) L-inerti (differenti mill-N_2) + C_2 + C_{2+}.
(2) Il-valur għandu jiġi determinat f'293.2 K (20 °C) u f'101.3 kPa.
(3) Il-valur għandu jiġi determinat f'273.2 K (0 °C) u f'101.3 kPa.

▼M3

It-tip: Idroġenu għal magni ta' kombustjoni interni

Il-karatteristiċi	L-unitajiet	Il-limiti		Il-metodu tat-test
		minimu	massimu	
Il-purità tal-idroġenu	% mole	98	100	ISO 14687-1
L-idrokarburi totali	µmol/mol	0	100	ISO 14687-1
L-ilma (1)	µmol/mol	0	(2)	ISO 14687-1
L-ossiġnu	µmol/mol	0	(2)	ISO 14687-1

▼M3

Il-karatteristiċi	L-unitajiet	Il-limiti		Il-metodu tat-test
		minimu	massimu	
L-argon	µmol/mol	0	(2)	ISO 14687-1
In-nitroġenu	µmol/mol	0	(2)	ISO 14687-1
CO	µmol/mol	0	1	ISO 14687-1
Il-kubrit	µmol/mol	0	2	ISO 14687-1
Il-partikoli permanenti (3)				ISO 14687-1

(1) M'għandux jiġi kkundensat
(2) L-ilma, l-ossiġnu, in-nitroġenu u l-argon ikkumbinati: 1 900 µmol/mol
(3) L-idroġenu m'għandux ikun fih trab, ramel, ħmieġ, gomom, żjut, jew sustanzi oħra f'ammont kbir biżżejjed biex jikkawża ħsara lill-apparat tal-istazzjon tal-fjuwil tal-vettura (magna) li qed tieħu l-fjuwil.

It-Tip: Idroġenu għal vetturi biċ-ċelloli tal-fjuwil

Il-karatteristiċi	Parametru	Limiti		Il-metodu tat-test
		minimu	massimu	
Il-fjuwil tal-idroġenu (1)	% mole	99,99	100	ISO 14687-2
Il-gassijiet totali (2)	µmol/mol	0	100	
L-idrokarburi totali	µmol/mol	0	2	ISO 14687-2
L-ilma	µmol/mol	0	5	ISO 14687-2
L-ossiġnu	µmol/mol	0	5	ISO 14687-2
L-Elju (He), in-Nitroġenu (N_2), l-Argon (Ar)	µmol/mol	0	100	ISO 14687-2
CO_2	µmol/mol	0	2	ISO 14687-2
CO	µmol/mol	0	0,2	ISO 14687-2
Il-komposti totali tal-kubrit	µmol/mol	0	0,004	ISO 14687-2
Il-formaldeid (HCHO)	µmol/mol	0	0,01	ISO 14687-2
L-aċidu formiku (HCOOH)	µmol/mol	0	0,2	ISO 14687-2
L-ammonja (NH_3)	µmol/mol	0	0,1	ISO 14687-2
Il-komposti aloġenati totali	µmol/mol	0	0,05	ISO 14687-2
Id-daqs tal-partikoli	µm	0	10	ISO 14687-2
Il-konċentrazzjoni tal-partikoli	µg/l	0	1	ISO 14687-2

(1) L-indiċi tal-fjuwil tal-idroġenu huwa ddeterminat billi jitnaqqas il-kontenut totali tal-kostitwenti gassużi mhux tal-idroġenu elenkati fit-tabella (Il-gassijiet totali), espressi fil-perċentwali ta' mole, minn 100 perċentwali ta' mole. L-indiċi huwa inqas mis-somma tal-limiti massimi ammissibbli tal-konstitwenti li mhumiex idroġeni murija fit-Tabella.
(2) Il-valur tal-gassijiet totali huwa s-somma tal-valuri tal-kostitwenti li mhumiex idroġenu elenkati fit-tabella, minbarra l-partikoli.

It-tip: H2NG

Il-fjuwils tal-idroġenu u tal-NG/bijometan li jikkomponu taħlita H2NG, għandhom jikkonformaw separatament mal-karatteristiċi korrispondenti tagħhom, espressi f'dan l-Anness.

▼B

2. **Id-data teknika dwar il-fjuwils għall-vetturi ta' l-ittestjar b'magni *compression-ignition***

It-tip: Id-diżil (B5)

Parametru	Unità	Limiti ([1])		Metodu tat-test
		Minimu	Massimu	
In-numru tas-*cetane* ([2])		52,0	54,0	EN-ISO 5165
Id-densità fi 15 °C	kg/m^3	833	837	EN-ISO 3675
Id-distillazzjoni:				
— il-punt ta' 50 %	°C	245	—	EN-ISO 3405
— il-punt ta' 95 %	°C	345	350	EN-ISO 3405
— il-punt finali tat-togħlija	°C	—	370	EN-ISO 3405
It-temperatura li fiha l-fwar taż-żejt jista' jaqbad (*flash point*)	°C	55	—	EN 22719
Is-CFPP	°C	—	– 5	EN 116
Il-viskożità f'40 °C	mm^2/s	2,3	3,3	EN-ISO 3104
L-idrokarbonji poliċikliċi aromatiċi	% m/m	2,0	6,0	EN 12916
Il-kontenut ta' kubrit ([3])	mg/kg	—	10	EN ISO 20846/EN ISO 20884
Il-korrużjoni tar-ram		—	Class 1	EN-ISO 2160
Ir-residwu tal-karbonju Conradson (10 % DR)	% m/m	—	0,2	EN-ISO 10370
Il-kontenut ta' rmied	% m/m	—	0,01	EN-ISO 6245
Il-kontenut ta' ilma	% m/m	—	0,02	EN-ISO 12937
In-numru ta' newtralizzazzjoni (aċidu qawwi)	mg KOH/g	—	0,02	ASTM D 974
L-istabbiltà ta' l-ossidazzjoni ([4])	mg/ml	—	0,025	EN-ISO 12205
Il-lubriċità (id-dijametru skenjat ta' kemm ittiekel l-HFRR f'60 °C)	µm	—	400	EN ISO 12156
L-istabbiltà ta' l-ossidazzjoni f'110 °C ([4]) ([6])	h	20,0		EN 14112
Il-FAME ([5])	% v/v	4,5	5,5	EN 14078

([1]) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "valuri veri". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, ġew applikati t-termini ta' l-ISO 4259 Prodotti tal-petroleum — Id-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' data ta' preċiżjoni b'relazzjoni għall-metodi tat-test u fl-iffissar ta' valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero; fl-iffissar ta' valur massimu u minimu, id-differenza minima hija ta' 4R (R = riproduċibbiltà). Minkejja din il-miżura, li hija meħtieġa għal raġunijiet tekniċi, il-manifattur tal-fjuwils madankollu għandu jimmira għal valur ta' żero fejn il-valur massimu stipulat huwa ta' 2R u għall-valur intermedju fil-każ ta' kwotazzjonijiet ta' limiti massimi u minimi. Jekk ikun meħtieġ li jiġi ċċarat jekk fjuwil jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-ispeċifikazzjonijiet, għandhom jiġu applikati t-termini ta' l-ISO 4259.

([2]) Il-firxa għan-numru tas-*cetane* mhix skond ir-rekwiżiti ta' firxa minima ta' 4R. Madankollu, fil-każ ta' tilwima bejn dak il-fornitur tal-fjuwil u l-utent tal-fjuwil, it-termini ta' l-ISO 4259 jistgħu jintużaw biex isolvu tali tilwim sakemm isir kejl ripetut, ta' numru biżżejjed biex tiġi arkivjata l-preċiżjoni meħtieġa, fejn jiġu preferuti d-determinazzjonijiet waħdanija.

([3]) Il-kontenut effettiv ta' kubrit tal-fjuwil użat għat-test tat-Tip I għandu jiġi rappurtat.

([4]) Anki jekk l-istabbilità ta' l-ossidazzjoni tkun ikkontrollata, huwa probabbli li l-perjodu ta' konservabbiltà se jkun limitat. Wieħed għandu jieħu parir mingħand il-fornitur dwar il-kundizzjonijiet tal-ħżin u għal kemm iservu.

([5]) Il-kontenut ta' FAME għandu jissodisfa l-ispeċifikazzjoni ta' l-EN 14214

([6]) L-istabbiltà ta' l-ossidazzjoni tista' tintwera bl-EN-ISO 12205 jew bl-EN 14112. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi rivedut fuq il-bażi ta' l-evalwazzjonijiet CEN/TC19 tar-rendiment u tal-limiti tat-test ta' l-istabbiltà ossidattiva.

▼B

B. IL-FJUWILS TA' REFERENZA GĦALL-ITTESTJAR TA' L-EMISSJONIJIET F'TEMPERATURI AMBJENTALI BAXXI — IT-TEST TAT-TIP 6

It-tip: Il-petrol (E5)

Parametru	Unità	Limiti ([1])		Metodu tat-test
		Minimu	Massimu	
In-numru ottan ta' riċerka, RON		95,0	—	EN 25164 prEN ISO 5164
In-numru ottan tal-mutur, MON		85,0	—	EN 25163 prEN ISO 5163
Id-densità fi 15 °C	kg/m3	743	756	ISO 3675 EN ISO 12185
Il-pressjoni tal-fwar	kPa	56,0	95,0	EN ISO 13016-1 (DVPE)
Il-kontenut ta' ilma	% v/v		0,015	ASTM E 1064
Id-distillazzjoni:				
— evaporata f'70 °C	% v/v	24,0	44,0	EN-ISO 3405
— evaporata f'100 °C	% v/v	50,0	60,0	EN-ISO 3405
— evaporata fi 150 °C	% v/v	82,0	90,0	EN-ISO 3405
— il-punt tat-togħlija finali	°C	190	210	EN-ISO 3405
Ir-residwu	% v/v	—	2,0	EN-ISO 3405
L-analiżi ta' l-idrokarbonji:				
— l-olefini	% v/v	3,0	13,0	ASTM D 1319
— l-aromatiċi	% v/v	29,0	35,0	ASTM D 1319
— il-benżin	% v/v	—	1,0	EN 12177
— is-saturati	% v/v	Rapport		ASTM D 1319
Il-proporzjon tal-karbonju/ta' l-idroġenu		Rapport		
Il-proporzjon tal-karbonju/ta' l-ossiġnu		Rapport		
Il-perjodu ta' induzzjoni ([2])	minuti	480	—	EN-ISO 7536
Il-kontenut ta' ossiġnu ([3])	% m/m	Rapport		EN 1601
Il-gomma eżistenti	mg/ml	—	0,04	EN-ISO 6246
Il-kontenut ta' kubrit ([4])	mg/kg	—	10	EN ISO 20846 EN ISO 20884
Il-korrużjoni tar-ram		—	Klassi 1	EN-ISO 2160
Il-kontenut ta' ċomb	Mg/l	—	5	EN 237

▼B

Parametru	Unità	Limiti (1)		Metodu tat-test
		Minimu	Massimu	
Il-kontenut ta' fosfru (5)	Mg/l	—	1,3	ASTM D 3231
L-etanol (3)	% v/v	4,7	5,3	EN 1601 EN 13132

(1) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "valuri veri". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, ġew applikati t-termini ta' l-ISO 4259 Prodotti tal-petroleum — Id-determinazzjoni u l-applikazzjoni ta' data ta' preċiżjoni b'relazzjoni għall-metodi tat-test u fl-iffissar ta' valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero; fl-iffissar ta' valur massimu u minimu, id-differenza minima hija ta' 4R (R = riproduċibbiltà). Minkejja din il-miżura, li hija meħtieġa għal raġunijiet tekniċi, il-manifattur tal-fjuwils madankollu għandu jimmira għal valur ta' żero fejn il-valur massimu stipulat huwa ta' 2R u għall-valur intermedju fil-każ ta' kwotazzjonijiet ta' limiti massimi u minimi. Jekk ikun meħtieġ li jiġi ċċarat jekk fjuwil jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-ispeċifikazzjonijiet, għandhom jiġu applikati t-termini ta' l-ISO 4259.

(2) Il-fjuwil jista' jkun fih inibituri ta' l-ossidazzjoni u deattivaturi tal-metalli li normalment jintużaw sabiex ikunu stabbilizzati l-kurrenti tal-petrol tar-raffineriji, imma m'għandhomx jiġu miżjuda addittivi tad-deterġenti/dispersivi u żjut solventi.

(3) L-etanol li jissodisfa l-ispeċifikazzjoni ta' l-EN 15376 huwa l-uniku ossiġenat li għandu jiġi miżjud intenzjonalment ma' dan il-fjuwil ta' referenza.

(4) Il-kontenut effettiv tal-kubrit tal-fjuwil li ntuża għat-test tat-Tip 6 għandu jiġi rapportat.

(5) Ma' dan il-fjuwil ta' referenza, m'għandu jkun hemm l-ebda żieda intenzjonali ta' komposti li fihom il-fosfru, il-ħadid, il-manganiż, jew iċ-ċomb.

It-tip: L-etanol (E75)

▼M1

Parametru	Unità	Limiti (1)		Metodu tat-test (2)
		Minimu	Massimu	
In-numru ottan ta' riċerka, RON		95	—	EN ISO 5164
In-numru ottan tal-mutur, MON		85	—	EN ISO 5163
Id-densità fi 15 °C	kg/m^3	rapport		EN ISO 12185
Il-pressjoni tal-fwar	kPa	50	60	EN ISO 13016-1 (DVPE)
Il-kontenut ta' kubrit (3) (4)	mg/kg	—	10	EN ISO 20846 EN ISO 20884
L-istabbiltà tal-ossidazzjoni	minuti	360	—	EN ISO 7536
Il-kontenut ta' gomma eżistenti (maħsula bis-solvent)	mg/100 ml	—	4	EN ISO 6246
Id-dehra għandha tkun iddeterminata f'temperatura ambjentali jew fi 15 °C liema minnhom tkun l-ogħla		Ċara u brillanti, viżibilment ħielsa minn kontaminanti sospiżi jew preċipitati		Spezzjoni viżwali
L-etanol u l-alkoħols ogħla (7)	% (V/V)	70	80	EN 1601 EN 13132 EN 14517
L-alkoħols ogħla (C_3 - C_8)	% (V/V)	—	2	
Il-metanol		—	0,5	
Il-petrol (5)	% (V/V)	Bilanċ		EN 228
Il-fosfru	mg/l	0,30 (6)		ASTM D 3231 EN 15487

▼**M1**

Parametru	Unità	Limiti (1)		Metodu tat-test (2)
		Minimu	Massimu	
Il-kontenut ta' ilma	% (V/V)	—	0,3	ASTM E 1064 EN 15489
Il-kontenut ta' kloridi inorganiċi	mg/l	—	1	ISO 6227 - EN 15492
pHe		6,50	9	ASTM D 6423 EN 15490
Il-korrużjoni tal-istrixxa tar-ram (3h f'50 °C)	Klassifikazzjoni	Klassi 1		EN ISO 2160
L-aċidità (bħala aċidu aċetiku CH_3COOH)	% (m/m)		0,005	ASTM D1613 EN 15491
	mg/l		40	
Il-proporzjon tal-karbonju/tal-idroġenu		rapport		
Il-proporzjon tal-karbonju/tal-ossiġnu		rapport		

(1) Il-valuri msemmija fl-ispeċifikazzjonijiet huma "valuri veri". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu, ġew applikati t-termini tal-ISO 4259 Prodotti tal-petroleum — Determinazzjoni u applikazzjoni ta' data ta' preċiżjoni b'relazzjoni għall-metodi tat-test. Fl-iffissar ta' valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero. Fl-iffissar ta' valur massimu u minimu, id-differenza minima użata kienet ta' 4R (R = riproduċibbiltà). Minkejja din il-proċedura, li hija meħtieġa għal raġunijiet tekniċi, il-manifatturi tal-fjuwil għandhom jimmiraw għal valur ta' żero fejn il-valur massimu stipulat huwa ta' 2R u għall-valur intermedju għal kwotazzjonijiet ta' limiti massimi u minimi. Jekk ikun meħtieġ li jiġi ċċarat jekk fjuwil jissodisfax ir-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjonijiet, għandhom jiġu applikati t-termini tal-ISO 4259.

(2) F'każi ta' tilwim, għandhom jintużaw il-proċeduri biex tiġi solvuta t-tilwima u l-intepretazzjoni tar-riżultati bbażata fuq il-preċiżjoni tal-metodu tat-test, deskritti fl-EN ISO 4259.

(3) F'każi ta' tilwima nazzjonali rigward il-kontenut tal-kubrit, għandu jsir użu jew mill-EN ISO 20846 jew mill-EN ISO 20884 b'mod simili għar-referenza fl-anness nazzjonali għall-EN 228.

(4) Għandu jiġi rapportat il-kontenut effettiv tal-kubrit tal-fjuwil li jintuża għat-test tat-Tip 6.

(5) Il-kontenut tal-petrol bla ċomb jista' jiġi determinat bħala 100 minħajr is-somma tal-kontenut f'perċentwali ta' ilma u ta' alkoħols.

(6) Ma' dan il-fjuwil ta' referenza m'għandu jkun hemm l-ebda żieda intenzjonali ta' komposti li fihom il-fosfru, il-ħadid, il-manganiż, jew iċ-ċomb.

(7) L-etanol li jissodisfa l-ispeċifikazzjoni tal-EN 15376 huwa l-uniku ossiġenat li għandu jiġi miżjud intenzjonalment ma' dan il-fjuwil ta' referenza.

▼B

ANNESS X

IL-PROĊEDURA TAT-TEST TA' L-EMISSJONIJIET GĦALL-VETTURI ELETTRIĊI IBRIDI (HEV)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-anness jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet speċifiċi addizzjonali rigward l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura elettrika ibrida (HEV).

2. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

2.1. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness 14 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE bl-eċċezzjonijiet deskritta fit-taqsima li ġejja.

2.2. Ir-referenzi għall-paragrafu 5.3.1.4. fit-taqsimiet 3.1.2.6., 3.1.3.5., 3.2.2.7. u 3.2.3.5. ta' l-Anness 14 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-Tabella 1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 5 u għat-Tabella 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għall-vetturi Euro 6.

▼B

ANNESS XI

ID-DIJANJOSTIKA ABBORD (OBD) GĦAL VETTURI BIL-MUTUR

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi l-aspetti funzjonali tas-sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) għall-kontroll ta' l-emissjonijiet mill-vetturi bil-mutur.

2. IR-REKWIŻITI U T-TESTIJIET

2.1. Ir-rekwiżiti u t-testijiet għas-sistemi OBD huma dawk speċifikati fit-Taqsima 3 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE. L-eċċezzjonijiet għal dawn ir-rekwiżiti kif ukoll ir-rekwiżiti addizzjonali ġew deskritti fit-taqsimiet li ġejjin.

2.2. Id-distanza ta' durabbiltà li tissemma fit-taqsimiet 3.1. u 3.3.1. ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza għar-rekwiżiti ta' l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

2.3. Il-limiti ta' limitu speċifikati fit-taqsima 3.3.2 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jiġu mifhuma bħala referenza għat-tabelli t'aktar 'l isfel:

2.3.1. Il-limiti ta' limitu ta' l-OBD għall-vetturi li huma approvati għat-tip skond il-limiti ta' emissjoni stabbiliti fit-Tabella 1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jinsabu fit-tabella li ġejja.

Il-limiti ta' limitu ta' l-OBD Euro 5

		Massa ta' referenza (RW) (kg)	Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO) (mg/km)		Massa ta' idrokarbonji li m'humiex metanu (NMHC) (mg/km)		Massa ta' l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) (mg/km)		Massa ta' partikulati (PM) (mg/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI [1]	CI [2]
M	—	Kollha	1 900	1 900	250	320	300	540	50	50
N_1 [3]	I	RW ≤ 1 305	1 900	1 900	250	320	300	540	50	50
	I	1 305 < RW ≤ 1 760	3 400	2 400	330	360	375	705	50	50
	II	1 760 < RW	4 300	2 800	400	400	410	840	50	50
N_2	—	All	4 300	2 800	400	400	410	840	50	50

Muftieħ: PI = P*ositive-ignition*, CI = C*ompression-Ignition*

[1] L-istandards tal-massa tal-partikulati għal vetturi *positive-ignition* japplikaw biss għal vetturi b'magni b'injezzjoni diretta

[2] Sad-dati stabbiliti fl-Artikolu 17, għall-vetturi tal-kategoriji M u N b'massa ta' referenza akbar minn 1 760 kg għandu japplika limitu ta' limitu tal-PM ta' 80 mg/km

[3] Jinkludi vetturi M_1 li jissodisfaw id-definizzjoni ta' "ħtiġijiet soċjali speċifiċi[speċjali]" tar-Regolament (KE) Nru 715/2007

2.3.2. Il-limiti ta' limitu ta' l-OBD għall-vetturi *compression-ignition* li jikkonformaw mal-valuri ta' limitu ta' l-emissjonijiet Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 u li ġew approvati għat-tip qabel id-dati mogħtija fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jinsabu fit-tabella li ġejja. Dawn il-limiti ta' limitu għandhom jieqfu japplikaw mid-dati stabbiliti fl-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 sabiex vetturi ġodda jiġu reġistrati, mibjugħa jew jibdew jintużaw.

▼B

Il-limiti ta' limitu interim ta' l-OBD Euro 6

		Massa ta' referenza (RW) (kg)	Massa ta'monossidu tal-karbonju	Massa ta' idrokarbonji li m'humiex metanu	Massa ta' l-ossidi tan-nitroġenu	Massa ta' partikulati
			(CO) (mg/km)	(NMHC) (mg/km)	(NO_x) (mg/km)	(PM) (mg/km)
Kategorija	Klassi		CI	CI	CI	CI
M	—	Kollha	1900	320	240	50
N_1	I	RW ≤ 1 305	1900	320	240	50
	I	1 305 < RW ≤ 1 760	2 400	360	315	50
	II	1 760 < RW	2 800	400	375	50
N_2	—	All	2 800	400	375	50

Muftieħ: CI = Compression-Ignition

▼M2

2.3.3. Il-limiti minimu tal-OBD għall-vetturi li huma tat-tip approvati skont il-limitu tal-emissjonijiet Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 minn 3 snin wara d-dati li ngħataw fl-Artikolu 10(4) u 10(5) ta' dak ir-Regolament jinsabu fit-tabella li ġejja:

Il-limiti ta' limitu tal-OBD Euro 6

		Massa ta' referenza (RM) (kg)	Massa ta' monossidu tal-karbonju		Massa ta' idrokarburi li mhux mill-metanu		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu		Massa ta' materja f'partiċelli		Għadd ta' partiċelli	
			(CO) (mg/km)		(NMHC) (mg/km)		(NO_x) (mg/km)		(PM) (mg/km)		(PN) (#/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI	PI	CI	CI	PI	CI	PI
M	—	Kollha	1 900	1 750	170	290	90	140	12	12		
N_1 ([3])	I	RM ≤ 1 305	1 900	1 750	170	290	90	140	12	12		
	II	1 305 < RM ≤ 1 760	3 400	2 200	225	320	110	180	12	12		
	III	1 760 < RM	4 300	2 500	270	350	120	220	12	12		
N_2	—	Kollha	4 300	2 500	270	350	120	220	12	12		

Qari: PI = Positive-ignition, CI = Compression-Ignition.

Nota ta' spjegazzjoni:

Il-limiti tal-OBD stabbiliti fit-tabella huma suġġett għal reviżjoni li għandha titmexxa mill-Kummissjoni sal-1 ta' Settembru 2014. Fejn dawn il-limiti jidhru li mhumiex teknikament vijabbli, il-valuri tagħhom jew id-dati mandatorji tal-applikazzjoni għandhom jiġu emendati skont dan, filwaqt li tikkunsidra l-effetti ta' rekwiżiti oħra ġodda li se jiġu introdotti għall-vetturi Euro 6. Fejn ir-reviżjoni turi ħtiġijiet ambjentali kif ukoll vijabilità teknika u benefiċċju mhux monetarju, għandhom jiġu adottati valuri aktar stringenti u limiti tal-limitu tal-OBD għal numri tal-partikolu jew, fejn applikabbli, jiġi introdott tniġġis ieħor regolat. Waqt li tagħmel dan, l-industrija għandha tingħata biżżejjed żmien biex tintroduċi l-iżviluppi tekniċi.

▼M2

2.3.4. Sa tliet snin wara d-dati speċifiċi fl-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għal approvazzjonijiet ġodda tat-tip u vetturi ġodda rispettivament, il-limiti tal-limitu OBD li ġejjin għandhom jiġu applikati għal vetturi li huma approvati tat-tip skont il-limiti l-ġodda ta' emissjoni Euro 6 stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, skont l-għażla tal-manifattur:

Il-limiti preliminari ta' limitu tal-OBD Euro 6

		Massa ta' referenza (RM) (kg)	Massa ta' monossidu tal-karbonju		Massa ta' idrokarburi li mhux mill-metanu		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu		Massa ta' materja f'partiċelli	
			(CO) (mg/km)		(NMHC) (mg/km)		(NO_x) (mg/km)		(PM) (mg/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI (2)	PI	CI	CI	PI
M	—	Kollha	1 900	1 750	170	290	150	180	25	25
N_1 (3)	I	RM ≤ 1 305	1 900	1 750	170	290	150	180	25	25
	II	1 305 < RM ≤ 1 760	3 400	2 200	225	320	190	220	25	25
	III	1 760 < RM	4 300	2 500	270	350	210	280	30	30
N_2	—	Kollha	4 300	2 500	270	350	210	280	30	30

Qari: PI = Positive-ignition, CI = Compression-Ignition.

▼B

2.4. Minbarra d-dispożizzjonijiet tat-taqsima 3.2.1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, il-manifattur jista' temporanjament jiddiżattiva s-sistema OBD fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Għal vetturi *flex fuel* jew li jieħdu gass tal-fjuwil wieħed jew tnejn, matul 1 minuta wara alimentazzjoni mill-ġdid sabiex ikun hemm ħin għar-rikonoxximent tal-kwalità u tal-kompożizzjonijiet tal-fjuwil mill-ECU;

(b) Għal vetturi li jieħdu żewġ fjuwils matul 5 sekondi wara l-bidla tal-fjuwil sabiex ikun hemm ħin għal aġġustament mill-ġdid tal-parametri tal-magna.

Il-manifattur jista' jiddevja minn dawn limiti ta' ħin jekk jista' juri li l-istabilizzazzjoni tas-sistema ta' alimentazzjoni wara l-alimentazzjoni mill-ġdid jew wara l-bidla tal-fjuwil tieħu aktar ħin minħabba raġunijiet tekniċi ġustifikati. Ikun xi jkun il-każ, is-sistema OBD għandha terġa' tiġi attivata hekk kif jew il-kwalità u l-kompożizzjoni tal-fjuwil jiġu rikonoxxuti jew il-parametri tal-magna jiġu aġġustati mill-ġdid.

2.5. It-taqsima 3.3.3.1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tiġi sostitwita bir-rekwiżit li ġej:

Is-sistema OBD għandha timmonitorja t-tnaqqis fl-effiċjenza tal-konvertitur katalitiku rigward l-emissjonijiet tat-THC u ta' l-NO_x. Il-manifatturi jistgħu jimmonitorjaw il-katalista ta' quddiem waħidha jew flimkien mal-katalista/i li jmiss 'l isfel mis-sors. Kull katalista jew kull kombinazzjoni ta' katalisti monitorjata monitorjata għandha titqies bħala li tkun bil-ħsara meta l-emissjonijiet jeċċedu l-limiti ta' limitu tal-NMHC jew ta' l-NO_x ippruvduti mit-taqsima 2.3 ta' dan l-Anness. Bħala deroga, ir-rekwiżit tal-monitoraġġ tat-tnaqqis fl-effiċjenza tal-konvertitur katalitiku rigward l-emissjonijiet ta' l-NO_x għandu japplika biss mid-dati stabbiliti fl-Artikolu 17.

▼B

2.6. It-taqsima 3.3.3.3 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tfisser li għandu jiġi monitorjat id-deterjorament tas-sensuri kollha ta' l-ossiġnu mwaħħla u użati għall-monitoraġġ tal-ħsarat tal-konvertitur katalitiku skond ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

2.7. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 3.3.3 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, għal magni *positive-ignition* b'injezzjoni diretta għandha tiġi monitorjata kwalunkwe ħsara, li tista' twassal biex l-emissjonijiet jeċċedu l-limiti ta' limitu tal-partikulati provduti mit-taqsima 2.3 ta' dan l-Anness u li trid tiġi monitorjata skond ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness għal magni *compression-ignition*.

2.8. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 3.3.4 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, għandhom jiġu monitorjati l-ħsarat u t-tnaqqis fl-effiċjenza tas-sistema EGR.

2.9. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 3.3.4 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, għandhom jiġu monitorjati l-ħsarat u t-tnaqqis fl-effiċjenza tas-sistema tat-trattament ta' wara ta' l-NO_x li tuża reaġent u s-sistema ta' dożaġġ tar-reaġent.

2.10. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 3.3.4 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, għandhom jiġu monitorjati l-ħsarat u t-tnaqqis fl-effiċjenza tas-sistema tat-trattament ta' wara ta' l-NO_x li ma tużax reaġent.

2.11. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 6.3.2 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, il-manifattur għandu juri li l-ħsarat tal-fluss u tal-kuler ta' l-EGR jiġu skoperti mis-sistema OBD waqt it-test ta' l-approvazzjoni tagħha.

2.12. Ir-referenzi fit-taqsima 6.4.1.2 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għall-"HC" (idrokarbonji) għandhom jinqraw bħala "NMHC" (idrokarbonji li m'humiex metanu).

2.13. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 6.5.1.3 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, id-data kollha li jeħtieġ li tinħażen b'relazzjoni għar-rendiment waqt l-użu ta' l-OBD skond id-dispożizzjonijiet tat-taqsima 3.6 ta' l-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness għandha tkun disponibbli permezz tal-port serjali tad-data fuq il-konnettur standardizzat tal-link tad-data skond l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fit-taqsima 6.5.3 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

▼M2

2.14. Għall-kuntrarju ta' punt 3.3.5 tal-Anness 11 tar-Regolament tal-UN/ECE Nru 83, it-tagħmir li ġeh għandu jkun immonitorjat għal nuqqas totali jew tneħħija jekk tal-aħħar ikun irriżulta f'qabża mil-limiti tal-emissjoni applikabbli:

— mill-1 ta' Settembru 2011, imaqbad tal-partiċelli li huma ffittjati biex jikkompressaw magni tal-ignition bħala unità separata jew integrata f'tagħmir komuni tal-kontroll tal-emissjoni;

— għal vetturi ċertifikati jew kontra il-limitu tal-limiti tal-OBD li jidhru fit-tabelli stipulati fil-punti 2.3.3 jew 2.3.4, sistemi ta' wara t-trattament ta' NO_x iffittjati biex jikkompressaw magni tal-ignition bħala unità separata jew integrata f'tagħmir komuni tal-kontroll tal-emissjoni;

— għal vetturi ċertifikati kontra jew il-limiti tal-limitu tal-OBD li jidhru fit-tabelli stipulati fil-punti 2.3.3 jew 2.3.4, katalizzatur tal-ossidazzjoni tad-diżil (DOC) iffittja għal magni tal-ignition b'kompressjoni bħala unità separata jew integrata f'tagħmir komuni tal-kontroll tal-emissjoni.

▼M2

It-tagħmir imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jkun immonitorjat ukoll għal xi nuqqas li jista' jwassal għal qabża tal-limiti tal-limitu OBD applikabbli.

▼B

3. ID-DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦAD-DEFIĊJENZI FIS-SISTEMI OBD

3.1. Meta titqies it-talba għall-għotja ta' l-approvazzjoni tat-tip lil vettura b'defiċjenza jew b'defiċjenzi kif ġie stabbilit fl-Artikolu 6(2), l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tiddetermina jekk il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness mhix fattibbli jew raġonevoli.

3.2. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tqis id-*data* mingħand il-manifattur li tiddeskrivi fid-dettall tali fatturi bħal, iżda mhix limitata għall-fattibbiltà teknika, il-ħin mill-bidu sa l-aħħar tal-proċess tal-produzzjoni u ċ-ċikli ta' produzzjoni inkluża l-introduzzjoni jew it-tneħħija gradwali ta' magni jew ta'disinji ta' vetturi u aġġornamenti programmati tal-kompjuters, sakemm is-sistema OBD li tirriżulta se tkun effettiva biex tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u sakemm il-manifattur ikun wera livell aċċettabbli ta' sforz lejn konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

▼M1

3.3. L-awtorità tal-approvazzjoni ma għandha taċċetta l-ebda talba minħabba defiċjenza li tinkludi n-nuqqas sħiħ ta' moniter dijanjostiku meħtieġ jew ta' reġistrazzjoni u rapportaġġ mandatorju ta' data relatata ma' moniter.

▼B

3.4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni mhi se taċċetta l-ebda talba minħabba defiċjenza li ma tirrispettax il-limiti ta' limitu ta' l-OBD fit-Taqsima 2.3.

3.5. Fid-determinazzjoni ta' l-ordni identifikat tad-defiċjenzi, għandhom jiġu identifikati l-ewwel id-defiċjenzi relatati mat-taqsimiet 3.3.3.1., 3.3.3.2. u 3.3.3.3. ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għall-magni *positive-ignition* u t-taqsimiet 3.3.4.1., 3.3.4.2. u 3.3.4.3. ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għall-magni *compression-ignition*.

3.6. Qabel ma jew meta ssir l-approvazzjoni tat-tip, m'għandha tingħata l-ebda defiċjenza rigward ir-rekwiżiti tat-taqsima 6.5, ħlief it-taqsima 6.5.3.4 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

3.6. **Il-perjodu ta' defiċjenza**

3.6.1. Id-defiċjenza tista' tiġi mġebbda tul perjodu ta' sentejn wara d-data ta' l-approvazzjoni tat-tip tat-tip ta' vettura sakemm ma jistax jintwera b'mod adegwat li modifikazzjonijiet sostanzjali fil-ħardwer tal-vettura u żmien addizzjonali bejn il-bidu u t-tmiem tal-proċess ta' produzzjoni lil hinn minn sentejn ikunu meħtieġa biex tkun korretta d-defiċjenza. F'każ bħal dan, id-defiċjenza tista' tiġi mġebbda tul perjodu li ma jeċċedix it-tliet snin.

3.6.2. Manifattur jista' jitlob li l-awtorità ta' l-approvazzjoni tagħti defiċjenza retrospettivament meta tali defiċjenza tiġi skoperta wara l-approvazzjoni tat-tip oriġinali. F'dan il-każ, id-defiċjenza tista' tiġi mġebbda tul perjodu ta' sentejn wara d-data tan-notifika lill-awtorità ta' l-approvazzjoni sakemm ma jistax jintwera b'mod adegwat li modifikazzjonijiet sostanzjali fil-ħardwer tal-vettura u żmien addizzjonali bejn il-bidu u t-tmiem tal-proċess ta' produzzjoni lil hinn minn sentejn ikunu meħtieġa biex tkun korretta d-defiċjenza. F'każ bħal dan, id-defiċjenza tista' tiġi mġebbda tul perjodu li ma jeċċedix it-tliet snin.

▼B

3.7. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha li tissodisfa talba minħabba defiċjenza kollha skond l-Artikolu 6(2).

4. L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR L-OBD

4.1. Ir-rekwiżiti għal aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ġew speċifikati fit-taqsima 5 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE. L-eċċezzjonijiet għal dawn ir-rekwiżiti ġew deskritti fit-taqsimiet li ġejjin.

4.2. Ir-referenzi għall-Appendiċi 1 ta' l-Anness 2 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Appendiċi 5 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament

4.3. Ir-referenzi għat-taqsima 4.2.11.2.7.6. ta' l-Anness 1 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għat-taqsima 3.2.12.2.7.6. ta' l-Appendiċi 3 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

4.4. Ir-referenzi għal "partijiet kontraenti" għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal "Stati Membri".

4.5. Ir-referenzi għall-approvazzjoni mogħtija skond ir-Regolament 83 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-approvazzjoni tat-tip mogħtija skond dan ir-Regolament u skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE [1].

4.6. Approvazzjoni tat-tip tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala approvazzjoni tat-tip KE.

[1] ĠU L 76, 6.4.1971, p. 1

▼B

Appendiċi 1

L-ASPETTI FUNZJONALI TAS-SISTEMI DIJANJOSTIĊI ABBORD (OBD)

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Appendiċi jiddeskrivi l-proċedura tat-test skond it-taqsima 2 ta' dan l-Anness.

2. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

2.1. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE bl-eċċezzjonijiet u bir-rekwiżiti addizzjonali kif ġie deskritt fit-taqsimiet li ġejjin.

2.2. Ir-referenzi għal-limiti ta' limitu ta' l-OBD stabbiliti fil-paragrafu 3.3.2 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal-limiti stabbiliti fit-taqsima 2.3 ta' dan l-Anness.

2.3. Il-fjuwils ta' referenza speċifikati fil-paragrafu 3.2 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-ispeċifikazzjonijiet xierqa tal-fjuwils ta' referenza fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

2.4. Ir-referenza ta' l-Anness 11 fil-paragrafu 6.5.1.4 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza ta' l-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

2.5. Għall-vetturi approvati skond il-valuri ta' limitu Euro 6 li jinsabu fit-Tabella 2 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, it-Taqsima 6.5.3.1 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-dijanjostika relatata ma' l-emissjonijiet, bħala link ta' komunikazzjoni bejn abbord u mhux abbord għandu jintuża l-istandard li ġej:

ISO 15765-4 'Il-vetturi fit-triq — Id-dijanjostika dwar in-Netwerk taż-Żona tal-Kontrollur (CAN) — Parti 4: Ir-rekwiżiti għas-sistemi relatati ma' l-emissjonijiet' li jġib id-data ta' l-10 ta' Jannar 2005"

3. IR-RENDIMENT WAQT L-UŻU

3.1. **Ir-Rekwiżiti Ġenerali.**

3.1.1. Kull moniter tas-sistema OBD għandu jitwettaq mill-inqas darba għal kull ċiklu ta' sewqan fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' monitoraġġ, kif ġie speċifikat fit-taqsima 3.2. Il-manifatturi jistgħu ma jużawx il-proporzjon ikkalkulat (jew kwalunkwe element tiegħu) jew kwalunkwe indikazzjoni oħra ta' frekwenza ta' moniters bħala kundizzjoni ta' monitoraġġ għal kwalunkwe moniter.

▼B

3.1.2. Il-proporzjon tar-rendiment waqt l-użu (IUPR) ta' moniter speċifiku M tas-sistema OBD li jissemma fl-Artikolu 5(3) għandu jkun:

$$IUPR_M = Numeratur_M/Denominatur_M$$

3.1.3. Il-paragun tan-Numeratur u tad-Denominatur jagħti indikazzjoni ta' kemm ta' spiss moniter speċifiku qed jopera relattivament għat-tħaddim tal-vettura. Sabiex ikun żgurat li l-manifatturi kollha qed jintraċċaw l-$IUPR_M$ bl-istess mod, qed jingħataw rekwiżiti dettaljati għad-definizzjoni u għall-inkrementazzjoni ta' dawn il-kalkulaturi.

3.1.4. Jekk, skond ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness, il-vettura hija mgħammra b'moniter speċifiku M, l-$IUPR_M$ għandu jkun ikbar jew daqs il-valuri minimi li ġejjin:

(i) 0,260 għal moniters tas-sistema ta' l-arja sekondarja u moniters oħra relatati ma' startjar kiesaħ

(ii) 0,520 għal moniters tal-kontroll tat-tindif ta' l-emissjonijiet evaporattivi

(iii) 0,336 għall-moniters l-oħra kollha

3.1.5. Il-vetturi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-taqsima 3.1.4 għal numru ta' mili li mill-inqas ilaħħqu l-160 000 km. Bħala deroga, il-vetturi approvati għat-tip, irreġistrati, mibjugħa jew li bdew jintużaw qabel id-dati rilevanti mogħtija fl-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, għandu jkollhom $IUPR_M$ ikbar jew daqs 0.1 għall-moniters M kollha. ►**M2** Għal approvazzjonijiet ġodda tat-tip u vetturi ġodda, il-monitoraġġ meħtieġ mill-punt 2.9 ta' dan l-Anness għandu jkollu IUPR akbar jew daqs 0,1 sa tliet snin wara d-dati speċifikati fl-Artikolu 10(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 rispettivament. ◄

3.1.6. Ir-rekwiżiti ta' din it-taqsima jitqies li ġew sodisfatti għal moniter M partikolari, jekk għall-vetturi kollha ta' familja partikolari ta' l-OBD manifatturata f'sena kalendarja partikolari, japplikaw il-kundizzjonijiet statistiċi li ġejjin:

(a) L-$IUPR_M$ medju huwa daqs jew 'il fuq mill-valur minimu applikabbli għall-moniter

(b) Aktar minn 50 % tal-vetturi kollha għandhom $IUPR_M$ daqs jew 'il fuq mill-valur minimu applikabbli għall-moniter.

▼M1

3.1.7. Il-manifattur għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni u meta mitlub lill-Kummissjoni li dawn il-kundizzjonijiet statistiċi qed jiġu sodisfatti għall-moniters kollha li jeħtieġ li jiġu rapportati mis-sistema OBD skont il-punt 3.6 ta' dan l-Appendiċi mhux aktar tard minn 18-il xahar wara t-tpoġġija fis-suq tal-ewwel tip ta' vettura b'IUPR f'familja tal-OBD u darba kull 18-il xahar wara dan. Għal dan il-għan, għal familji tal-OBD magħmula minn aktar minn 1 000 reġistrazzjoni fl-Unjoni li huma suġġetti għat-teħid ta' kampjuni fil-perjodu ta' teħid ta' kampjuni għandu jintuża l-proċess deskritt fl-Anness II mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3.1.9 ta' dan l-Appendiċi.

▼M1

Minbarra r-rekwiżiti stipulati fl-Anness II u irrispettivament mir-riżultat tal-verifika deskritta fit-taqsima 2 tal-Anness II, l-awtorità li tagħti l-approvazzjoni għandha tapplika l-kontroll tal-konformità waqt is-servizz għall-IUPR deskritt fl-Appendiċi 1 tal-Anness II f'għadd xieraq ta' każijiet determinati b'mod każwali. F'għadd xieraq ta' każijiet determinati b'mod każwali tfisser, li din il-miżura għandha effett disważiv fuq in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tat-taqsima 3 ta' dan l-Anness jew il-forniment ta' data manipulata, falza jew mhux rappreżentattiva għall-verifika. Jekk ebda ċirkustanzi speċjali ma japplikaw u jistgħu jiġu murija mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-applikazzjoni każwali tal-kontroll tal-konformità waqt is-servizzi ta' 5 % tal-familji tal-OBD approvati tat-tip għandha titqies bħala suffiċjenti għall-konformità ma' dan ir-rekwiżit. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jistgħu jsibu arranġamenti mal-manifattur għat-tnaqqis tal-ittestjar doppju ta' familja tal-OBD speċifika sakemm dawn l-arranġamenti ma jxekklux l-effett disważiv tal-kontroll tal-konformità waqt is-servizz tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip infisha għal nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tat-taqsima 3 ta' dan l-Anness. Id-dejta miġbura mill-Istati Membri waqt il-programmi ta' ttestjar ta' sorveljanza tista' tintuża għall-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz. Meta mitluba, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jipprovdu d-dejta dwar il-verifiki u l-kontrolli tal-konformità waqt is-servizz imwettqa, inkluża l-metodoloġija użata għall-identifikazzjoni ta' dawk il-każijiet, li huma suġġetti għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz każwali, lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip oħra.

3.1.8. Għall-kampjun kollu tat-test tal-vetturi, il-manifattur irid jirrapporta lill-awtoritajiet rilevanti d-dejta kollha tal-prestazzjoni waqt l-użu li għandha tiġi rrapurtata mis-sistema OBD skont il-punt 3.6 ta' dan l-Appendiċi flimkien mal-identifikazzjoni tal-vettura li tkun qed tiġi ttestjata u l-metodoloġija użata għall-għażla tal-vetturi ttestjati mill-flotta. Fuq talba, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tagħti l-approvazzjoni għandha tagħmel din id-dejta u r-riżultati tal-evalwazzjoni statistika disponibbli għall-Kummissjoni u għal awtoritajiet tal-approvazzjoni oħra.

▼B

3.1.9. L-awtoritajiet pubbliċi u d-delegati tagħhom jistgħu jagħmlu aktar testijiet fuq vetturi jew jiġbru data xierqa reġistrata minn vetturi sabiex tkun ivverifikata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness.

▼M1

3.1.10. In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-punt 3.1.6 stabbiliti mit-testijiet deskritti fil-punti 3.1.7 jew 3.1.9 għandha titqies bħala ksur suġġett għall-penali stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007. Din ir-referenza ma tillimitax l-applikazzjoni ta' tali penali għal ksur ieħor ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew dan ir-Regolament, li ma jirreferux b'mod espliċitu għall-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

▼B

3.2. **In-numeratur$_M$**

3.2.1. In-numeratur ta' moniter speċifiku huwa kalkulatur li jkejjel in-numru ta' drabi li tħaddmet vettura b'tali mod li l-vettura tiġi suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' monitoraġġ meħtieġa biex il-moniter speċifiku jiskopri ħsara sabiex iwissi lis-sewwieq, hekk kif ġew implimentati mill-manifattur. In-numeratur m'għandux ikun inkrementat aktar minn darba għal kull ċiklu ta' sewqan, sakemm ikun hemm ġustifikazzjoni teknika raġunata.

▼B

3.3. **Id-denominatur$_M$**

3.3.1. Il-fini tad-denominatur huwa li jipprovdi kalkulatur li jindika n-numru ta' avvenimenti ta' sewqan tal-vettura, fejn jitqiesu l-kundizzjonijiet speċjali għal moniter speċifiku. Id-denominatur għandu jkun inkrementat mill-inqas darba għal kull ċiklu ta' sewqan, jekk matul dan iċ-ċiklu ta' sewqan tali kundizzjonijiet jiġu sodisfatti u d-denominatur ġenerali jiġi inkrementat kif ġie speċifikat fit-taqsima 3.5 sakemm id-denominatur ma jiġix diżattivat skond it-taqsima 3.7 ta' dan l-Appendiċi.

3.3.2. Minbarra r-rekwiżiti tat-taqsima 3.3.1:

(a) Id-denominatur(i) tal-moniter tas-sistema ta' l-arja sekondarja għandu/hom jiġi/u inkrementat(i) jekk l-operazzjoni ikkmandata biex tinxtegħel is-sistema ta' l-arja sekondarja sseħħ għal ħin aktar minn jew daqs 10 sekondi. Sabiex jiġi determinat dan il-ħin tal-kmand biex tinxtegħel is-sistema, is-sistema OBD ma tistax tinkludi ħin waqt l-operazzjoni invażiva tas-sistema ta' l-arja sekondarja biss għall-finijiet ta' monitoraġġ;

(b) Id-denominaturi tal-moniters ta' sistemi li jkunu attivi biss waqt startjar kiesaħ għandhom ikunu inkrementat jekk il-komponent jew l-istrateġija jiġi kmandat jixgħel għal ħin aktar minn jew daqs 10 sekondi;

(ċ) Id-denominatur(i) għall-moniters tal-Ħin Varjabbli tal-Valvs (VVT) u/jew tas-sistemi ta' kontroll għandu/hom jiġi/u inkrementat(i) jekk il-komponent jiġi kmandat jiffunzjona (eż., ikkmandat jinxtegħel, jinfetaħ, jingħalaq, jissakkar, eċċ), f'żewġ okkazzjonijiet jew aktar matul iċ-ċiklu ta' sewqan jew għal ħin aktar minn jew daqs 10 sekondi, liema minnhom iseħħ l-ewwel;

(d) Għall-moniters li ġejjin, id-denominatur(i) għandu/hom jiġi/u inkrementat(i) b'wieħed jekk, minbarra li jissodisfa(w) ir-rekwiżiti ta' din it-taqsima f'mill-inqas ċiklu ta' sewqan wieħed, ġew esperjenzati mill-inqas 800 kilometru kumulattiv ta' ħaddim tal-vettura mill-aħħar darba li kien inkrementat id-denominatur:

(i) Il-katalista ta' ossidazzjoni tad-diżil

(ii) Il-filtru għall-partikulati tad-diżil;

▼M1

(e) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti għall-inkrement tad-denominaturi ta' moniters oħra, id-denominaturi tal-moniters tal-komponenti li ġejjin għandhom jiġu inkrementati jekk u biss jekk iċ-ċiklu tas-sewqan ikun inbeda bi startjar kiesaħ:

(i) Sensuri likwidi (żejt, likwidu li jkessaħ il-magna, fjuwil, reaġent SCR) tat-temperatura;

(ii) Sensuri ta' ajra nadifa (arja ambjentali, arja tal-intake, arja taċ-ċarġ, manifold tal-intake) tat-temperatura;

(iii) Sensuri tal-egżost (ċirkolazzjoni mill-ġdid/tkessiħ tal-EGR, iċċarġjar turbo tal-gass tal-egżost, katalist) tat-temperatura;

(f) Id-denominaturi tal-moniters tas-sistema għall-kontroll taż-żieda fil-pressjoni għandhom jiġu inkrimentati jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-kundizzjonijiet ġenerali tad-denominatur huma sodisfatti;

(ii) is-sistema tal-kontroll taż-żieda fil-pressjoni hija attiva għal ħin itwal minn jew ugwali għal 15-il sekonda.

▼B

3.3.3. Għall-vetturi ibridi, il-vetturi li jużaw ħardwer alternattiv jew strateġiji alternattivi għall-istartjar tal-magna (eż. starter u ġeneraturi integrati), jew vetturi li jieħdu fjuwils alternattivi (eż. applikazzjonijiet apposta, li jieħdu żewġ fjuwils jew li jieħdu fjuwils doppji), il-manifattur jista' jitlob l-approvazzjoni ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni sabiex juża kriterji alternattivi għal dawk stabbiliti f'din it-taqsima għall-inkrementazzjoni tad-denominatur. B'mod ġenerali, l-awtorità ta' l-approvazzjoni m'għandhiex tapprova kriterji alternattivi għal vetturi li jużaw biss kundizzjonijiet biex tintefa' l-magna jew qrib *idle*/ta' waqfien tal-vettura. L-approvazzjoni mill-awtorità ta' l-approvazzjoni tal-kriterji alternattiva għandha tkun ibbażata fuq l-ekwivalenza tal-kriterji alternattivi sabiex ikun iddeterminat l-ammont ta' tħaddim tal-vettura relattivament għall-kejl tat-tħaddim konvenzjonali tal-vettura skond il-kriterji f'din it-taqsima.

3.4. **Il-Kalkulatur taċ-Ċiklu ta' l-Ignixin**

3.4.1. Il-kalkulatur taċ-ċiklu ta' l-ignixin jindika n-numru ta' ċikli ta' ignixin li tkun esperjenzat vettura. Il-kalkulatur taċ-ċiklu ta' l-ignixin ma jistax ikun inkrementat aktar minn darba f'kull ċiklu ta' sewqan.

3.5. **Id-Denominatur Ġenerali**

3.5.1. Id-denominatur ġenerali huwa kalkulatur li jkejjel in-numru ta' drabi li tħaddmet vettura. Għandu jkun inkrementat fi ħdan 10 sekondi, jekk u biss jekk il-kriterji li ġejjin ikunu sodisfatti f'ċiklu tas-sewqan wieħed:

— Il-ħin kumulattiv minn meta startjat il-magna jkun akbar minn jew daqs 600 sekonda waqt elevazzjoni ta' inqas minn 2 440 m 'il fuq mil-livell tal-baħar u f'temperatura ambjentali ogħla minn jew daqs – 7 °C.

— It-tħaddim kumulattiv tal-vettura bi jew 'il fuq minn 40 km/h iseħħ għal aktar minn jew għal 300 sekonda waqt elevazzjoni ta' inqas minn 2 440 m 'il fuq mil-livell tal-baħar u f'temperatura ambjentali ogħla minn jew daqs – 7 °C.

— Tħaddim kontinwu tal-vettura meta tkun *idle* (jiġifieri, il-pedala ta' l-aċċeleratur merħija mis-sewwieq u l-veloċità tal-vettura tkun inqas minn jew daqs 1,6 km/h) għal aktar minn jew għal 30 sekonda waqt elevazzjoni ta' inqas minn 2 440 m 'il fuq mil-livell tal-baħar u f'temperatura ambjentali ogħla minn jew daqs – 7 °C.

3.6. **Ir-rapportaġġ u ż-żieda tal-kalkulaturi**

3.6.1. Is-sitema OBD għandha tirrapporta skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-ISO 15031-5 il-kalkulatur taċ-ċiklu ta' l-ignixin u d-denominatur ġenerali kif ukoll numeraturi u denominaturi separati għall-moniters li ġejjin, jekk il-preżenza tagħhom fuq il-vettura tkun meħtieġa minn dan l-Anness:

— Il-katalisti (kull massa għandha tiġi rapportata separatament)

— Is-sensuri ta' l-ossiġnu/tal-gass ta' l-egżost, inklużi s-sensuri ta' l-ossiġnu sekondarju (kull sensur għandu jiġi rapportat separatament)

— Is-sistema evaporattiva

— Is-sistema EGR

— Is-sistema VVT

▼B

— Is-sistema ta’ l-arja sekondarja

— Il-filtru għall-partikulati

— Is-sistema tat-trattament ta’ wara ta’ l-NO_x (eż. l-akkumulatur ta’ l-NO_x, is-sistema tar-reaġenti/tal-katalisti ta’ l-NO_x)

— Is-sistema għall-kontroll taż-żieda fil-pressjoni

▼M1

3.6.2. Għal komponenti jew sistemi speċifiċi li jkollhom ħafna moniters, li jeħtieġ li jiġu rapportati minn dan il-punt (eż. il-massa tas-sensuri tal-ossiġnu l jista’ jkollu ħafna moniters għal reazzjoni tas-sensuri jew għal karatteristiċi oħra tas-sensuri), is-sistema OBD għandha tintraċċa separatament in-numeraturi u d-denominaturi għal kull moniter speċifiku ħlief dawk li jimmonitorjaw l-ixxortjar fiċ-ċirkwit jew fallimenti fiċ-ċirkwit miftuħ u tirrapporta biss in-numeratur u d-denominatur korrispondenti għall-moniter speċifiku li jkollu l-aktar proporzjon numeriku baxx. Jekk żewġ moniters speċifiċi jew aktar ikollhom proporzjonijiet identiċi, għall-komponent speċifiku għandhom jiġu rapportati n-numeratur u d-denominatur korrispondenti għall-moniter speċifiku li jkollu l-ogħla denominatur.

▼B

3.6.3. Il-kalkulaturi kollha, meta jiġu inkrementati, għandu jiġu inkrementati b’wieħed (1).

3.6.4. Il-valur minimu ta’ kull kalkulatur huwa ta’ 0, bil-valur massimu m’għandux ikun inqas minn 65 535, minkejja kwalunkwe rekwiżit ieħor dwar ħażna u rapportaġġ standardizzati tas-sistema OBD.

3.6.5. Jekk jew in-numeratur jew id-denominatur għal moniter speċifiku jilħaq il-valur massimu tiegħu, iż-żewġ kalkulaturi għal dak il-moniter speċifiku għandhom ikunu diviżi bi tnejn qabel ma jiġu inkrementati mill-ġdid skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 3.2 u 3.3. Jekk il-kalkulatur taċ-ċiklu ta’ l-ignixin jew id-denominatur ġenerali jilħaq il-valur massimu tiegħu, il-kalkulatur rispettiv għandu jinbidel għal żero fl-inkrement li jmiss tiegħu skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 3.4 u 3.5, rispettivament.

3.6.6. Kull kakulatur għandu jiġi ssettjat mill-ġdid għal żero biss meta jkun hemm issettjar mill-ġdid tal-memorja mhux volatili (eż. avveniment ta’ riprogrammazzjoni, eċċ.) jew jekk in-numri jinħażnu f’memorja li tinżamm ħajja (*keep-alive memory* — KAM), meta l-KAM tintilef minħabba interruzzjoni fid-dawl lejn il-modulu ta’ kontroll (eż. skonnetjar tal-batterija, eċċ.).

3.6.7. Il-manifattur għandu jieħu miżuri sabiex jiżgura li l-valuri tan-numeratur u tad-denominatur ma jistgħux jiġu ssettjati mill-ġdid jew modifikati, ħlief f’każi provduti espliċitament f’din it-taqsima.

3.7. **Id-diżattivazzjoni tan-Numeraturi u tad-Denominaturi u tad-Denominatur Ġenerali**

3.7.1. Fi ħdan 10 sekondi minn meta tiġi skoperta ħsara, li tiddiżattiva moniter meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet ta’ monitoraġġ ta’ dan l-Anness (i.e. jiġifieri jinħażen kodiċi pendenti jew ikkonfermat), is-sistema OBD għandha tiddiżattiva inkrementazzjoni ulterjuri tan-numeratur u tad-denominatur korrispondenti għal kull moniter li jiġi diżattivat. Meta l-ħsara ma tibqax tinstab aktar (jiġifieri, il-kodiċi pendenti jitħassar minħabba t-tindif mis-sistema stess jew permezz ta’ kmand ta’ għodda ta’ l-iskenjar), l-inkrementazzjoni tan-numeraturi u tad-denominaturi kollha korrispondenti għandu jerġa’ jibda fi ħdan10 sekondi.

▼B

3.7.2. Fi ħdan 10 sekondi minn meta tibda operazzjoni tat-tneħħija ta' l-enerġija (PTO), li tiddiżattiva lil moniter meħtieġ biex ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' dan l-Anness, is-sistema OBD għandha tiddiżattiva inkrementazzjoni ulterjuri tan-numeratur u tad-denominatur korrispondenti għal kull moniter li jiġi diżattivat. Meta l-PTO tintemm, l-inkrementazzjoni tan-numeraturi u tad-denominaturi korrispondenti kollha għandha terġa' tibda fi ħdan 10 sekondi.

3.7.3. Is-sistema OBD għandha tiddiżattiva l-inkrementazzjoni ulterjuri tan-numeratur u tad-denominatur ta' moniter speċifiku fi ħdan 10 sekondi, jekk tkun ġiet skoperta ħsara ta' kwalunkwe komponent użat sabiex ikunu determinati l-kriterji fid-definizzjoni tad-denominatur tal-moniter speċifiku (jiġifieri, il-veloċità tal-magna, it-temperatura ambjentali, l-elevazzjoni, it-tħaddim meta l-vettura tkun *idle*, l-istartjar kiesaħ tal-magna jew il-ħin tat-tħaddim) u l-kodiċi tal-ħsara pendenti korrispondenti nħażen. L-inkrementazzjoni tan-numeratur u tad-denominatur għandha terġa' tibda fi ħdan 10 sekondi meta l-ħsara ma tkunx aktar preżenti (eż. il-kodiċi pendenti jitħassar permezz tat-tindif mis-sistema stess jew bi kmand ta' l-għodda ta' l-iskenjar).

3.7.4. Is-sistema OBD għandha tiddiżattiva l-inkrementazzjoni ulterjuri tad-denominatur ġenerali fi ħdan 10 sekondi, jekk tkun ġiet skoperta ħsara ta' kwalunkwe komponent użat sabiex ikun iddeterminat jekk il-kriterji fit-taqsima 3.5 ġewx sodisfatti (jiġifieri, il-veloċità tal-magna, it-temperatura ambjentali, l-elevazzjoni, it-tħaddim meta l-vettura tkun *idle*, jew il-ħin tat-tħaddim) u l-kodiċi ta' ħsara pendenti korrispondenti nħażen. Id-denominatur ġenerali ma jistax jiġi diżattivat milli jinkrementa għal kwalunkwe kundizzjoni oħra. L-inkrementazzjoni tad-denominatur ġenerali għandha terġa' tibda fi ħdan 10 sekondi meta l-ħsara ma tkunx aktar preżenti (eż. il-kodiċi pendenti jitħassar permezz tat-tindif mis-sistema stess jew bi kmand ta' l-għodda ta' l-iskenjar).

▼B

Appendiċi 2

IL-KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-FAMILJA TAL-VETTURI

1. IL-PARAMETRI LI JIDDEFINIXXU L-FAMILJA TA' L-OBD

1.1. Il-familja ta' l-OBD tfisser iggruppar ta' vetturi min-naħa ta' manifattur li, minħabba d-disinn tagħhom, mistennija jkollhom karatteristiċi simili tas-sistema ta' l-emissjoni ta' l-egżost u tas-sistema OBD. Kull magna ta' din il-familja għandha tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

1.2. Il-familja ta' l-OBD tista' tiġi definita permezz ta' parametri bażiċi tad-disinn li għandhom ikunu komuni għall-vetturi fi ħdan il-familja. F'uħud mill-każijiet jista' jkun hemm interazzjoni bejn il-parametri. Dawn l-effetti għandhom jitqiesu wkoll biex ikun żgurat li vetturi b'karatteristiċi simili ta' l-emissjonijiet mill-egżost biss jiġu inklużi fi ħdan familja ta' l-OBD.

2. Għal dan il-għan, dawk it-tipi ta' vetturi li l-parametri tagħhom, li ġew deskritti aktar 'l isfel, ikunu identiċi jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess kombinazzjoni ta' magna/kontroll ta' l-emissjonijiet/sistema OBD.

Il-magna:

— il-proċess ta' kombustjoni (jiġifieri *positive-ignition/compression-ignition*, *two-stroke/four-stroke*/rotatarju),

— il-metodu ta' alimentazzjoni tal-magna (jiġifieri, injezzjoni tal-fjuwil minn punt wieħed jew minn ħafna punti),

— it-tip ta' fjuwil (jiġifieri petrol, diżil, *flex fuel* petrol/etanol, *flex fuel* diżil/bijodiżil, NG/bijometanu, LPG, petrol/NG/bijometanu b'żewġ fjuwils, petrol/LPG b'żewġ fjuwils)

Is-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet:

— it-tip ta' konvertitur katalitiku (jiġifieri, ossidazzjoni, *three-way*, katalista imsaħħna, SCR, oħrajn),

— it-tip ta' nasba għall-partikulati,

— l-injezzjoni ta' l-arja sekondarja (jiġifieri biha jew mingħajrha),

— ir-riċirkolazzjoni tal-gassijiet ta' l-egżost (biha jew mingħajrha),

Il-partijiet u l-funzjonament ta' l-OBD:

— il-metodi tal-monitoraġġ funzjonali ta' l-OBD, ta' l-iskoperta tal-ħsarat u ta' l-indikazzjoni tal-ħsarat lis-sewwieq tal-vettura.

▼B

ANNESS XII

▼M3

ID-DETERMINAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET TAD-CO2, IL-KONSUM TAL-FJUWIL, IL-KONSUM TAL-ENERĠIJA ELETTRIKA U L-FIRXA ELETTRIKA

▼B

1. INTRODUZZJONI

▼M3

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kejl tal-emissjonijiet tad-CO2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-firxa elettrika.

▼B

2. IR-REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għat-twettiq tat-testijiet u għall-interpretazzjoni tar-riżultati għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Taqsima 5 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE bl-eċċezzjonijiet speċifikati aktar ‘l isfel.

2.2. Il-fjuwil tat-test

2.2.1. Għall-ittestjar għandhom jintużaw il-fjuwils ta’ referenza xieraq kif ġie definit fl-Anness IX ta’ dan ir-Regolament.

2.2.2. Għal-LPG u għall-NG, għandu jintuża dak il-fjuwil li jintgħażel mill-manifattur għall-kejl tal-qawwa netta skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 80/1269/KEE ([1]). Il-fjuwil magħżul għandu jkun speċifikat fid-dokument ta’ informazzjoni kif ġie definit fl-Appendiċi 3 ta’ l-Anness I ta’ dan ir-Regolament.

▼M1

2.3. Il-punt 5.2.4. tar-Regolament Nru 101 tal-UN/ECE għandu jaqra:

(1) id-densità: imkejla fuq fil-fjuwil tat-test skont l-ISO 3675 jew metodu ekwivalenti. Għall-petrol, għad-diżil, għall-bijodiżil u għall-etanol (E85 u E75) għandha tintuża d-densità mkejla f’temperatura ta’ 15 °C; għal-LPG u għall-gass naturali/bijometanu għandha tintuża densità ta’ referenza, kif ġej:

0,538 kg/litru għal-LPG,

0,654 kg/m^3 għall-NG ([3])

(2) il-proporzjon idroġenu-karbonju-ossiġnu: għandhom jintużaw valuri fissi li huma:

$C_1H_{1,89}O_{0,016}$ għall-petrol,

$C_1H_{1,86}O_{0,005}$ għad-diżil,

$C_1H_{2,525}$ għal-LPG (gas tal-petroleum likwifikat),

CH_4 għall-NG (gass naturali) u bijometanu,

$C_1H_{2,74}O_{0,385}$ għall-etanol (E85),

$C_1\ H_{2,61}\ O_{0,329}$ għall-etanol (E75).

▼B

3. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

▼M3

3.1. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kejl tal-emissjonijiet tad-CO_2, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-firxa elettrika għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Annessi 6 sa 10 għar-Regolament 101 NU/KEE bl-eċċezzjonijiet speċifikati hawn taħt.

▼B

3.2. Fit- taqsima 1.3.5. ta’ l-Anness 6 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE, it-tajers li ntużaw għandhom jissodisfaw l-istess kriterji ta’ għażla bħal dawk speċifikati għat-test tat-tip 1 ta’ l-emissjonijiet, stabbiliti fit-taqsima 3.5 ta’ l-Anness III ta’ dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 375, 31.12.1980, p. 46.

▼B

3.3. Fl-Anness 6 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE, it-taqsima 1.4.3. għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

▼M3

"1.4.3. Il-konsum tal-fjuwil, espress f'litri għal kull 100 km (fil-każ tal-petrol, tal-LPG, tal-etanol (E85) u tad-diżil) jew f'm^3 għal kull 100 km (fil-każ tal-NG/bijometan u tal-H2NG) jew f'kg kull 100 km (fil-każ tal-idroġenu) jiġi kalkulat permezz tal-formuli li ġejjin:

▼B

(a) għall-vetturi b'magna *positive-ignition* alimentati bil-petrol (E5):

$$FC = (0{,}118/D) \cdot [(0{,}848 \cdot HC) + (0{,}429 \cdot CO) + (0{,}273 \cdot CO_2)]$$

(b) għall-vetturi b'magna *positive-ignition* alimentati bl-LPG:

$$FC_{norm} = (0{,}1212/0{,}538) \cdot [(0{,}825 \cdot HC) + (0{,}429 \cdot CO) + (0{,}273 \cdot CO_2)]$$

Jekk il-kompożizzjoni tal-fjuwil li ntuża għat-test tkun differenti mill-kompożizzjoni li wieħed jassumi għall-kalkolu tal-konsum normalizzat, fuq it-talba tal-manifattur jista' jiġi applikat fattur ta' korrezzjoni cf, kif ġej:

$$FC_{norm} = (0{,}1212/0{,}538) \cdot (cf) \cdot [(0{,}825 \cdot HC) + (0{,}429 \cdot CO) + (0{,}273 \cdot CO_2)]$$

Il-fattur ta' korrezzjoni cf, li jista' jiġi applikat, jiġi determinat kif ġej:

$$cf = 0{,}825 + 0{,}0693\ n_{effettiv}$$

fejn:

$n_{effettiv}$ = il-proporzjon effettiv H/C tal-fjuwil użat

(c) għall-vetturi b'magna *positive-ignition* alimentati bl-NG/bil-bijometanu:

$$FC_{norm} = (0{,}1336/0{,}654) \cdot [(0{,}749 \cdot HC) + (0{,}429 \cdot CO) + (0{,}273 \cdot CO_2)]$$

(d) għall-vetturi b'magna *positive-ignition* alimentati bl-etanol (E85):

$$FC = (0{,}1742/D) \cdot [(0{,}574 \cdot HC) + (0{,}429 \cdot CO) + (0{,}273 \cdot CO_2)]$$

(e) għall-vetturi b'magna *positive-ignition* alimentati bid-diżil (B5):

$$FC = (0{,}116/D) \cdot [(0{,}861 \cdot HC) + (0{,}429 \cdot CO) + (0{,}273 \cdot CO_2)]$$

▼M3

(f) għall-vetturi b'magna bl-ignixin pożittiva li jieħdu l-fjuwil H2NG:

$$FC = \frac{910{,}4 \cdot A + 13600}{44{,}655 \cdot A^2 + 667{,}08 \cdot A} \left(\frac{7{,}848 \cdot A}{9{,}104 \cdot A + 136} \cdot HC + 0{,}429 \cdot CO + 0{,}273 \cdot CO_2 \right)$$

(g) għal vetturi li jużaw l-idroġenu gassuż:

$$FC = 0{,}024 \cdot \frac{V}{d} \cdot \left[\frac{1}{Z_2} \cdot \frac{p_2}{T_2} - \frac{1}{Z_1} \cdot \frac{p_1}{T_1} \right]$$

▼**M3**

Skont il-ftehim ta' qabel mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, u għal vetturi li jużaw il-fjuwil ta' idroġenu gassuż jew likwidu, il-manifattur jista' jagħżel bħala alternattiva għall-metodu t'hawn fuq, jew il-formula

$$FC = 0{,}1 \cdot (0{,}1119 \cdot H_2O + H_2)$$

jew metodu skont il-protokolli standard bħall-**SAE J2572.**

F'dawn il-formuli:

FC = il-konsum tal-fjuwil f'litru għal kull 100 km (fil-każ tal-petrol, tal-etanol, tal-LPG, tad-diżil jew tal-bijodiżil) f'm^3 għal kull 100 km (fil-każ tal-gass naturali u l-H2NG) jew f'kg kull 100 km fil-każ tal-idroġenu.

HC = l-emissjonijiet imkejla tal-idrokarburi fi g/km

CO = l-emissjonijiet imkejla tal-monossidu tal-karbonju fi g/km

CO_2 = l-emissjonijiet imkejla tad-dijossidu tal-karbonju fi g/km

H_2O = l-emissjonijiet imkejla tal-H_2O fi g/km

H_2 = l-emissjonijiet mkejla tal-H_2 fi g/km

A = l-kwantità ta' NG/bijometan fit-taħlita tal-H2NG, espressa f'perċentwali tal-volum

D = id-densità tal-fjuwil tat-test.

Fil-każ ta' fjuwils tal-gass D hija d-densità f'temperatura ta' 15 °C.

d = id-distanza teoretika koperta minn vettura ttestjata permezz tat-test tat-tip 1 f'km.

p_1 = il-pressjoni fit-tank tal-fjuwil gassuż qabel iċ-ċiklu operattiv f'Pa;

p_2 = il-pressjoni fit-tank tal-fjuwil gassuż qabel iċ-ċiklu operattiv f'Pa;

T_1 = it-temperatura fit-tank tal-fjuwil gassuż qabel iċ-ċiklu operattiv f'K.

T_2 = it-temperatura fit-tank tal-fjuwil gassuż qabel iċ-ċiklu operattiv f'K.

Z_1 = il-fattur ta' kompressibilità tal-fjuwil gassuż f'p_1 u T_1

Z_2 = il-fattur ta' kompressibilità tal-fjuwil gassuż f'p_2 u T_2

V = il-volum ġewwa t-tank tal-fjuwil gassuż f'm^3

▼M3

Il-fattur ta' kompressibilità għandu jinkiseb mit-tabella li ġejja

T(k) p(bar)\	33	53	73	93	113	133	153	173	193	213	233	248	263	278	293	308	323	338	353
5	0,8589	0,9651	0,9888	0,9970	1,0004	1,0019	1,0026	1,0029	1,0030	1,0028	1,0035	1,0034	1,0033	1,0032	1,0031	1,0030	1,0029	1,0028	1,0027
100	1,0508	0,9221	0,9911	1,0422	1,0659	1,0757	1,0788	1,0785	1,0765	1,0705	1,0712	1,0687	1,0663	1,0640	1,0617	1,0595	1,0574	1,0554	1,0535
200	1,8854	1,4158	1,2779	1,2334	1,2131	1,1990	1,1868	1,1757	1,1653	1,1468	1,1475	1,1413	1,1355	1,1300	1,1249	1,1201	1,1156	1,1113	1,1073
300	2,6477	1,8906	1,6038	1,4696	1,3951	1,3471	1,3123	1,2851	1,2628	1,2276	1,2282	1,2173	1,2073	1,1982	1,1897	1,1819	1,1747	1,1680	1,1617
400	3,3652	2,3384	1,9225	1,7107	1,5860	1,5039	1,4453	1,4006	1,3651	1,3111	1,3118	1,2956	1,2811	1,2679	1,2558	1,2448	1,2347	1,2253	1,2166
500	4,0509	2,7646	2,2292	1,9472	1,7764	1,6623	1,5804	1,5183	1,4693	1,3962	1,3968	1,3752	1,3559	1,3385	1,3227	1,3083	1,2952	1,2830	1,2718
600	4,7119	3,1739	2,5247	2,1771	1,9633	1,8190	1,7150	1,6361	1,5739	1,4817	1,4823	1,4552	1,4311	1,4094	1,3899	1,3721	1,3559	1,3410	1,3272
700	5,3519	3,5697	2,8104	2,4003	2,1458	1,9730	1,8479	1,7528	1,6779	1,5669	1,5675	1,5350	1,5062	1,4803	1,4570	1,4358	1,4165	1,3988	1,3826
800	5,9730	3,9541	3,0877	2,6172	2,3239	2,1238	1,9785	1,8679	1,7807	1,6515	1,6521	1,6143	1,5808	1,5508	1,5237	1,4992	1,4769	1,4565	1,4377
900	6,5759	4,3287	3,3577	2,8286	2,4978	2,2714	2,1067	1,9811	1,8820	1,7352	1,7358	1,6929	1,6548	1,6207	1,5900	1,5623	1,5370	1,5138	1,4926

Fil-każ li l-valuri tal-input meħtieġa għal *p* u *T* mhumiex indikati fit-tabella, il-fattur ta' kompressibilità għandu jinkiseb permezz ta' interpolazzjoni lineari bejn il-fatturi tal-kompressibilità indikati fit-tabella, billi jintagħżlu dawk li huma l-iktar qrib il-valur mixtieq.”

▼B

3.4. Fl-Anness 8 tar-Regolament Nru 101 tan-NU/ECE, ir-referenzi ta' l-Anness 4 għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Appendiċi 4 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼M1

3.5. Matul iċ-ċiklu tat-test użat għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil tal-vettura għandha tapplika d-dispożizzjoni tal-punt 3.14 tal-Anness III.

▼B

ANNESS XIII

L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TAT-TAGĦMIR SOSTITUT GĦALL-KONTROLL TAT-TNIĠĠIS BĦALA UNITÀ TEKNIKA SEPARATA

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness fih rekwiżit addizzjonali għall-approvazzjoni tat-tip bħala unitajiet tekniċi separati ta' tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis.

2. IR-REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. **L-immarkar**

It-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis għandu jkollu fuqu mill-inqas l-identifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-isem jew it-trejdmark tal-manifattur tal-vettura;

(b) il-marka u n-numru ta' identifikazzjoni tal-parti tat-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis kif ġew irreġistrati fl-informazzjoni li tissemma fil- punt 2.3.

2.2. **Id-dokumentazzjoni**

It-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis għandu jkun akkumpanjat mill-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem jew it-trejdmark tal-manifattur tal-vettura;

(b) il-marka u n-numru ta' identifikazzjoni tal-parti tat-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis kif ġew irreġistrati fl-informazzjoni li tissemma fil- punt 2.3;

(ċ) il-vetturi li għalihom it-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis huwa ta' tip kopert mill-punt 2.3 ta' l-Addendum għall-Appendiċi 4 ta' l-Anness I, inkluż, fejn ikun applikabbli, immarkar biex ikun identifikat jekk it-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis hux adattat sabiex jitwaħħal fuq vettura li hija mgħammra b'sistema dijanjostika abbord (OBD);

(d) fejn ikun meħtieġ, l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni.

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli fil-katalogu tal-prodotti distribwit lill-punti ta' bejgħ mill-manifattur tal-vettura.

2.3. Il-manifattur tal-vettura għandu jipprovdi lis-servizz tekniku u/jew lill-awtorità ta' l-approvazzjoni l-informazzjoni meħtieġa f'format elettronika li jagħmel il-link bejn in-numri tal-partijiet u d-dokumenti ta' l-approvazzjoni tat-tip rilevanti.

Din l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-marka/i u t-tip(i) tal-vettura,

(b) il-marka/i u t-tip(i) tat-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis,

(ċ) in-numru/i tal-parti(jiet) tat-tagħmir oriġinali sostitut għall-kontroll tat-tniġġis,

(d) in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tat-tip(i) rilevanti tal-vettura.

▼B

3. IL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE GĦAL UNITÀ TEKNIKA SEPARATA

3.1. Kull tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis li jikkonforma mat-tip approvat skond dan ir-Regolament bħala unità teknika separata għandu jkollu fuqu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip KE.

3.2. Din il-marka għandha tikkonsisti minn rettangolu li jdawwar l-ittra mhux kapitali "e" segwita min-numru jew mill-ittra/i li jiddistingwu lill-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip KE:

1. għall-Ġermanja

2. għal Franza

3. għall-Italja

4. għall-Olanda

5. għall-Iżvezja

6. għall-Belġju

7. għall-Ungerija

8. għar-Repubblika Ċeka

9. għal Spanja

11. għar-Renju Unit

12. għall-Awstrija

13. għal-Lussemburgu

17. għall-Finlandja

18. għad-Danimarka

19. għar-Rumanija

20. għall-Polonja

21. għall-Portugall

23. għall-Greċja

24. għall-Irlanda

26. għas-Slovenja

27. għas-Slovakja

29. għall-Estonja

32. għal-Latvja

34. għall-Bulgarija

36. għal-Litwanja

49. għal Ċipru

50. għal Malta

Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip KE, qrib ir-rettangolu, għandha tinkludi wkoll, in-"numru bażi ta' l-approvazzjoni" li jinsab fit-taqsima 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip li jissemma fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE, ippreċedut miż-żewġ figuri li jindikaw in-numru tas-sekwenza assenjat lill-aktar emenda teknika ewlenija reċenti lir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew lil dan ir-Regolament fid-data meta ngħatat l-approvazzjoni tat-tip KE għal unità teknika separata. Ta' dan ir-Regolament, in-numru tas-sekwenza huwa 00.

▼B

3.3. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip KE għandha titwaħħal mat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis b'tali mod li tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar. Kulfejn ikun possibbli, għandha tkun viżibbli meta t-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis jiġi installat fuq il-vettura.

3.4. L-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness jagħti eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip KE.

4. IR-REKWIŻITI TEKNIĊI

4.1. Ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis għandhom ikunu dawk tat-Taqsima 5 tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 4.1.1 sa 4.1.4.

4.1.1. It-termini "konvertitur katalitiku" u "konvertitur" li ntużaw fit-taqsima 5 tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE għandhom jinftiehmu li jfissru "tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis"

4.1.2. Is-sustanzi ta' tniġġis irregolati li jissemmew tul it-taqsima 5.2.3 kollha tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE għandhom jiġu sostitwiti mis-sustanzi ta' tniġġis kollha speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għal tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitwaħħal fuq vetturi approvati għat-tip skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007.

4.1.3. Għall-istandards tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis maħsub biex jitwaħħal fuq vetturi approvati għat-tip skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007, ir-rekwiżiti ta' durabbiltà u l-fatturi assoċjati ta' deterjorazzjoni speċifikati fit-taqsima 5 tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE, għandhom jirreferu għal dawk speċifikati fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

4.1.4. Ir-referenza għall-Appendiċi 1 tal-komunikazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip fit-taqsima 5.5.3. tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE għandha tinftiehem bħala referenza għall-addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip KE fuq informazzjoni OBD tal-vettura (l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I).

4.2. Għall-vetturi b'magni *positive-ignition*, jekk l-emissjonijiet tat-THC u ta' l-NMHC imkejla waqt it-test ta' turija ta' konvertitur katalitiku ta' tagħmir oriġinali ġdid, skond il-paragrafu 5.2.1. tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE, ikunu akbar mill-valuri mkejla waqt l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, id-differenza għandha tiġi miżjuda mal-limiti ta' limitu ta' l-OBD. Il-limiti ta' limitu ta' l-OBD jiġu speċifikati jew:

(a) fil-punt 3.3.2. ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE għall-partijiet sostituti maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi approvati għat-tip skond id-Direttiva 70/220/KEE; jew

(b) fil-punt 2.3 ta' l-Anness XI ta' dan ir-Regolament għall-partijiet sotituti maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi approvati għat-tip skond ir-Regolament (KE) Nru 715/2007.

4.3. Waqt it-testijiet tal-kompatibbiltà ta' l-OBD stabbiliti fil-paragrafi 5.5. sa 5.5.5. tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE se japplikaw il-limiti ta' limitu riveduti ta' l-OBD. B'mod partikolari, meta tiġi applikata l-eċċedenza permessa fil-paragrafu 1 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

▼B

4.4. **Ir-rekwiżiti għas-sistemi sostituti li jirriġeneraw perjodikament**

4.4.1. *Ir-rekwiżiti rigward l-emissjonijiet*

4.4.1.1. Il-vettura/i indikata/i fl-Artikolu 11(3), mgħammra b'sistema sostituta li tirriġenera perjodikament tat-tip li għalih intalbet l-approvazzjoni tat-tip, għandha/hom tkun/ikunu suġġetta/i għat-testijiet deskritti fit-Taqsima 3 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, sabiex jiġi paragunat ir-rendiment tagħha ma' l-istess vettura mgħammra bis-sistema oriġinali li tirriġenera perjodikament.

4.4.2. *Id-determinazzjoni tal-bażi għall-paragun*

4.4.2.1. Il-vettura għandha tkun mgħammra b'sistema oriġinali ġdida li tirriġenera perjodikament. Ir-rendiment ta' l-emissjonijiet ta' din is-sistema għandu jkun iddeterminat skond il-proċedura tat-test stabbilita fit-taqsima 3 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

4.4.2.2. Fuq talba ta' l-applikant għall-approvazzjoni tal-komponent sostitut, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tagħmel disponibbli fuq bażi mhux diskriminatorja, l-informazzjoni li tissemma fil-punti 3.2.12.2.1.11.1 u 3.2.12.2.6.4.1 tad-dokument ta' informazzjoni li jinsab fl-Appendiċi 3 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament għal kull vettura ttestjata.

4.4.3. *It-test tal-gassijiet ta' l-egżost b'sistema sostituta li tirriġenera perjodikament.*

4.4.3.1. Is-sistema tat-tagħmir oriġinali li tirriġenera perjodikament tal-vettura/i tat-test għandha tkun sostitwita mis-sistema sostituta li tirriġenera perjodikament. Ir-rendiment ta' l-emissjonijiet ta' din is-sistema għandu jkun iddeterminat skond il-proċedura tat-test stabbilita fil-paragrafu 3 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

4.4.3.2. Sabiex ikun iddeterminat il-fattur D tas-sistema sostituta li tirriġenera perjodikament, jista' jintuża kwalunkwe metodu tal-bank tal-magna li jissemma fil-paragrafu 3 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE.

4.4.4. *Rekwiżiti oħra*

Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.2.3., 5.3., 5.4. u 5.5. tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE għandhom japplikaw għas-sistemi sostituti li jirriġeneraw perjodikament. F'dawn il-paragrafi, il-kliem "konvertitur katalitiku" għandhom jinftiehmu li jfissru "sistema li tirriġenera perjodikament". Minbarra l-eċċezzjonijiet li saru għal dawn il-paragrafi fit-taqsima 4.1. ta' dan l-Anness għandhom japplikaw ukoll għal sistemi li jirriġeneraw perjodikament.

5. ID-DOKUMENTAZZJONI

5.1. Kull tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis għandu jkun immarkat b'mod ċar u b'mod li ma jistax jitħassar bl-isem jew bit-trejdmark tal-manifattur u jkun akkumpanjat mill-informazzjoni li ġejja:

(a) il-vetturi (inkluża s-sena tal-manifattura) li għalihom qed jiġi approvat it- tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis, inkluż, fejn ikun applikabbli, immarkar li jidentifika t-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis bħala adattat biex jitwaħħal fuq vettura li tkun mgħammra b'sistema dijanjostika abbord (OBD);

(b) jekk ikun meħtieġ, l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni.

L-informazzjoni għandha tkun disponibbli fil-katalogu tal-prodott distribwit lill-punti ta' bejgħ mill-manifattur tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis.

▼B

6. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

6.1. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2007/46/KE.

6.2. **Id-dispożizzjonijiet speċjali**

6.2.1. Il-kontrolli li jissemmew fil-punt 2.2 ta' l-Anness X tad-Direttiva 2007/46/KE għandhom jinkludu l-konformità mal-karatteristiċi kif ġew iddefiniti fil-punt 8 ta' l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

6.2.2. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2007/46/KE, jistgħu jitwettqu t-testijiet deskritti fit-taqsima 4.4.1. ta' dan l-Anness u fit-taqsima 5.2. tar-Regolament Nru 103 tan-NU/ECE (ir-rekwiżiti rigward l-emissjonijiet). F'dan il-każ, id-detentur ta' l-approvazzjoni jista' jitlob, bħala alternattiva, li juża bħala bażi ta' paragun mhux l-apparat oriġinali tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis, imma t-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis li ntuża waqt it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip (jew kampjun ieħor li ġie provat li jikkonforma mat-tip approvat). Il-valuri ta' l-emissjonijiet mkejla bil-kampjun taħt verifika mbagħad, bejn wieħed u ieħor, m'għandhomx jeċċedu b'aktar minn 15 % il-valuri intermedji mkejla bil-kampjun użat bħala referenza.

▼B

Appendiċi 1

MUDELL

Dokument ta' Informazzjoni Nru ....

relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip KE tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis

L-informazzjoni li ġejja, jekk ikun applikabbli, trid tkun ipprovduta fi tliet kopji u trid tinkludi werrej. Kwalunkwe tpinġija trid tkun ipprovduta fi skala xierqa u b'biżżejjed dettall fuq daqs A4 jew fuq folder b'format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, iridu juru biżżejjed dettall.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, trid tiġi provduta informazzjoni dwar ir-rendiment tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. It-tip: .....

0.2.1. L-isem/ismijiet kummerċjali jekk ikun(u) disponibbli: .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....

L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat, jekk ikun hemm: ....

0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni KE: .....

0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' assemblaġġ: .....

1. DESKRIZZJONI TAT-TAGĦMIR

1.1. Il-marka u t-tip tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis: .....

1.2. Tpinġijiet tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis li jidentifikaw b'mod partikolari l-karatteristiċi li jissemmew fil-punt 8 ta' l-Artikolu 2 ta' Regolament (KE) Nru 692/2008: .....

1.3. Deskrizzjoni tat-tip jew tat-tipi tal-vettura li għalih(om) huwa maħsub it-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis: .....

1.3.1. In-numru/i u/jew is-simbolu/i li jikkaratterizza(w) il-magna u t-tip(i) ta' vettura: .....

1.3.2. It-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis huwa maħsub biex ikun kompatibbli mar-rekwiżiti ta' l-OBD? (Iva/Le) ([1])

1.4. Deskrizzjoni u tpinġijiet li juru l-pożizzjoni tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis ħdejn il-manifold(s) ta' l-egżost tal-magna: .....

([1]) Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

▼B

Appendiċi 2

ĊERTIFIKAT MUDELL TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

(Format massimu: A4 (210 mm × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— l-approvazzjoni tat-tip KE (1) .....

— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE (1), ...

— ir-rifjut ta' l-approvazzjoni tat-tip KE (1), ...

— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE (1), ...

ta' tip ta' komponent/unità teknika separata (1)

rigward ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 kif ġie implimentat minn ir-Regolament (KE) Nru 692/2008.

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 kif emendat l-aħħar minn .....

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip KE: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

0.2. It-tip .....

0.3. Il-mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip jekk ikunu mmarkati fuq il-komponent/unità teknika separata (2): .....

0.3.1. Il-post ta' dak l-immarkar: .....

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur: .....

0.7. Fil-każ ta' komponenti u ta' unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni KE: .....

0.8. L-isem u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' assemblaġġ: .....

0.9. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat (jekk ikun hemm) ....

(1) Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

(2) Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jinkludi karattri li m'humiex rilevanti sabiex ikunu deskritti t-tipi ta' vetturi, ta' komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati koperti minn dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, tali karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokument bis-simbolu:"?" (eż. ABC??123??).

▼B

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Il-marka u t-tip tat-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis: .....

1.2. It-tip(i) ta' vetturi li għalihom it-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis jikkwalifika bħala parti ta' sostituzzjoni: .....

1.3. It-tip(i) ta' vetturi li fuqhom ġie ttestjat it-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis: .....

1.3.1. It-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis wera kompatibbiltà mar-rekwiżiti ta' l-OBD (iva/le) ([1]): .....

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Id-data tar-rapport tat-test: .....

4. In-numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki: .....

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

Dokumenti mehmuża: Pakkett ta' informazzjoni.

Ir-rapport tat-test.

([1]) Ħassar fejn ma jkunx applikabbli.

▼B

Appendiċi 3

Eżempju tal-marki ta' l-approvazzjoni tat-tip KE

(ara l-punt 5.2 ta' dan l-Anness)



Il-marka ta' l-approvazzjoni t'hawn fuq imwaħħla ma' komponent ta' tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis turi li t-tip ikkonċernat kien approvat fi Franza (e 2), skond dan ir-Regolament. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' l-approvazzjoni (00) jindikaw li din il-parti kienet approvata skond dan ir-Regolament. L-erba' numri segwenti (1234) huma dawk allokati mill-awtorità ta' l-approvazzjoni lit-tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis bħala n-numru bażi ta' l-approvazzjoni.

▼B

ANNESS XIV

L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. INTRODUZZJONI

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-aċċessibbiltà ta' l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

2. IR-REKWIŻITI

2.1. L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli permezz tas-siti web għandha ssegwi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-Dokument ta' l-OASIS SC2-D5, Il-Format ta' l-Informazzjoni dwar it-Tiswija tal-Karozzi, verżjoni 1.0, tat-28 ta' Mejju 2003 ([1]) u tat-Taqsimiet 3.2, 3.5, (esklużа 3.5.2), 3.6, 3.7 u 3.8 tad-Dokument ta' l-OASIS SC1-D2, L-Ispeċifikazzjoni tar-Rekwiżiti għat-Tiswija tal-Karozzi, verżjoni 6.1, li jġib id-data ta' l-10.1.2003 ([2]), fejn jintużaw biss formats miftuħa tat-test u grafiċi jew formats li jistgħu jinqraw u jiġu stampati biss billi jintużaw *plug-ins* ta' softwer standard li jkunu disponibbli b'mod ħieles, faċli biex jiġu installati, u li jaħdmu f'sistemi operattivi tal-kompjuter li jintużaw komunement. Fejn ikun possibbli, il-kliem muftieħ fil-*metadata* għandhom ikunu konformi ma' l-ISO 15031-2. Tali informazzjoni għandha tkun dejjem disponibbli, ħlief kif ikun meħtieġ għall-finijiet tal-manuntenzjoni tas-siti web. Dawk li jeħtieġu d-dritt li jidduplikaw jew jippubblikaw mill-ġdid l-informazzjoni għandhom jinnegozjaw direttament mal-manifattur ikkonċernat. L-informazzjoni għall-materjal ta' taħriġ għandha wkoll tkun disponibbli, imma tista' tiġi preżentata permezz ta' midja oħra għajr is-siti web.

▼M1

L-informazzjoni dwar il-partijiet kollha tal-vettura, li biha l-vettura, kif identifikata min-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) u kull kriterju addizzjonali bħall-bażi tar-rota, l-output tal-magna, il-livell jew opzjonijiet tat-trim, hija mgħammra mill-manifattur tal-vettura u li jistgħu jiġu sostitwiti minn partijiet sostituti offruti mill-manifattur tal-vettura lis-sewwejja jew bejjiegħa awtorizzati tiegħu jew partijiet terzi permezz ta' referenza għan-numru tal-partijiet tat-tagħmir oriġinali (OE), għandha tkun disponibbli f'bażi ta' dejta li tkun faċilment aċċessibbli għal operaturi indipendenti.

Din il-bażi ta' dejta għandha tinkludi l-VIN, in-numri tal-partijiet OE, l-attributi tal-validità (id-dati validu minn u validu sa), l-attributi tal-immuntar u fejn applikabbli l-karatteristiki tal-istrutturar.

L-informazzjoni fuq il-bażi ta' dejta għandha tiġi aġġornata regolarment. L-aġġornamenti għandhom jinkludu b'mod partikolari l-modifiki kollha lill-vetturi individwali wara l-produzzjoni tagħhom jekk din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-bejjiegħa awtorizzati.

2.2. L-aċċess għall-karatteristiki tas-sigurtà tal-vettura li jintużaw mill-bejjiegħa u mill-ħwienet tat-tiswija awtorizzati għandu jkun disponibbli għall-operaturi indipendenti taħt il-protezzjoni tat-teknoloġija tas-sigurtà skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) id-dejta għandha tkun skambjata filwaqt li jiġu żgurati l-kunfidenzjalità, l-integrità u l-protezzjoni kontra repetizzjoni (replay);

(ii) għandu jintuża l-istandard https//ssl-tls (RFC4346);

([1]) Disponibbli minn: http://www.oasis-open.org/committees/download.php/2412/Draft%20Committee%20Specification.pdf.

([2]) Disponibbli minn: http://lists.oasis-open.org/archives/autorepair/200302/pdf00005.pdf.

▼M1

(iii) għandhom jintużaw ċertifikati ta' sigurtà skont l-ISO 20828 għall-awtentikazzjoni reċiproka ta' operaturi u manifatturi indipendenti;

(iv) iċ-ċavetta privata tal-operatur indipendenti għandha tkun protetta minn ħardwer sikur.

Il-Forum dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar il-Vettura msemmi fil-paragrafu 9 tal-Artikolu 13 għandu jispeċifika l-paramentri għat-twettiq ta' dawn ir-rekwiżiti skont l-aħħar avvanzi.

L-operatur indipendenti għandu jkun approvat u awtorizzat għal dan il-fini fuq il-bażi ta' dokumenti li juru li huwa jwettaq attività leġittima ta' negozju u li ma nstabx ħati ta' attività kriminali rilevanti.

2.3. Ir-riprogrammazzjoni tal-unitajiet ta' kontroll ta' vetturi mmanifatturati wara l-31 ta' Awwissu 2010 għandha titwettaq skont l-ISO 22900 jew l-SAE J2534, tkun xi tkun id-data ta' approvazzjoni tat-tip. Għall-validazzjoni tal-kompatibbiltà tal-applikazzjoni speċifika għall-manifattur u l-kollegamenti tal-komunikazzjoni tal-vettura (VCI) konformi mal-ISO 22900 jew l-SAE J2534, il-manifattur għandu joffri jew validazzjoni ta' VCIs żviluppati indipendentement jew l-informazzjoni, u s-self ta' kwalunkwe ħardwer speċjali, meħtieġ biex manifattur tal-VCI jwettaq tali validazzjoni huwa stess. Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 japplikaw għal ħlasijiet għal tali validazzjoni jew informazzjoni u ħardwer.

Għall-vetturi mmanifatturati qabel l-1 ta' Settembru 2010 il-manifattur jista' joffri jew riprogrammazzjoni sħiħa f'konformità ma' ISO 22900 jew SAE J2534, inkella riprogrammazzjoni permezz tal-bejgħ jew kiri tal-għodda proprjetarja tiegħu stess. F'dan il-każ tal-aħħar, l-operaturi indipendenti jrid ikollhom aċċess b'mod mhux diskriminatorju, immedjat u proporzjonat, u l-għodda għandha tiġi pprovduta f'forma li tista' tintuża. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandhom japplikaw għal ħlasijiet għall-aċċess għal dawn l-għodod.

▼B

2.4. Il-kodiċijiet kollha tal-ħsarat relatati ma' l-emissjonijiet għandhom ikunu konsistenti ma' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XI.

2.5. Għall-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għajr dik relatata ma' żoni ta' sigurtà tal-vettura, ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għall-użu tas-sit web tal-manifattur minn operatur indipendenti għandhom jeħtieġu biss tali informazzjoni li tkun meħtieġa biex jiġi konfermat kif se jsir il-ħlas għall-informazzjoni. Għall-informazzjoni li tikkonċerna aċċess għaż-żoni siguri tal-vettura, l-operatur indipendenti għandu jippreżenta ċertifikat skond l-ISO 20828 sabiex jidentifika lilu nnifsu u lill-organizzazzjoni li jappartjeni għaliha u l-manifattur għandu jirrispondi biċ-ċertifikat tiegħu skond l-ISO 20828 biex jikkonferma lill-operatur indipendenti li qed ikollu aċċess għal sit leġittimu tal-manifattur maħsub. Iż-żewġ partijiet għandhom jirreġistraw kwalunkwe tranżazzjoni bħal din fejn jindikaw il-vetturi u l-bidliet li sarulhom skond din id-dispożizzjoni.

▼B

2.6. Fil-każ li l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq sit web ta' manifattur ma tinkludix informazzjoni speċifika rilevanti li tippermetti d-disinn u l-manifattura xierqa ta' sistemi alternattiv ta' konverżjoni tal-fjuwils, mela kwalunkwe manifattur interessat ta' sistemi alternattivi ta' konverżjoni tal-fjuwils għandu jkun jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafi 0, 2, u 3 ta' l-Appendiċi 3 ta' l-Anness 1 billi jikkuntattja direttament lill-manifattur b'tali talba. Id-dettalji ta' kuntatt għal dak il-fini għandhom ikunu indikati b'mod ċar fuq is-sit web tal-manifattur u l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta fi żmien 30 jum. Tali informazzjoni jeħtieġ biss li tkun ipprovduta għal sistemi alternattivi ta' konverżjoni tal-fjuwils li jkunu suġġetti tar-Regolament Nru 115 tan-NU/ECE jew għal komponenti alternattivi ta' konverżjoni tal-fjuwils li jifformaw parti minn sistemi suġġetti tar-Regolament Nru 115 tan-NU/ECE, u jeħtieġ biss li jkunu provduti b'risposta għal talba li b'mod ċar tispeċifika l-ispeċifikazzjoni eżatt tal-mudell tal-vettura li għalih hija meħtieġa l-informazzjoni u li tikkonferma speċifikament li l-informazzjoni hija meħtieġa għall-iżvilupp ta' sistemi jew ta' komponenti alternattivi ta' konverżjoni għall-fjuwil suġġetti tar-Regolament Nru 115 tan-NU/ECE.

2.7. Il-manifatturi għandhom jindikaw in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip skond il-mudell fis-siti web ta' informazzjoni dwar it-tiswija tagħhom.

▼M1

2.8. Il-manifatturi għandhom jistabbilixxu onorarji għal kull siegħa, kull jum, kull xahar, kull sena u kull tranżazzjoni għall-aċċess għall-websajts tagħhom ta' informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, u li għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati.

▼B

Appendiċi 1

Iċ-Ċertifikat tal-Manifattur dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura

(Il-manifattur): .....

(L-indirizz tal-manifattur): .....

Jiċċertifika li

jipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura skond id-dispożizzjonijiet ta':

— l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 715/2007;
— l-Artikoli 4(6) u 13 tar-Regolament (KE) Nru 692/2008;
— it-taqsimiet 2.3.1 u 2.3.5 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008;
— it-taqsima 16 ta' l-Appendiċi 3 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008;
— l-Appendiċi 5 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 692/2008;
— It-taqsima 4 ta' l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 692/2008; u
— l-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 692/2008

rigward it-tipi ta' vetturi elenkati fid-dokument meħmuż ma' dan iċ-Ċertfifikat.

L-indirizzi prinċipali tas-sit web li permezz tagħhom jista' jkun hemm aċċess għall-informazzjoni rilevanti u li hawnhekk qed jiġi ċertifikat li huma skond id-dispożizzjonijiet t'aktar 'il fuq qed jiġu elenkati f'dokument meħmuż ma' dan iċ-Ċertifikat flimkien mad-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant responsabbli tal-manifattur li l-firma tiegħu tinsab aktar 'l isfel.

Fejn ikun applikabbli: B'dan iil-manifattur qed jiċċertifika wkoll li kkonforma ma' l-obbligu fl-Artikolu 13(5) ta' dan ir-Regolament li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti għall-approvazzjonijiet preċedenti ta' dawn it-tipi ta' vetturi mhux aktar tard minn 6 xhur wara d-data ta' l-approvazzjoni tat-tip.

Magħmul fi [..... Post]

Fi [..... Data]

.....

[Firma tar-Rappreżentant tal-Manifattur]

Annessi:
— L-Indirizzi tas-Siti Web
— Id-Dettalji ta' Kuntatt

▼B

Anness I

għal

Iċ-Ċertifikat tal-Manifattur dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura

L-indirizzi tas-siti web li jissemmew f'dan iċ-Ċertifikat:

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

▼B

Anness II

għal

Iċ-Ċertifikat tal-Manifattur dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD tal-Vettura u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni tal-Vettura

Id-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-manifattur li jissemma f'dan iċ-Ċertifikat:

.....

.....

.....

.....

.....

.....

.....

▼B

ANNESS XV

IL-KONFORMITÀ WAQT IS-SERVIZZ TAL-VETTURI APPROVATI GĦAT-TIP SKOND ID-DIRETTIVA 70/220/KEE

1. IL-KONFORMITÀ WAQT IS-SERVIZZ TAL-VETTURI

1.1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha twettaq verifika tal-konformità waqt is-servizz fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tkun fil-pussess tal-manifattur, skond proċeduri simili għal dawk iddefiniti fl-Artikolu 10(1) u (2) u fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness X tad-Direttiva 70/156/KEE.

1.2. Il-Figura li tissemma fil-punt 4 ta' l-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness u l-Figura 4/2 ta' l-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE jispjegaw il-proċedura għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz.

1.3. **Il-parametri li jiddefinixxu l-familja ta' waqt is-servizz**

Il-familja ta' waqt is-servizz tista' tiġi definita permezz tal-parametri bażiċi tad-disinn li għandhom ikunu komuni għall-vetturi fi ħdan il-familja. Għaldaqstant, dawk it-tipi ta' vetturi li għandhom komuni, jew fi ħdan it-tolleranzi dikjarati, mill-inqas il-parametri stabbiliti fil-punti 1.3.1. sa 1.3.11., jistgħu jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess familja ta' waqt is-servizz.

1.3.1. il-proċess ta' kombustjoni (*two stroke, four stroke*, rotatorju).

1.3.2. in-numru ta' ċilindri.

1.3.3. il-konfigurazzjoni tal-blokka taċ-ċilindri (allineata, V, radjali, orizzontalment opposta, oħrajn). L-inklinazzjoni jew l-orjentazzjoni taċ-ċilindri mhix kriterju).

1.3.4. il-metodu ta' alimentazzjoni tal-magna (eż. injezzjoni indiretta jew diretta).

1.3.5. it-tip ta' sistema ta' tkessiħ (arja, ilma, żejt).

1.3.6. il-metodu ta' aspirazzjoni (aspirat naturalment, iċċarġjat bil-pressjoni).

1.3.7. il-fjuwil li għalih hija ddisinjata l-magna (petrol, diżil, NG, LPG, eċċ). Vetturi li jieħdu żewġ tipi ta' fjuwil jistgħu jiġu gruppati mal-vetturi li jieħdu fjuwil speċifiku sakemm wieħed mill-fjuwils ikun komuni.

1.3.8. it-tip ta' konvertitur katalitiku (katalista *three-way* jew oħra(jn)).

1.3.9. it-tip ta' nasba għall-partikulati (biha jew mingħajrha).

1.3.10. ir-riċirkolazzjoni tal-gassijiet ta' l-egżost (biha jew mingħajrha).

1.3.11. il-kapaċità taċ-ċilindri tal-magna ta' l-akbar magna fil-familja bi 30 % mnaqqsa.

1.4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha twettaq verifika tal-konformità waqt is-servizz fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta mill-manifattur. Tali informazzjoni għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal, dawn li ġejjin:

1.4.1. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

1.4.2. l-isem, l-indirizz, in-numri tat-telefon u tal-faks u l-indirizz ta' l-e-Mail tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu fi ħdan l-oqsma koperti bl-informazzjoni tal-manifattur;

▼B

1.4.3. l-isem/ismijiet tal-mudell(i) tal-vetturi inklużi fl-informazzjoni tal-manifattur;

1.4.4. fejn ikun xieraq, lista tat-tipi ta' vetturi koperti mill-informazzjoni tal-manifattur, jiġifieri l-grupp tal-familja ta' waqt is-servizz skond it-taqsima 1.3.;

1.4.5. il-kodiċijiet tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) applikabbli għal dawn it-tipi ta' vetturi fi ħdan il-familja ta' waqt is-servizz (il-prefiss tal-VIN);

1.4.6. in-numri ta' l-approvazzjonijiet tat-tip applikabbli għal dawn it-tipi ta' vetturi fi ħdan il-familja ta' waqt is-servizz, inkluż, fejn ikun applikabbli, in-numri ta' l-estensjonijiet kollha u tat-tiswijiet li jsiru fil-post/irtirar ta' prodott difettuż, eċċ. (mudelli ġodda);

1.4.7. id-dettalji ta' l-estensjonijiet, tat-tiswijiet fil-post/irtirar ta' prodott difettuż, eċċ. għal dawk l-approvazzjonijiet tat-tip għall-vetturi koperti mill-informazzjoni tal-manifattur (jekk ikunu mitluba mill-awtorità ta' l-approvazzjoni);

1.4.8. il-perjodu ta' żmien li matulu nġabret l-informazzjoni tal-manifattur;

1.4.9. il-perjodu tal-bini tal-vettura kopert mill-informazzjoni tal-manifattur (eż. il-vetturi manifatturati matul is-sena kalendarja 2001);

1.4.10. il-proċedura għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz tal-manifattur, li tinkludi:

(a) il-metodu biex tinstab il-vettura;

(b) il-kriterji ta' l-għażla u taċ-ċaħda tal-vetturi;

(ċ) it-tipi ta' testijiet u l-proċeduri użati għall-programm;

(d) il-kriterji ta' aċċettazzjoni/ċaħda tal-manifattur għall-grupp tal-familja ta' waqt is-servizz;

(e) iż-żona/i ġeografika/ċi minn fejn il-manifattur ġabar l-informazzjoni;

(f) id-daqs tal-kampjun u l-pjan tat-teħid tal-kampjuni użat;

1.4.11. ir-riżultati mill-proċedura tal-konformità waqt is-servizz tal-manifattur, li tinkludi:

(a) l-identifikazzjoni tal-vetturi inklużi fil-programm (sew jekk ittestjati u sew jekk m'humiex). Dik l-identifikazzjoni għandha tinkludi:

— l-isem tal-mudell,

— in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN),

— in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura,

— id-data tal-manifattura,

— ir-reġjun ta' użu (fejn ikun magħruf),

— it-tajers imwaħħla;

(b) ir-raġuni(jiet) għaċ-ċaħda tal-vettura mill-kampjun;

(ċ) l-istorja tas-servizz għal kull vettura fil-kampjun (inkluż kwalunkwe mudell ġdid);

(d) l-istorja tat-tiswija għal kull vettura fil-kampjun (fejn tkun magħrufa);

▼B

(e) id-*data* tat-test, inklużi:

— id-data tat-test,

— il-post fejn sar it-test,

— id-distanza indikata fuq l-odometru tal-vettura,

— l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwil użat għat-test (eż. fjuwil ta' referenza użat għat-test jew fjuwil tas-suq),

— il-kundizzjonijiet tat-test (it-temperatura, l-umdità, il-piż ta' l-inerzja tad-dinamometru),

— is-settings tad-dinamometru (eż. is-setting tal-qawwa),

— ir-riżultati tat-test (minn għallinqas tliet vetturi differenti għal kull familja);

1.4.12. ir-rekords ta' indikazzjoni mis-sistema OBD.

2. L-informazzjoni miġbura mill-manifattur għandha tkun biżżejjed komprensiva biex tiżgura li r-rendiment waqt is-servizz jista' jiġi valutat għall-kundizzjonijiet normali ta' l-użu kif ġew iddefiniti fit-taqsima 1 u b'mod rappreżentattiv tal-penetrazzjoni ġeografika tal-manifattur.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-manifattur m'għandux ikun obbligat li jwettaq verifika tal-konformità waqt is-servizz ta' tip ta' vettura jekk jista' juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni li l-bejgħ annwali ta' dak it-tip ta' vettura fil-Komunità huwa inqas minn 5 000 fis-sena.

3. Fuq il-bażi tal-verifika msemmija fit-Taqsima 2.1., l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tadotta waħda mid-deċiżjonijiet u mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) tiddeċiedi li l-konformità waqt is-servizz ta' tip ta' vettura jew ta' familja ta' waqt is-servizz ta' vetturi tkun sodisfaċenti u m'hemmx għalfejn tieħu azzjoni ulterjuri;

(b) tiddeċiedi li d-data provuta mill-manifattur mhix biżżejjed biex tieħu deċiżjoni u titlob informazzjoni addizzjonali jew data tat-test mingħand il-manifattur;

(ċ) tiddeċiedi li l-konformità waqt is-servizz ta' tip ta' vettura li jkun parti minn familja ta' waqt is-servizz, mhix sodisfaċenti u tipproċedi biex tali tip ta' vettura jiġi ttesjat skond l-Appendiċi 1 ta' l-Anness I.

Fejn l-manifattur tħalla ma jwettaqx verifika għal tip ta' vettura partikolari skond it-Taqsima 2, l-awtorità ta' l-approvazzjoni tista' tipproċedi biex dawk it-tipi ta' vetturi jiġu ttestjati skond l-Appendiċi 1 ta' l-Anness I.

3.1. Fejn jitqies li t-testijiet tat-tip I huma meħtieġa biex tkun ikkontrollata l-konformità tat-tagħmir għall-kontroll ta' l-emissjonijiet mar-rekwiżiti għar-rendiment tiegħu waqt li qed jintuża, tali testijiet għandhom isiru billi tintuża proċedura tat-test li tissodisfa l-kriterji statistiċi li ġew iddefiniti fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

3.2. L-awtorità ta' l-approvazzjoni, b'kooperazzjoni mal-manifattur, għandha tagħżel kampjun ta' vetturi b'biżżejjed mili li l-użu f'kundizzjonijiet normali tagħhom jista' jiġi raġonevolment żgurat. Il-manifattur għandu jkun ikkonsultat dwar l-għażla tal-vetturi fil-kampjun u għandu jitħalla jistenna l-kontrolli ta' konferma tal-vetturi.

▼B

3.3. Il-manifattur għandu jkun awtorizzat, taħt is-superviżjoni ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni, biex iwettaq kontrolli, anki ta' natura qerrieda, fuq dawk il-vetturi b'livelli ta' emissjonijiet li jeċċedu l-valuri ta' limitu bil-għan li jiġu stabbiliti l-kawżi possibbli ta' deterjorament li ma jistgħux ikunu attribwiti lill-manifattur innifsu. Fejn ir-riżultati tal-kontrolli jikkonfermaw tali kawżi, dawk ir-riżultati tat-testijiet jiġu eskluży mill-kontroll tal-konformità.

3.4. Fejn l-awtorità ta' l-approvazzjoni ma tkunx sodisfatta bir-riżultati tat-testijiet skond il-kriterji definiti fl-Append eviċi 2, il-miżuri rimedjali msemmija fl-Artikolu 11(2) u fl-Anness X tad-Direttiva 70/156/KEE jiġu estiżi għall-vetturi li qed jintużaw li jappartjenu għall-istess tip ta' vettura li probabilment jiġi affettwat mill-istess difetti skond it-taqsima 6 ta' l-Appendiċi 1.

Il-pjan tal-miżuri rimedjali ippreżentat mill-manifattur għandu jkunu approvat mill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip. Il-manifattur huwa responsabbli mit-twettiq tal-pjan rimedjali kif ġie approvat.

L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri kollha bid-deċiżjoni tagħha fi żmien 30 jum. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li jkun applikat l-istess pjan ta' miżuri rimedjali fuq il-vetturi kollha ta' l-istess tip irreġistrati fit-territorju tagħhom.

3.5. Jekk Stat Membru stabbilixxa li tip ta' vettura ma jikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli ta' l-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness, huwa għandu jinnotifika minnufih lill-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip oriġinali skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Wara dik in-notifka u bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 70/156/KEE, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li tat l-approvazzjoni tat-tip oriġinali għandha tinforma lill-manifattur li tip ta' vettura ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dawn id-dispożizzjonijiet u li l-manifattur mistenni jieħu ċerti miżuri. Il-manifattur għandu jressaq quddiem l-awtorità, fi żmien xahrejn wara din in-notifika, pjan ta' miżuri sabiex jegħleb id-difetti, li s-sustanza tiegħu għandha tikkorrispondi għar-rekwiżiti tat-taqsimiet 6.1 sa 6.8 ta' l-Appendiċi 1. L-awtorità kompetenti li tat l-approvazzjoni tat-tip oriġinali, fi żmien xahrejn, għandha tikkonsulta lill-manifattur sabiex tiżgura ftehim dwar pjan ta' miżuri u dwar it-twettiq tal-pjan. Jekk l-awtorità kompetenti li tat l-approvazzjoni tat-tip oriġinali tistabbilixxi li ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim, għandu jingħata bidu għall-proċedura skond l-Artikolu 11(3) u (4) tad-Direttiva 70/156/KEE.

▼B

Appendiċi 1

Il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-kriterji għall-kontroll tal-konformità waqt is-servizz tal-vetturi approvati għat-tip skond id-Direttiva 70/220/KEE.

2. IL-KRITERJI TA' L-GĦAŻLA

Il-kriterji għall-aċċettazzjoni ta' vettura magħżula ġew iddefiniti fit-taqsimiet 2.1. sa 2.8. L-informazzjoni għandha tingħabar mill-awtorità ta' l-approvazzjoni billi jiġu eżaminati l-vetturi u permezz ta' taħdita mas-sid/sewwieq.

2.1. Il-vettura għandha tappartjeni lil tip ta' vettura li jkun approvat għat-tip skond id-Direttiva 70/220/KEE u li jkun kopert b'ċertifikat ta' konformità skond id-Direttiva 70/156/KEE. Il-vettura għandha tkun irreġistrata u użata fil-Komunità Ewropea.

2.2. Il-vettura għandha tkun ilha tintuża mill-inqas għal 15 000 km jew 6 xhur, liema minnhom tiġi l-aktar tard, u għal mhux aktar minn 100 000 km jew 5 snin, liema minnhom tiġi l-ewwel.

2.3. Għandu jkun hemm rekord ta' manutenzjoni li juri li l-vettura inżammet sew, eż. sarilha s-servis skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur.

2.4. Il-vettura m'għandha turi l-ebda indikazzjoni ta' abbuż (eż. tlielaq, tagħbija żejda, alimentazzjoni bi fjuwil ħażin, jew użu ħażin ieħor), jew fatturi oħra (eż. tbagħbis) li jistgħu jaffettwaw ir-rendiment ta' l-emissjonijiet. Fil-każ ta' vetturi mgħammra b'sistema OBD, għandhom jitqiesu l-kodiċi tal-ħsara u l-informazzjoni dwar il-mili maħżuna fil-kompjuter. Vettura m'għandhiex tingħażel għall-ittestjar jekk l-informazzjoni maħżuna fil-kompjuter turi li l-vettura ħadmet wara li nħażen kodiċi tal-ħsara u ma saritx tiswija pjuttost fil-pront.

2.5. M'għandha tkun saret l-ebda tiswija kbira mhux awtorizzata tal-magna jew l-ebda tiswija kbira tal-vettura.

2.6. Il-kontenut taċ-ċomb u tal-kubrit ta' kampjun tal-fjuwil meħud mit-tank tal-vettura għandu jissodisfa l-istandards applikabbli stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u m'għandu jkun hemm l-ebda evidenza ta' alimentazzjoni bi fjuwil ħażin. Jistgħu jsiru kontrolli fit-*tailpipe*, eċċ.

2.7. M'għandu jkun l-ebda indikazzjoni ta' kwalunkwe problema li tista' tipperikola s-sikurezza tal-persunal tal-laboratorju.

2.8. Il-komponenti kollha tas-sistema ta' kontra t-tniġġis li hemm fuq il-vettura għandhom ikunu konformi ma' l-approvazzjoni tat-tip applikabbli.

3. ID-DIJANJOSI U L-MANUTENZJONI

Id-dijanjosi u kwalunkwe manutenzjoni normali meħtieġa għandhom jitwettqu fuq vetturi aċċettati għall-ittestjar, qabel ma jitkejlu l-emissjonijiet mill-egżost, skond il-proċedura stabbilita fit-taqsimiet 3.1 sa 3.7.

[1] ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.

▼B

3.1. Għandhom isiru l-kontrolli li ġejjin: kontrolli tal-filtru ta' l-arja, taċ-ċintorini tas-sewqan kollha, tal-livelli tal-fluwidi kollha, tat-tapp tar-radjatur, tal-pajpijiet tal-vakwu kollha u tal-wajers tad-dawl relatati mas-sistema ta' kontra t-tniġġis kollha; kontrolli ta' l-ignixin, tal-kejl tal-fjuwil u tal-komponenti tat-tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis. Id-diskrepanzi kollha għandhom jiġu reġistrati.

3.2. Is-sistema OBD għandha tkun ikkontrollata sabiex ikun ivverifikat li qed taħdem sew. Kwalunkwe indikazzjoni ta' ħsara għandha tiġi reġistrata fil-memorja ta' l-OBD u għandhom isiru t-tiswijiet meħtieġa. Jekk l-indikatur ta' ħsara fl-OBD jindika ħsara waqt ċiklu tal-prekundizzjonament, il-ħsara tista' tiġi identifikata u msewwija. It-test jista' jerġa' jsir u jintużaw ir-riżultati ta' dik il-vettura msewwija.

3.3. Is-sistema ta' l-ignixin għandha tiġi kontrollata u l-komponenti difettużi sostitwiti, pereżempju l-ispark plaggs, il-kejbils, eċċ.

3.4. Il-kompressjoni għandha tiġi kontrollata. Jekk ir-riżultat ma jkunx sodisfaċenti, il-vettura għandha tiġi miċħuda.

3.5. Il-parametri tal-magna għandhom jiġu kontrollati skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur u, jekk ikun meħtieġ, għandhom jiġu aġġustati.

3.6. Jekk il-vettura jonqosha 800 km għal servis ta' manutenzjoni skedat, dak is-servis għandu jitwettaq skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur. Irrispettivament mill-qari ta' l-odometru, il-filtri taż-żejt u ta' l-arja jistgħu jinbidlu fuq it-talba tal-manifattur.

3.7. Kif tiġi aċċettata l-vettura, il-fjuwil għandu jiġi sostitwit bil-fjuwil ta' referenza tat-test ta' l-emissjonijiet xieraq, sakemm il-manifattur ma jaċċettax li jintuża l-fjuwil tas-suq.

4. L-ITTESTJAR WAQT IS-SERVIZZ

4.1. Meta jitqies li jkun meħtieġ kontroll tal-vetturi, għandhom jitwettqu t-testijiet ta' l-emissjonijiet skond l-Anness III tad-Direttiva 70/220/KEE fuq vetturi prekundizzjonati magħżula skond ir-rekwiżiti tat-taqsimiet 2 u 3 ta' dan l-Appendiċi.

4.2. Vetturi mgħammra b'sistema OBD jistgħu jiġu kontrollati għall-funzjonalità xierqa waqt is-servizz ta l-indikatur ta' ħsara, eċċ., b'relazzjoni għal-livelli ta' l-emissjonijiet (eż. il-limiti ta' l-indikazzjoni tal-ħsara definiti fl-Anness XI tad-Direttiva 70/220/KEE) għall-ispeċifikazzjonijiet approvati għat-tip.

4.3. Is-sistema OBD tista' tiġi kontrollata, pereżempju, għal-livelli ta' emissjonijiet 'il fuq mill-valuri ta' limitu applikabbli bl-ebda indikazzjoni ta' ħsara, attivazzjoni sistematika żbaljata ta' l-indikazzjoni ta' ħsara u komponenti difettużi jew deterjorati indikati fis-sistema OBD.

4.4. Jekk komponent jew sistema taħdem b'mod mhux kopert mill-partikolaritajiet fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip u/jew mill-pakkett ta' informazzjoni għal tali tipi ta' vetturi u tali devjazzjoni ma ġietx awtorizzata skond l-Artikolu 5(3) jew (4) tad-Direttiva 70/156/KEE, bl-ebda indikazzjoni tal-ħsara mill-OBD, il-komponent jew is-sistema m'għandux jiġi sostitwit qabel l-ittestjar ta' l-emissjonijiet, sakemm ma jkunx iddeterminat li l-komponent jew is-sistema ġie mbagħbas jew abbużat b'tali mod li l-OBD ma jiskoprix il-ħsara li rriżultat.

▼B

5. L-EVALWAZZJONI TAR-RIŻULTATI

5.1. Ir-riżultati tat-test jitressqu għall-proċedura ta' evalwazzjoni skond l-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

5.2. Ir-riżultati tat-test m'għandhomx jiġu multiplikati b'fatturi ta'deterjorament.

6. IL-PJAN TAL-MIŻURI RIMEDJALI

6.1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha titlob lill-manifattur biex iressaq pjan ta' miżuri rimedjali biex jirrimedja għan-nuqqas ta' konformità meta jinstab li aktar minn vettura waħda tkun qed tagħmel emissjonijiet aktar milli suppost u tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-taqsima 3.2.3 ta' l-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE u kemm l-awtorità ta' l-approvazzjoni kif ukoll il-manifattur jaqblu li l-emissjoni żejda hija minħabba l-istess raġuni, jew

(b) tissodisfa l-kundizzjonijiet tat-taqsima 3.2.4. ta' l-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE u l-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip iddeterminat li l-emissjoni żejda hija minħabba l-istess raġuni.

6.2. Il-pjan tal-miżuri rimedjali għandu jiġi preżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni mhux aktar tard minn 60 jum ta' xogħol mid-data tan-notifika msemmija fit-taqsima 6.1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni, fi żmien 30 jum ta' xogħol, għandha tiddikjara l-approvazzjoni jew id-diżapprovazzjoni tagħha rigward il-pjan tal-miżuri rimedjali. Madankollu, tingħata estensjoni meta l-manifattur jista' juri, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni kompetenti, li jinħtieġ aktar żmien biex tiġi investigata n-nuqqas ta' konformità sabiex jitressaq pjan tal-miżuri rimedjali.

6.3. Il-miżuri rimedjali għandhom japplikaw għall-vetturi kollha li probabbilment ikunu affetwati mill-istess difett. Għandha tkun ivvalutata l-ħtieġa li jiġu emendati d-dokumenti ta' l-approvazzjoni tat-tip.

6.4. Il-manifattur għandu jipprovdi kopja tal-komunikazzjonijiet kollha relatati mal-pjan tal-miżuri rimedjali, u għandu wkoll iżomm rekord tal-kampanja ta' rtirar ta' prodott difettuż, eċċ., u jipprovdi rapporti ta' status regolari lill-awtorità ta' l-approvazzjoni.

6.5. Il-pjan tal-miżuri rimedjali għandu jinkludi r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 6.5.1. sa 6.5.11. Il-manifattur għandu jassenja isem jew numru uniku ta' identifikazzjoni uniku lill-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.5.1. Deskrizzjoni ta' kull tip ta' vettura inkluż fil-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.5.2. Deskrizzjoni tal-modifikazzjonijiet, ta' l-alterazzjonijiet, tat-tiswijiet, tal-korrezzjonijiet, ta' l-aġġustamenti, jew ta' bidliet speċifiċi oħra li jridu jsiru biex il-vetturi jsiru konformi inkluż sommarju qasir tad-data u ta' l-istudji tekniċi li jappoġġjaw id-deċiżjoni tal-manifattur rigward il-miżuri partikolari li għandhom jittieħdu biex ikun korrett in-nuqqas ta' konformità.

6.5.3. Deskrizzjoni tal-metodu li permezz tiegħu l-manifattur jinforma lis-sidien tal-vetturi.

▼B

6.5.4. Deskrizzjoni tal-manutenzjoni xierqa jew ta' l-użu xieraq, jekk ikun hemm, li l-manifattur jistipula bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà għal tiswija skond il-pjan tal-miżuri rimedjali, u spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex il-manifattur impona kwalunkwe kundizzjoni bħal din. L-ebda kundizzjoni għall-manutenzjoni jew għall-użu ma tista' tiġi imposta sakemm ma tkunx ovvjament relatata li huma marbuta man-nuqqas ta' konformità u mal-miżuri rimedjali.

6.5.5. Deskrizzjoni tal-proċedura li għandhom isegwu s-sidien tal-vetturi biex jiksbu korrezzjoni tan-nuqqas ta' konformità. Din għandha tinkludi data li warajha jistgħu jittieħdu l-miżuri rimedjali, iż-żmien stmat biex il-ħanut tax-xogħol iwettaq it-tiswijiet u fejn jistgħu jsiru. It-tiswija għandha ssir b'mod xieraq, fi żmien raġonevoli wara l-konsenja tal-vettura.

6.5.6. Kopja ta' l-informazzjoni trażmessa lil sid il-vettura.

6.5.7. Deskrizzjoni qasira tas-sistema li l-manifattur juża biex jiżgura provvista adegwata ta' komponenti jew ta' sistemi biex iwettaq l-azzjoni rimedjali. Għandu jkun indikat meta se jkun hemm provvista adegwata ta' komponenti jew sistemi biex tinbeda l-kampanja.

6.5.8. Kopja ta' l-istruzzjonijiet kollha li għandhom jintbagħtu lil dawk il-persuni li se jwettqu t-tiswija.

6.5.9. Deskrizzjoni ta' l-impatt tal-miżuri rimedjali proposti fuq l-emissjonijiet, il-konsum tal-fjuwil, il-kumditàfis-sewqan, u s-sikurezza ta' kull tip ta' vettura, koperta mill-pjan tal-miżuri rimedjali bid-data, bl-istudji tekniċi, eċċ. li jappoġġjaw dawn il-konklużjonijiet.

6.5.10. Kwalunkwe informazzjoni, rapport jew data oħra li l-awtorità ta' l-approvazzjoni tista' raġonevolment tiddetermina li tkun meħtieġa biex jiġi evalwat il-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.5.11. Fejn il-pjan tal-miżuri rimedjali jinkludi rtirar ta' prodott difettuż, eċċ., għandha titressaq deskrizzjoni tal-metodu għar-reġistrazzjoni tat-tiswija quddiem l-awtorità ta' l-approvazzjoni. Jekk tintuża tikketta, għandu jitressaq eżempju tagħha.

6.6. Il-manifattur jista' jkun meħtieġ iwettaq testijiet raġonevolment iddisinjati u meħtieġa fuq komponenti u vetturi billi jinkorpora bidla, tiswija, jew modifikazzjoni proposta biex juri l-effikaċja tal-bidla, tat-tiswija, jew tal-modifikazzjoni.

6.7. Il-manifattur għandu jkun responsabbli miż-żamma ta' rekord ta' kull vettura rtirata minħabba difett, eċċ. u msewwija u tal-ħanut tax-xogħol li wettaq it-tiswija. L-awtorità ta' l-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għar-rekord meta titolbu għal perjodu ta' 5 snin mill-implimentazzjoni tal-pjan tal-miżuri rimedjali.

6.8. It-tiswija u/jew il-modifikazzjoni jew iż-żieda ta' tagħmir ġdid għandhom jiġu reġistrati f'ċertifikat ipprovdut mill-manifattur lil sid il-vettura.

▼B

Appendiċi 2

Il-proċedura statistika għall-ittestjar tal-konformità waqt is-servizz

1. Din il-proċedura għandha tintuża sabiex ikunu verifikati r-rekwiżiti tal-konformità waqt is-servizz għat-test tat-tip 1. Il-metodu statistiku applikabbli għandu jkun dak stabbilit fl-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fit-taqsimiet 2., 3. u 4.

2. In-nota ta' qiegħ il-paġna 1 m'għandhiex tapplika.

3. Fil-paragrafi 3.2.3.2.1. u 3.2.4.2. ta' l-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, ir-referenza għall-paragrafu 6 ta' l-Appendiċi 3 għandha tinftiehem bħala referenza għat-Taqsima 6 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness XV ta' dan ir-Regolament.

4. Fil-Figura 4/1. ta' l-Appendiċi 4 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE, għandu japplika dan li ġej:

   (a) ir-referenzi għall-paragrafu 8.2.1 għandhom jinftiehmu bħala referenza għat-Taqsima 1.1 ta' l-Anness XV ta' dan ir-Regolament;

   (b) ir-referenza għall-Appendiċi 3 għandha tinftiehem bħala referenza għall-Appendiċi 1 ta' l-Anness XV ta' dan ir-Regolament;

   (ċ) in-nota ta' qiegħ il-paġna 1 għandha tinftiehm kif ġej: F'dan il-każ, TAA tfisser l-awtorità ta' l-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip skond id-Direttiva 70/220/KE.

▼B

ANNESS XVI

IR-REKWIŻITI GĦALL-VETTURI LI JUŻAW REAĠENT GĦAS-SISTEMA TAT-TRATTAMENT TA' WARA TA' L-EGŻOST

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-vetturi li jistrieħu fuq l-użu ta' reaġent għas-sistema tat-trattament ta' wara sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet.

2. L-INDIKAZZJONI TAR-REAĠENT

2.1. Il-vettura għandha tinkludi indikatur speċifiku fuq id-daxxbord li jinforma lis-sewwieq b'livelli baxxi ta' reaġent fit-tank tal-ħażna tar-reaġent u meta t-tank tar-reaġent jiżvojta.

3. IS-SISTEMA TA' TWISSWIJA GĦAS-SEWWIEQ

3.1. Il-vettura għandha tinkludi sistema ta' twissija li tikkonsisti minn twissijiet viżwali li tinforma lis-sewwieq meta l-livell ta' reaġent ikun baxx, li t-tank dalwaqt jeħtieġ li jerġa' jimtela, jew li r-reaġent mhux ta' kwalità speċifikata mill-manifattur. Is-sistema ta' twissija tista' tinkludi wkoll komponent li jinstema' sabiex jallerta lis-sewwieq.

3.2. Is-sistema ta' twissija għandha teskala fl-intensità hekk kif ir-reaġent joqrob il-vojt. Għandha tikkulmina f'notifika lis-sewwieq li ma tistax tingħeleb jew tiġi injorata faċilment. M'għandux ikun possibbli li s-sistema tintefa' sakemm ir-reaġent ma jerġax jimtela.

3.3. It-twissija viżwali għandha turi messaġġ li jindika livell baxx ta' reaġent. It-twissija m'għandhiex tkun l-istess bħat-twissiija li tintuża għall-finijiet tal-manutenzjoni ta' l-OBD jew ta' manutenzjoni oħra tal-magna. It-twissija għandha tkun biżżejjed ċara biex is-sewwieq jifhem li l-livell tar-reaġent huwa baxx (eż. "*urea level low*" — "il-livell ta' l-urea huwa baxx", "*AdBlue level low*" — "il-livell ta' l-AdBlue huwa baxx", jew '*reagent low*' — "il-livell tar-reaġent huwa baxx").

3.4. Għall-bidu, m'hemmx għalfejn is-sistema ta' twissija tkun attivata kontinwament, madankollu t-twissija għandha teskala sabiex issir kontinwa hekk kif livell tar-reaġent joqrob il-punt fejn is-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq fit-Taqsima 8 tidħol fis-seħħ. Għandha tintwera twissija espliċità (eż. "*fill up urea*" — "imla l-urea", "*fill up AdBlue*"-"imla l-AdBlue", jew "*fill up AdBlue*" — "imla r-reaġent"). Is-sistema kontinwa ta' twissija tista' tiġi interrotta temporanjament minn sinjali oħra ta' twissija li jipprovdu messaġġi importanti oħra relatati mas-sikurezza.

3.5. Is-sistema ta' twissija għandha tkun attivata f'distanza ekwivalent għal firxa ta' sewqan ta' mill-inqas 2 400 km qabel ma jiżvojta t-tank tar-reaġent.

4. L-IDENTIFIKAZZJONI TA' REAĠENT INKORRETT

4.1. Il-vettura għandha tinkludi mezz biex ikun iddeterminat jekk reaġent li jikkorrispondi għall-karatteristiċi dikjarati mill-manifattur u li ġew irreġistrati fl-Appendiċi 3 ta' l-Anness I ta' dan ir-Regolament ikunx preżenti fuq il-vettura.

▼B

4.2. Jekk ir-reaġent fit-tank tal-ħażna ma jikkorrispondix għar-rekwiżiti minimi ddikjarati mill-manifattur, is-sistema ta' twissija tas-sewwieq fit-taqsima 3 għandha tiġi attivata u għandha turi messaġġ li jindika twissija xierqa (eż. "*incorrect urea detected*" — "skoperta urea inkorretta", "*incorrect AdBlue detected*" — 'skopert AdBlue inkorrett, jew "*incorrect reagent detected*" — "skopert reaġent inkorrett"). Jekk il-kwalità tar-reaġent ma tiġix rettifikata fi ħdan 50 km mill-attivazzjoni tas-sistema ta' twissija, mela għandhom japplikaw ir-rekwiżiti għall-inċentiv għas-sewwieq tat-taqsima 8.

5. IL-MONITORAĠĠ TAL-KONSUM TAR-REAĠENT

5.1. Il-vettura għandha tinkludi mezz biex ikun iddeterminat il-konsum ta-rreaġent u jkun provdut aċċess mhux abbord għal informazzjoni dwar il-konsum.

5.2. Il-konsum medju tar-reaġent u l-konsum mitlub medju tar-reaġent mis-sistema tal-magna għandhom ikunu disponibbli permezz tal-port serjali tal-konnettur dijanjostiku standard. Id-*data* għandha tkun disponibbli tul il-perjodu komplut preċedent ta' 2 400 km ta' ħaddim il-vettura.

5.3. Sabiex ikun immonitorjat il-konsum tar-reaġent, fi ħdan il-vettura għandhom ikunu monitorjati mill-inqas il-parametri li ġejjin:

(a) il-livell tar-reaġent fit-tank tal-ħażna fuq il-vettura;

(b) il-fluss tar-reaġent jew l-injezzjoni tar-reaġent mill-aktar teknika-ment qrib possibbli għall-punt ta' injezzjoni fis-sistema tat-trattament ta' wara ta' l-egżost.

5.4. Devjazzjoni ta' aktar minn 50 % bejn il-konsum medju tar-reaġent u l-konsum mitlub medju tar-reaġent mis-sistema tal-magna tul perjodu ta' 30 minuta ta' ħidmet il-vettura, għandha tirriżulta fl-attivazzjoni tas-sistema ta' twissija tas-sewwieq fit-taqsima 3, li għandha turi messaġġ li jindika twissija xierqa (eż. "*urea dosing malfunction*" — "ħsara fid-dożaġġ ta' l-urea", "*AdBlue dosing malfunction*" — "ħsara fid-dożaġġ ta' l-AdBlue", jew "*reagent dosing malfunction*" — "ħsara fid-dożaġġ tar-reaġent"). Jekk il-konsum tar-reaġent ma jkunx rettifikat fi ħdan 50 km mill-attivazzjoni tas-sistema ta' twissija, mela għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' inċentiv għas-sewwieq tat-taqsima 8.

5.5. Fil-każ ta' interruzzjoni fl-attività ta' dożaġġ tar-reaġent, għandha tiġi attivata s-sistema ta' twissija tas-sewwieq kif jissemma fit-taqsima 3, li għandha turi messaġġ li jindika twissija xierqa. Din l-attivazzjoni m'għandhiex tkun meħtieġa fejn l-interruzzjoni tintalab mill-ECU tal-magna għaliex il-kundizzjonijiet operattivi tal-vettura jkunu tali li r-rendiment ta' l-emissjoni tal-vettura ma jeħtieġx dożaġġ tar-reaġent, sakemm il-manifattur ikun informa b'mod ċar lill-awtorità ta' l-approvazzjoni meta japplikaw tali kundizzjonijiet operattivi. Jekk id-dożaġġ tar-reaġent ma jkunx rettifikat fi ħdan 50 km mill-attivazzjoni tas-sistema ta' twissija, mela għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' inċentiv għas-sewwieq tat-taqsima 8.

6. IL-MONITORAĠĠ TA' L-EMISSJONIJIET TA' L-NO_x

6.1. Bħala alternattiva għar-rekwiżiti ta' monitoraġġ fit-taqsimiet 4 u 5, il-manifatturi jistgħu jużaw sensuri tal-gassijiet ta' l-egżost direttament sabiex isiru jafu b'livelli eċċessivi ta' NO_x fl-egżost.

▼M2

6.2. Il-manifattur għandu juri li l-użu ta' dawn is-sensuri msemmija fil-punt 6.1 u ta' kwalunkwe sensur ieħor fuq il-vettura jirriżulta fl-attivazzjoni tas-sistema tat-twissija tas-sewwieq kif jissemma fil-punt 3, bit-turija ta' messaġġ li jindika twissija xierqa (eż. "emissions too high — check urea" — "emissjonijiet għoljin wisq — ikkontrolla l-urea", "emissions too high — check AdBlue" — "emissjonijiet għoljin wisq — ikkontrolla l-AdBlue", "emissions too high — check reagent" — "emissjonijiet għoljin wisq — ikkontrolla r-reaġent"), u s-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq kif tissemma fit-taqsima 8.3, meta jseħħu s-sitwazzjonijiet li jissemmew fit-taqsima 4.2, 5.4 jew 5.5.

Għall-iskopijiet ta' dan il-punt huma maħsuba li jiġru dawn is-sitwazzjonijiet:

— fil-każ ta' vetturi approvati għal-limiti tal-emissjoni Euro 5 tat-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, jekk jinqabeż il-limitu applikabbli tal-limitu OBD tal-NO_x ta' dik it-tabella mmultiplikat b'fattur ta' 1,5;

— fil-każ ta' vetturi approvati għal-limiti tal-emissjoni Euro 6 tat-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, jekk jinqabeż il-limitu applikabbli tal-limitu OBD tal-NO_x tat-tabelli stabbiliti fil-punti 2.3.2, 2.3.3 jew 2.3.4 tal-Anness XI.

L-emissjonijiet NO_x matul it-test biex juru l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx ikunu ogħla minn 20 % tal-valur imsemmi fit-tieni paragrafu.

▼B

7. L-INFORMAZZJONI DWAR IN-NUQQAS TA' ĦAŻNA

▼M1

7.1. Fejn issir referenza għal dan il-punt, għandhom jinħażnu Identifikaturi tal-Parametri (PID) li ma jistgħux jitħassru li jidentifikaw ir-raġuni għal u d-distanza vvjaġġata mill-vettura waqt l-attivazzjoni tas-sistema ta' inċentiv. Il-vettura għandha żżomm rekord tal-PID għal mill-inqas 800 jum jew 30 000 km ta' tħaddim il-vettura. Il-PID għandu jkun disponibbli permezz tal-port serjali tal-konnettur dijanjostiku standard fuq talba ta' għodda ġenerika tal-iskenjar skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 6.5.3.1 tal-Appendiċi 1 tal-Anness 11 tar-Regolament Nru 83 tal-UN/ECE u l-punt 2.5 tal-Appendiċi 1 tal-Anness XI ta' dan ir-Regolament. Mid-dati msemmija fl-Artikolu 17, l-informazzjoni maħżuna fil-PID għandha tkun marbuta mal-perjodu tal-operat tal-vettura kumulat, li matulu seħħ, bi preċiżjoni ta' mhux inqas minn 300 jum jew 10 000 km.

▼B

7.2. Il-ħsarat fis-sistema ta' dożaġġ tar-reaġent attribwiti lil ħsarat tekniċi (eż. ħsarat mekkaniċi jew elettriċi) għandhom ukoll ikunu suġġetti għar-rekwiżiti ta' l-OBD fl-Anness XI.

8. IS-SISTEMA TA' INĊENTIV TAS-SEWWIEQ

8.1. Il-vettura għandha tinkludi sistema ta' inċentiv għas-sewwieq sabiex ikun żgurat li l-vettura taħdem b'sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet li taħdem il-ħin kollu. Is-sistema ta' inċentiv għandha tkun iddisinjata b'tali mod li tiżgura li l-vettura ma tistax taħdem b'tank tar-reaġent vojt.

8.2. Is-sistema ta' inċentiv għandha tattiva ruħha mhux aktar tard minn meta l-livell tar-reaġent fit-tank jilħaq livell ekwivalenti għall-firxa medja ta' sewqan tal-vettura b'tank mimli bil-fjuwil. Is-sistema għandha tattiva ruħha wkoll meta jkunu seħħew il-ħsarat fit-taqsima 4., 5. jew 6, jiddependi mill-metodu ta' monitoraġġ ta' l-NO_x. L-iskoperta ta' tank tar-reaġent vojt u tal-ħsarat li jissemmew fit-taqsima 4., 5. jew 6. għandha twassal biex jidħlu fis-seħħ ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar nuqqas ta' ħażna tat- taqsima 7.

▼B

8.3. Il-manifattur għżandu jagħżel liema tip ta' sistema ta' inċentiv jinstalla. Il-possibbiltajiet għal sistema ġew deskritti fil-punti 8.3.1., 8.3.2., 8.3.3. u 8.3.4. li ġejjin.

8.3.1. Metodu ta' "l-ebda startjar mill-ġdid tal-magna wara l-*countdown*" jippermetti *countdown* ta' kemm-il darba l-vettura tiġi startjata mill-ġdid jew id-distanza li fadal ladarba s-sistema ta' inċentiv tattiva ruħha. L-istartjar tal-magna mibdi mis-sistema ta' kontroll tal-vettura, bħal sistemi ta' startjar-waqfien, m'humiex inklużi f'dan il-*countdown*. L-istartjar mill-ġdid tal-magna għandu jkun ipprevenut immedjatament wara li t-tank tar-reaġent jiżvojta jew tinqabeż distanza ekwivalenti għal tank mimli bil-fjuwil mill-attivazzjoni tas-sistema ta' inċentiv, liema minnhom iseħħ l-ewwel.

8.3.2. Sistema ta' "l-ebda startjar wara l-alimentazzjoni mill-ġdid" tirriżulta f'vettura li ma tkunx tista' tistartja wara l-alimentazzjoni mill-ġdid jekk tkun ġiet attivata s-sistema ta' inċentiv.

8.3.3. Metodu ta' "esklużjoni tal-fjuwil" jipprevjeni li l-vettura tiġi alimentata mill-ġdid billi s-sistema tal-filler tal-fjuwil tissakkar wara li tattiva ruħha s-sistema ta' inċentiv. Is-sistema ta' esklużjoni għandha tkun robusta sabiex ħadd ma jkunx jista' jbagħbasha.

8.3.4. Metodu ta' "restrizzjoni fuq ir-rendiment" jirrestrinġi l-veloċità tal-vettura wara li tattiva ruħha s-sistema ta' inċentiv. Il-livell ta' limitu tal-veloċità għandu jkun ovvju lis-sewwieq u għandu jnaqqas b'mod sinifikanti l-veloċità massima tal-vettura. Tali limitu għandu jidħol fis-seħħ b'mod gradwali jew wara li tistartja l-magna. Ftit qabel ma' jkun ipprevenut li l-magna terġa' tistartja, il-veloċità tal-vettura m'għandhiex teċċedi l-50 km/h. L-istartjar mill-ġdid tal-magna għandu jkun ipprevenut immedjatament wara li t-tank tar-reaġent jiżvojta jew tinqabeż distanza ekwivalenti għal tank mimli tal-fjuwil, mill-attivazzjoni tas-sistema ta' inċentiv, liema minnhom iseħħ l-ewwel.

8.4. Ladarba s-sistema ta' inċentiv tkun attivat ruħha għalkollox u tkun iddiżattivat il-vettura, is-sistema ta' inċentiv għandha tiġi deattivata biss jekk il-kwantità ta' reaġent miżjud mal-vettura ikun ekwivalenti għal firxa medja ta' sewqan ta' 2 400 km jew jekk ikunu ġew rettifikati l-ħsarat speċifikati fit-taqsima 4, 5, jew 6. Wara li tkun twettqet tiswija sabiex tiġi korretta ħsara fejn tkun ġiet attivata s-sistema OBD skond il-punt 7.2., is-sistema ta' inċentiv tista' terġa' tiġi inizjalizzata permezz tal-port serjali ta' l-OBD (eż. b'għodda ġenerika ta' l-iskenjar) sabiex il-vettura tkun tista' terġa' tistartja għal finijiet ta' awto-dijanjosi. Il-vettura għandha taħdem għal massimu ta' 50 km sabiex is-suċċess tat-tiswija jkun jista' jiġi validat. Is-sistema ta' inċentiv għandha tiġi attivata mill-ġdid għalkollox jekk il-ħsara tippersisti wara din il-validazzjoni.

8.5. Is-sistema ta' twissija tas-sewwieq li tissemma fit-taqsima 3 għandha turi messaġġ li jindika b'mod ċar:

(a) in-numru ta' startjar mill-ġdid li jifdal u/jew id-distanza li jifdal; u

(b) il-kundizzjonijiet li fihom il-vettura tista' terġa' tiġi startjata.

8.6. Is-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq għandha tiġi deattivata meta l-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tagħha ma jeżistux aktar. Is-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq m'għandhiex tiġi deattivata awtomatikament mingħajr ma r-raġuni għall-attivazzjoni tagħha tkun ġiet imsewwija.

8.7. Fi żmien l-approvazzjoni għandha tkun provduta informazzjoni dettaljata bil-miktub li tiddeskrivi b'mod sħiħ il-karatteristiċi operattivi funzjonali tas-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq lill-awtorità ta' l-approvazzjoni.

▼B

8.8. Bħala parti mill-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip skond dan ir-Regolament, il-manifattur għandu juri ħidmet is-sistemi ta' twissija u ta' inċentiv għas-sewwieq.

9. IR-REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI

9.1. Il-manifattur għandu jipprovdi lis-sidien kollha ta' vetturi ġodda informazzjoni bil-miktub dwar is-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet. Din l-informazzjoni għandha tiddikjara li jekk is-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet tal-vettura mhix qed taħdem sew, is-sewwieq għandu jkun informat bi problema mis-sistema ta' twissija tas-sewwieq u li s-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq konsegwentement għandha twassal biex il-vettura ma tkunx tista' tistartja.

9.2. L-istruzzjonijiet għandhom jindikaw rekwiżiti għall-użu u għall-manutenzjoni xierqa tal-vettura, inkluż l-użu xieraq tar-reaġenti konsumabbli.

9.3. L-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk ir-reaġenti konsumabbli għandhomx jimtlew mill-ġid mill-operatur tal-vettura bejn internvalli normali ta' manutenzjoni. Għandhom jindikaw kif is-sewwieq għandu jimla mill-ġdid it-tank tar-reaġent. L-informazzjoni għandha tindika wkoll rata probabbli ta' konsum tar-reaġent għal dak it-tip ta' vettura u kemm ta' spiss it-tank tar-reaġent għandu jimtela mill-ġdid.

9.4. L-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw li l-użu ta', u l-mili mill-ġdid ta' reaġent meħtieġ ta' l-ispeċifikazzjonijiet korretti huma mandatorji biex il-vettura tkun konformi maċ-ċertifikat ta' konformità maħruġ għal dak it-tip ta' vettura.

9.5. L-istruzzjonijiet għandhom jiddikjaraw li jista' jkun reat kriminali li tintuża vettura li ma tikkonsma l-ebda reaġent jekk dan ikun meħtieġ għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet.

9.6. L-istruzzjonijiet għandhom jispjegaw kif jaħdmu s-sistema ta' twissija u s-sistema ta' inċentiv għas-sewwieq. Barra minn hekk, għandhom jiġu spjegati l-konsegwenzi li tiġi injorata s-sistema ta' twissija u li r-reaġent ma jimteliex mill-ġdid.

10. IL-KUNDIZZJONIJIET OPERATTIVI TAS-SISTEMA TAT-TRATTAMENT TA' WARA

Il-manifatturi għandhom jiżguraw irwieħhom li s-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet iżżomm il-funzjoni ta' kontroll ta' l-emissjonijiet tagħha waqt il-kundizzjonijiet ambjentali kollha li jinsabu regolarment fl-Unjoni Ewropea, speċjalment temperaturi ambjentali baxxi. Dan jinkludi t-teħid ta' miżuri sabiex ikunu ipprevenut l-iffriżar sħiħ tar-reaġent waqt il-ħinijiet meta l-vettura tkun ipparkjata sa 7 ijiem f'temperatura ta' 258 K (– 15 °C) bit-tank tar-reaġent ikun 50 % mimli. Jekk ir-reaġent ikun iffriża, il-manifattur għandu jiżgura ruħu li r-reaġent għandu jkun disponibbli għall-użu fi żmien 20 minuta minn meta l-vettura tistartja f'temperatura ta' 258 K (– 15 °C) imkejla fit-tank tar-reaġent, sabiex tkun żgurata l-ħidma korretta tas-sistema għall-kontroll ta' l-emissjonijiet.

▼B

ANNESS XVI

L-EMENDI TAR-REGOLAMENT (KE) Nru 715/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 6 li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 10:

   "6. Il-limitu ta' emissjoni ta' 5,0 mg/km għal massa ta' materja f'partikuli li jissemma fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I għandu jkun effettiv mid-dati applikabbli stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3.

   Il-limitu ta' emissjoni ta' 4,5 mg/km għal massa ta' materja f'partikuli u l-limitu għan-numru ta' partikuli li jissemmew fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I għandhom ikunu effettivi mill-1 ta' Settembru 2011 għall-approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' vetturi u mill-1 ta' Jannar 2013 għall-vetturi l-ġodda kollha, mibjugħa, irreġistrati jew li ddaħħlu f'servizz fil-Komunità."

2. It-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I għandhom jiġu sostitwiti bit-tabelli li ġejjin:

▼B

"Tabella 1

Limiti ta' Emissjoni Euro 5

		Massa ta' referenza (RM) (kg)	Valuri ta' limitu													
			Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO)		Massa ta' idrokarburi totali (THC)		Massa ta' idrokarburi li mhux mill-metanu (NMHC)		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x)		Massa kombinata ta' idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO_x)		Massa ta' partikuli [1] (PM)		Numru ta' partikuli [2] (P)	
			L_1 (mg/km)		L_2 (mg/km)		L_3 (mg/km)		L_4 (mg/km)		$L_2 + L_4$ (mg/km)		L_5 (mg/km)		L_6 (#/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI [3]	CI	PI	CI
M	—	Kollha	1 000	500	100	—	68	—	60	180	—	230	5,0/4,5	5,0/4,5	—	$6,0 \times 10^{11}$
N_1	I	RM ≤ 1 305	1 000	500	100	—	68	—	60	180	—	230	5,0/4,5	5,0/4,5	—	$6,0 \times 10^{11}$
	I	1 305 < RM ≤ 1 760	1 810	630	130	—	90	—	75	235	—	295	5,0/4,5	5,0/4,5	—	$6,0 \times 10^{11}$
	II	1 760 < RM	2 270	740	160	—	108	—	82	280	—	350	5,0/4,5	5,0/4,5	—	$6,0 \times 10^{11}$
N_2	—	All	2 270	740	160	—	108	—	82	280	—	350	5,0/4,5	5,0/4,5	—	$6,0 \times 10^{11}$

Qari: PI = *Positive-ignition* (*Positive-ignition*), CI = *Compression-Ignition* (*Compression-Ignition*)

(1) Qabel l-applikazzjoni tal-valur ta' limitu ta' 4,5 mg/km għandha tiġi introdotta proċedura ta' kejl riveduta.

(2) Qabel l-applikazzjoni tal-valur ta' limitu għandha tiġi introdotta proċedura ta' kejl ġdida.

(3) L-istandards tal-massa f'partikuli *positive-ignition* għandhom japplikaw biss għal vetturi b'magni b'injezzjoni diretta.

Tabella 2

Limiti ta' emissjoni Euro 6

		Massa ta' referenza (RM) (kg)	Valuri ta' limitu													
			Massa ta' monossidu tal-karbonju (CO)		Massa ta' idrokarburi totali (THC)		Massa ta' idrokarburi li mhux mill-metanu (NMHC)		Massa ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x)		Massa kombinata ta' idrokarburi u ossidi tan-nitroġenu (THC + NO_x)		Massa ta' partikuli [1] (PM)		Numru ta' partikuli [2] (P)	
			L_1 (mg/km)		L_2 (mg/km)		L_3 (mg/km)		L_4 (mg/km)		$L_2 + L_4$ (mg/km)		L_5 (mg/km)		L_6 (#/km)	
Kategorija	Klassi		PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI	CI	PI [3]	CI	PI [4]	CI [5]
M	—	Kollha	1 000	500	100	—	68	—	60	80	—	170	5,0/4,5	5,0/4,5		$6,0 \times 10^{11}$
N_1	I	RM ≤ 1 305	1 000	500	100	—	68	—	60	80	—	170	5,0/4,5	5,0/4,5		$6,0 \times 10^{11}$
	I	1 305 < RM ≤ 1 760	1 810	630	130	—	90	—	75	105	—	195	5,0/4,5	5,0/4,5		$6,0 \times 10^{11}$
	II	1 760 < RM	2 270	740	160	—	108	—	82	125	—	215	5,0/4,5	5,0/4,5		$6,0 \times 10^{11}$
N_2	—	All	2 270	740	160	—	108	—	82	125	—	215	5,0/4,5	5,0/4,5		$6,0 \times 10^{11}$

Qari: PI = P*ositive-ignition* (*Positive-ignition*), CI = C*ompression-Ignition* (*Compression-Ignition*)

(1) Qabel l-applikazzjoni tal-valur ta' limitu ta' 4,5 mg/km għandha tiġi introdotta proċedura ta' kejl riveduta.

(2) Għall-vetturi *positive-ignition* għal dan l-istadju għandu jiġi definit standard numeriku.

(3) L-istandards tal-massa f'partikuli *positive-ignition* għandhom japplikaw biss għal vetturi b'magni b'injezzjoni diretta.

(4) Qabel l-1 ta' Settembru 2014 għandu jkun iddefinit standard numeriku."

(5) l-applikazzjoni tal-valur ta' limitu għandha tiġi introdotta proċedura ta' kejl ġdida.

▼B

ANNESS XVIII

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI RIGWARD L-ANNESS I TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 70/156/KEE

3.2.1.1.	Il-prinċipju ta' ħidma: *positive-ignition*/*compression-ignition* (1)
	Four stroke/two stroke/ċiklu rotatorju (1)
3.2.2.	Il-fjuwil: Diżil/Petrol/LPG/NG-Bijometanu/Etanol(E85)/Bijodiżil/Idroġenu (1)
3.2.2.4.	It-tip ta' fjuwil tal-vettura: Fjuwil Wieħed, Żewġ Fjuwils, *Flex fuel* (1)
3.2.2.5.	L-ammont massimu tal-bijofjuwil aċċettabbli fil-fjuwil (il-valur iddikjarat mill-manifattur): ..... % skond il-volum
3.2.4.2.3.3.	Il-provvista massima tal-fjuwil (1) (2) ..... mm^3/*stroke* jew ċiklu b'veloċità tal-magna ta': ..... min^{-1} jew, alternattivament, dijagramma tal-karatteristiċi: .....
3.2.4.2.9.	Injezzjoni kontrollata elettronikament: iva/le (1)
3.2.4.2.9.2	It-tip(i): .....
3.2.4.2.9.3	Deskrizzjoni tas-sistema, fil-każ ta' sistemi għajr injezzjoni kontinwa agħti d-dettalji ekwivalenti: .....
3.2.4.2.9.3.1	Il-marka u t-tip ta' l-unità ta' kontroll: .....
3.2.4.2.9.3.2	Il-marka u t-tip tar-regolatur tal-fjuwil: .....
3.2.4.2.9.3.3	Il-marka u t-tip tas-sensur tal-fluss ta' l-arja: .....
3.2.4.2.9.3.4	Il-marka u t-tip tad-distributur tal-fjuwil: .....
3.2.4.2.9.3.5	Il-marka u t-tip tal-kisi tat-*throttle*: .....
3.2.4.2.9.3.6	Il-marka u t-tip tas-sensur tat-temperatura ta' l-ilma: .....
3.2.4.2.9.3.7	Il-marka u t-tip tas-sensur tat-temperatura ta' l-arja: .....
3.2.4.2.9.3.8	Il-marka u t-tip tas-sensur tal-pressjoni ta' l-arja: .....
3.2.4.3.4.	Deskrizzjoni tas-sistema, fil-każ ta' sistemi għajr injezzjoni kontinwa agħti d-dettalji ekwivalenti: .....
3.2.4.3.4.1.	Il-marka u t-tip ta' l-unità ta' kontroll: .....
3.2.4.3.4.3.	Il-marka u t-tip tas-sensur tal-fluss ta' l-arja: .....
3.2.4.3.4.6.	Il-marka u t-tip tal-mikro-swiċċ: .....
3.2.4.3.4.8.	Il-marka u t-tip tal-kisi tat-*throttle*: .....
3.2.4.3.4.9.	Il-marka u t-tip tas-sensur tat-temperatura ta' l-ilma: .....
3.2.4.3.4.10.	Il-marka u t-tip tas-sensur tat-temperatura ta' l-arja: .....
3.2.4.3.4.11.	Il-marka u t-tip tas-sensur tal-pressjoni ta' l-arja: .....
3.2.4.3.5.1.	Il-marka/i .....

(1) Ħassar fejn ma japplikax (hemm każijiet fejn ma għandu jitħassar xejn fejn tkun applikabbli aktar minn daħla waħda.)

(2) Speċifika t-tolleranza.

▼B

3.2.4.3.5.2.	It-tip(i) .....
3.2.8.2.1.	It-tip: arja-arja/arja-ilma ([1])
3.2.8.3.	Id-dipressjoni ta' l-*intake* b'veloċita tal-magna kalkulata u b'tagħbija ta' 100 % (magni *compression-ignition* biss)
	Il-minimu permess: ..... kPa
	Il-massimu permess: ..... kPa
3.2.9.3.	Il-pressjoni ta' wara ta' l-egżost massima permissibbli b'veloċita kalkulata tal-magna u b'tagħbija ta' 100 % (magni *compression-ignition* biss): ..... kPa
3.2.11.1.	L-għoli massimu tal-valvoli, l-angoli tal-ftuħ u ta' l-għeluq, jew id-dettalji tal-ħin ta' sistemi ta' distribuzzjoni alternattivi, f'relazzjoni għal ċentri mejta. Għal sistema tal-ħin varjabbli, għall-ħin minimu u massimu: .....
3.2.12.2.	Tagħmir addizzjonali għall-kontroll tat-tniġġis (jekk ikun hemm, u jekk mhux kopert minn intestatura oħra)
3.2.12.2.1.1.	In-numru ta' konvertituri katalitiċi u ta' elementi (ipprovdi l-informazzjoni t'hawn taħt għal kull unità separata): .....
3.2.12.2.1.11.	Is-sistemi ta' riġenerazzjoni/il-metodu tas-sistemi ta' trattament ta' wara ta' l-egżost, deskrizzjoni: .....
3.2.12.2.1.11.1.	In-numru ta' ċikli operattivi tat-Tip 1 jew ta' ċikli ekwivalenti tal-magna tal-bank tat-test, bejn żewġ ċikli fejn il-fażijiet riġenerattivi jseħħu f'kundizzjonijiet ekwivalenti għat-test tat-Tip 1 (id-Distanza "D" fil-figura 1 fl-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE): .....
3.2.12.2.1.11.2.	Deskrizzjoni tal-metodu użat biex ikun iddeterminat in-numru ta' ċikli bejn żewġ ċikli fejn iseħħu l-fażijiet riġenerattivi: .....
3.2.12.2.1.11.3.	Il-parametri biex jiġi determinat il-livell ta' tagħbija meħtieġ qabel ma sseħħ ir-riġenerazzjoni (jiġifieri t-temperatura, il-pressjoni, eċċ.): .....
3.2.12.2.1.11.4.	Deskrizzjoni tal-metodu użat biex s-sistema tiġi mgħobbija fil-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3.1 ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE: .....
3.2.12.2.1.11.5.	Il-firxa normali tat-temperaturi operattivi (K):
3.2.12.2.1.11.6.	Ir-reaġenti konsumabbli (fejn ikun xieraq):
3.2.12.2.1.11.7.	It-tip u l-konċentrazzjoni tar-reaġent meħtieġ għal azzjoni katalitika (fejn ikun xieraq):
3.2.12.2.1.11.8.	Il-firxa normali tat-temperaturi operattivi tar-reaġent (fejn ikun xieraq):
3.2.12.2.1.11.9.	Standard internazzjonali (fejn ikun xieraq):
3.2.12.2.1.11.10.	Il-frekwenza tal-mili mill-ġdid tar-reaġent: kontinwa/-manutenzjoni ([1]) (fejn ikun xieraq)
3.2.12.2.1.12.	Il-marka tal-konvertitur katalitiku:
3.2.12.2.1.13.	In-numru ta' identifikazzjoni tal-parti:
3.2.12.2.2.4.	Il-marka tas-sensur ta' l-ossiġnu:
3.2.12.2.2.5.	In-numru ta' identifikazzjoni tal-parti:

([1]) Ħassar fejn ma japplikax (hemm każijiet fejn ma għandu jitħassar xejn fejn tkun applikabbli aktar minn daħla waħda.)

▼B

3.2.12.2.4.2. Is-sistema mkessħa bl-ilma: iva/le ([1])

3.2.12.2.6.4.1. In-numru ta' ċikli operattivi tat-Tip 1, jew ċiklu ekwivalenti tal-magna tal-bank tat-test, bejn żewġ ċikli fejn il-fażijiet ta' riġenerazzjoni jseħħu fil-kundizzjonijiet ekwivalenti għat-test tat-Tip I (id-Distanza "D" fil-figura 1 fl-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE): .....

3.2.12.2.6.4.2. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex ikun iddeterminat in-numru ta' ċikli bejn żewġ ċikli fejn iseħħu fażijiet riġenerattivi: .....

3.2.12.2.6.4.3. Il-parametri biex ikun iddeterminat il-livell tat-tagħbija meħtieġ qabel ma sseħħ ir-riġenerazzjoni (jiġifieri t-temperatura, il-pressjoni, eċċ.): .....

3.2.12.2.6.4.4. Deskrizzjoni tal-metodu użat biex sistema tigħabba fil-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3.1. ta' l-Anness 13 tar-Regolament Nru 83 tan-NU/ECE: .....

3.2.12.2.6.5. Il-marka tan-nasba għall-partikulati:

3.2.12.2.6.6. In-numru ta' identifikazzjoni tal-parti:

3.2.12.2.7.6. L-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tingħata mill-manifattur tal-vettura sabiex ikunu jistgħu jiġu manifatturati partijiet sostituti jew ta' servizz u għodod dijanjostiċi u tagħmir tat-test li jkunu kompatibbli ma' l-OBD.

3.2.12.2.7.6.1. Deskrizzjoni tat-tip u tan-numru taċ-ċikli ta' prekundizzjonament użati għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura.

3.2.12.2.7.6.2. Deskrizzjoni tat-tip taċ-ċiklu ta' wiri ta' l-OBD użat għall-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura għall-komponent immonitorjat mis-sistema OBD.

3.2.12.2.7.6.3. Dokument komprensiv li jiddeskrivi l-komponenti kollha li nħassu permezz ta' l-istrateġija għall-iskoperta tal-ħsarat u għall-attivazzjoni tal-MI (numru fiss ta' ċikli tas-sewqan jew metodu statistiku), inkluża lista tal-parametri sekondarji rilevanti li nħassu għal kull komponent immonitorjat mis-sistema OBD. Lista tal-kodiċijiet kollha ta' l-*output* ta' l-OBD u l-format użat (bi spjegazzjoni ta' kull waħda) assoċjati ma' l-emissjoni individwali relatata mal-komponenti tal-*power-train* u mal-komponenti individwali li mhumiex relatati ma' l-emissjoni, fejn il-monitoraġġ tal-komponent jintuża biex tkun iddeterminata l-attivazzjoni tal-MI. B'mod partikolari, għandha tingħata spjegazzjoni komprensiva għad-*data* mogħtija fis-servizz $05 Test ID $21 għal FF u d-*data* mogħtija fis-servizz $06. Fil-każ ta' tipi ta' vetturi li jużaw link għall-komunikazzjoni skond l-ISO 15765-4 "Il-vetturi fit-triq — Id-dijanjostika fuq netwerk taż-żona tal-kontrollur (CAN) — Parti 4: ir-rekwiżiti għas-sistemi relatati ma' l-emissjonijiet", għandha tingħata spjegazzjoni dettaljata għad-data mogħtija fis-servizz $06 Test ID $00 għal FF, għal kull tal-moniter ta' l-OBD appoġġjat mill-ID.

([1]) Ħassar fejn ma japplikax (hemm każijiet fejn ma għandu jitħassar xejn fejn tkun applikabbli aktar minn daħla waħda.)

▼B

3.2.12.2.7.6.4. L-informazzjoni meħtieġa minn din it-taqsima, pereżempju, tista' tkun iddefinita billi timtela tabella kif ġej, li għandha tkun mehmuża ma' dan l-Anness,

Komponent	Kodiċi tal-ħsara	Strateġija ta' monitoraġġ	Kriterji għall-iskoperta tal-ħsarat	Kriterji għall-attivazzjoni tal-MI	Parametri sekondarji	Prekondizzjonament	Test ta' wiri
Katalista	PO420	Sinjali tas-sensuri ta' l-ossiġnu 1 u 2	Differenza bejn is-sinjali tas-sensur 1 u tas-sensur 2	It-tielet ċiklu	Veloċità tal-magna, tagħbija tal-magna, modalità A/F, temperatura tal-katalista	Żewġ ċikli tat-Tip 1	Tip 1

3.2.15.1. In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip KE skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/221/KEE (ĠU L 76, 6.4.1970, p. 23) (meta d-Direttiva se tkun emendata biex tkopri t-tankijiet għall-fjuwils gassużi) jew numru ta' l-approvazzjoni tar-Regolament Nru 67 tan-NU/ECE

3.2.16.1. In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip KE skond id-Direttiva 70/221/KEE (meta d-Direttiva se tiġi emendata biex tkopri t-tankijiet għall-fjuwils gassużi) jew in-numru ta' l-approvazzjoni tar-Regolament Nru 110 tan-NU/ECE: .....

3.4. Il-kombinazzjonijiet ta' magni jew ta' muturi

3.4.1. Vettura elettrika ibrida: iva/le [1]

3.4.2. Il-kategorija tal-vettura Elettrika Ibrida

L-Iċċarġjar Mhux Fuq il-Vettura/Iċċarġjar Fuq il-Vettura [1]

3.4.3. Is-swiċċ operattiv tal-modalitajiet: bi/mingħajr [1]

3.4.3.1. Il-modalitajiet li jistgħu jintgħażlu

3.4.3.1.1. Purament elettrika: iva/le [1]

3.4.3.1.2. Purament konsum tal-fjuwil: iva/le [1]

3.4.3.1.3. Modalitajiet ibridi: iva/le [1]

(jekk iva, deskrizzjoni qasira) .....

3.4.4. Deskrizzjoni tat-tagħmir għall-ħażna ta' l-enerġija: (batterija, kapaċitatur, volant/ġeneratur) .....

3.4.4.1. Il-marka/i: .....

3.4.4.2. It-tip(i): .....

3.4.4.3. In-numru ta' identifikazzjoni: .....

3.4.4.4. It-tip ta' akkoppjar elettrokimiku: .....

3.4.4.5. L-enerġija: … (għall-batterija: il-vultaġġ u l-kapaċità Ah f'sagħtejn, għall-kapaċitatur: J, …)

3.4.4.6. Iċ-ċarġer: abbord/estern/mingħajru [1]

[1] Ħassar fejn ma japplikax (hemm każijiet fejn ma għandu jitħassar xejn fejn tkun applikabbli aktar minn daħla waħda.)

▼B

3.4.5.	Il-magni elettriċi (iddeskrivi kull tip ta' magna elettrika separatament)
3.4.5.1.	Il-marka: .....
3.4.5.2.	It-tip: .....
3.4.5.3.	L-użu primarju: il-mutur ta' trazzjoni/il-ġeneratur
3.4.5.3.1.	Meta tintuża bħala mutur ta' trazzjoni: mutur wieħed/ħafna muturi (numru):
3.4.5.4.	Il-qawwa massima: ..... kW
3.4.5.5.	Il-prinċipju ta' ħidma:
3.4.5.5.1.	kurrent dirett/kurrent alternat/in-numru ta' fażijiet:
3.4.5.5.2.	tqanqil separat/serje/kompost ([1])
3.4.5.5.3.	sinkroniku/mhux sinkroniku ([1])
3.4.6.	L-unità ta' kontroll
3.4.6.1.	Il-marka/i: .....
3.4.6.2.	It-tip(i): .....
3.4.6.3.	In-numru ta' identifikazzjoni: .....
3.4.7.	Il-kontrollur tal-qawwa
3.4.7.1.	Il-marka: .....
3.4.7.2.	It-tip: .....
3.4.7.6.3.	In-numru ta' identifikazzjoni: .....

▼M1

3.4.8.	Il-firxa elettrika tal-vettura ..... km (skont l-Anness 9 tar-Regolament Nru 101 tal-UN/ECE)

▼B

3.4.9.	Ir-rakkomandazzjoni tal-manifattur għall-prekundizzjonament: .....
3.5.2.	Il-konsum tal-fjuwil (ipprovdi għal kull fjuwil ta' referenza ttestjat)
6.6.1.	Il-kombinazzjoni(jiet) tat-tajers/tar-roti
	(a) għall-possibbiltajiet kollha tat-tajers indika, isem id-daqs, l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija, is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità, ir-reżistenza tat-tidwir għal ISO 28580 (fejn ikun applikabbli)
	(b) għat-tajers tal-kategorija Z maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi li l-veloċità massima tagħhom teċċedi t-300 km/h għandha tingħata informazzjoni ekwivalenti; għar-roti indika d-daqsijiet tar-rimm u l-bilanċ(i)
9.1.	It-tip ta' qafas: (uża l-kodiċi ddefiniti fit-taqsima C ta' l-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE) .....
16.	L-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
16.1.	L-indirizz tas-sit web prinċipali għal aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura: .....
16.1.1.	Id-data minn meta tkun disponibbli (mhux iktar tard minn 6 xhur mid-data ta' l-approvazzjoni tat-tip): .....
16.2.	It-termini u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-sit web li jissemmew fit-Taqsima 16.1: .....
16.3.	Il-format ta' l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni aċċessibbli permezz tas-sit web li jissemma fit-Taqsima 16.1.: .....

([1]) Ħassar fejn ma japplikax (hemm każijiet fejn ma għandu jitħassar xejn fejn tkun applikabbli aktar minn daħla waħda.)

▼B

ANNESS XIX

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI RIGWARD L-ANNESS III TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 70/156/KEE

3.2.1.1.	Il-prinċipju ta' ħidma: *positive-ignition*/*compression-ignition* (1)
	four stroke/*two stroke*/ċiklu rotatorju (1)
3.2.2.	Il-fjuwil: Diżil/Petrol/LPG/NG-Bijometanu/Etanol(E85)/Bijodiżil/ Idroġenu (1)
3.2.2.4.	It-tip ta' fjuwil tal-vettura: Fjuwil wieħed, Żewġ fjuwils, *Flex fuel* (1)
3.2.2.5.	L-ammont massimu ta' bijofjuwil aċċettabbli fil-fjuwil (il-valur iddikjarat mill-manifattur): ..... % skond il-volum
3.2.12.2.	Tagħmir addizzjonali għall-kontroll tat-tniġġis (jekk ikun hemm, u jekk mhux kopert minn intestatura oħra)
3.4.	Il-kombinazzjonijiet ta' magni jew ta' muturi
3.4.1.	Vettura elettrika ibrida: iva/le (1)
3.4.2.	Il-kategorija tal-vettura Elettrika Ibrida
	L-Iċċarġjar Mhux Fuq il-Vettura/Iċċarġjar Fuq il-Vettura (1)
6.6.1.	Il-kombinazzjoni(jiet) tat-tajers/tar-roti
	(a) għall-possibbiltajiet kollha tat-tajers indika, isem id-daqs, l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija, is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità, ir-reżistenza tat-tidwir għal ISO 28580 (fejn ikun applikabbli)
	(b) għat-tajers tal-kategorija Z maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi li l-veloċità massima tagħhom teċċedi t-300 km/h għandha tingħata informazzjoni ekwivalenti; għar-roti indika d-daqsijiet tar-rimm u l-bilanċ(i)
9.1.	It-tip ta' qafas: (uża l-kodiċijiet iddefiniti fit-taqsima C ta' l-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE) .....
16.	L-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura
16.1.	L-indirizz tas-sit web prinċipali għal aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura: .....

(1) Ħassar fejn ma japplikax (hemm każijiet fejn ma għandu jitħassar xejn fejn tkun applikabbli aktar minn daħla waħda.)